


# ĦIDMA

TAS-SERVIZZ PUBBLIKU
FL-AĦĦAR TNAX-IL XAHAR

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# Ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-aħħar tnax-il xahar

**SETTEMBRU 2020**

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061
Tel.: (+356) 2200 0000
Siti elettroniċi: www.opm.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

Cataloguing-in-Publication Data
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-aħħar tnax-il xahar, 2020
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2020
29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-829-9

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara
mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

***Ħajr lid-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Ministeri għar-ritratti***

| | |
|---|---|
| **OPM** | UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU |
| **MFH** | MINISTERU GĦAS-SAĦĦA |
| **MFEA** | MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ |
| **MFIN** | MINISTERU GĦALL-FINANZI U S-SERVIZZI FINANZJARJI |
| **MEW** | MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA |
| **MEDE** | MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL |
| **MHAL** | MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI |
| **MSD** | MINISTERU FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU |
| **MTIP** | MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI |
| **MFCS** | MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI |
| **MJEG** | MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA |
| **MAFA** | MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI |
| **MSA** | MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI |
| **MEIB** | MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U NEGOZJI ŻGĦAR |
| **MTCP** | MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR |
| **MECP** | MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR |
| **MGOZ** | MINISTERU GĦAL GĦAWDEX |
| **MHSE** | MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI |

# DAHLA



# Nikkonsolidaw dak li ksibna u nħarsu 'l quddiem

Mario Cutajar,
Segretarju Permanenti Ewlieni

Meta s-sena li għaddiet varajna r-rendikont tal-ħidma fuq simplifikazzjoni ta' proċessi fis-Servizz Pubbliku, kont għedt li dik kienet l-aħħar darba li r-rendikont kien se jingħata kif fil-fatt qed jingħata. Is-Servizz Pubbliku jmur lil hinn mis-simplifikazzjoni, u l-ħidma tiegħu hija mrewħa sħiħa li tmiss ma' għadd ta' oqsma. Għedt li jkun tajjeb li nuru aktar xi jsir tabilħaqq.

Fid-daħla tiegħi għall-ewwel rapport ta' simplifikazzjoni li ħriġna fl-2015 kont ktibt: "Is-simplifikazzjoni hija prijorità għal din l-amministrazzjoni. Prijorità għax hemm il-bżonn tagħha. Jinħtieġ li min irid jinvesti u joħloq ix-xogħol isibha aktar faċli jiftaħ in-negozju tiegħu. Jinħtieġ li ċ-ċittadin li jinħtieġlu jinqeda minn dipartimenti u entitajiet tal-gvern isibha aktar faċli. Il-burokrazija qiegħda hemm biex tagħti permanenza fl-amministrazzjoni pubblika, iġġib kontabbiltà u tħaddem it-trasparenza. Mhux qiegħda hemm biex tfixklek u ddejqek u taqtagħlek nifsek. Dik tkun burokrazija żejda. Din l-amministrazzjoni trid tnaqqas dik il-burokrazija li hi żejda. Dan imma jsir mingħajr ma tittappan it-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika, mingħajr ma xxejjen il-kontabbiltà u bla ma taqta' l-permanenza."

Essenzjalment dak li nkiteb dakinhar baqa' juri t-triq għat-tibdiliet li saru sal-lum. Fuq kollox dik għadha l-viżjoni aħħarija ta' fejn irridu nwasslu lis-Servizz Pubbliku: li ma jibqax ta' taħbil il-moħħ u qtigħ il-qalb għal meta wieħed jiġi bżonnu, u li jkun joffri servizz ta' eċċellenza lil kull min jużah. Bla dubju li l-affarijiet inbidlu. Inbidlu għax kien hemm ir-rieda li jinbidlu. Illum ngħid li r-rieda għat-twettiq tinsab fl-għeruq, fil-qiegħ nett tal-kultura fis-Servizz Pubbliku. Bħal kull organizzazzjoni kbira, is-Servizz Pubbliku għandu l-fama li riġidu u kajman. Din is-sena l-fatti wrew mod ieħor. L-istorja turi li s-Servizz Pubbliku huwa wieħed flessibbli, li jadatta ruħu malajr. Probabbli meta kont ngħidha din, jien kont inkun l-uniku li qed nemminha. Illum konvint minnha. Kif prattikament mil-lum għal għada ħafna mill-ħidma tal-gvern ittrasferiet ruħha mill-uffiċċji għad-djar uriet kemm tabilħaqq is-Servizz Pubbliku huwa flessibbli u kapaċi jaġixxi b'ħeffa. Qatt ma kellna esperjenza bħal dik.

Kollox seħħ bla ma ntmess wisq is-servizz lil min ħtieġlu. Ma konniex fuq ir-rubini, imma s-servizz baqa' għaddej u jingħata. U hawn niġi għar-rieda. Dan ma kienx jista' jseħħ li kieku ma kienx hemm ir-rieda tas-Servizz Pubbliku li jibqa' jiffunzjona… jibqa' jservi u jibqa' jwassal is-servizzi. Dak hu li ridt infisser meta għedt li r-rieda għat-twettiq tinsab fl-għeruq tas-Servizz Pubbliku. Tal-uffiċjali li jiffurmaw parti minnu.

“

Tabilħaqq intwera s-Servizz Pubbliku fl-aqwa tiegħu. Ma stajtx ma nurix il-ħajr tiegħi għal dan kollu lil dawk kollha – li huma ħafna – li għamlu ħilithom kollha biex is-Servizz Pubbliku kien tista' tgħid l-uniku mutur li baqa' għaddej jaħdem kollu kemm hu fil-pajjiż.

Bħall-bqija tal-poplu, qatt ma daħlilna f'moħħna li dak kollu li wettaqna konna se niġu bżonnu f'tebqa t'għajn u mhux kif ippjanajna. Fl-aħħar ħames snin sar investiment li jlaħħaq il-150 miljun ewro fit-teknoloġija, investejna fi strutturi, policies u f'riżorsi umani li tħaddmu kollha f'daqqa u ġejna bżonn kull nitfa li wettaqna f'dawn l-aħħar snin biex komplejna għaddejjin waqt l-imxija. Ifisser dan kollu li l-pjani kienu f'lokhom. Jekk niġu f'dan, il-ħila li s-Servizz Pubbliku jippjana investejna fiha wkoll; konna donnu tlifna dik il-ħila. Investejna u ħdimna biex is-Servizz Pubbliku jidra jippjana. Ma tistax twettaq jekk ma tippjanax, jekk taħdem biss bl-iskossi. Wisq inqas tista' tagħti servizz ta' kwalità jekk ma tippjanax. Mhux moda li tħalli lil min jistenniek tiddeċiedi jew twettaq xi ħaġa mistennija minnek.

Meta bdejna nbiddlu, konna ftit ferm li emminna li nistgħu naslu. Kif minn Servizz Pubbliku kkritikat bil-goff għan-nuqqas ta' servizz jinqaleb għal wieħed li jaqdef fuq quddiem, fdat, jikkwalifika għal awards. Illum li qed naraw dan kollu, probabbli żdiedu ġmielhom dawk li jemmnu li nistgħu nagħmlu aktar.

U għad fadal xi jsir.  Din is-sena kellha tkun is-sena ta' konsolidament li fiha nħarsu lejn dak li wettaqna, neżaminawh biex inkomplu nibnu għall-passi li jmiss. L-imxija ma żammitx dan l-eżerċizzju. Anzi l-kontra. Dawwarnieha f'opportunità biex neżaminaw aktar in-nuqqasijiet li għandna fit-teknoloġija, fil-mod kif noperaw u anke tellajna fil-wiċċ problemi oħra li jinħtieġ nevalwaw sew. Dawn tal-aħħar tefgħuna biex ngħaġġlu l-proċess ħalli naqilbu għal remote working. Il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol se jilħaq livelli ġodda b'dak li rridu nwettqu. Dawn il-bilanċi ġodda għandhom iseddqu l-vantaġġ kompetittiv ta' impjieg fis-Servizz Pubbliku.

Din il-pubblikazzjoni twessgħet minn kif kienet. Filwaqt li se nkunu xorta qed nagħtu rendikont tal-ħidma ta' simplifikazzjoni ta' proċessi, se nagħtu rendikonti oħra ta' ħidmiet oħra fis-Servizz Pubbliku. Irridu li dil-pubblikazzjoni tibda sservi ta' vetrina għax-xogħol li jsir fid-diversi oqsma biex tabilħaqq nagħtu tifsira li s-'Servizz Pubbliku Dejjem Miegħek' u li kull min irid jagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies irid jibni karriera fis-Servizz Pubbliku.

1

# Il-ħidma tas-Servizz Pubbliku fis-snin li għaddew

“

F’dawn l-aħħar seba’ snin is-Servizz Pubbliku għadda minn proċess ta’ tiġdid biex joffri lill-klijenti tiegħu servizzi tal-aqwa kwalità u biex dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli 24 siegħa kuljum minn kwalunkwe post.

Bħala parti mill-bidla radikali li għadda minnha, is-Servizz Pubbliku dawwar il-mod kif jaħdem u kif jikkomunika mal-klijenti tiegħu għax ra li ma jistax jaħdem indipendentement mill-klijenti iżda jrid jiffoka b’mod totali u bla eċċezzjoni fuqhom f’dak kollu li jagħmel.

Dak li nkiseb f’dawn l-aħħar snin għandna għalfejn niċċelebrawh, infakkruh u nkomplu nibnu fuqu. Grazzi għall-investiment li sar fis-snin riċenti f’kull qasam tas-Servizz Pubbliku, meta l-pajjiż sab ruħu fis-sitwazzjoni bla preċedent tal-Covid-19, is-Servizz Pubbliku mhux biss kien l-uniku mutur fis-soċjetà li baqa’ għaddej iżda kien ukoll fuq quddiem nett biex iċ-ċittadini jingħataw l-aktar servizzi meħtieġa f’dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji. Bis-saħħa tat-tiġdid li seħħ, is-Servizz Pubbliku mhux talli ma baqax sors ta’ preokkupazzjoni u taħbil il-moħħ għal dawk li jiġu bżonnu – kif kien fl-imgħoddi – talli sar Servizz Pubbliku li jirbaħ il-premjijiet għal-livell eċċellenti tas-servizzi li joffri. L-ewwel pass f’din id-direzzjoni kien li l-kunċett ta’ kwalità ġie identifikat u ngħata tifsira, billi ġew stabbiliti l-erba’ pilastri ta’ servizz ta’ kwalità. Dawn huma l-Vuċi (nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom dwar kif intejbu s-servizz); id-Disinn (niffurmaw policies u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti); il-Pakkett (servizz f’waqtu, ta’ livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq); u l-Kontabbiltà (il-qofol ta’ servizz onest u li jagħti garanzija ta’ onestà).

## Simplifikazzjoni

Fost l-ewwel miżuri li ttieħdu biex il-pilastri tal-kwalità jitħaddmu fil-prattika kien hemm it-tnaqqis tal-burokrazija żejda u s-simplifikazzjoni tal-proċessi. Kull sena s-Servizz Pubbliku beda jħejji lista ta’ miżuri ta’ simplifikazzjoni li riedu jitwettqu, jara li dawn il-miżuri jiġu implimentati, u mbagħad joħroġ pubblikazzjoni fejn jelenka l-istess miżuri għas-sodisfazzjon tal-pubbliku. B’kollox, mill-2014 sal-lum, is-Servizz Pubbliku implimenta mad-950 miżura ta’ simplifikazzjoni, li għenu mhux ftit biex il-klijenti tas-Servizz Pubbliku jinqdew malajr u mingħajr ġiri minn dipartiment għal ieħor. Id f’id ma’ dan, kien hemm l-introduzzjoni tal-Key Performance Indicators (KPIs) għas-Servizz Pubbliku. Dawn huma miri ċari li jridu jintlaħqu fi żmien stabbilit, f’eżerċizzju mifrux mas-Servizz Pubbliku kollu biex tonqos il-burokrazija filwaqt li s-servizz jitjieb.


.gov
servizz.gov

servizz.gov

“

Waħda mill-akbar miżuri ta’ simplifikazzjoni li l-amministrazzjoni pubblika ħadet tul dawn l-aħħar snin kienet it-twaqqif tal-aġenzija servizz.gov fl-2015, bl-għan li s-servizzi governattivi jersqu dejjem aktar qrib taċ-ċittadin.

Permezz ta’ numru ta’ mezzi li servizz.gov għandu disponibbli - Freephone 153, iċ-ċentri lokali u dawk speċjalizzati, is-sit elettroniku servizz.gov.mt, l-e-mail servizz@gov.mt, u l-maltapps - iċ-ċittadin qed jinqeda b’iktar kumdità, effiċjenza u konvenjenza. Kulma jrid jagħmel biex jinqeda hu li jagħżel il-mod l-iktar konvenjenti għalih li permezz tiegħu jixtieq jirċievi servizz governattiv.

Lejn tmiem din is-sena 2020, servizz.gov se jkun qed jagħlaq ħames snin mit-twaqqif tiegħu. Tul dawn is-snin, Freephone 153 wieġeb aktar minn 1.7 miljun telefonata filwaqt li s-sena li għaddiet biss wieġeb ’il fuq minn 600,000 telefonata. Din is-sena, dan ir-rekord mistenni jerġa’ jinkiser speċjalment bl-ammonti kbar ta’ telefonati li ġew imwieġba waqt l-imxija tal-Coronavirus (medja ta’ 90,000 telefonata fix-xahar). Meta naraw kif beda l-153, fejn kellu biss medja ta’ 2,500 telefonata fix-xahar, dawn huma numri li verament ifissru qabża mhux biss kwantitattiva imma anke fil-kwalità tas-servizz mogħti – fejn il-klijent iċempel għax moħħu mistrieħ li se jinqeda tajjeb u minn post wieħed.

Għal min jippreferi komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ, hemm ħames ċentri reġjonali li jinsabu Raħal Ġdid, il-Birgu, Birkirkara, il-Qawra u Ħal Qormi. F’dawn l-aħħar ħames snin, dawn iċ-ċentri reġjonali indirizzaw kważi 150,000 talba taċ-ċittadin. Fl-istess hubs wieħed jista’ jinqeda fuq aktar minn 1,200 servizz.

## Matul din is-sena kien hemm tibdil strutturali f'servizz.gov, hekk kif dawk li tradizzjonalment konna nafuhom bħala Uffiċċji Distrettwali tas-Sigurtà Soċjali ġew taħt it-tmexxija ta' servizz.gov.

Iċ-ċentri l-ġodda jinsabu fil-Ħamrun, iż-Żejtun, il-Mosta, Ħaż-Żabbar, iż-Żurrieq, in-Naxxar, il-Fgura, Ħaż-Żebbuġ, il-Belt Valletta, l-Imsida, ir-Rabat, Tas-Sliema, Ħal Luqa, San Ġwann u Ħal Lija. B'hekk iċ-ċentri għal min jippreferi servizz wiċċ imb wiċċ żdiedu b'mod li tabilħaqq iċ-ċittadin għandu għażla wiesgħa fejn jista' jinqeda.

Barra minn hekk, servizz.gov jamministra wkoll ċentri speċjalizzati li huma:

- edu servizz.gov li joffri 'l fuq minn 50 servizz relatati ma' servizzi edukattivi, fosthom tagħrif dwar reġistrazzjoni ta' tfal fl-iskejjel u applikazzjonijiet għal Lifelong Learning u korsijiet għall-adulti;

- Ċentru Servizz Familja servizz.gov li joffri numru ta' servizzi soċjali minn post wieħed, fosthom dawk relatati ma' sigurtà soċjali, anzjani u diżabilità; u

- Taxpayer Service servizz.gov, li jwassal servizzi speċjalizzati relatati ma' tassazzjoni. Dan iċ-ċentru joffri wkoll servizz b'appuntament biex dak li jkun ma jdumx jistenna.

Għal min imbagħad jippreferi li jinqeda mill-kumdità ta' daru stess, servizz.gov joffri wkoll mezzi online, permezz tal-one-stop-shop online tiegħu www.servizz.gov.mt. Minn meta twaqqaf, dan is-sit ġie aċċessat aktar minn żewġ miljun darba u aktar minn miljun darba matul l-2019 biss.

Hemmhekk wieħed isib 'il fuq minn 1,200 servizz, ilkoll bl-applikazzjoni rispettiva tagħhom. Minbarra l-applikazzjoni, wieħed isib informazzjoni dwar is-servizz innifsu, min hu eleġibbli għalih u x'se jkun qed jingħata l-applikant innifsu. F'dan is-sit, persuna tista' saħansitra tilloggja bl-e-ID tagħha, li wkoll ġie simplifikat il-proċess tiegħu fl-aħħar snin.

Persuna tista' tagħżel ukoll li tagħmel kuntatt ma' servizz.gov permezz tal-e-mail, servizz@gov.mt, li fl-aħħar snin irċieva kważi 13,000 ittra elettronika. Għal persuni aktar midħla tat-teknoloġija, servizz.gov għandu wkoll l-app maltapps li fiha tiġbor aktar minn 70 servizz kompatibbli għal fuq il-mowbajl, għad-dispożizzjoni taċ-ċittadin. Sa April ta' din is-sena, maltapps tniżżlet aktar minn 23,000 darba filwaqt li l-apps l-oħra kollha ospitati f'maltapps tniżżlu aktar minn 120,000 darba f'dawn l-aħħar erba' snin.

Din is-sena tnieda r-raba' pakkett ta' servizzi governattivi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl. B'hekk qed ikompli jissaħħaħ il-kunċett ta' servizzi disponibbli 24 siegħa kuljum, is-sena kollha u minn kullimkien. Dan seta' jkun possibbli permezz ta' investiment bla preċedent ta' 150 miljun ewro f'ħames snin fit-teknoloġija.

L-aħħar apps li ġew introdotti jiffukaw l-aktar fuq l-oqsma tal-enerġija, in-negozji u l-ġustizzja. Is-servizzi jinkludu l-Energy Efficiency Website, fejn wieħed jista' jieħu pariri dwar kif inaqqas il-konsum tad-dawl u l-ilma f'daru; id-Drivers' Licence Portal, biex sewwieqa prospettivi japplikaw għall-permess tat-tagħlim u l-eżami tas-sewqan; ERA Customer Care; BusinessEnhance.mt; Malta Trade Licences Portal; Legislation MT; l-Arkivji Notarili u r-Reġistru tal-Avukati.

Minbarra dawn is-servizzi ġodda, komplew jiġu mirquma u mtejba servizzi li kienu diġà aċċessibbli minn maltapps. Fil-fatt kien hemm titjib fi ħdax-il mService u tliet siti kompatibbli, fosthom dawk tal-Lifelong Learning, BiedjaInfo u BiedjaCam, Benefit Calculator, Clean & Upkeep, VisitMalta+, myGozo, PlanningMT, 112mt u ARMS. Is-Servizz Pubbliku ħaseb ukoll fil-klijenti interni tiegħu, jiġifieri l-uffiċjali pubbliċi, li sarilhom titjib fl-app li nħolqot speċifikament għalihom – MyPersonalKiosk.

Dawn is-servizzi mistennija jkomplu jiżdiedu fiż-żmien li ġej, bl-għan li s-servizzi governattivi jkunu disponibbli għal kulħadd, kullimkien, 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, u s-Servizz Pubbliku b'hekk ikun dejjem maċ-ċittadin. Fil-fatt, ġie estiż il-ftehim bejn servizz.gov u l-kumpanija Centrecom għal ħames snin oħra, filwaqt li l-istruttura maniġerjali ta' servizz.gov se tkompli tissaħħaħ.

Dan mistenni jwassal għal aġenzija li apparti li twassal is-servizzi għand in-nies, tibda tkun katalista ta' bidla fis-Servizz Pubbliku kollu. servizz.gov se jkun qed jissaħħaħ biex ikun kapaċi jikkordina l-inizjattivi kollha fis-Servizz Pubbliku li jwasslu għal titjb fis-servizz. servizz.gov se jkun ukoll involut fil-proċess biex jinħolqu hubs apposta li minnhom ikun jista' jsir ir-remote working.

servizz.gov se jkompli jaħdem b'viżjoni biex kemm jista' jkun jibqa' jiġi assigurat l-għoti ta' servizz ta' eċċellenza, billi jilħaq dejjem aktar l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadin kif tassew jixraqlu. Biex verament is-Servizz Pubbliku jibqa' "dejjem miegħek"!

# Kwalità

Biex ikompli jassigura servizz tal-ogħla kwalità, f'dawn l-aħħar snin is-Servizz Pubbliku introduċa wkoll il-mystery shoppers. Dawn iduru d-dipartimenti tal-Gvern biex b'hekk ikun magħruf fejn u kif is-servizz jista' jitjieb. Il-mudell ta' evalwazzjoni użat għall-eżerċizzji ta' mystery shopping huwa dak tas-SERVQUAL, flimkien mal-10 kriterji ta' servizz ta' kwalità li huma:

Aċċess, Komunikazzjoni, Nifhmu/Insiru Nafu lill-Klijent, Kompetenza, Kortesija, Kredibilità, Affidabilità, Tweġib Effettiv, Sigurtà u Aspetti Tanġibbli.

Ma' kull rapport li jsir mill-mystery shopper, il-kap tad-dipartiment konċernat jingħata żmien speċifiku biex jirranġa n-nuqqas li jkun hemm.




Abbażi tal-istampa mogħtija mill-eżerċizzju tal-mystery shopping, issir analiżi tas-sitwazzjoni u permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni (Action Plans) id-dipartiment konċernat jingħata lista ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jtejjeb is-servizz tiegħu. Issegwi ħidma ta' monitoraġġ sakemm ir-rakkomandazzjonijiet jiġu mwettqa kollha.

Il-proġett ta' mystery shoppers wassal għall-implimentazzjoni ta' 308 rakkomandazzjonijiet, kollha mmirati sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex jittejjeb is-servizz lill-pubbliku skont il-pjan strateġiku ta' servizz ta' eċċellenza. Fost ir-rakkomandazzjonijiet li ġew diskussi u implimentati nsibu sistema ġdida tal-libreriji pubbliċi fejn dak li jkun issellef xi kotba u jkun qabeż il-perjodu tas-self jiġi notifikat kordjalment permezz ta' sms. Iddaħħlu wkoll sistemi ġodda ta' mmaniġġjar ta' kjuwijiet, fosthom estensjonijiet ta' ħinijiet tal-ftuħ, f'numru ta' dipartimenti; użu aħjar tat-teknoloġiji diġitali u tal-media soċjali; it-tħaddim fil-prattika tal-Once Only Principle permezz ta' e-forms; kuntatt mal-klijenti permezz ta' kampanji edukattivi; u t-tħaddim ta' direttiva 4-1 li tenfasizza ż-żmien massimu ta' kemm nistgħu ndumu biex inwieġbu lill-klijent.

Dan l-aċċenn fuq il-kwalità tas-servizz mogħti kompla jissaħħaħ bl-introduzzjoni tal-Quality Award, li huwa rikonoxximent li jingħata lil entitajiet fi ħdan is-Servizz Pubbliku li jagħtu servizz ta' eċċellenza.

Il-Quality Award, li jitwaħħal bħala plakka mal-bieb tad-dipartiment jew entità li jirċevuha, jingħata wara proċess sħiħ li matulu d-dipartiment jew entità konċernati jtejbu l-ambjent tax-xogħol, jagħmlu l-proċessi tagħhom aktar user-friendly u jfasslu Quality Service Charter, fost miżuri oħra. L-entità li tingħata Quality Award jibqa' jsirilha monitoraġġ kontinwu, anke permezz ta' mystery shoppers, biex ikun assigurat li l-livell tas-servizz ma jonqosx. Jekk il-livell jonqos, il-Qualty Award jittieħed lura.

F'ċerimonja li saret bħala parti mill-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku f'Settembru tal-2019 ngħataw l-ewwel tliet Quality Awards. It-tliet entitajiet li ngħataw il-Quality Award huma Business 1st, l-Aġenzija għ all-Pagamenti Agrikoli u Rurali, u l-hubs reġjonali ta' servizz.gov. Dawn il-Quality Awards ingħataw mill-President ta' Malta, George Vella, u mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, Mario Cutajar.

Apparti l-Quality Awards, għal din is-sena qed jiġi kkunsidrat ukoll li jingħataw għotjiet ta' rikonoxximent lil dawk il-ħaddiema fl-amministrazzjoni pubblika li eċċellaw b'mod partikolari fl-għoti tas-servizzi tagħhom lill-klijenti. Din l-opportunità tagħti ċ-ċans li jiġu ppremjati ħaddiema li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni fis-soċjetà, id-dedikazzjoni, l-għożża lejn ħidmithom u li jkunu marru lil hinn mix-xogħol normali tagħhom.




Għal dan l-għan, infetħu l-applikazzjonijiet sa nofs Awwissu biex jiġu kkunsidrati għall-ewwel Għotja ta' Rikonoxximent li jkun imiss. Il-kriterji li fuqhom huwa msejjes dan ir-rikonoxximent jinkludu: imġiba lejn il-klijenti (interni jew esterni) fuq il-prinċipju ta' customer care "il-klijent segwit sakemm jinqeda"; għarfien ta' sistemi u proċeduri li jgħinu sabiex jitħaffef is-servizz; inizjattivi li ttieħdu mill-individwu, lil hinn mil-linja tax-xogħol tiegħu, sabiex jinqeda l-klijent u jittejjeb is-servizz lill-pubbliku; flessibilità u kompetenza fil-qadi tad-dmirijiet; u prova tal-abbiltà li jifforma parti minn tim.

# Servizzi aħjar

Ir-riformi li saru f'dawn l-aħħar seba' snin kienu mifruxa f'kull qasam tas-Servizz Pubbliku, fosthom ukoll fix-xiri pubbliku, li sar aċċessibbli għal aktar nies u negozji. F'dan ir-rigward, twessgħu l-kriterji fejn jidħlu kwalifiki u esperjenza, tneħħa l-bżonn ta' garanzija bankarja għal tenders sa nofs miljun ewro, filwaqt li l-bid bond tnaqqset minn 10% għal 4%. Ingħata wkoll taħriġ dwar l-użu ta' sistema elettronika (EPPS) biex wieħed japplika għal tender, filwaqt li ġiet adottata l-prattika li dawk li jitfgħu l-offerti jikkompetu bil-kwalità aktar milli bil-prezz.

Kien hemm ukoll tnaqqis fl-ispezzjonijiet li jsiru lil negozji żgħar. Bis-sistema l-antika, kienu jsiru mat-72,000 spezzjoni fis-sena, bi skariġġ u skumdità għal dawk kollha involuti. Wara konsultazzjonijiet, bdiet ħidma biex dawn l-ispezzjonijiet ikunu kordinati aħjar u b'hekk jiġi ffrankat ħafna ħin filwaqt li jingħata aktar valur għall-flus fis-servizz mogħti.

Minkejja dawn il-bosta miżuri li ttieħdu biex titnaqqas il-burokrazija u tiżdied is-simplifikazzjoni f'kull qasam tas-Servizz Pubbliku, baqgħet tingħata l-akbar attenzjoni lill-kontabbiltà u t-trasparenza. Kien f'dawn l-aħħar snin li s-Servizz Pubbliku beda joħroġ għadd ta' pubblikazzjonijiet kull sena li permezz tagħhom jagħti rendikont ta' għemilu għall-iskrutinju pubbliku u jqiegħed fil-prattika l-governanza tajba.

Fost dawn il-pubblikazzjonijiet hemm ir-rendikont annwali tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit u l-pubblikazzjoni bi tweġiba għar-rapport annwali tal-Awditur Ġenerali dwar il-kontijiet pubbliċi.


#KBURI
#SERVIZZPUBBLIKU
#Kburi

Fl-imgħoddi l-pubbliku ma kienx infurmat dwar liema miżuri tal-Baġit ġew fil-fatt implimentati, filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali kienu fil-parti l-kbira tagħhom jaqgħu fuq widnejn torox. Permezz tal-pubblikazzjonijiet annwali tiegħu, is-Servizz Pubbliku issa qed jagħti xhieda ta' proċess ċar ta' kontabbiltà filwaqt li jikkonsolida u jsaħħaħ is-serjetà u t-trasparenza.

## Klijenti Interni

Filwaqt li ffoka daqstant l-attenzjoni fuq il-klijenti esterni tiegħu, is-Servizz Pubbliku ma naqasx li jaħseb ukoll fil-klijenti interni, jiġifieri l-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fi ħdanu u li fihom investa bil-kbir f'dawn l-aħħar snin. Fl-2016, permezz ta' sħubija strateġika mal-Università ta' Malta u l-MCAST, twaqqaf l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi li huwa ħolqa importanti fil-viżjoni tas-Servizz Pubbliku biex dejjem jersaq lejn servizz ta' eċċellenza.

Dan l-Istitut, li hu ġeneru ġdid ta' kulleġġ li jipprovdi speċifikament għall-ħtiġijiet tas-Servizz Pubbliku, jagħti l-opportunità lill-uffiċjali pubbliċi biex jiżviluppaw u jtejbu ħiliethom filwaqt li jħarriġhom b'mod li jwassalhom biex jagħtu servizz mibni fuq l-erba' pilastri tal-kwalità. Fi ftit snin biss, l-Istitut ħarreġ eluf ta' uffiċjali pubbliċi f'madwar 400 kors u s'issa wassal għall-gradwazzjoni ta' 1,160 uffiċjal.

L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi jaħseb ukoll f'ħaddiema fi gradi tekniċi u industrijali u joffrilhom korsijiet imfassla skont il-ħtiġijiet tagħhom, bl-għan li huma jtejbu ħiliethom, iħejju ruħhom għal karigi ogħla u, sa fejn ikun possibbli, jiksbu rikonoxximent tal-esperjenza li diġà għandhom.

Biex jieħu ħsieb bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi umani tiegħu, is-Servizz Pubbliku waqqaf il-People and Standards Division, entità ġdida li ħadet post dak li kien magħruf bħala l-PAHRO u li għenet qatigħ biex l-uffiċjali pubbliċi bdejna nħarsu lejhom b'mod ħolistiku bħala persuni aktar milli bħala riżorsi.

Id f'id ma' dan, kien hemm it-twaqqif tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċċjali Pubbliċi fi ħdan il-People and Standards Division. Dan jassisti lill-uffiċċjali pubbliċi biex jiksbu t-tagħrif li jkunu jinħtieġu kif ukoll f'kulma għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Il-One-Stop-Shop jinkorpora fih Grievance Helpdesk fuq bażi permanenti li jassisti lill-uffiċċjali pubbliċi biex iressqu allegata inġustizzja fil-konfront tagħhom. Il-każijiet jiġu evalwati minn Grievances Board imwaqqaf għal dan l-għan.




# Il-proċess ta' simplifikazzjoni attwat mis-Servizz Pubbliku għall-klijenti esterni tiegħu ġie estiż ukoll għall-klijenti interni.

Fost oħrajn permezz ta' eżerċizzju li ssimplifika l-kontenut tal-Public Service Management Code (PSMC) b'tali mod li minn dokument massiv, dan sar wieħed konsolidat u faċli jinftiehem.

B'hekk l-uffiċjali pubbliċi issa għandhom sors wieħed u ċar minn fejn jistgħu jiksbu tagħrif relatat mat-tħaddim ta' policies li jikkonċernaw ir-riżorsi umani. Daħlet ukoll fis-seħħ sistema ġdida ta' kif titkejjel il-prestazzjoni tal-uffiċċjali pubbliċi, billi dawk li qabel kienu l-PMPs issa huma Performance Appraisals.

Bħala employer li dejjem jipprova jilħaq l-aspettattivi tal-impjegati tiegħu, is-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar snin ħoloq l-istrutturi meħtieġa biex l-uffiċjali pubbliċi jkollhom il-bilanċ ideali bejn ix-xogħol u l-familja, fost oħrajn permezz tat-teleworking u r-remote working. Fiż-żmien li ġej se jkomplu jissaħħu l-istrutturi tar-remote working fis-Servizz Pubbliku biex jinħolqu bilanċi ġodda bejn il-ħajja u x-xogħol filwaqt li s-servizz mogħti lill-klijenti mhux talli ma jbatix, talli jilħaqq il-livell ta' Servizz Pubbliku brillanti.

# Inizjattivi

Mhux biss, iżda bħala parti mill-proċess ta' tiġdid li għadda minnu, is-Servizz Pubbliku ħoloq ukoll mekkaniżmu li permezz tiegħu jagħti widen bil-fatti lill-ideat li jressqu l-uffiċjali pubbliċi dwar kif jista' jitjieb l-operat tas-Servizz Pubbliku. Permezz tal-inizjattiva IDEA, l-uffiċjali pubbliċi jistgħu jressqu l-ideat tagħhom, ikunu involuti fit-twettiq ta' dawn l-ideat, u saħansitra jiġu rikonoxxuti għall-ideat li jkunu ħarġu bihom.

idea.gov.mt

## Biex ikomplu jitħarsu l-interessi tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku, f'April tal-2017 ġie ffirmat ftehim kollettiv li kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fis-Servizz Pubbliku.

Il-ftehim, li hu l-ewwel wieħed li jkopri perjodu ta' tmien snin, jagħti serħan il-moħħ lil madwar 30,000 impjegat u sewa €17-il miljun fl-2017, liema spiża titla' għal €20.5 miljun fl-2024. Jinkludi kemm żidiet fil-pagi kif ukoll żieda f'xi allowances.

Bla dubju, ħafna mill-bidliet radikali ta' dawn l-aħħar snin fi ħdan is-Servizz Pubbliku ma kienx ikun possibbli li jseħħu kieku ma sarx investiment qawwi u bla preċedent fit-teknoloġija. Fuq it-teknoloġija jistrieħ il-ġejjieni tas-Servizz Pubbliku u kien għalhekk li l-investiment ewlieni li għamel is-Servizz Pubbliku fis-snin riċenti, anke fejn jidħlu riżorsi umani, kien f'din id-direzzjoni. Dan l-investiment ilaħħaq għal madwar €110 miljun jekk wieħed iqis il-proġetti f'kull ministeru, filwaqt li jekk wieħed jgħodd ukoll il-proġett Converge – li jgħaqqad il-proċess biex id-dejta timxi minn dipartiment għal ieħor – l-investiment jaqbeż il-€150 miljun.

# Teknoloġija

Wara li għamel l-aħjar użu mit-teknoloġija biex jikkomunika aħjar mal-klijenti esterni u interni tiegħu u jqarreb is-servizzi tiegħu lejn iċ-ċittadin, is-Servizz Pubbliku daħal għal sfidi teknoloġiċi ġodda, elenkati fi pjan ta' tliet snin bl-isem "Mapping Tomorrow" dwar pjattaforma diġitali online. Ewlieni fil-pass li jmiss se jkun it-tħaddim tal-Once Only Principle, fejn il-klijent jagħti l-informazzjoni dwaru nnifsu lill-gvern darba biss u mhux kull darba li jagħmel użu minn servizz governattiv. B'dan il-mod se jkunu qed jitneħħew is-silos fis-Servizz Pubbliku billi d-databases tal-Ministeri ma jibqgħux iżolati u jkun hemm trasferiment aktar faċli ta' informazzjoni bejn id-dipartimenti.

Is-sentejn li ġejjin se jkunu kruċjali biex l-Intelliġenza Artifiċjali tibda ssir parti integrali mis-sistema governattiva u permezz tagħha jitfasslu u jiġu offruti servizzi ġodda li jindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tal-klijenti f'oqsma differenti. Bl-għajnuna tal-Intelliġenza Artifiċjali, is-Servizz Pubbliku mhux biss se jkun qed jantiċipa l-ħtiġijiet tal-klijenti tiegħu iżda wkoll jeċċedihom. L-għan aħħari jibqa' dejjem dak li ċ-ċittadin ikun fiċ-ċentru ta' dak kollu li jsir u li l-klijent ikollu esperjenza diġitali sħiħa, mill-bidu sal-aħħar, filwaqt li jħossu moqdi sew, sigur u komdu.

# 2

# Ir-riformi tas-Servizz Pubbliku mill-2013 'il quddiem

“

# Fil-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku tal-2019, is-Segretarju Permanenti Ewlieni kien qal li wara snin ta' tiġdid fis-Servizz Pubbliku, is-sena 2020 kienet se tkun is-sena tal-analiżi ta' dak kollu li sar, u sena ta' konsolidament biex isiru l-passi li jmiss.

L-analiżi qed issir mill-Professur Frank Bezzina, Dekan tal-FEMA fl-Università ta' Malta, Dr Vincent Marmarà, lettur fl-Università ta' Malta, u Dr Emanuel Camilleri, lettur anzjan fl-Università ta' Malta. Din hija ħarsa ħafifa.

Hawnhekk issibu elenku tar-riformi essenzjali li ġew varati mill-2013 'il quddiem kif ukoll spjegazzjoni qasira sabiex tingħata narrattiva għal dak kollu li seħħ fl-aħħar seba' snin. Dan is-sommarju jagħmel parti minn studju aktar wiesa' dwar il-ħidma tas-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar seba' snin, inkluż analiżi tas-sondaġġi li saru mal-klijenti tas-Servizz Pubbliku u li jagħtu ħarsa lejn kif is-servizz qed jintlaħaq minnhom.

## Governanza aħjar, trasparenza u kontabilità

Il-Gvern imbarka fuq numru ta' inizjattivi kemm mil-lat ta' policy, leġiżlattivi u dawk strutturali sabiex isaħħaħ il-governanza fis-Servizz Pubbliku. Tajjeb li jingħad li r-riformi tal-Gvern kienu lil hinn mis-Servizz Pubbliku imma importanti li nikkunsidraw li tali riformi sussegwentement affettwaw il-kultura u l-operat tas-Servizz Pubbliku.

It-tneħħija tal-preskrizzjoni tal-politiċi rigward każijiet ta' korruzzjoni kif ukoll l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Whistleblower fl-2013, l-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi fl-2016 kif ukoll it-twaqqif tal-Kummissarju għall-Istandards Pubbliċi fl-2018 kollha taw spinta kbira lill-governanza pubblika. Ta' min jinnota li f'kull Ministeru hemm uffiċjal inkarigat mill-Whistleblower. Dawn ir-riformi ġew ikkombinati ma' riforma estensiva fil-Qrati kif ukoll ma' riformi oħrajn kostituzzjonali kif rakkomandat mill-Kummissjoni Venezja. Ir-riformi lejn Governanza aħjar xprunaw titjib fir-relazzjoni bejn istituzzjonijiet kostituzzjonali u s-Servizz Pubbliku. Is-Servizz Pubbliku beda għall-ewwel darba jippubblika rapport ta' azzjoni għar-rakkomondazzjonijiet maħruġa mill-Ombudsman u mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar. Ġew implimentati aktar minn 80% tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-NAO. L-istess jista' jingħad għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fejn fil-maġġoranza kbira l-każijiet jiġu riżolti jew mhux sostnuti u allura s-Servizz Pubbliku ma jkun għamel l-ebda skorrettezza amministrattiva. Din l-informazzjoni hi skont kif maħruġa mir-rapport annwali tal-Ombudsman stess fl-2019.

Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku hija entità oħra importanti għall-governanza tajba, billi tevalwa aktar minn 650 applikazzjoni kull sena minn ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li jħossuhom aggravati.

“

Governanza tajba hija aktar wiesgħa minn sempliċiment trasparenza u kontabilità. Is-Servizz Pubbliku huwa l-akbar employer f’Malta u l-kobor tiegħu jirrifletti l-kumplessità sabiex l-operat ikun dak effettiv u li jwassal għal servizz ta’ eċċellenza.

Governanza tajba tenħtieġ strutturi effettivi u kapaċità istituzzjonali f’kull dipartiment konċernat. Diversi dipartimenti jew entitajiet esperjenzaw ristrutturar fl-operat tagħhom. Fl-2017, il-PAHRO ġie ristrutturat fil-People & Standards u ġie mqassam f’sitt Direttorati: l-Uffiċċju Prinċipali tas-Segretarju Permanenti; Quality and Standards inkluż l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi; Research and Personnel Systems; People Resourcing and Compliance; People Support and Wellbeing; u Industrial Relations. Fl-2017 kien hem ukoll l-amalgamazzjoni tal-Inland Revenue Department (IRD) mad-Dipartiment tal-Value Added Tax (VAT) li kienet ilha snin twal fuq l-ixkaffa. Din l-amalgamazzjoni kienet kruċjali għal operat ħafna aħjar fil-ġbir tal-flus tal-Gvern. Is-Central Procurement Unit ukoll esperjenza ristrutturar bil-kunċett tad-Deċentralizzazzjoni u l-ħolqien ta’ Ministerial Procurement Units.  Tali ristutturar xpruna aktar effiċjenza u effettività fis-sejħiet għall-offerti.

Ir-riformi li kienu direzzjonati lejn governanza aħjar ġew mifruxa wkoll fit-tisħiħ tal-Kodiċi ta’ Etika tal-Ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, liema eżerċizzju seħħ fl-2019, flimkien ma’ liġi ġdida dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Il-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku huma pprojbiti milli jaċċettaw rigali, remunerazzjoni u kull tip ta’ tranżazzjoni li tfixkel milli nassiguraw il-qadi tad-dimirijiet bl-aktar mod adegwat u imparzjali. Iddaħħal ukoll il-kunċett ta’ revolving doors għall-ewwel darba.

# Inizjattivi sabiex jassiguraw servizz ta' eċċellenza

Wieħed mill-iskopijiet ewlenin ta' governanza tajba huwa servizz ta` kwalità aħjar. L-użu ta' KPIs fl-amministrazzjoni pubblika xpruna l-mentalità trasformata lejn li jiġu milħuqa oġġettivi speċifiċi u organizzazzjoni aħjar fl-operat tas-Servizz Pubbliku. Bejn l-2017 u l-2018, ġew varati total ta' 30 Key Performance Indicator (KPI) li jaffettwaw liċ-ċittadin b'mod wiesa' u jinkludu setturi essenzjali bħall-edukazzjoni u l-enerġija. Aktar KPIs ġew introdotti fis-snin ta' wara u permezz ta' hekk bdiet il-mixja għal rivoluzzjoni siekta fil-mentalità u fil-mod ta' kif jitmexxa s-Servizz Pubbliku.

It-twaqqif ta' servizz.gov ħames snin ilu, li permezz tiegħu ċ-ċittadini jistgħu jaċċessaw is-servizzi governattivi kollha f'portal wieħed flimkien ma' servizz wieħed ħolistiku ta' numru tat-telefown u email, irriżulta f'dimensjoni u libsa kompletament ġdida lis-Servizz Pubbliku. Madwar 1,500 servizz tal-Gvern ġew organizzati f'sit wieħed u allura l-pubbliku beda jinqeda aħjar b'anqas burokrazija. Flimkien ma' dan kollu, it-twaqqif ta' one-stop-shops fil-komunità ta wiċċ lis-servizzi offruti. Ġew imwaqqfin diversi regional hubs f'ċentri importanti bħal Ħal Qormi, il-Birgu, il-Qawra, Raħal Ġdid u Birkirkara. Tajjeb li jingħad ukoll li fi żmien erba' snin biss, servizz.gov irnexxielu jitripla l-hubs reġjonali tiegħu. Fl-2017 servizz.gov rebaħ l-ewwel award tiegħu għall-aħjar Service Design. Ġew ukoll introdotti technical hubs speċjalizzati li jagħtu tagħrif rigward edukazzjoni, finanzi u servizzi soċjali.

Il-Business 1st, li wkoll kien riżultat ta' KPI, ġie introdott fl-2016 bħala proġett pilota u ġie operazzjonali b'mod komplet fl-2018. Huwa għajn ta' informazzjoni kif ukoll ta' għajnuna għall-SMEs interessati li jridu jwaqqfu business tagħhom. Il-formoli meħtieġa sabiex jitwaqqaf business ġew ridotti minn 22 għal 1. Din ir-riforma tat nifs kbir lill-intraprenditorija u l-kummerċ f'pajjiżna. Fl-ewwel sena tat-twaqqif tiegħu, Business 1st ġie użat minn aktar minn 32,000 klijent.

Dan it-titjib fis-servizzi ġie msaħħaħ bit-tnedija ta' numru kbir ta' mobile services li bihom iċ-ċittadin jista' jinqeda kull ħin tal-ġurnata. Fl-2017, 21 mobile service ġdid ġew varati u inkorporaw servizzi varji: myGozo, Valletta 2018, tindif, Malta Industrial Parks, The National Patent Register, EU funding, grants, organ donation, students' maintenance grants, free childcare, student support services u eCourts. F'April 2018, 13-il mobile service oħra ġew offruti li kienu jinkludu servizzi bħall-kondotta, Business 1st, saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, biedja u sajd. Issa tista' taċċessa aktar minn elf servizz minn fuq il-mobile.

Is-servizz aħjar ma ġiex b'kumbinazzjoni jew billi nbidlet il-libsa. Il-Mystery Shopper, li nbeda fl-2017, iservi ta' għassa għal servizz ta' kwalità. Ħafna ċċekkjar qiegħed isir fis-servizzi mogħtija mill-Gvern fuq diversi kriterji li jinkludu aċċessibilità, rispons, kortesija, konsistenza, kredibilità, komunikazzjoni, sigurtà u kompetenza. Jiġi ġenerat rapport u fejn hemm nuqqasijiet jiġu ċċekkjati sabiex is-servizz inkwistjoni jitranġa.

Dawn ir-riformi kollha fis-servizzi huma katina waħda mal-erba' pilastri tas-servizz ta' kwalità: Voice, Design, Delivery u Accountability.

# Id-diġitizzazzjoni tas-servizzi

It-titjib fis-servizz mogħti mis-Servizz Pubbliku jinvolvi l-użu tat-teknoloġija kif elenkat fid-dokument strateġiku The digitisation of the Public Service: Mapping Tomorrow (2019-2021). Id-diġitizzazzjoni tagħti lok sabiex is-servizzi jmorru għal-livell li jmiss. Flimkien mas-suċċess miksub bil-one-stop-shop, is-Servizz Pubbliku beda jħaddan dak li jissejjaħ il-Once-Only Principle. L-għan hu li ċ-ċittadin ma jkollux bżonn jagħti l-istess informazzjoni b'mod repetut lil dipartimenti differenti tal-Gvern. Il-pjan strateġiku għandu tliet oġġettivi speċifiċi. L-ewwel: Take-up. Huwa fatt li ħafna servizzi tal-Gvern huma online, però stimi juru li 24% biss jużaw is-servizzi online tal-gvern. Din hi rata baxxa meta mqabbla ma' persentaġġ ta' 34% li hija l-medja tal-Unjoni Ewropea. Aktar inizjattivi jridu jiġu varati sabiex jiżdied l-użu. It-tieni: Once-only. Is-Servizz Pubbliku jrid jikkombina d-databases kollha sabiex l-informazzjoni tkun tista' tiġi użata b'mod aktar effiċjenti u effikaċi. U t-tielet: Servizz ta' eċċellenza li jfisser li s-servizzi mogħtija jirriflettu l-bżonnijiet tas-soċjetà, taċ-ċittadini u tad-dinja kummerċjali – u jingħataw b'ħeffa u f'waqthom f'kull ħin.

Fl-2017 il-proġett CONvErGE xpruna l-iżvilupp tal-IT f'diversi oqsma: sistema ġdida ta' awditjar, għad-dwana, my Health, fis-settur turistiku, fil-Qrati, fl-arkivji notarili u s-servizzi soċjali. Jekk nieħdu l-my Health, nistgħu ninnutaw x'rivoluzzjoni saret fil-qasam tas-saħħa speċjalment permezz ta' sistemi ġodda tal-IT li għenu fl-iżvilupp tal-POYC.

“

Fis-sena 2019, **aktar minn 30,000** kienu qed jagħmlu użu minn din is-sistema ħolistika tas-saħħa.

# Ir-riforma fir-riżorsi umani

Hawnhekk ukoll saru tibdiliet essenzjali strutturali fit-trasformazzjoni tal-PAHRO fil-People & Standards Division kif ukoll is-Centre for the Development of Research and Training (CDRT) fl-Institute for the Public Services (IPS). Ir-ristrutturar wassal biex l-IPS ra kollaborazzjoni aktar mill-qrib ma' istituzzjonijiet terzjarji bħall-Università ta' Malta u l-MCAST. Fl-IPS beda jiġi ristrutturat il-mod kif isir it-taħriġ bi bdil fil-prospectus u anke fl-ingaġġ tat-trainers. L-għan hu li l-IPS ikun tabilħaqq akkademja professjonali ta' taħriġ mill-aqwa għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku.

Sfida kbira li sar ħafna xogħol fuqha hija l-My Personal Kiosk fejn kull impjegat jista' jara l-kwalifiki u l-ħiliet kollha tiegħu jew tagħha fuq website interattiva. Sar ukoll eżerċizzju ta' skills profiling estensiv sabiex is-Servizz Pubbliku jkun f'qagħda li jidentifika n-nuqqasijiet li hemm fir-riżorsi umani.

Il-motivazzjoni tal-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku ngħatat prijorità kemm fir-rigward tar-riforma estensiva li saret fil-Performance Appraisal, liema sistema ġiet mibdula b'mod ħolistiku u trasformata online, u anke permezz tal-ftehim kollettiv li kien ġie ffirmat fl-2017 u li ta spinta lill-materji ta' work-life balance. Tali ftehim poġġa lis-Servizz Pubbliku bħala leader f'dan il-qasam tant importanti kemm għall-ħaddiema u kemm għas-Servizz innifsu. Fl-2017 ukoll gie mwaqqaf one-stop-shop għall-ħaddiema stess fejn jistgħu jiġu trattati diversi materji inklużi allegazzjonijiet ta' inġustizzja.

Riforma oħra essenzjali u kruċjali kienet dik li seħħet fl-2014 bid-delegazzjoni tal-poter, fejn id-dipartimenti konċernati jistgħu jirreklutaw ħaddiema tas-Servizz kemm-il darba jkunu kkonsultaw bi pjan dwar riżorsi umani mal-People & Standards Division u mal-Ministeru għall-Finanzi, li issa kienu qed jaħdmu f'unit waħda għal dan il-għan.

> Il-qalba u l-magna tar-riforma kontinwa li tmexxiet fis-Servizz Pubbliku hija bla dubju ta' xejn l-użu tar-riżorsi umani.

# Il-bidliet kruċjali fil-immaniġġjar finanzjarju

Tliet tibdiliet essenzjali jistgħu jiġu nnutati: l-ewwel, il-Fiscal Responsibility Act li fl-2014 wittiet it-triq sabiex l-entitajiet u dipartimenti konċernati jkunu jistgħu jagħmlu Business and Financial Plan għal tliet snin; it-tieni, l-e-procurement li ta spinta kbira lis-sejħiet għall-offerti; u t-tielet, l-introduzzjoni tal-accrual accounting lura għall-2017. Dawn it-tliet inizjattivi taw direzzjoni lejn sistema ta` mmaniġġjar finanzjarju aktar sostenibbli.

# Il-perspettiva tal-impjegat taċ-Ċivil

Matul dawn l-aħħar xhur sar stħarriġ fost l-impjegati tas-Servizz Pubbliku fejn staqsejniehom diversi mistoqsijiet dwar proġetti relatati u inizjattivi fis-Servizz Pubbliku. Il-maġġoranza assoluta tal-impjegati użaw xi servizz online li joffri l-Gvern. Mentri madwar nofs l-impjegati użaw xi servizz tal-Gvern minn fuq il-mobile. Il-Gvern introduċa diversi modi ta' taħriġ għall-impjegati tiegħu f'dawn l-aħħar 7 snin. Il-maġġoranza assoluta tal-impjegati tal-Gvern indikaw li f'dawn l-aħħar 7 snin attendaw xi taħriġ milli qed joffri l-Gvern.

Il-parteċipanti ta' dan l-istħarriġ tajniehom lista ta' inizjattivi/riformi li għamel il-gvern f'dawn l-aħħar 7 snin u staqsejniehom jekk kinux semgħu bihom. L-aktar inizjattivi li semgħu bihom huma: Free childcare, servizz.gov, myHealth Portal, Whistleblower's Act, My Personal Kiosk u r-riforma tas-Servizz Pubbliku. L-anqas inizjattivi/riformi li semgħu bihom huma: L-Uffiċċju tal-Arbitru Finanzjarju u l-ħatra tal-Kummissarju tas-Simplifikazzjoni.

Lill-parteċipanti staqsejniehom kemm jaħsbu li ħadem il-Gvern dwar lista ta' inizjattivi/riformi. B'mod ġenerali l-impjegati jaħsbu li l-gvern ħadem b'mod pożittiv għal diversi inizjattivi f'dawn l-aħħar snin. L-aktar riformi li jaħsbu li ħadem fuqhom il-gvern huma: l-introduzzjoni ta' sistemi online fis-servizzi li joffri l-Gvern, l-introduzzjoni ta' sistemi u programmi biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż u l-introduzzjoni ta' sistemi biex il-gvern jagħti liċ-ċittadin servizzi aħjar u aktar effiċjenti.

Min-naħa l-oħra l-inqas li ngħataw rating għoli huma: l-involviment taċ-ċittadin fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern, sistemi biex impjegati fis-Servizz Pubbliku jinżammu responsabbli/kontabbli għad-deċiżjonijiet li jittieħdu, u rigward l-introduzzjoni ta' sistemi biex titnaqqas il-burokrazija fl-operat tal-Gvern. Għal ħafna mill-istess inizjattivi u riformi li semmejna hawn fuq, l-impjegati jaħsbu li l-affarijiet marru għall-aħjar f'dawn l-aħħar 7 snin. L-istess impjegati fil-maġġoranza tagħhom indikaw ukoll li huma kuntenti b'dawn l-istess riformi.

Il-maġġoranza assoluta tal-impjegati fis-Servizz Pubbliku ma jafux li l-Gvern wettaq 'il fuq minn 950 miżura relatati mas-simplifikazzjoni tal-proċessi. Tnejn minn kull tliet impjegati qalu li l-livell tal-ħajja mar 'il quddiem f'dawn l-aħħar snin.

# Il-perspettiva tal-poplu

“

## Il-poplu Malti ġie mistoqsi wkoll sett ta’ mistoqsijiet simili għal dawk li ġew ippreżentati lill-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku. B’hekk sar stħarriġ separat u xjentifiku biex tinġabar din l-informazzjoni fost il-poplu Malti u Għawdxi.

Madwar nofs il-parteċipanti indikaw li ġieli użaw xi servizzi online milli joffri l-Gvern; min-naħa l-oħra huma l-minoranza li użaw servizzi tal-Gvern minn fuq il-mobile.

Fost il-poplu, l-aktar inizjattivi/riformi li sema’ bihom il-poplu huma: Free childcare, Whistleblower’s Act, servizz.gov u l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti. L-ewwel tlieta huma wkoll l-aktar tlieta li semmew l-impjegati tal-Gvern. L-anqas inizjattivi/riformi li semgħu bihom huma: sensiela ta’ Mystery Shoppers li jagħmel il-Gvern biex isaħħaħ is-servizz li jagħti, il-ħatra tal-Kummissarju tas-Simplifikazzjoni, u l-Quality Service Charters li qed jintroduċi l-Gvern.
L-aktar affarijiet li ħadem fuqhom il-Gvern f’dawn l-aħħar snin, skont il-pubbliku, huma: l-introduzzjoni ta’ sistema online fis-servizzi li joffri l-Gvern, l-introduzzjoni ta’ sistemi u programmi biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż, sistemi biex in-nies jingħataw opportunitajiet akbar biex jaħdmu, introduzzjoni ta’ sistemi fuq il-mobile biex iċ-ċittadin ikun jista’ jinqeda aħjar, u sistemi tas-saħħa online. Min-naħa l-oħra, l-anqas li jaħsbu li ħadem huwa dwar sistemi biex ikun hemm aktar trasparenza fl-operat tal-Gvern, sistemi biex il-poplu jkun aktar involut fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern, u l-introduzzjoni ta’ sistemi biex impjegati pubbliċi jinżammu responsabbli/kontabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Għal ħafna mill-inizjattivi u riformi differenti l-poplu jħoss li dawn l-affarijiet marru għall-aħjar. Rigward dawn l-istess riformi, il-poplu jxaqleb aktar lejn il-pożittiv rigward il-mod kif ġew implimentati dawn ir-riformi fil-pajjiż.

L-istess bħalma indikaw l-impjegati tas-Servizz Pubbliku, il-maġġoranza assoluta ma jafux li l-Gvern wettaq ’il fuq minn 950 miżura relatata mas-simplifikazzjoni tal-proċessi. B’mod simili wkoll, anke l-poplu indika li l-ħajja tiegħu marret għall-aħjar f’dawn l-aħħar snin.

# Il-perċezzjoni tal-impjegati dwar is-Servizz Pubbliku

> F'dawn l-aħħar snin, is-Servizz Pubbliku għadda minn tibdiliet kbar. **It-tibdil li seħħ kien ta' kull għamla,** però l-iskop kien dejjem l-istess: li l-istituzzjoni pubblika fil-pajjiż tkun allinjata mal-ħtiġijiet u r-realtajiet soċjo-ekonomiċi tas-soċjetà Maltija kontemporanja.

Is-Servizz Pubbliku għandu passat twil. Madankollu, l-uffiċjali pubbliċi jibqgħu ċentrali biex titfassal u tingħata direzzjoni lis-Servizz Pubbliku. Ħafna mit-tibdiliet kienu possibbli minħabba l-motivazzjoni u d-dedikazzjoni totali tal-uffiċjali pubbliċi. F'dan l-istudju, l-argument prinċipali tagħna hu li l-perċezzjoni tal-uffiċjali pubbliċi dwar l-istituzzjoni hija indikatur b'saħħtu tar-relazzjoni tagħhom mal-organizzazzjoni. Għaldaqstant, għamilna evalwazzjoni ta' numru ta' fatturi li huma indikattivi tar-relazzjoni li teżisti bejn l-uffiċjal pubbliku u s-Servizz Pubbliku. Dawn jinkludu kemm l-uffiċjali jemmnu li l-istituzzjoni tonora l-obbligi tax-xogħol lejhom, il-livell ta' fiduċja illi għandhom fis-superjuri tagħhom, kemm huma marbutin max-xogħol li jagħmlu, kemm jipperċepixxu stress f'ħidmiethom u kemm huma sodisfatti u kommessi lejn xogħolhom. Ta' min jgħid ukoll illi l-istudju sar waqt perjodu ta' sfida kbira fejn uffiċjali pubbliċi ġew sfurzati jaħdmu mid-dar minħabba l-imxija globali u pandemika tal-Covid-19. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi bla preċedent, ħafna mill-fatturi illi eżaminajna  kienu pożittivi ħafna u wrew b'mod ċar illi l-parti l-kbira tal-uffiċjali huma ottimisti dwar ir-relazzjoni tagħhom mal-organizzazzjoni. Ir-riżultati indikaw ukoll illi r-relazzjoni li l-uffiċjali pubbliċi għandhom mal-organizzazzjoni għandha impatt fuq kemm huma jaraw valur fix-xogħol li jagħmlu u l-livell ta' stress illi jipperċepixxi, li allura għandu impatt fuq l-attitudnijiet tagħhom lejn ix-xogħol. Peress li l-istudju sar waqt l-imxija tal-Covid-19, konna attenti illi nikkontrollow għall-varjazzjoni minħabba livelli differenti ta' adattabilità. Madankollu, deher biċ-ċar illi x-xenarju tal-coronavirus ma ħalliex effetti negattivi fuq il-perċezzjoni tal-uffiċjali lejn l-organizzazzjoni. Nemmnu li dan seħħ minħabba li tjiebet il-komunikazzjoni fil-ġerarkija taċ-Ċivil, li wasslet biex aktar impjegati jemmnu fil-bidla u jipparteċipaw f'dan il-proċess. L-istudju tagħna juri li l-bidla mhux neċessarjament twassal għal perċezzjoni negattiva, dment li jkun hemm tmexxija tajba u linji ta' komunikazzjoni tajbin li jwasslu direzzjoni ċara ta' fejn trid tasal l-organizzazzjoni u l-għan li trid tilħaq.

# Konklużjoni

Tul dawn l-aħħar seba' snin, mis-sena 2013 'l hawn, sar ħafna xogħol sabiex l-operat tas-Servizz Pubbliku jitjieb b'mod konsiderevoli minn diversi lati: dak teknoloġiku, ta' simplifikazzjoni, ta' servizz ta' eċċellenza, komunikazzjoni aħjar tal-operat tal-Gvern, investiment akbar fir-riżorzi umani u fit-taħriġ, kif ukoll rivoluzzjoni siekta fil-kwalità tal-proċessi amministrattivi. Ta' min jinnota li kull riforma fis-Servizz Pubbliku influwenzat bil-kbir l-andament tal-policies tal-pajjiż inġenerali u allura huwa fl-interess ta' kulħadd li din il-katina ta' riformi u inizjattivi tkompli fiż-żmien li ġej.

Is-Servizz Pubbliku ma jistax jieqaf jinbidel; jeħtieġ jagħmel dejjem aktar b'anqas riżorsi, speċjalment f'xenarju fejn il-pandemija globali qed iġġib bidliet kbar u sfidi ġodda. Il-viżjoni strateġika u operattiva tas-Servizz Pubbliku trid twassal sabiex tgħin lill-Gvern ikompli jmexxi l-pajjiż b'suċċess taħt ċirkostanzi li qatt ma rajna bħalhom. Sfida oħra sostanzjali hija li s-Servizz Pubbliku jrid isaħħaħ l-isforzi tiegħu sabiex jassigura li r-riformi kif ukoll is-servizzi ġodda jkunu komunikati dejjem aktar b'mod effettiv liċ-ċittadini.

"

Il-kumplessità tal-operat tas-Servizz Pubbliku ma tagħmilx dan faċli, imma l-interoperabilità u l-ingaġġ kontinwu mas-soċjetà ċivili kif ukoll maċ-ċittadini huma ċ-ċavetta sabiex is-Servizz Pubbliku jibqa' fuq pjattaforma li tixraqlu.

3

# It-Teknoloġija Diġitali

“

Għandna viżjoni għal għada, li permezz tas-sistemi diġitali nwettqu trasformazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika.

F’dawn l-aħħar snin sar ħafna xogħol fejn tidħol it-trasformazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika. It-teknoloġija diġitali kienet u għadha fattur ewlieni biex aħna nagħmlu dan. Irridu niftakru li llum il-biċċa l-kbira tal-formoli huma online.

Numru ta’ servizzi governattivi jistgħu wkoll jiġu aċċessati permezz tal-mobile app maltapps, li fiha għandha numru ta’ mServices - kemm siti li huma responsive kif ukoll mobile apps. B’hekk iċ-ċittadin jista’ jinqeda mis-Servizz Pubbliku b’mod online, il-ħin kollu u minn kullimkien.



“

## Permezz tat-teknoloġija diġitali, il-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-Gvern issir aktar faċli.

Fl-2014 ġiet varata l-ewwel strateġija dwar it-teknoloġija diġitali fis-Servizz Pubbliku – Digital Malta – pjan li kellu jwassal sal-2020. Din l-istrateġija kellha tliet oqsma – id-Digital Citizen, id-Digital Business u d-Digital Government. Kienet strateġija li fasslet numru ta' prinċipji ewlenin u azzjonijiet strateġiċi li kellhom jittieħdu sabiex it-teknoloġija diġitali tibda tintuża u tibda tagħmel id-differenza f'oqsma bħall-ekonomija, l-impjiegi, l-industrija u n-negozji ż-żgħar.

Din l-istrateġija ġiet ifformulata wara proċess konsultattiv wiesa'. Dwar is-Servizz Pubbliku, l-istrateġija tgħid illi permezz tat-teknoloġija diġitali, għandna nwasslu għal simplifikazzjoni ta' servizzi governattivi. Xi prinċipji bażiċi li ġew diskussi kienu li s-servizzi governattivi għandhom jitwasslu għand in-nies u jiġu ddisinjati għan-nies. Li dawn jersqu eqreb lejn iċ-ċittadin u jkunu aċċessibbli faċilment. Permezz tat-teknoloġija diġitali, il-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-Gvern kellha issir aktar faċli.

Fl-2016 nedejna l-Istrateġija tal-Gvern dwar Servizzi Governattivi fuq il-Mobile. Din l-istrateġija kellha direzzjoni ċara ħafna, b'viżjoni ta' servizzi li jkunu aċċessibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, is-sena kollha. Il-kunċett ma jitkellimx dwar mobile apps ikkumplikati jew kumplessi, imma mservices konvenjenti u li jista' jużahom kulħadd. L-mservices ma kellhom qatt jieħdu post is-servizzi tradizzjonali – anzi dawn għandhom jikkumplimentaw lil xulxin – biex b'hekk kull ċittadin iħoss li s-Servizz Pubbliku huwa hemm għalih.



## Mapping Tomorrow

L-istrateġija titkellem ukoll dwar aspetti importanti biex dan il-kunċett kollu jiġi implimentat sew. Fosthom dwar li l-mservices iridu jkunu faċli u li n-nies jafdawhom bħala mezz ta' komunikazzjoni. Ma ninsewx li mhux kulħadd jadatta għat-teknoloġija bl-istess pass. L-għanijiet tal-istrateġija kienu li ċ-ċittadini jingħataw poter ġdid, li dawn l-mservices jużawhom kemm jista' jkun nies, u li anke l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku stess jużaw it-teknoloġija internament biex jagħtu servizz ta' eċċellenza.

Din l-istrateġija wasslet għal maltapps, li tikkonsisti f'applikazzjonijiet teknoloġiċi f'ħafna oqsma, fuq il-mobile taċ-ċittadin. Bit-tnedija tal-mservices, nistgħu ngħidu li l-aspettattiva taċ-ċittadin baqgħet dejjem togħla.
Fl-2019 nedejna pjan strateġiku fuq perjodu ta' tliet snin (2019-2021), bl-isem ta' Mapping Tomorrow.

Il-miri tagħna permezz ta' dan il-pjan huma li mhux biss inkomplu nżidu l-użu tas-sistemi diġitali online (take-up), imma li nilħqu l-għan prinċipali tagħna li meta nitolbu l-informazzjoni liċ-ċittadini jew lin-negozji, nagħmlu hekk darba biss. Imbagħad nużawha kif hemm bżonn, sintendi kif permess mil-liġi jew kif jingħata l-kunsens (Once-Only Principle). B'hekk inkunu qbadna t-triq biex verament naslu li noffru Servizz Pubbliku ta' Eċċellenza (Service of Excellence).

Biex nilħqu dawn l-għanijiet irridu nżommu f'moħħna numru ta' prinċipji, fosthom li npoġġu liċ-ċittadin fiċ-ċentru ta' dak kollu li nagħmlu, li nkunu amministrazzjoni pubblika waħda, u li l-utent tagħna jkollu esperjenza diġitali sħiħa, mill-bidu sal-aħħar. Dan irridu nagħmluh f'ambitu li ċ-ċittadin ikun moqdi sew, u li jħossu sigur u komdu meta qed juża dawn is-servizzi.



“

Irridu partikolarment nużaw l-Intelliġenza Artifiċjali (Artificial Intelligence) fis-sistemi diġitali tagħna.

It-teknoloġija diġitali hija għodda prinċipali biex nilħqu l-għanijiet tagħna. U dan qed nagħrfuh anke fuq livell nazzjonali bl-importanza li l-Gvern qed jagħti speċjalment lit-teknoloġiji emerġenti. Aħna bħala Amministrazzjoni Pubblika għandna nkunu minn ta' quddiem li nieħdu benefiċċju minnha.

L-istrateġija Mapping Tomorrow tagħti ħarsa wkoll lejn l-investiment teknoloġiku meħtieġ internament sabiex l-Amministrazzjoni Pubblika tibqa' topera b'mod effiċjenti u b'tali mod li tibqa' aġġornata mal-aspettattivi tal-klijenti tagħha. Dan huwa dak li wassal għal investiment f'tagħmir teknoloġiku ġdid li serva ta' għodda sabiex l-uffiċjali pubbliċi javvanzaw fil-ħidma tagħhom. Dan it-tagħmir huwa magħruf aħjar bħala modern workspace u ppermetta l-ħidma ma taqta' xejn tal-Amministrazzjoni Pubblika matul l-imxija tal-Coronavirus.

Irridu partikolarment nużaw l-Intelliġenza Artifiċjali (Artificial Intelligence) fis-sistemi diġitali tagħna, biex permezz tal-AI u tal-użu tal-informazzjoni nkunu nistgħu nfasslu u noffru servizzi ġodda li jindirizzaw b'mod aħjar il-bżonnijiet tal-utenti f'oqsma differenti.



## Il-pjan jippreżenta numru ta' proġetti u inizjattivi li jaqgħu f'waħda minn dawn l-erba' kategoriji:

1 Dawk li jwasslu għal Amministrazzjoni Pubblika bbażata fuq il-bżonnijiet taċ-ċittadin: servizz.gov huwa l-qofol biex iċ-ċittadin ma jintilifx fil-kumplessità tas-servizz. Dan jitlob ukoll li nwettqu iktar inizjattivi biex insaħħu l-użu tas-sistemi minn fuq il-mobile u online.

2 Sistemi diġitali marbuta ma' setturi speċifiċi bħalma huma dawk tas-Saħħa, tal-Edukazzjoni u tas-Sigurtà Soċjali, fost oħrajn: Kull settur għandu kontribut x'jagħti, kemm biex iċ-ċittadin jinqeda b'mod aħjar, kif ukoll biex il-viżjoni tagħna li nittrasformaw is-Servizz u biex nilħqu l-mira ewlenija ta' Once-only tkun tista' sseħħ.

3 Sistemi diġitali interni li jgħinuna biex nagħmlu xogħolna b'mod iktar effiċjenti: Internament irridu nkomplu nibnu u nużaw għodda biex naħdmu aktar flimkien u nagħmlu użu aħjar tad-data li għandna.

4 Permezz tal-bini ta' pjattaformi diġitali li jintużaw fil-gvern kollu: Dawn iwasslu biex mhux biss nieħdu vantaġġ mill-investiment li nkunu għamilna, imma nkunu wkoll ċerti li s-sistemi diġitali jitkellmu b'mod iktar faċli flimkien, u li l-livell ta' sigurtà u kwalità qed jitjieb.



“

## Huwa l-obbligu tagħna li nuru tmexxija u governanza b’saħħitha.

Biex dan il-pjan jitwettaq, irridu nikkomunikaw u nibdlu fejn hemm bżonn. Irridu wkoll inħarsu lejn is-Servizz Pubbliku b’mod orizzontali, jiġifieri li nifhmu li ċ-ċittadin huwa interessat li jieħu servizz ta’ kwalità irrispettivament minn liema dipartiment jew entità qed jinqeda. Biex dan jitwettaq, qed nikkommettu li ninvestu kemm fis-sistemi kif ukoll fin-nies.


DAVINCI™

4

# Awards għas-Servizz Pubbliku

“

Kulħadd jieħu pjaċir meta xogħlu jkun rikonoxxut u apprezzat.

Il-ħidma tas-Servizz Pubbliku hija ffukata kompletament biex twassal is-servizzi governattivi għand in-nies, bl-aktar mod faċli u li jista’ jintlaħaq, 24 siegħa kuljum is-sena kollha. Meta jasal l-apprezzament, kemm mill-klijenti kif ukoll minn istituzzjonijiet rikonoxxuti, dan ikun is-siġill li jagħti nifs ġdid għax-xogħol li sar u enerġija ġdida għal dak imħejji.

Minn Servizz Pubbliku riġidu u ankrat f’post wieħed jew kif kien fil-passat, mażżra amministrattiva għall-Gvern, is-Servizz Pubbliku llum il-ġurnata huwa wieħed dinamiku u, kif jixhdu l-premjijiet internazzjonali li nkisbu, jinsab fuq quddiem nett anke meta mqabbel ma’ pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jagħmilna kburin illi niffurmaw parti mis-Servizz Pubbliku, u nkomplu nirsistu biex is-Servizz Pubbliku jibqa’ fuq quddiem nett tas-soċjetà.

F’dan l-artiklu se nagħtu ħarsa, sena b’sena, lejn l-aktar rikonoxximenti prestiġjużi li kiseb is-Servizz Pubbliku f’dawn l-aħħar snin.

## IS-SENA 2017

### Rebbieħa tal-Premju Internazzjonali “Service Design Award”

Fil-bidu ta’ Novembru 2017 is-Servizz Pubbliku ngħata rikonoxximent għall-proġett servizz.gov li rebaħ il-premju internazzjonali “Service Design Award” fis-Service Design Global Conference li saret f’Madrid.



## TNAQQIS FIL-JIEM TAL-IPPROĊESSAR TA' TENDERS

Matul l-2017 Malta ġiet rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea għall-aqwa prattiki fejn jidħol ix-xiri pubbliku, wara li l-perjodu biex jiġi pproċessat tender f'pajjiżna tnaqqas minn 242 jum għal 84 jum, jiġifieri inqas sew mill-medja tal-UE li hija 120 jum.

## MALTA L-EWWEL FL-UE GĦAS-SERVIZZI ONLINE

Lejn tmiem Novembru, il-Kummissjoni Ewropea, permezz tar-rapport e-Government Benchmark Report 2017, ikklassifikat lil pajjiżna fl-ewwel post minn fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea f'dawk li huma servizzi online. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qalet li Malta ġiet l-ewwel fl-indikaturi kollha stabbiliti, fosthom l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà teknika online.

Dan ukoll huwa ċertifikat sabiħ għall-isforzi li saru mis-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar erba' snin f'dan ir-rigward, u l-investiment qawwi biex ikun hemm l-aħjar aċċessibbiltà possibbli għas-servizzi online.

## IL-PROĠETT SERVIZZ.GOV JIRBAĦ PREMJU INTERNAZZJONALI

servizz.gov kien fost 14-il finalist minn madwar id-dinja, magħżula minn ġurija internazzjonali, li kkompetew għal dan il-premju fi tliet kategoriji differenti. Dan il-proġett, li jittratta dwar kif inhu mibni u kif se jkompli jitjieb is-servizz provdut minn servizz.gov, kien il-frott ta' kollaborazzjoni bejn studenta Ingliża tar-Royal College of Art, Ella Walding, servizz.gov u l-istakeholders tiegħu.

L-istess proġett kien nominat ukoll għas-Service Design Fringe Festival Awards, fejn kien imfaħħar ħafna u kiseb suċċess ukoll. Dan huwa premju għas-Servizz Pubbliku kollu, għax biex irnexxa dan il-proġett ħtieġlu kuntatti b'saħħithom mad-dipartimenti kollha tal-Gvern. Dan il-premju jkompli jsaħħaħ ir-rieda tagħna li nwettqu l-viżjoni għas-Servizz Pubbliku, jiġifieri servizz 24/7 aċċessibbli minn kullimkien. Iċ-ċavetta għal din il-viżjoni hija s-servizz ta' kwalità msejjes fuq erba' pilastri: Vuċi, Disinn, Pakkett u Kontabilità.


zz.go



## IS-SENA 2018

# Ċertifikat mill-aqwa għas-Servizz Pubbliku mill-European Quality of Life Survey

Malta kklassifikat fit-tielet post fil-European Quality of Life Survey f'dak li għandu x'jaqsam mal-perċezzjoni tal-kwalità fis-servizzi pubbliċi, b'rating medju ta' 7.1. Dan l-istħarriġ kien ibbażat fuq tagħrif miġbur fl-2016. Qabilha ġew il-Lussemburgu, b'rating medju ta' 7.7, il-Finlandja u l-Awstrija b'rating medju ta' 7.3 kull wieħed.

L-istħarriġ iffoka fuq numru ta' oqsma fis-servizzi pubbliċi, fosthom servizzi ta' childcare (fejn Malta ġiet fl-ewwel post), is-sistema edukattiva (it-tieni post), servizzi ta' kura fit-tul (it-tieni post), il-housing soċjali (it-tieni post), il-kura tas-saħħa (it-tielet post), u s-sistema tal-pensjoni tal-istat (is-seba' post).

## SERVIZZ.GOV FINALIST FL-MCA EBUSINESS AWARDS 2017

servizz.gov intgħażel biex ikun fost il-finalisti fl-MCA eBusiness Awards 2017. Dawn il-premjijiet jingħataw kull sena mill-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA) fi tmien kategoriji differenti. servizz.gov kien finalist fil-kategorija għall-Aqwa Inizjattiva ta' eGovernment.

F'din il-kategorija tiġi ppremjata dik l-inizjattiva li, fil-fehma tal-ġurija, tuża t-teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni bl-aħjar mod biex ittejjeb l-interazzjoni bejn il-Gvern u firxa wiesgħa ta' stakeholders – sew jekk ċittadini, entitajiet jew gvernijiet oħra.

## IS-SERVIZZ PUBBLIKU FL-EWWEL POST FL-EGOVERNMENT FOST IL-PAJJIŻI TAL-UE

# Malta kkwalifikat fl-ewwel post, minn fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, fl-eGovernment

Malta kkwalifikat fl-ewwel post, minn fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, fl-eGovernment, f'erba' oqsma ta' prijorità differenti minn madwar il-pajjiżi kollha Ewropej, li huma:

i. User centricity
ii. Trasparenza
iii. Aċċessibilità
iv. Infrastruttura Teknoloġika

Dan huwa ċertifikat ieħor għas-servizzi governattivi li qed jiġu provduti b'mod elettroniku u aċċessibbli wkoll minn fuq il-mowbajl.

Illum persuna m'għandhiex għalfejn iżżur dipartiment sabiex tikseb servizz iżda tista' taċċessa s-servizzi governattivi mill-kumdità ta' darha b'mod elettroniku, iċċempel 153 jew iżżur wieħed mill-5 hubs reġjonali ta' servizz.gov.

## SERVIZZ.GOV NOMINAT GĦALL-AĦJAR SOLUZZJONI DIĠITALI NAZZJONALI DINJIJA, FL-INTERNATIONAL SUMMIT AWARDS 2018

servizz.gov ġie nnominat biex jikkompeti f'Summit Internazzjonali dwar l-aqwa innovazzjonijiet diġitali li jimpattaw is-soċjetà b'mod pożittiv.

Għal dan l-award, servizz.gov intgħażel sabiex jikkompeti ma' 180 pajjiż differenti.

## UNUR GĦALL-AQWA INIZJATTIVA LI TĦAFFEF U TISSIMPLIFIKA L-PROĊESSI MMIRATI LEJN IN-NEGOZJI U L-INTRAPRIŻI ŻGĦAR

Business 1st ikklassifika fl-ewwel post u rebaħ l-unur għall-aqwa inizjattiva li tħaffef u tissimplifika l-proċessi mmirati lejn in-negozji u l-intrapriżi żgħar. Business 1st jiġbor taħt saqaf wieħed is-servizzi governattivi applikabbli għan-negozji u intrapriżi żgħar.

# Unur internazzjonali miksub mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

L-Assoċjazzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà Soċjali (ISSA) irrikonoxxiet il-pakkett ta' miżuri soċjali li l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali nieda f'dawn l-aħħar ħames snin biex persuni fuq il-benefiċċji soċjali jitħajru jfittxu impjieg u joħorġu mill-faqar. Dan sar f'kompetizzjoni internazzjonali dwar proġetti intiżi li joħolqu prattiki siewja fil-qasam soċjali. B'kollox ikkompetew 76 proġett minn 20 pajjiż Ewropew. Il-proġett Malti kiseb Ċertifikat ta' Mertu b'Referenza Speċjali.

Dan il-premju ġie ppreżentat lil uffiċjali mill-Ministeru fl-Ażerbajġan f'Mejju 2019 waqt forum internazzjonali dwar is-sigurtà soċjali.

eBusiness AWARDS

twiplomacy

# BiedjaCam jirbaħ unur għall-aqwa użu tat-teknoloġija tat-trasformazzjoni tan-negozju

L-mservice BiedjaCam rebaħ il-premju għall-aqwa użu tat-teknoloġija tat-trasformazzjoni tan-negozju waqt l-MCA eBusiness Awards 2019. Din is-serata tagħti rikonoxximent għal ideat innovattivi u inizjattivi uniċi fl-użu tat-teknoloġija.

BiedjaCam hija app innovattiva li tiġbor fiha informazzjoni ġeografika minn stampi meħuda direttament permezz ta' satellita u fiha għandha integrata l-funzjoni meqjusa bħala Intelliġenza Artifiċjali. L-app titħaddem mill-Aġenzija għall-Agrikoltura u Pagamenti Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, b'kollaborazzjoni ma' servizz.gov. Din hija biss waħda minn aktar minn 70 mservice li l-pubbliku jista' jaċċessa fuq bażi 24/7.

## RIKONOXXIMENT MINN TWIPLOMACY LID-DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI

Id-Dipartiment tal-Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ngħata rikonoxximent minn Twiplomacy, li hija website mmexxija minn twitter u li tkejjel l-użu tal-media soċjali minn entitajiet u mexxejja governattivi fid-dinja. Id-Dipartiment ngħata rikonoxximent għas-servizz li joffri lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku permezz tal-media soċjali. Servizz li, kif deskritt minn Twiplomacy, huwa f'waqtu, effiċjenti u ma jiħux aktar minn 15-il minuta!

# Premju lill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

Il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima ngħata premju għall-eċċellenza fl-implimentazzjoni fejn jidħlu l-miri stabbiliti għall-iżvilupp sostenibbli. Il-premju ngħata għall-ewwel darba lill-pajjiżi żgħar li jagħmlu parti mill-Commonwealth.

**IS-SENA 2020**

# L-ewwel fl-eGovernment

Malta żammet l-ewwel post mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea għas-servizzi li toffri ta' egovernment, grazzi għall-investiment kbir li sar f'dan il-qasam fl-aħħar sitt snin u li se jkompli jkun konsolidat. L-istatistika li nħarġet mill-Kummissjoni Ewropea fl-eGovernment Benchmark Report turi li s-Servizz Pubbliku qiegħed isir dejjem aktar aċċessibbli fuq l-internet u permezz tal-mowbajl.

Is-servizzi ta' egovernment f'pajjiżna ġew l-ewwel f'numru ta' kategoriji, fosthom fid-disponibilità, it-trasparenza, l-aċċessibilità u l-infrastruttura teknoloġika.

F'kull settur, ir-riżultat Malti kien ħafna aqwa mill-medja Ewropea: Aċċess għas-servizzi minn barra l-pajjiż; Disponibilità; Użu u Veloċità; eID u dokumenti elettroniċi.



TIŻDIED IL-FIDUĊJA FIS-SERVIZZI PUBBLIĊI

Is-survey tal-Eurobarometer wera illi l-fiduċja tal-pubbliku fil-Gvern u fis-Servizz Pubbliku Malti żdiedet b'ammont sostanzjali ta' 12-il punt. Dan huwa l-aqwa riżultat fost l-istati tal-UE u 18-il punt aktar mill-medja Ewropea.

Kważi sebgħin fil-mija tal-poplu Malti qalu wkoll li jinsabu konvinti mid-direzzjoni li miexi fiha l-pajjiż, waqt li disgħin fil-mija tal-familji Maltin irrapportaw li qed jgħixu tajjeb.



Public opinion in the European Union

Autumn 2018

Standard Eurobarometer 90

National report

Malta

### V. TRUST IN MEDIA AND INSTITUTIONS

Respondents were asked whether they tend to trust or not a number of media and institutions. Respondents displayed a low level of trust in various media as shown in Chart 4 below. The chart provides information on the percentage of respondents who stated that they trust the media and institutions in Malta and the average level of trust in the whole of the EU.

| For each of the following media and institutions, please tell me if you tend to trust it or tend not to trust it | Malta | European Union |
|---|---|---|
| Public Administration | 68% | 50% |

Dawn ir-riżultati sbieħ kollha jindikaw illi s-Servizz Pubbliku baqa' jiġġedded u evolva tant li llum nistgħu ngħidu li jinsab fl-aqwa tiegħu. Juru bl-aktar mod ċar illi s-servizz mhux biss qed jingħata, imma qed jingħata bl-aqwa kwalità possibbli.
Ma jfissirx li wasalna, għax għad fadal ħafna ħidma biex nikkonsolidaw dak li ksibna. Ir-rieda tagħna qiegħda hemm biex inkomplu nwettqu aktar u ma mmorrux pass wieħed lura. Imma meta tikseb riżultati bħal dawn, timtela b'kuraġġ u b'determinazzjoni.

Din hija prova ta' kemm is-Servizz Pubbliku jaf il-miri tiegħu u jaf fejn irid jasal – Servizz ta' Eċċellenza bbażat fuq erba' pilastri – il-Vuċi, id-Disinn, il-Pakkett u l-Kontabbiltà.

Dawn is-suċċessi mhumiex biss tat-tmexxija tas-Servizz Pubbliku. Huma ta' kull wieħed u waħda minna, li ta' kuljum inpoġġu fil-prattika l-viżjoni ta' Servizz Pubbliku fl-aqwa tiegħu. Għalhekk kulħadd għandu jkun kburi li jagħmel parti mis-Servizz Pubbliku.

# 5

# X'sar waqt il-Covid-19

“

Kienet esperjenza bla preċedent il-pandemija tal-Covid-19 għas-Servizz Pubbliku. Kienet emerġenza nazzjonali li biha s-Servizz Pubbliku għaraf idawwar dan l-akbar ostaklu f’opportunità biex isarraf l-investiment bla preċedent li sar fuqu u fil-ħiliet tal-ħaddiema tiegħu f’xenarju li qatt ħadd ma basar jew seta’ jantiċipa.

Ma kienx hemm esperjenzi simili fl-imgħoddi li minnhom wieħed seta’ jitgħallem. Sa mill-bidu tas-sena bdew it-tħejjijiet, mingħajr daqq ta’ fanfarri u ’l bogħod mill-kameras, biex b’mod strutturat il-pajjiż iħejji għal maltempata li ħadd u mkien ma kien jaf xi ssarraf. Fi Frar inħatar kumitat strateġiku tal-Kabinett, immexxi mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, li mill-ewwel beda jieħu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-pariri tal-esperti mediċi. Inħatru wkoll kumitati oħra, fosthom dak operazzjonali taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni li kellu firxa ta’ uffiċjali minn ministeri u entitajiet. Minn hawn bdew jixxettlu l-pjanijiet ta’ tħejjija għal fażijiet differenti tal-pandemija.






Il-pjanijiet kienu r-riflessjoni u l-frott tas-snajja' u l-kapaċitajiet diversi fis-Servizz Pubbliku, li ħadmu id f'id u f'kordinazzjoni fuq front wieħed. Kienet l-ewwel prova fejn intwera li kienet tnaqqiet sew il-mentalità tas-silos fiċ-Ċivil fejn kulħadd jaħdem għal rasu.

Il-pjanijiet tfasslu fuq diversi fronti. Mill-mod kif kellha tingħata informazzjoni sħiħa u trasparenti l-ħin kollu, sat-tħejjijiet fl-isptarijiet, x'kien hemm bżonn aktar biex il-pajjiż iħejji ruħu, u kif kellhom jiġu massimizzati r-riżorsi umani fi gżira-stat żgħira. Kumitati oħra ħadu ħsieb li jkun hemm pjan kif l-infrastruttura kritika tal-pajjiż, bħall-power stations u l-produzzjoni tal-ilma, jibqgħu għaddejjin fl-agħar xenarji li wieħed seta' jimmaġina.

Tħejjew pjanijiet b'fażijiet differenti għal ċirkostanzi differenti. Tħejjew b'reqqa minn uffiċjali tas-Servizz Pubbliku Maltin, u meta ġiet is-siegħa tal-prova l-pjanijiet ħadmu anke jekk f'ċirkostanzi li l-ebda pajjiż ieħor fid-dinja ma għadda minnhom.

Għodda ewlenija fis-suċċess miksub kienet il-konsultazzjoni u t-twassil tal-informazzjoni dwar il-preparamenti li saru. Mhux biss lin-nies iżda anke lir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali kollha. Mhux biss fil-bidu tal-preparamenti iżda fil-fażijiet differenti tal-pandemija. Id-diversi miżuri li ttieħdu matul l-imxija dejjem ittieħdu b'mod gradwali u dejjem kienu msejsa fuq il-pariri tal-esperti mediċi tas-settur pubbliku. Mill-ewwel deċiżjoni li kienet ħabbret lista ta' pajjiżi li jekk tasal Malta minnhom kellek tqatta' ħmistax-il jum kwarantina, u l-bqija. Kull deċiżjoni kienet ħolqa minn katina ta' deċiżjonijiet li ttieħdu biex tiġi missielta l-imxija.

L-istrateġija kienet taħseb għal deċiżjonijiet gradwali, imsejsa fuq il-fatti u mhux biżgħat. Hekk f'Marzu ttieħdet id-deċiżjoni li jingħalqu l-iskejjel; li ma jkunx hemm vjaġġar mhux essenzjali lejn pajjiżi oħra; li ma jsirux attivitajiet tal-massa t'aktar minn elfejn ruħ f'postijiet miftuħa. Kienet strateġija fejn il-miżuri bdew jidħlu ftit ftit u f'waqthom.

Għalkemm beda jiġi rtirat l-ivvjaġġar, pereżempju, kellu jiġi assigurat li l-prodotti tal-ikel, ix-xorb u l-mediċinali jibqgħu deħlin f'pajjiżna. Il-kontrolli saru dejjem minn uffiċjali pubbliċi. Qatt ma għotru u dejjem assiguraw li l-provvisti tal-ikel jaslu fil-pront fil-ħwienet tal-merċa. Qatt ma kien hemm imqar każ wieħed ta' skarsezza.



Kienu l-uffiċjali pubbliċi li wettqu data modelling u analiżi kontinwa tal-informazzjoni li kienet qed tasal fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni pubblika biex id-deċiżjonijiet jittieħdu sew u jkunu msejsa fuq fatti u mhux għajdut jew suppożizzjonijiet.

Għax kienu deċiżjonijiet f'waqthom u skont iċ-ċirkostanzi li kienu qed jevolvu, il-pariri ma kinux biex il-pajjiż imur f'lockdown totali u nitkeffnu ġo darna. Għax id-deċiżjonijiet kienu msejsa fuq il-fatti, meta kien il-waqt fil-bidu ta' Marzu ddaħħlet il-kwarantina obbligatorja; il-multa ta' elf ewro għal min jiksirha; l-ispezzjonijiet mill-pulizija fuq min jinsab fi kwarantina; u l-ewwel passi lejn restrizzjonijiet ta' vjaġġar kummerċjali għajr għal mediċina, ikel u mediċinali.

Kien hemm pjan minsuġ sew mis-Servizz Pubbliku fejn mill-ewwel bdiet l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi umani f'oqsma strateġiċi.

L-Environmental Health Officers bdew jispezzjonaw it-tħaris tal-kwarantina, il-pulizija bdiet tiffoka aktar fuq l-infurzar tal-kontrolli li bdew jagħmlu l-awtoritajiet tas-saħħa; l-armata u anke l-LESA bdew jinvolvu aktar ruħhom fit-tqassim ta' mediċinali għal persuni vulnerabbli. Fuq kollox fl-isptarijiet irrankat il-ħidma ta' tħejjija biex jiġi assigurat li jkun hemm ir-riżorsi umani u materjali biex il-ħaddiema jdewwu lil dawk li jintlaqtu bil-Covid-19.

Is-saħħa tan-nies dejjem ingħatat prijorità u dejjem ġiet l-ewwel. Ma kien hemm l-ebda limitu fuq flus x'jintefqu biex tiġi żgurata provvista aktar minn biżżejjed ta' PPEs, ta' ventilators, ta' maskri, ta' alkoħol.  Kienu l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li għal darba wara l-oħra rnexxielhom isibu dawn il-provvisti fi żmien meta d-domanda tagħhom fis-suq bdiet dejjem tiżdied minn pajjiżi diversi.

Minkejja ċ-ċokon tagħna, is-Servizz Pubbliku assigura l-għodod meħtieġa għall-frontliners tagħna.





# X'sar waqt il-Covid-19

F'nofs Marzu bdew jeskalaw il-miżuri preventivi kontra l-imxija tal-Covid-19 hekk kif l-awtoritajiet lokali komplew iħarsu mill-qrib lejn l-andament tal-imxija minn pajjiż għal ieħor u speċjalment fil-pajjiżi ġirien tagħna. Ingħalqu l-istituzzjonijiet edukattivi kollha, b'pajjiżna jkun fost l-ewwel tmien pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li ħadu din il-miżura. Tħassru l-attivitajiet kollha tal-massa u twaqqfu ż-żjarat fid-djar tal-anzjani, id-djar residenzjali għal persuni b'diżabilità kif ukoll il-ħabs ta' Kordin. Ingħalqu wkoll il-qrati, il-kawżi ġew differiti, ingħalqu l-uffiċċji distrettwali tas-sigurtà soċjali u saret mandatorja l-kwarantina għal kull min jiġi lura Malta, irrispettivament minn liema pajjiż ikun. Il-POYC bdiet tqassam provvista ta' mediċina għal xahrejn lil aktar minn 140,000 anzjan f'darhom. Fuq kollox irrankat bla preċedent l-informazzjoni dwar il-Covid-19.

Sa mill-bidu nett, it-twaqqif tal-Covid Helpline 111 kien il-kurdun ewlieni li ċ-ċittadin seta' juża biex jikseb varjetà ta' informazzjoni dwar il-marda. Tant il-helpline rnexxa u tant id-domanda kienet qawwija, li ttieħdet id-deċiżjoni strateġika li l-operaturi jiżdiedu b'ħames darbiet filwaqt li anke r-riżorsi ta' servizz.gov daħlu biex iwieżnu aktar dan iċ-ċentru ta' informazzjoni u b'hekk ikunu jistgħu jinqdew aktar nies fl-iqsar ħin possibbli.

Ġie varat ukoll kuljum il-Bulettin dwar il-Covid-19 fejn kien jingħata tagħrif mhux biss dwar il-każijiet ġodda iżda verjetà ta' informazzjoni dwar oqsma differenti, dwar miżuri ekonomiċi, inizjattivi u fuq kollox l-għadd kbir ta' helplines li nħolqu għal setturi speċifiċi biex dak li jkun ikun jista' jikseb l-informazzjoni minn ras il-għajn mingħajr ma joqgħod iċempel minn post għal ieħor.

L-għeluq tal-iskejjel ġab miegħu sfidi ġodda għal settur partikolari ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku: l-għalliema. F'ambjent totalment ġdid, l-għalliema kellhom iwasslu l-lezzjonijiet tagħhom lill-istudenti f'xenarju li ħadd qatt ma basar. Mhux aktar fil-klassi jew fis-swali iżda b'mod virtwali... bil-kompjuter. Mid-dar tal-għalliema għad-djar tal-istudenti. F'dan l-isfond inħoloq grupp ta' ħidma dwar it-tagħlim online fejn rappreżentanti tal-iskejjel tal-gvern, tal-Knisja, dawk indipendenti u l-unions tal-għalliema raw x'riżorsi u għodod kellhom jipprovdu lill-għalliema f'dinja ta' tagħlim virtwali. Fuq kollox il-grupp beda jara x'metodi ta' tagħlim online kien hemm bżonn u kif l-imxija kienet se tolqot it-tagħlim.

F'nofs Marzu wkoll is-Servizz Pubbliku kien inkarigat biex jimplimenta l-ewwel minn sensiela ta' pakketti ta' miżuri biex iħarsu l-ekonomija u jkunu protetti n-negozji u l-ħaddiema. Il-miżuri kienu jaħsbu għall-posponiment tal-ħlas tat-taxxi għal Marzu u April: it-taxxa proviżorja, il-VAT, il-kontribuzzjonijiet tal-bolla u skema biex tgħin lil min iħaddem idaħħal it-teleworking – ix-xogħol mid-dar – ħaġa li fiha s-Servizz Pubbliku huwa pijunier. Fil-fatt il-Kap taċ-Ċivil ħareġ direttiva biex talbiet għat-teleworking mill-ħaddiema tas-settur pubbliku kollu – u mhux biss taċ-Ċivil – jintlaqgħu basta x-xogħol u s-servizz jibqgħu konsistenti. L-inċentiv tal-gvern lis-settur privat biex idur aktar fuq it-telework ma kien xejn ġdid għas-settur pubbliku li dejjem kien fuq quddiem f'pajjiżna biex jagħti l-importanza mistħoqqa lill-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-individwu.

Is-settur pubbliku kien kapaċi jlaħħaq fuq diversi saffi mal-eżiġenzi enormi li tgħabba bihom marbuta mal-ġlieda kontra l-Covid-19, kif ukoll max-xogħol ta' rutina li xorta baqa' għaddej. Tul il-pandemija kienu l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li xorta assiguraw li jinħarġu f'ħinhom iċ-ċekkijiet tal-pensjoni; tal-pagi; tas-servizzi soċjali u tal-benefiċċji l-oħra kollha li ġew varati biex iwieżnu l-impatt tad-daqqa tal-imxija, apparti x-xogħol amministrattiv tal-gvern.

# Covid-19

## Dan kien possibbli minħabba l-ippjanar, l-għaqal fit-twettiq u l-investiment li sar fis-Servizz Pubbliku u fit-teknoloġija fl-aħħar ħames snin. Żgur li qatt ħadd ma basar li dan kollu kien se jgħaddi minn mument ta' prova tul l-ewwel erba' xhur tal-gwerra kontra l-Covid-19.

Iċ-ċavetta tas-suċċess kienet it-teknoloġija u l-investiment bla preċedent ta' €150 miljun fiha. Dan l-investiment u l-viżjoni li ssawret biddlu s-Servizz Pubbliku f'għodda ta' suċċess. Dan, flimkien mal-impenn u l-flessibbiltà tal-ħaddiema individwali tas-Servizz Pubbliku, assigura li s-servizz kompla jaħdem u żamm lis-soċjetà fuq saqajha mingħajr ma waqfet ħesrem.

L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni kontra l-imxija tal-Covid-19 saħansitra ngħataw rikonoxximent mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa li għażlet lil Malta bħala l-pajjiż li wera kif għandhom jitmexxew l-affarijiet fil-ġlieda kontra l-pandemija. Id-direttur tal-WHO, f'laqgħa virtwali quddiem il-ministri tas-saħħa tad-dinja kollha, semma lil Malta bħala l-mudell li l-pajjiżi għandhom iħarsu lejh u jagħmlu bħalu. Kien rikonoxximent mhux biss għal ħidmet il-frontliners tas-Servizz Pubbliku iżda anke apprezzament lejn il-pubbliku li fehem il-messaġġi u l-informazzjoni li twasslulu minn għejun ta' informazzjoni differenti li kellhom l-għeruq tagħhom mis-Servizz Pubbliku. Il-ħidmiet ta' kontinġenza tul il-pandemija ġew mirquma skont l-andament tal-pandemija fil-pajjiżi ta' madwarna, f'pajjiżna stess u fuq fatti xjentifiċi. Il-pern tal-istrateġija kien dejjem li jsiru aktar u aktar testijiet għall-Covid-19. Kien għalhekk li minbarra hubs li nħolqu apposta, b'Għawdex ukoll, l-awtoritajiet ħaffew ix-xiri ta' magna speċjalizzata b'teknoloġija robotika biex tagħmel aktar testijiet tal-Covid-19. Mater Dei kien fost l-ewwel sptarijiet fl-Ewropa li akkwistaw din il-magna. Biha l-isptar sar jagħmel mill-anqas 800 test kuljum, waqt li l-ħin ta' proċessar tqassar għal ftit minuti biss.

Kull xenarju u kull każ ra lis-Servizz Pubbliku janalizza u joħroġ bil-pjan ta' azzjoni tiegħu. Hekk ġara pereżempju meta nstab cluster ta' każijiet fiċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal Far. Apparti l-kwarantina imposta fiċ-ċentru, bdiet il-ħidma ta' sorveljanza u kura meħtieġa fost ir-residenti, kemm biex dawn jingħataw il-kura meħtieġa kif ukoll biex titrażżan l-imxija tal-virus fosthom. Ir-riżultat aħħari ta' din il-ħidma tkellem waħdu. L-imxija trażżnet b'mod effettiv, ma kien hemm l-ebda vittmi u fuq kollox lanqas ma kien hemm firxa ta' każijiet barra l-ħitan taċ-ċentru.



# 192,000+

**Numru ta' swabs minn Marzu s'issa.** Statistika sat-2 ta' Settembru 2020



**125+**

Sodod f'Mater Dei għall-Covid-19

Hubs għat-testijiet

**Ħal Farruġ**
**Pembroke**
**Ħal Far**
**Ix-Xewkija**
**Ħal Qormi**

Helplines benefiċċji soċjali




**24,152**

Telefonata

**111**

Manutenzjoni fi skejjel waqt il-Covid-19

**197**

Kors online lil

**8,600**

Student

Mużewijiet

Innovazzjoni ta' żjarat virtwali

**37,299**

Spezzjoni

**2,492**

Tqassim ta' mediċina (POYC)

**922**

Tqassim ta' xirjiet

Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali

**9,000**

Email

**23,000**

Telefonata

Tindif u diżinfettar

**4.1**

Miljun litru ta' ilma użat



**63,700**

KM ta' toroq

**6,400**

Bus shelter





“Irrifletta l-ethos tas-Servizz Pubbliku s-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Mario Cutajar, meta żar ħaddiema li taw servizz 24 siegħa kuljum tul l-imxija tal-Covid u qal li ntwera kemm is-settur pubbliku huwa tabilħaqq organizzazzjoni b’saħħitha li turi l-ħiliet tagħha meta l-pajjiż ikollu l-aktar bżonnha.”

Il-pandemija kienet esperjenza li minnha s-Servizz Pubbliku tgħallem bil-bosta. Huwa għalhekk li s-Servizz Pubbliku se jkompli jvara proġetti biex il-pajjiż jilqa’ għal kull eventwalità, tiġi meta tiġi, li tista’ tolqot direttament lill-poplu u lill-pajjiż. Is-Servizz Pubbliku jkompli jaħdem biex jibqa’ dejjem man-nies – għalhekk is-slogan “Servizz Pubbliku – Dejjem Miegħek”.

L-impenn, il-flessibbiltà u r-rieda ta’ kull ħaddiem huma ta’ min ifaħħarhom. Il-ħaddiema ngħataw l-għodda teknoloġika u t-taħriġ kontinwu tul l-aħħar ħames snin, u nħasad il-frott. Kull membru tas-Servizz Pubbliku huwa kburi li għamel parti minn din l-organizzazzjoni fiż-żmien diffiċli li l-pajjiż għadda minnhom. Jingħad x’jingħad, intwera bil-provi li s-Servizz Pubbliku kien fost il-ftit muturi – jekk mhux l-uniku mutur – li baqa’ jservi lis-soċjetà fl-oqsma varji ta’ bżonnijiet.

6

# Ħarsa lejn il-ħidma tal-Ministeri mwettqa fl-2019

“

## Dawn il-miżuri huma intiżi sabiex kull Ministeru jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod effiċjenti, trasparenti, u li jkopri s-setturi kollha taħt id-dekasteru tiegħu.

L-għan li jiġu elenkati żewġ proġetti ta' kull Ministeru għas-sena 2019 hu li niffukaw b'mod prattiku fuq dawn il-miżuri peress illi mhux dejjem ikun faċli nidħlu fid-dettall tal-ammont kbir ta' miżuri li jitwettqu matul is-sena. Il-ħsieb beda mir-rapporti annwali li jiġu kkompilati mill-Ministeri – rapporti voluminużi li jixhdu x-xogħol estensiv li jkun sar. Inħasset il-ħtieġa li nestrapolaw minnhom żewġ miżuri minn kull ministeru, filwaqt illi min ikun jixtieq jidħol f'aktar dettall għandu jiċċekkja r-rapporti nfushom fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni taħt il-Ministeri.

Faċli ninnotaw oqsma partikolari li jservu ta' ħolqa komuni għal aktar minn Ministeru wieħed, hekk kif dawn ikomplu jaħdmu biex iżidu l-effiċjenza u jesploraw servizzi ġodda fl-operat tagħhom għal wieħed aktar mobbli. Fil-fatt, it-teknoloġija tal-informatika hija s-sies ta' miżuri mwettqa mill-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Ministeru għas-Saħħa, kif ukoll il-Ministeru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji, fost oħrajn.

Iż-żoni urbani u l-wirt arkitettoniku u kulturali tal-bliet Maltin u Għawdxin, imbgħad, jiffurmaw il-prijorità ta' miżuri meħuda minn Ministeri bħal dawk tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, mill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.

Dawn il-miżuri huma intiżi sabiex kull Ministeru jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod effiċjenti, trasparenti, u li jkopri s-setturi kolllha taħt id-dekasteru tiegħu.

### MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Minn kura tas-saħħa primarja sa sptarijiet, spiżeriji u servizzi ta' saħħa mentali fost oħrajn, is-saħħa ħolistika tal-poplu Malti u Għawdxi tifforma s-sies tal-ħidma kontinwa ta' dan il-Ministeru.

Wieħed jifhem l-importanza u r-rwol li prattiki u teknoloġiji ġodda għandhom f'dan il-Ministeru. Kif stajna nassistu sew matul l-imxija tal-Covid-19, il-Ministeru għas-Saħħa, permezz ukoll tas-Supretendent tas-Saħħa, kien fuq quddiem nett biex jikkordina u jżomm lill-poplu infurmat bl-istat ta' mxija tal-pandemija. Ir-riżultati li nkisbu jitkellmu waħedhom. Il-miżuri ta' dan il-Ministeru huma xhieda tar-rwol li t-teknoloġija jkompli jkollha fil-provvediment ta' servizzi tas-saħħa f'waqthom, u mingħajr burokrazija żejda. L-għajnuna u l-wens uman li jingħata lill-pazjenti ta' diversi forom ta' kanċer, imbagħad, huma aspett ieħor ta' ħidma denja li l-Ministeru qed iwettaq.

## IL-PORTAL MYHEALTH

Kompla jikber, b'rata mgħaġġla, il-konsum tas-servizz tal-myHealth. Iż-żieda kbira fin-numru ta' pazjenti u tobba li użawh turi biċ-ċar kemm intlaħaq l-għan li s-servizz ikun kemm user-friendly kif ukoll utli fl-ilħuq ta' firxa wiesgħa ta' pazjenti u tobba. Il-myHealth hu aċċessibbli kemm mill-kompjuters kif ukoll minn apparat li jinġarr, bħal smartphones u tablets.

Sar ukoll xogħol biex is-sit tal-myHealth ikun aktar aċċessibbli għal persuni li għandhom diżabilità, kif ukoll tibdil tekniku biex is-sistema tkun aktar robusta u tiflaħ iżjed għall-piż li qiegħda terfa' issa. Il-myHealth huwa servizz online li jipprovdi aċċess għal tagħrif mediku personali. Dan l-aċċess jingħata biss lill-pazjent u lit-tabib jew tobba magħżulin mill-pazjent u li jaċċettaw li jagħmlu link mal-pazjent permezz tal-myHealth.

Il-pazjenti li jużaw il-myHealth jistgħu jaraw sommarji dwar meta daħlu fi sptarijiet tal-Gvern, tagħrif dwar il-mediċini għal mard kroniku li huma intitolati għalihom taħt l-iskema tal-Pharmacy of Your Choice (POYC), kif ukoll ir-riċetti għal dawn il-mediċini u meta dawn ingħatawlhom, tagħrif dwar it-tilqim, lista ta' appuntamenti futuri fil-kliniċi tal-isptarijiet u ċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Gvern, u (wara li jiġu rilaxxati minn tabib permezz tal-myHealth) riżultati tat-testijiet tal-laboratorju u rapporti dwar ir-ritratti mediċi (bħal ngħidu aħna X-rays jew CT scans).

Il-pazjenti jistgħu wkoll jaraw formoli li t-tobba tagħhom ikunu bagħtu permezz tal-myHealth f'każ ta' mard infettiv jew ta' tilqim li jkun ingħata b'mod privat. Il-portal tal-myHealth għandu wkoll 'Health Site Finder' li jaħdem mal-Google Maps biex juri l-lokazzjoni preċiża ta' faċilitajiet tas-saħħa li jkunu fil-qrib tal-persuna, bħal ngħidu aħna spiżeriji, kif ukoll dettalji bħal numri tat-telefown.

Il-portal tal-myHealth huwa disponibbli kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Waqt il-pandemija tal-COVID-19, tnedew żewġ servizzi ġodda importanti: l-ewwel, li r-riżultati tat-testijiet tal-COVID huma disponibbli fil-portal tal-myHealth minnufih, mingħajr bżonn ta' rilaxx minn tabib; u t-tieni, li dawk il-persuni li fil-profil tagħhom tal-myHealth ikunu kitbu n-numru tal-mobile jew indirizz tal-email jirċievu SMS jew email bir-riżultat tat-test tal-COVID-19 malli dan joħroġ mil-laboratorju, anke qabel ma dan ikun jidher fil-portal tal-myHealth.

Biex wieħed juża l-myHealth, kulma jrid jagħmel hu li jmur fuq www.myhealth.gov.mt u jdaħħal in-numru tal-karta tal-identità (jew tal-permess ta' residenza) u l-password tal-e-ID (identità elettronika).

Il-portal tal-myHealth huwa protett bl-e-ID għax jagħti aċċess għal tagħrif dwar is-saħħa tal-individwu, tagħrif li hu meqjus mhux biss personali imma wkoll sensittiv. Sal-aħħar ta' Ġunju 2020, 51,521 persuna individwali kien aċċessaw il-portal tal-myHealth permezz tal-e-ID u għamlu użu minnu. Sal-istess żmien, 510 tobba kien aċċettaw li jkunu llinkjati ma' pazjenti permezz tal-myHealth. It-total ta' pazjenti llinkjati ma' tobba kien ta' 95,041. Il-Ministeru għas-Saħħa huwa impenjat biex is-siti elettroniċi tiegħu jkunu aċċessibbli, hekk kif stipulat fir-Regolamenti dwar l-Aċċessibbiltà tas-Siti Elettroniċi u tal-Applikazzjonijiet Mobbli tal-Korpi tas-Settur Pubbliku (Avviż Legali 89 tal-2019, datat 7 ta' Mejju 2019).

Għal din ir-raġuni, fl-2019 il-Ministeru nieda proġett mal-MITA (Malta IT Agency) biex jiġi żgurat li s-sit elettroniku tal-myHealth jilħaq jew jissupera l-livelli stabiliti fil-liġi. Bħala parti minn dal-proġett, saret evalwazzjoni mill-FITA (Foundation for Information Technology Accessibility) għall-konformità mal-leġiżlazzjoni. Abbażi tar-rapport li ġie ppreparat mill-FITA, sar tibdil tekniku fis-sit tal-myHealth li wassal għal titjib fl-aċċessibbiltà tas-sit għal persuni b'kapaċitajiet differenti.

“

Biex wieħed juża l-myHealth, kulma jrid jagħmel hu li jmur fuq **www.myhealth.gov.mt** u jdaħħal in-numru tal-karta tal-identità (jew tal-permess ta’ residenza) u l-password tal-e-ID (identità elettronika).






## GĦALL-PAZJENTI MORDA BIL-KANĊER

Navigazzjoni tal-pazjenti b'kura tal-kanċer tal-uroloġija: qabel l-2019, il-pazjenti morda bil-kanċer tal-uroloġija kienu jistennew minn tlieta sa erba' ġimgħat biex jingħataw appuntament mal-onkoloġista. Dan il-proġett se jgħin sabiex il-proċess isir aktar kordinat u titnaqqas il-burokrazija żejda li jista' jiffaċċja l-pazjent u b'hekk jingħata kura qabel. Ser jiżdied l-aċċess għall-kura, jiġu kordinati aktar l-istadji tul it-traġitt u jkun hemm aktar kontinwità ta' kura. Din il-miżura ser tnaqqas ukoll il-ħin ta' stennija għall-pazjenti li jiġu dijanjostikati b'kanċer tal-uroloġija u żżid l-aċċess għall-informazzjoni.

Id-Direttorat tal-Cancer Care Pathways ħadem u għadu qed jiżviluppa żewġ proġetti kbar biex inaqqas iż-żmien tal-istennija għal pazjenti li jirċievu l-kura tal-kanċer.

- L-ewwel hu l-Fast-Track Coordination li permezz tiegħu l-pazjenti b'suspett ta' kanċer jiġu riferiti permezz ta' e-form mill-GP tagħhom. Il-Kordinatur tal-Fast-Track jara li l-pazjent jingħata appuntament malajr għall-ewwel konsultazzjoni mal-Konsulent. B'hekk jitnaqqas il-ħin tal-istennija għall-appuntament mal-Outpatients. Dan is-servizz jassigura wkoll l-ekwità għaliex pazjenti li ma jifilħux iħallsu biex jaraw konsulent privat għandhom aċċess fil-ħin għall-kura. Dan jimxi wkoll mal-linja tas-Sustainable Goals tal-gvern.

- L-introduzzjoni tas-servizz tan-Nurse Navigator wasslet biex mill-punt li jiġi kkonfermat illi l-pazjent għandu dijanjosi ta' kanċer, il-pazjent ikollu punt ta' referenza kontinwa u persuna professjonali biex tkun ta' gwida matul il-vjaġġ u li qiegħda tikkordina l-kura b'mod ħolistiku kemm mal-pazjent, mal-familja kif ukoll mat-tim multidixxiplinarju. Dan is-servizz ikompli matul il-vjaġġ kollu tal-kura tal-kanċer sakem il-pazjent ikun rikoverat u jiġi rilaxxat mill-kura jew javvanza għal sitwazzjoni terminali. Dan il-kordinament sħiħ tal-kura f'kull stadju jassigura li l-kura tingħata fil-ħin kemm jista' jkun u b'involviment tal-pazjent fid-deċiżjonijiet. Il-proċess tan-Navigazzjoni hu kumpless ħafna u għalhekk, fil-bidu tal-introduzzjoni ta' kull servizz ġdid tan-Navigazzjoni għal tipi differenti ta' kanċer, id-Direttorat tal-Cancer Care Pathways jagħmel mapping tas-servizz u joħloq Care Pathway għal dak il-kanċer speċifiku mat-tim multidixxiplinarju. Dan jinkludi wkoll riċerka li ssir mal-pazjenti li kellhom dan it-tip ta' kanċer qabel biex ikunu magħrufa l-bżonnijiet tagħhom u d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. Fl-aħħar jinħoloq il-Care Pathway li jkun jinkludi anke l-ħinijiet ideali ta' stennija minn punt tal-kura għal ieħor. In-Nurse Navigator j/tuża dan il-Pathway bħala linja ġwida, għalkemm dejjem tinżamm l-importanza tal-flessibilità skont il-bżonnijiet individwali tal-pazjent.

## Il-ħin ta' stennija issa tnaqqas b'mod sostanzjali kemm minħabba l-introduzzjoni tal-Fast-Track u l-introduzzjoni tan-Navigazzjoni kif ukoll minħabba l-monitoraġġ tal-ħinijiet ta' stennija mid-Direttorat tal-Cancer Care Pathways. Bl-introduzzjoni tas-servizzi tal-Fast-Track u tan-Navigazzjoni, il-pazjenti għandhom serħan il-moħħ u sapport permezz ta':

- Kordinatur tal-Fast Track li jara li l-pazjent jingħata appuntament għall-ewwel konsultazzjoni bla telf ta' ħin.

- Navigatur li jara li l-pazjent jingħatalu appuntament għat-testijiet li jista' jkollu bżonn f'ħin l-iqsar possibbli u b'hekk iqassar l-istennija. Dan ġieli jagħmlu billi jmur personalment fid-Dipartment u jirranġa għal appuntament b'data aktar viċin milli normalment kien jingħata. In-Navigatur jara wkoll li l-appuntamenti għal follow-up mal-konsulent isiru malajr kemm jista' jkun wara li jkunu ħarġu r-riżultati ta' diversi testijiet (dmija, radjoloġija, biopsy, eċċ.). B'hekk ikompli jitnaqqas il-ħin tal-istennija.

- In-Navigatur t/jikkordina l-kura sħiħa tal-pazjent billi t/jattendi għal-laqgħat multidixxiplinarji u t/jkun ċar dwar il-pjan tal-pazjent.

- Biex is-sistema ta' kura ssir aktar effiċjenti, id-Direttorat tal-Cancer Care Pathways ħadem mad-Dipartiment tal-Patoloġija u l-konsulenti tal-Onkoloġija biex in-navigaturi jkunu jistgħu jordnaw xi testijiet tad-demm huma stess biex tiżdied l-effiċjenza u l-użu aħjar tal-ħin tat-tobba.

- Databases li d-Direttorat tal Cancer Care Pathways ħoloq biex jagħmlu tracking tal-ħinijiet tal-istennija tal-kura tal-kanċer juru li l-għanijiet biex is-servizz tal-kura tal-kanċer jingħata f'ħin mixtieq qiegħed jintlaħaq dejjem aktar u issa beda jikkompara b'mod favorevoli mal-ħinijiet ideali internazzjonali.

## Barra minn dan ix-xogħol prattiku biex inaqqas il-ħin tal-istennija, in-Navigatur itejjeb il-kwalità tal-esperjenza tas-servizz kurattiv billi:

- Il-pazjenti jistgħu jirreferu għand persuna waħda biss għal kull mistoqsija jew problema li jkollhom. Dan is-servizz tan-Navigatur bħala kordinatur tal-kura jinkludi servizz ta' pager biex jikkuntattjaw lin-Navigatur.

- Jispjega kull informazzjoni mogħtija mill-konsulent b'mod li jkun miftiehem mill-pazjent u l-familja. Dan billi n-Navigatur jattendi għall-ewwel Konsultazzjoni u jisma' dak kollu li l-Konsulent ikun qal lill-pazjent. Joffri wkoll sapport u solliev f'dan il-mument tant kritiku meta l-pazjent isir jaf bid-dijanjosi tal-kanċer.

- In-Navigatur jagħmel valutazzjoni tal-bżonnijiet individwali ta' kull pazjent sabiex jgħin kemm lill-pazjent u l-familja biex isolvu xi problemi li jiġu identifikati b'mod ħolistiku.

- Jipprovdi informazzjoni lill-pazjenti dwar il-kanċer innifsu, it-tipi ta' kura li jistgħu jingħataw u kumplikazzjonijiet tal-kura, u jwieġeb il-mistoqsijiet li jsiru mill-pazjent jew mill-familjari.

- Jgħin lill-pazjenti biex jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kura.

- Inaqqas l-ostakli prattiċi li l-pazjent jista' jiltaqa' magħhom.

- Joffri sapport prattiku, psikoloġiku, soċjali u spiritwali skont il-bżonnijiet individwali tal-pazjent u tal-familja. Dan isir ukoll permezz tas-servizz tal-pager.

- Fejn hemm bżonn, in-Navigatur jirrikorri jew jirreferi l-pazjent għand professjonisti oħra biex joffri servizzi ta' sapport. Dawn jistgħu jinkludu l-konsulent, psikjatra, fiżjoterapista, terapista okkupazzjonali jew professjonist tan-nutrizzjoni.

- Kull interazzjoni u azzjoni meħuda mal-pazjent tiġi dokumentata.

Fil-preżent hemm **478 pazjent bil-kanċer tal-prostata li qed jibbenefikaw minn dan is-servizz tan-Navigazzjoni** għall-kura tal-kanċer tal-uroloġija. It-total ta' pazjenti li qegħdin jagħmlu użu mis-servizz tan-navigazzjoni għall-kura ta' kanċer ieħor huwa ta' madwar 1000 pazjent.




## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Ir-rwol li jwettaq dan il-Ministeru hu li jara li l-oġġettivi tal-politika barranija ta' Malta fi kwistjonijiet relatati mal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk bilaterali, reġjonali u globali, jiġu mwettqa. Il-Ministeru jikkordina wkoll in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali.

Permezz tal-Ambaxxati, imbagħad, l-istat Malti qed jiġi rappreżentat f'fora bilaterali u multilaterali. Id-djalogu, kemm bejn stat u ieħor u mhux l-inqas fl-ambjenti multilaterali bħan-Nazzjonijiet Uniti, hu kruċjali.

## DJALOGU 5 + 5

Id-Djalogu 5+5 – Forum għall-Pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran: Malta ospitat il-Ħmistax-il Laqgħa Ministerjali tad-Djalogu tal-Punent tal-Mediterran, magħruf bħala 'Id-Djalogu 5+5', bejn is-17 u t-18 ta' Jannar, 2019. Din il-laqgħa kienet preseduta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ, il-Ministru Carmelo Abela, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, Abdelkader Messahel. Il-Ministri adottaw Dikjarazzjoni bl-isem 'Naħdmu Flimkien: Futur Sostenibbli għall-Mediterran tal-Punent'. L-immigrazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni kienu wkoll fost is-suġġetti tad-diskussjoni.

> Malta ospitat il-ħmistax-il Laqgħa Ministerjali tad-Djalogu tal-Punent tal-Mediterran magħrufa bħala 'Id-Djalogu 5+5' bejn is-17 u t-18 ta' Jannar 2019.

Din il-laqgħa kienet preseduta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ, l-Onor. Carmelo Abela, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, l-E.T. Abdelkader Messahel.

Fi tmien din il-laqgħa, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-għaxar pajjiżi membri - l-Alġerija, Franza, l-Italja, il-Libja, Malta, il-Mawritanja, il-Marokk, il-Portugall, Spanja u t-Tuneżija - adottaw id-dikjarazzjoni "Naħdmu Flimkien: Futur Sostenibbli għall-Mediterran tal-Punent" bi tliet temi ġenerali - l-iżvilupp sostenibbli, iż-żgħażagħ, il-migrazzjoni u l-mobilità. Huma skambjaw fehmiet dwar l-isfidi li qed jiffaċċja r-reġjun tal-Mediterran u ddiskutew kwistjonijiet reġjonali importanti ta' tħassib reċiproku bħas-sitwazzjoni fil-Libja, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u s-Saħel. Il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni kienu wkoll fost is-suġġetti ta' diskussjoni. L-importanza taż-żgħażagħ ġiet enfasizzata billi huma jibqgħu fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u huma assi u soluzzjoni għall-isfidi tal-iżvilupp fir-reġjun. Għal dan l-għan, għall-ewwel darba saret laqgħa, b'koperazzjoni mal-Fondazzjoni Anna Lindh, bejn il-Ministri u numru ta' mexxejja żgħażagħ li kienu qed jipparteċipaw fis-Seminar tal-Young Mediterranean Voices, li kien qed isir ukoll f'Malta.

Waqt din il-laqgħa, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Franċiż Jean-Yves Le Drian nieda s-Sommet des Deux Rives li eventwalment sar f'Marsilja f'Ġunju tal-2019. L-iskop prinċipali ta' din l-inizjattiva Franċiża huwa li tiġġenera momentum ġdid fil-Mediterran tal-Punent permezz ta' aġenda inklużiva u miftuħa li tagħti rwol importanti lis-soċjetà ċivili tar-reġjun.

Is-Sittax-il Laqgħa Ministerjali tad-Djalogu tal-Punent tal-Mediterran mistennija ssir f'Tuneż aktar tard din is-sena taħt il-Presidenza konġunta Maltija-Tuneżina.



## Matul is-sena 2019, id-Direttorat ħadem bis-sħiħ sabiex tibqa' għaddejja l-ħidma għat-twaqqif ta' Taqsima Permanenti ta' Kriżi sabiex għall-ewwel darba l-Ministeru jkollu struttura permanenti mgħammra b'nies professjonali li filwaqt li jsegwu dak li jkun għaddej barra minn Malta, jagħtu l-għajnuna meħtieġa f'każ li din tkun mitluba lilhom.

Il-ħsieb hu li t-taqsima taqdi l-ħtiġiet tagħna bħala pajjiż u li tkun proattiva sew fil-preparamenti għal dak li jista' jinqala' permezz ta' taħriġ kontinwu fost l-oħrajn, kif ukoll fil-mod realizzattiv li bih jiġu trattati kriżijiet partikolari.

Fl-ewwel sena ta' ħidma d-Direttorat responsabbli minn dan il-proġett stabbilixxa x'kien isir fil-passat meta l-Ministeru kien ikollu jwieġeb għas-sejħa għal għajnuna minħabba kriżijiet meqjusa serji. Fil-fatt mill-operat li tħaddem fi kriżijiet li seħħew bħal fil-każ tal-gwerra fil-Libja tal-2011 u l-2014 rispettivament, ħareġ ċar li filwaqt li l-Ministeru qeda dmirijietu b'operat ad hoc, il-ħtieġa li jkun hemm struttura permanenti dejjem kienet tinħass. Raġunijiet għaliex din ma ġietx implimentata qabel kienu varji, bl-aktar li spikkaw ikunu minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, kif ukoll nuqqas ta' taħriġ professjonali li jwitti t-triq għal ġenerazzjoni ta' uffiċjali li jħarsu lejn dan iċ-Ċentru bħala għodda li taħdem, u lok fejn jistgħu jagħmlu karriera. F'dan is-sens, id-Direttorat ġabar numru ta' prattiki użati barra minn Malta bil-għan li jara x'jista' jitgħallem minnhom filwaqt li żamm dejjem quddiemu l-ħtiġiet partikolari tagħna li mhux neċessarjament huma l-istess bħal dawk ta' pajjiżi oħra. Il-mudell li ġie analizzat kien dak ta' pajjiżi Ewropej fosthom l-Italja, il-Belġju u l-Olanda kif ukoll dak taċ-Ċentru ta' Kriżi tal-EEAS.

Wara dan l-istudju, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej waqqaf ċentru permanenti (Situation Centre) minn fejn ikun jista' jassisti persuni Maltin li jsibu ruħhom f'diffikultà waqt li jkunu msefrin. Illum il-ġurnata, dan is-servizz jingħata waqt ċirkostanzi kkunsidrati bħala straordinarji, li jinkludu fost l-oħrajn kriżijiet ikkawżati minn kalamitajiet naturali, gwerer, atti ta' terroriżmu u kull kriżi oħra li tkun tirrikjedi mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani u informattivi li permezz tagħhom il-Ministeru jkun jista' jiffaċilita l-għajnuna f'sitwazzjoni ta' dan it-tip.

Fl-10 ta' Marzu 2020, għall-ewwel darba ċ-Ċentru ġie attivat biex jirrispondi għall-kriżi tal-pandemija COVID-19 skont il-provvedimenti tal-Avviż Legali nru 92/2020 kif ġie ppubblikat aktar tard fil-21 ta' Marzu 2020. Din kienet l-ewwel darba li ġie attivat dan iċ-Ċentru bl-istruttura kif inhi bħalissa. Madanakollu, kien qed isegwi bosta kriżijiet oħra fejn kien hemm il-potenzjal li jiġi attivat bħal fil-każ tan-nirien fl-Awstralja, it-tensjonijiet f'Iżrael lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet, il-kriżi fl-Iran f'Ottubru tal-2019 u l-gwerra ċivili fil-Libja.




## MINISTERU GĦALL-FINANZI U S-SERVIZZI FINANZJARJI

L-għanijiet prinċipali ta' dan il-Ministeru huma li jippromovi l-introduzzjoni ta' policies u programmi li jsostnu l-qagħda finanzjarja u fiskali b'saħħitha ta' Malta, u li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ta' inizjattivi għal dawn l-iskopijiet. Il-miżuri ta' dan il-Ministeru huma ffukati biex iżidu l-effiċjenza tas-sistemi ta' tassazzjoni u dik tal-kuntratti.

### ŻVILUPPI FUQ SISTEMI TAT-TASSAZZJONI

Matul is-sena 2019, ġiet żviluppata sistema awtomatika u moderna ta' infurzar biex is-Sezzjoni tal-Ġbir tkun tista' tiġbor arretrati ta' Taxxa, VAT u FSS b'mod aktar effiċjenti. Ġew żviluppati rapporti ġodda għat-Taqsima tat-Tax Compliance Unit. L-iskop primarju ta' dan kien li tingħalaq pjattaforma elettronika antika li kienet suġġetta għal riskju u fl-istess ħin jiġu fformolati rapporti moderni li jirriflettu eżiġenzi ġodda.

Minn din is-sena, il-Kummissarju għat-Taxxi nieda wkoll inizjattiva fejn il-formoli tal-VAT għal dawk li jħaddmu iktar minn 9 persuni jridu jiġu sottomessi online fuq bażi mandatorja. Din l-istess miżura ġiet applikata wkoll għall-FS7s li jintbagħtu mingħand min iħaddem.

Ġiet ukoll żviluppata sistema ġdida online fejn persuna tista' tara s-sitwazzjoni tagħha fejn tidħol Taxxa, VAT u FSS. Bl-istess sistema, iċ-ċittadin jista' wkoll jagħmel ftehim biex iħallas bilanċi pendenti permezz ta' pagamenti fix-xahar kif ukoll iniżżel ċertifikat li juri s-sitwazzjoni attwali.
Fl-istess sena ġiet imnedija sistema għall-accountants u awdituri. Din is-sistema tippermetti li awtorizzazzjoni ssir direttament online u l-aċċessi jingħataw b'mod immedjat u awtomatiku.

Fis-snin ta' qabel, dawn il-formoli kienu jinħadmu u jintbagħtu b'mod manwali. Il-ministeru nieda wkoll inizjattiva ġdida fejn l-impjegati tal-Gvern bdew jirċievu r-rendikonti tat-taxxa online u hekk naqqasna kwantità kbira ta' karta stampata.
Ġiet imnedija wkoll sistema ġdida għan-nutara fejn konvenju flimkien mal-pagament relatat issa jista' jsir kompletament online mingħajr il-bżonn li jiġu sottomessi dokumenti manwali.

Fl-2019 il-Kummissarju tat-Taxxi kompla jsaħħaħ is-servizzi tiegħu fuq il-MyTax Toolkit mobile app. B'dan it-tisħiħ fuq il-pjattaforma mobbli, iċ-ċittadin jista' jibda jara x'kontijiet għandu pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi, bil-possibilità li wieħed iħallashom minn fuq l-ismart phone.

## MATUL l-2019

| | |
|---|---|
| Kemm hemm nies li għamlu użu mis-servizzi online tal-formoli tal-VAT għal dawk li jħaddmu iktar minn 9 persuni kif ukoll mill-FS7s li jintbagħtu mingħand min iħaddem | 22,039 business bagħtu 81,330 formola tal-VAT permezz tas-servizz elettroniku<br><br>8,027 employer użaw is-servizz elettroniku biex jibagħtu l-FS7. Minn dawn l-employers 3,375 iħaddmu aktar minn 9 persuni |
| Kemm-il persuna ħallset bilanċi pendenti online u li setgħu jniżżlu ċ-ċertifikat li juri s-sitwazzjoni attwali | Matul l-2019 saru 41,592 pagament online li jammontaw għal €630,963,782. |
| Kemm-il accountant/awditur għamel użu mis-sistema li tippermetti li awtorizzazzjoni ssir direttament online u l-aċċessi jingħataw b'mod immedjat u awtomatiku | Matul l-2019 kien hemm 12,100 awtorizzazzjoni diretta u awtomatika għal aċċess minn tax practitioners |
| L- inizjattiva ġdida fejn l-impjegati tal-Gvern bdew jirċievu r-rendikonti tat-taxxa online u hekk naqqasna kwantità kbira ta' karta stampata – kemm hemm impjegati li jirċievu r-rendikont online | Matul l-2019 kien hemm 12,592 impjegat li rċevew ir-rendikont tat-taxxa online |
| Kemm intużat is-sistema għan-nutara fejn konvenju flimkien mal-pagament relatat issa jista' jsir kompletament online | Matul l-2019 saru 12,884 konvenju flimkien mal-pagament online |
| Kemm-il darba tniżżlet il-MyTax Toolkit mobile app | Matul l-2019 il-MyTax Toolkit tniżżlet minn 8,344 account (Android u IOS) |


.mt/epps/home.do
etenders.gov.mt
Efficient procurement through eCommerce
Homepage | About | FAQ | Help | Contact us | Terms of Use
11:10:16 CEST / 11:13:39 CEST
Search: Calls for Tenders
Search
Latest CfTs
Log in
Username:
Password:
*User type:
Please select...
Log in
Forgot your password?
Register as a Supplier
Information
Latest CfTs
Opened Tender Details
News
FAQ
Public procurement legislation
Electronic public procurement
Resources
Welcome to e-PPS
e-PPS is a web-based, collaborative system to facilitate the full lifecycle of a tendering process, for both buyers and suppliers. It offers a secure, interactive, dynamic environment for procurements of any nature, complexity or value (above or below EU thresholds), enforcing (where appropriate) and encouraging recognised best practices.
e-PPS supports the process of procuring works, services and supplies electronically. All public procurement procedures foreseen by the law are supported for both one-off or repetitive purchases through several dedicated sub-modules providing facilities for user registration, competition notification, tender preparation and submission, online tender evaluation, upholding of auctions, contract awarding, contract management, creation and management of catalogues, placement of electronic orders, and much more.
e-PPS can support the effort for achieving efficiency gains, while promotes core principles of the laws and regulations on public procurement such as transparency, security, availability, non-discrimination and equality of treatment.
First-visit guide
Register yourself and your organisation in the system
Obtain access to the user manuals
Browse through the Frequently Asked Questions
View the latest Calls for Tenders publications
Find a specific Call for Tenders by searching the CfT registry
Why register?
Configure your profile for receiving email notifications for newly published Calls for Tenders (CfTs) of interest
Obtain full and unrestricted access to documentation of published CfTs
Express interest for CfTs, thus receiving reminders and notifications for important CfT activities
Participate actively in CfTs. Submit your tenders, requests for clarification and take part in electronic auctions

## ŻVILUPPI FUQ SISTEMI TAL-KUNTRATTI

Kien hemm diversi żviluppi li saru matul is-sena li għaddiet fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fost dawn, bdiet titħaddem id-Diġitalizzazzjoni tal-Kuntratti, titjib kontinwu fl-ePPS (is-sistema tat-tenders pubbliċi), żvilupp fl-Internal Tenders Monitoring System (ITMS) kif ukoll il-ħolqien tal-Customer Care Knowledge Database.

Il-proċess tad-Diġitalizzazzjoni tal-Kuntratti wassal biex beda l-proċess fuq it-tisħiħ tal-pjattaforma diġitali tax-xiri tal-Gvern (l-ePPS). B'hekk sejjer jitnaqqas b'mod drastiku l-ammont kbir ta' karti li kienu jintużaw meta jiġi ffirmat kuntratt, kif ukoll ser jitnaqqas l-ispazju għall-filing u tiżdied l-aċċessibbiltà.

Wieħed mill-iżviluppi importanti li saru fl-ePPS kien l-introduzzjoni tal-European Single Procurement Document (ESPD).  Dan hu dokument mitlub mill-Unjoni Ewropea għal xiri li hu stmat li jaqbeż €144,000 (mingħajr VAT). Qabel, l-Operaturi Ekonomiċi (OE) kienu jissottomettuh mal-offerta tagħhom bħala file. Iżda issa din l-informazzjoni ġiet miżjuda fil-profil tal-OE u meta jiġu biex jimlew offerta, dawn id-dettalji jiġu miżjuda awtomatikament.

Matul l-2019 twettaq il-proġett kofinanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropea fejn ġie integrat fis-sistema elettronika għall-akkwisti pubbliċi d-dokument tal-Unjoni Ewropea, l-ESPD, kif ukoll il-konnessjoni ta' dan id-dokument mal-eCERTIS website tal-Unjoni Ewropea u l-integrazzjoni tas-sistema elettronika għall-akkwisti pubbliċi ma' numru ta' Reġistri Nazzjonali.

L-għan ta' dan il-proġett hu li jitħaffef il-piż amministrattiv minn fuq l-operaturi ekonomiċi u għalhekk dawn ikollhom iktar ħin sabiex jippreparaw l-offerta teknika u finanzjarja. B'rabta ma' dan il-proġett saret konferenza nazzjonali għal madwar 400 persuna, sew uffiċjali pubbliċi kif ukoll operaturi ekonomiċi, kif ukoll ingħataw tliet sessjonijiet ta' taħriġ lil 150 operatur ekonomiku u tlieta oħra lil 180 uffiċjal pubbliku.

## MINN KEMM QED TINTUŻA DIN IS-SISTEMA:

Il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern imsejħa 'electronic Public Procurement System – ePPS' tintuża kemm mill-Awtoritajiet Kuntrattwali kif ukoll mill-Operaturi Ekonomiċi. Din is-sistema għandha rreġistrati:

| | |
|---|---|
| Awtoritajiet Kuntrattwali | 286 |
| Operaturi Ekonomiċi | 8,499 |
| **TOTAL** | **8,785** |

## MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

### Ir-responsabbiltajiet tal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-ilma jinkludu l-iżvilupp ta' sorsi alternattivi ta' enerġija, il-Politika dwar l-Enerġija u l-Ilma, kif ukoll is-Servizzi tad-Dawl u l-Ilma.

Ir-rwol tat-teknoloġija fl-immodernizzar tal-operat tal-Ministeri japplika hawnhekk ukoll, hekk kif saret l-implimentazzjoni ta' sistema ta' reġistrazzjoni ta' files diġitali. Twettqu wkoll miżuri prattiċi għal aktar effiċjenza fosthom il-bini ta' substations ġodda li ser jgħin sabiex jintlaħaq switching iktar effiċjenti.

## SISTEMA TA' FILING DIĠITALI

It-tranżizzjoni għal sistema mingħajr karti naqqset il-proċessi li jagħmlu użu mill-karta b'mod sinjifikanti. Proċessi ta' filing u procurement issa jistgħu jsiru online, bil-proċedura kollha tkun irrekordjata fuq is-sistema tal-Aquadot. Dan jirriżulta fi tnaqqis ta' żmien ta' proċessar, kif ukoll produttività aħjar.

Benefiċċju ieħor tas-sistema ta' filing Aquadot hu li l-proċess ta' trasferiment ta' files issa naqas drastikament, iżjed u iżjed meta wieħed iqis li l-Ministeru jinsab f'żewġ binjiet differenti.

Is-sistema żiedet is-sigurtà tal-file management, żiedet il-produttività, u ffaċilitat it-teħid ta' files. Il-produttività u l-effiċjenza tal-utenti għalhekk żdiedet. Din is-sistema hija ħolqa f'katina ta' proġetti oħra importanti li l-Ministeru qed jaħdem fuqhom.



## L-Enemalta għaddejja fuq ħidma ta' awtomazzjoni ta' substation switchgear biex ittejjeb l-operat u performance tan-network. L-awtomazzjoni fis-substations se tgħin biex jintlaħaq switching iktar effiċjenti, kemm meta dawn ikunu qed jaħdmu u speċjalment meta jkun qed jerġa' jingħadda s-servizz wara ħsarat jew interruzzjoni ta' provvista.

Permezz tal-użu ta' devices SCADA-controlled installati fis-substations, operazzjonijiet ta' switching jistgħu jsiru remotely, u b'hekk jiġu mtejba kemm is-sigurtà kif ukoll il-ħeffa tal-iswitchgear. Fl-assenza ta' awtomazzjoni, is-substation partikolari kien jinneċessita li jżuru l-ħaddiema personalment, u bl-operat jieħu aktar fit-tul. Barra minn dan, l-awtomazzjoni ser tippermetti li tiġi miġbura informazzjoni b'mod remot mis-substation, bħal loadings u voltage parameters. Din l-informazzjoni f'ħin reali hija essenzjali għal studji fuq network u operations. L-għan hu li jkun hemm l-apparat kollu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet kollha tal-klijenti f'Malta u Għawdex ta' kuljum. L-upgrading kontinwu tas-sistema huwa neċessarju biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' enerġija, li qed jevolvu. Teknoloġiji bħal dawn iżidu fis-sigurtà u l-effiċjenzi tas-sistemi. Jgħinu wkoll sabiex inaqqsu l-impatti ambjentali negattivi, filwaqt li jinżammu livelli ta' telf tekniku, u mhux tekniku, baxxi.









## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

### L-oġġettiv tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol hu li jipprovdi ġenerazzjonijiet preżenti u futuri bil-ħiliet neċessarji sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitaijiet ta' impjieg li jippreżentaw ruħhom.

Bil-firxa ta' edukazzjoni u opportunitajiet ta' taħriġ li dan il-Ministeru jipprovdi, tingħata l-opportunità lil kulħadd li jiżviluppa ruħu professjonalment. Iż-żewġ miżuri magħżula juru biċ-ċar l-impenn lejn din id-direzzjoni.

## MY JOURNEY

Is-sena skolastika 2019-2020 rat l-ewwel grupp ta' studenti ta' My Journey fejn aktar minn 55% tal-istudenti tal-Year 9 fl-iskejjel tal-Istat għażlu li jistudjaw tal-anqas suġġett wieħed vokazzjonali jew applikat.

Issa sejrin nimxu fuq it-tielet fażi tal-pjan imsejjaħ "Il-Vjaġġ Tiegħi – Nasal minn Toroq Differenti", fażi fejn l-istudenti se jkollhom l-opportunità jagħżlu programmi ta' tagħlim aktar rilevanti għalihom u għall-ġejjieni tagħhom u ta' pajjiżna skont l-abbiltajiet tal-istudenti nfushom. Din ir-riforma hija msejsa mill-valuri tal-inklużjoni, ġustizzja soċjali, ekwità u diversità.

Fl-aħħar ftit snin, numru ta' suġġetti vokazzjonali ġew introdotti u r-riżultati tat-tagħlim żviluppaw biex jiġu offruti fil-livelli 1-3 fuq il-Qafas tal-Kwalifiki Maltin (MQF). Wara evalwazzjoni bir-reqqa tas-sistema edukattiva Maltija u l-ewwel strateġija edukattiva fl-2014, fl-2016 il-Ministeru nieda riforma fl-iskola sekondarja mmarkata bħala My Journey: Achieve Through Different Paths.

Is-sistema l-ġdida tibni fuq dik kurrenti imma timxi ambizzjożament 'il quddiem fid-demokratizzazzjoni tal-edukazzjoni akkademika, vokazzjonali u applikata għall-istudenti kollha pprovduti fl-istess skola u fl-iskejjel sekondarji kollha f'qafas ta' parità ta' stima. F'dan ir-rigward, l-għan wara l-introduzzjoni tal-qafas għall-kisbiet ta' ħiliet, minflok sillabi preskrittivi, huwa li tippromovi l-inklużjoni u tirrispondi għad-diversità.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol iffoka wkoll fuq l-infrastruttura meħtieġa biex timplimenta s-sistema fl-iskejjel lokali sabiex l-istudenti jkollhom ambjent xieraq biex jipprattikaw.

Fl-iżgurar ta' provvista kostanti ta' edukaturi u biex tkun garantita r-rieda tal-għalliema biex jgħallmu s-suġġetti vokazzjonali ġodda u applikati, il-MEDE investa f'taħriġ xieraq għall-għalliema.

Benefiċjarji: Is-sena skolastika 2019-2020 rat l-ewwel grupp ta' studenti ta' My Journey fejn aktar minn 55% tal-istudenti tal-Year 9 fl-iskejjel tal-Istat għażlu li jistudjaw tal-anqas suġġett wieħed vokazzjonali jew applikat.

Inċentivi u Azzjonijiet futuri: F'konformità mal-viżjoni tal-Ministeru, id-dipartimenti u s-sezzjonijiet kollha jkomplu jiżviluppaw u jimplimentaw il-pilastri deskritti fl-erba' għanijiet strateġiċi magħżulin fil-Qafas għall-Istrateġija tal-Edukazzjoni għal Malta 2014-2024 (2014).

## L-EDUKAZZJONI ID F'ID MAL-INDUSTRIJA

Se ssir reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-korsijiet offruti mill-Università ta' Malta, l-MCAST u Istituti Edukattivi oħra liċenzjati. B'din ir-reviżjoni tal-korsijiet, se tinċentiva aktar studenti jagħżlu korsijiet li l-industrija għandha bżonn.

Il-Bord għall-Għotja għall-Manutenzjoni tal-Istudenti organizza laqgħat mar-rappreżentanti mill-industrija u mis-settur edukattiv sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet tal-industrija u jiġu mmodifikati l-korsijiet biex jaqdu proprju dawn. L-għan finali kien biex iseħħu l-modifiki neċessarji fil-korsijiet bl-għan li l-korsijiet ikunu iktar allinjati mal-industrija.

Din il-miżura tiżgura ż-żieda tal-opportunitajiet tul il-ħajja għall-istudenti, speċjalment ta' dawk li ġejjin minn sfondi soċjoekonomiċi diffiċli. B'dan il-mod jiżdiedu l-possibbiltajiet taż-żgħażagħ biex jevitaw impjiegi instabbli u jaspiraw għal opportunitajiet ta' impjieg aħjar.



## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U GVERN LOKALI

Il-patrimonju kulturali tal-pajjiż, fid-diversità u r-rikkezzi kollha li jista' jiftaħar bihom, jifforma l-qofol tal-portafoll ta' dan il-Ministeru, li jvarja mill-wirt arkitettoniku li ħallew ħakkiema tal-passat sal-wirt lingwistiku u l-Orkestra Filarmonika ta' Malta.

Il-miżuri ta' dan il-Ministeru huma intenzjonati li jorqmu l-patrimonju tal-gżejjer Maltin, mhux l-inqas dak arkitettoniku. Huwa impossibbli li jitniżżlu fid-dettall l-inverventi siewja kollha li saru fuq il-bini kollu msemmi, ħlief li tingħata stampa tal-firxa ta' din il-ħidma.

### BI SĦAB MAL-KUNSILLI

Permezz tal-iskema ta' proġetti ta' restawr bi sħab mal-Kunsilli Lokali, matul l-2019 sar xogħol ta' restawr fuq il-proġetti li ntgħażlu taħt l-iskema 2017. Dawn il-proġetti, li twettqu mill-ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr, huma l-Kappella tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann fis-Siġġiewi, il-Kappella ta' San Ġwann f'Ħal Għargħur, is-Sala Parrokkjali f'Ħal Safi, il-Ħajt tal-Matla fl-Imqabba, u l-istatwa tal-Karmnu f'Raħal Ġdid.

Lejn l-aħħar tas-sena nbeda wkoll restawr fuq il-proġetti magħżula taħt is-sejħa tal-2018, jiġifieri n-Niċċa tas-Salvatur f'Marsaxlokk, il-Kappella ta' San Ġużepp fil-Manikata (Il-Mellieħa), il-Kappella ta' Santu Kristu f'Ħal Għaxaq, u l-Kappella ta' San Ġużepp f'Santa Venera.

Ta' min isemmi xogħol ieħor li qed jiġi mwettaq minn ħaddiema tad-Direttorat, fosthom fuq il-Victoria Lines fiż-żona ta' Ħal Għargħur, is-Santwarju tal-Ħniena fil-Qrendi, u l-bitħa ċentrali ta' Kastilja.

### RESTAWR

Fl-2019, id-Direttorat tar-Restawr wettaq diversi proġetti ta' restawr u riabilitazzjoni fuq bini u swar ta' importanza storika, fosthom ir-restawr tal-faċċati esterni tal-Università l-Qadima fil-Belt, ir-riabilitazzjoni tal-Palazz tal-Ammirall fil-Belt, u t-tieni fażi tal-Parroċċa taż-Żejtun.

Bħala swar, saru diversi proġetti fuq swar fil-Furjana, u nbeda wkoll xogħol ta' restawr f'żoni l-iktar perikolużi f'Forti Rikażli. Ġew ukoll imħejjija l-ewwel sejħiet għall-offerti għall-ewwel fażi ta' restawr fuq il-Kottonera Lines, bi prijorità tingħata lill-Bastjun ta' San Ġwann.




## IL-MINISTERU FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

### Il-miżuri ta' dan il-Ministeru fi ħdan l-UPM huma versatili fil-kuntest lokali, u dak usa' internazzjonali, li għalihom huma mmirati.

L-ewwel miżura fil-fatt għandha fiċ-ċentru tagħha l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema f'Malta permezz tal-ħidma tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER). Fil-fatt, il-kundizzjonijiet tal-impjieg, relazzjonijiet industrijali u relazzjonijiet internazzjonali jiffurmaw it-tliet pilastri tal-ħidma tad-Dipartiment.

It-tieni miżura, imbagħad, hija maħsuba sabiex tallinja l-miżuri tal-Baġit għall-2020 mal-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda. L-SDGs huma l-mappa biex jintlaħaq futur aħjar u iktar sostenibbli għal kulħadd, u huma mmirati biex jindirizzaw kwistjonijiet globali, inklużi dawk ta' klima, ambjentali, faqar, paċi, u ġustizzja.

## ĦIDMET ID-DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG

Id-DIER matul l-aħħar sena investa fit-tisħiħ kemm ta' proċeduri interni u riżorsi umani  sabiex ikun ippreparat biex jilqa' l-isfidi bħalma kienet din l-imxija. Xi miżuri li d-Dipartiment ħa tul dan il-perjodu huma:

- Investa aktar ħin f'inizjattivi ta' għarfien dwar il-liġijiet tax-xogħol u l-operat tad-dipartiment.
- Adatta l-operat sabiex kemm il-proċeduri interni kif ukoll is-servizzi li jingħataw lill-pubbliku jkunu iktar ibbażati fuq mudell online.
- Adotta approċċ iktar pragmatiku waqt il-kriżi kkawżata mill-pandemija sabiex jiġu indirizzati talbiet fuq skala kbira. Eżempju ta' dan huwa l-ħruġ ta' aktar minn 900 permess għal tibdil fil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, fl-eqqel tal-kriżi, sabiex jiġu evitati sensji. F'ċirkostanzi normali d-DIER kien jirċievi massimu ta' żewġ talbiet ta' dan it-tip f'sena kalendarja.
- Iddedika iktar ħin għal laqgħat ta' konċiljazzjoni bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, anki permezz ta' pjattaformi bħal Microsoft Teams u Zoom.
- Fetaħ żewġ linji ġodda tat-telefown, wieħed li jindirizza l-mistoqsijiet tal-ħaddiema u l-ieħor għal min iħaddem (1575, 1576).
- Għamel użu mill-iskema tal-IPS għall-istudenti li jixtiequ jaħdmu mas-Servizz Pubbliku, u b'hekk qed jiġu mrawma studenti li potenzjalment jistgħu jkunu impjegati futuri tad-DIER, filwaqt li kabbar u saħħaħ, fl-immedjat, il-workforce tiegħu. Uħud minn dawn l-istudenti, li kienu ilhom mad-Dipartiment għal aktar minn sena, taw sehem siewi tul dan il-perjodu.
- Investa aktar fit-taħriġ tal-impjegati.

## LEJN IS-SOSTENIBBILTÀ: ALLINJAMENT TA' MIŻURI

**Allinjament tal-miżuri tal-Baġit, miżuri addizzjonali, miżuri ta' simplifikazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) mal-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs)**

Għall-ewwel darba fl-2019, l-amministrazzjoni ċentrali tal-Gvern iddeċidiet li tallinja l-miżuri tal-Baġit għall-2020 mal-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda u l-indikaturi għalihom. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura li l-ħidma u l-miżuri li jittieħdu mill-Gvern ipoġġu lil pajjiżna f'pożizzjoni tajba biex jilħaq dawn l-istess miri. L-eżerċizzju ta' allinjament sar b'kordinazzjoni sħiħa bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ministeri kollha. Din l-inizjattiva kienet estiża għall-miżuri addizzjonali, miżuri ta' simplifikazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fejn l-istess proċess ta' allinjament li ntuża għall-miżuri tal-Baġit kien applikat f'dan il-każ b'kordinament mad-Diviżjoni tal-Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.



## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Il-prijorità ta' dan il-Ministeru hi li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin sabiex pajjiżna jkun jista' jibbenefika minn żvilupp sostenibbli, rivoluzzjoni fl-infrastruttura, proġetti innovattivi u trasport effiċjenti, fost strateġiji oħrajn.

Hawnhekk nistgħu naqraw aktar dwar ir-rivoluzzjoni infrastrutturali, riġenerazzjoni u dwar pass prattiku ta' kif tipprovdi faċilitajiet addizzjonali ta' rikreazzjoni u sport lil-lokalità, sabiex tixpruna l-eżerċizzju u spazji miftuħa.

Il-proġett tal-Kappara, magħruf aħjar bħala l-Kappara Junction, ra **investiment ta' 'l fuq minn €35 miljun.** Dan il-proġett mhux biss ra li titnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku iżda wkoll li jkun hemm aktar aċċessibilità, sigurtà kif ukoll li l-konnettività tal-madwar tkun waħda sostenibbli.

## IL-JUNCTIONS TAL-KAPPARA U L-MARSA

Dan il-proġett ikkonsista minn żewġ flyovers li jgħaqqdu t-Tramuntana man-Nofsinhar ta' Malta, toroq oħrajn li jgħaddu minn taħt il-flyovers, roundabout ġdida, toroq aktar wiesgħa u karreġġjati għar-roti fost oħrajn.

Hekk kif kienu għaddejjin ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett li ġie konkluż, bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-junction tal-Marsa. Fost oħrajn, dan il-proġett se jinkludi 7 flyovers, 12-il kilometru f'karreġġjati ġodda, 3.1 kilometru ta' karreġġjati pedonali u għar-roti, 3 pontijiet pedonali, 0.6 kilometru ta' karreġġjati għal tal-linja u 380 spazju għall-park and ride. Barra minn hekk, dan il-proġett se jkun qed jelimina t-traffic lights, se jsiru 250 dawl fit-toroq, kif ukoll 15-il kilometru ta' pajpijiet u cables għaddejjin minn taħt it-toroq.

Dawn il-proġetti infrastrutturali mhux biss se jkunu qed inaqqsu mill-emissjonijiet iżda se jkunu qegħdin jiffaċilitaw modi ta' trasport ulterjuri apparti dak ta' karozza.



## XOGĦLIJIET FIL-PARK NAZZJONALI F'MARSASKALA

**Bini ta' grawnd tal-futbol u faċilitajiet anċillari fil-Park Nazzjonali tal-Familja Sant'Antnin f'Marsaskala**

Il-bini ta' dan il-kumpless inbeda fl-2018 u prinċipalment jinkludi grawnd tal-fubol ta' 90 metru tul u 45 metru wisa'. Dan il-grawnd ġie mgħammar bil-faċilitajiet kollha meħtieġa li wieħed jistenna f'kumpless bħal dan.

Ix-xogħlijiet kienu jinkludu l-bini ta' substation tal-elettriku u l-bini ta' dressing rooms mgħammrin bil-faċilitajiet kollha. Sar ukoll it-tqegħid tat-turf artifiċjali, l-installazzjoni tal-lasti u l-bank tas-sostituti kif ukoll il-bini ta' sistema ta' french drains madwar il-pitch. Ġew installati wkoll floodlights u CCTV cameras.



## MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

### B'RISQ IL-PENSJONANTI

Bis-saħħa tal-Baġit għas-sena 2019, ġew implimentati diversi miżuri ġodda. Minbarra ż-żidiet lil aktar minn 92,000 pensjonant, miżura li kellha impatt pożittiv kienet dik immirata għal pensjonanti li minbarra l-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali jirċievu wkoll pensjoni tas-servizz, li meta jilħqu l-età ta' 72 sena ssir reviżjoni fil-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali u tiġi injorata 75% tas-somma kkomputata mill-pensjoni tas-servizz. Minn din il-miżura bbenefikaw madwar 4,600 pensjonant.

Madwar 4,400 pensjonant li kienu jaħdmu fis-Servizz Pubbliku bbenefikaw b'żidiet fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom bis-saħħa tat-twettiq ta' din il-miżura. Il-medja taż-żidiet kienet ta' €10 fil-ġimgħa u għal madwar nofs il-benefiċjarji ż-żieda kienet tlaħħaq €655 fis-sena.

It-titjib sar b'rizultat ta' reviżjoni tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom. Fis-snin qabel daħlet din ir-riforma, meta pensjonant tas-servizz jilħaq l-età ta' 72 sena għal fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali kien jigi injorat nofs l-ammont tal-pensjoni tas-servizz li kienet kkomputata meta rtiraw.

Bis-saħħa tal-miżura, minflok nofs is-somma bdiet tiġi injorata 75 fil-mija tal-ammont ikkomputat. Dan kien l-ewwel pass fit-twettiq ta' wegħda fil-manifest elettorali li s-somma li kienet komputata meta rtiraw tibda tiġi injorata sħiħa għal fini ta' pensjoni tas-sigurtà soċjali.

L-aktar li gawdew u li jistgħu jgawdu minn din il-miżura fis-snin li ġejjin huma pensjonanti li l-pensjoni tas-servizz tagħhom hija aktar baxxa minn ta' oħrajn.

Fl-ewwel sena ta' dan it-tibdil ibbenifikaw pensjonanti li twieldu qabel l-1946. Fosthom kien hemm romol u numru ta' pensjonanti li llum jgħoddu aktar minn mitt sena. L-eżerċizzju qed jissokta kull sena b'mod awtomatiku sabiex kull sena li pensjonant tas-servizz jagħlaq it-72 sena u jkun jikkwalifika jkollu l-pensjoni tiegħu riveduta.

Iż-żewġ miżuri magħżula jirriflettu bis-sħiħ l-impenn ta' dan il-Ministeru li tiġi żgurata kwalità ta' ħajja aħjar, b'mod partikolari għall-familji u t-tfal u anzjani permezz ta' kopertura estensiva ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll firxa ta' servizzi ta' ħarsien soċjali ta' kwalità. Benefiċċji soċjali adegwati u sostenibbli għall-familji u anzjani huma l-qalba taż-żewġ miżuri.



## CHILDREN'S ALLOWANCE

Impatt qawwi fuq il-familji kienet iż-żieda wara 11-il sena fir-rata taċ-Children's Allowances, bl-ogħla rata tiżdied sa 96 ewro fis-sena għal kull wild. Madwar 24,600 tifel u tifla minn 16,500 familja gawdew miż-żidiet.

Madwar 16,500 familja, b'24,600 tifel u tifla, gawdew minn din il-miżura li wkoll saret bi twettiq ta' wegħda oħra elettorali maħsuba għal familji bi dħul baxx jew medju.

Din il-wegħda saret realtà permezz ta' reviżjoni fil-mekkaniżmu li jikkalkula r-rati dovuti lill-familji skont id-dħul nett tagħhom. L-ogħla rata żdiedet b'96 ewro għal 1,252 ewro fis-sena għal kull wild taħt is-16-il sena. Din ir-rata tħallset lil tfal f'familji bi dħul baxx inkluż dawk li jaħdmu bil-Paga Minima Nazzjonali. Familji bi dħul ogħla mill-Paga Minima Nazzjonali iżda mhux ogħla minn dħul nett ta' €18,400 wkoll gawdew minn żidiet li jlaħħqu sa madwar 88 ewro fis-sena għal kull wild skont id-dħul tal-familja.

Din kienet l-ewwel darba fi 11-il sena li ngħatat żieda fiċ-Children's Allowance lil familji bi dħul baxx għal min għandu aktar minn wild wieħed u l-ewwel żieda fi 23 sena għal dawk b'wild wieħed biss. L-aħħar darba li familji b'aktar minn wild wieħed ħadu żieda fiċ-Children's Allowance kien fl-2008 waqt li dawk b'wild wieħed l-aħħar li ħadu żieda kien fl-1996. Iż-żidiet l-oħra li ngħataw bejn l-2008 u l-2013 kienu fir-rata minima li titħallas lill-familji li jaqbżu s-ceiling u għalhekk jieħdu r-rata minima.




**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA**

Il-miżuri ta' dan il-Ministeru jaħsbu għal sistemi elettroniċi aġġornati li għandhom l-għan kemm ta' preservazzjoni u kemm li jiġu pprovduti servizzi tal-qorti aċċessibbli online kemm għall-klijenti tal-qorti u anke għal professjonisti legali.

## SERVIZZI TAN-NUTAR TAL-GVERN ONLINE

Beda x-xogħol fuq is-sistema ta' servizzi online tan-Nutar tal-Gvern. Ġiet ippubblikata l-ewwel verżjoni tas-sit prinċipali (www.notarialacts.gov.mt ) ta' din is-sistema minn fejn wieħed jista' jixtri kopji diġitali tal-atti tan-nutara li ġew sottomessi għand in-Nutar tal-Gvern. Fl-istess ħin waslu wkoll numru ta' scanners li fuqhom beda għaddej ix-xogħol min-naħa tan-Nutar tal-Gvern biex jiġu skennjati iktar u iktar dokumenti ta' atti tan-Nutara u b'hekk ikun hemm għażla dejjem tiżdied ta' dokumenti online. L-għan prinċipali huwa l-preservazzjoni tad-dokumenti. Kull kuntratt li qed jiġi uploaded fis-sistema jfisser:

- Inqas nies li jiġu l-arkivju biex jaraw kuntratt
- Li ma jridx jinqala' l-volum u b'hekk ma ssirx ħsara irreparabbli speċjalment fuq kuntratti li jmorru lura għas-seklu 17
- Li l-klijent jinqeda aktar malajr u mill-kumdità ta' daru u/jew l-uffiċċju
- Ma jkunx hemm bżonn li l-kopji jiġu pprintjati u b'hekk inqas spejjeż u ħin

B'din is-sistema l-klijent jirċievi acknowledgement meta ssir ordni u meta l-kopja tkun uploaded online (illum sa żmien ħamest ijiem jew inqas, fejn qabel kienet iddum aktar), il-klijent jiġi notifikat u s-sistema stess tgħidlu kemm irid iħallas għal kull ordni. Is-sistema fiha wkoll sistema fejn klijenti li jordnaw kuntratti b'mod regolari jistgħu jittoppjaw flus fil-card mingħajr il-ħtieġa li jridu jdaħħlu kull darba d-dettalji tal-card tagħhom. L-ordnijiet ta' kull ġurnata (medja ta' 200 kuljum) jiddaħħlu fis-sistema online. Apparti minn hekk beda l-proċess li jiġu skennjati snin sħaħ ta' kuntratti. F'temp ta' 4 xhur ġew skennjati kważi l-volumi kollha tas-sena 2017 tan-Nutara kollha f'Malta. Hemm pjan li jiġu skennjati wkoll l-aktar volumi li jinqalgħu wara li sar studju fuq dan. Fis-snin li ġejjin is-sistema se jkollha ħafna kuntratti online. Din is-sistema ser tgħin ukoll billi dawk il-volumi kollha li jiġu skennjati jiġu ttrasferiti f'depożitarju ieħor barra l-Belt minħabba problema eżistenti ta' spazju.

Is-sistema fiha wkoll il-lista dejjem aġġornata tan-Nutara li huma eżerċenti. L-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern joffri sistema oħra online fir-rigward ta' terminazzjoni ta' mandati bejn persuni fiżiċi. Jiġifieri fejn qabel wieħed biex iħassar prokura ried jinnotifika permezz tal-Qorti lil kull nutar, bank kummerċjali u persuni oħra interessati bi spiża medja ta' 3000 ewro, illum wieħed faċilment jista jittermina prokura billi jimla formola bi ħlas ta' 50 ewro u din tiġi uploaded online.

B'hekk kull nutar jew bank jista' jivverifika online fi kwalunkwe ħin jekk prokura ġietx terminata mingħajr ma jinkorri spejjeż kbar u bl-aċċertazzjoni li kull nutar u bank ikollu aċċess fi kwalunkwe ħin mingħajr ebda notifikazzjoni.




## E-COURTS.GOV.MT – SERVIZZI ELETTRONIĊI

Il-portal **ecourts.gov.mt** kompla jiġi aġġornat biex iwassal iktar servizzi elettroniċi fil-qasam tal-Ġustizzja u jipprovdi servizzi tal-qorti aċċessibbli online kemm għall-klijenti tal-qorti u anke għall-professjonisti legali b'integrazzjoni aħjar mas-sistema tal-eID.

Tabella 1 u Tabella 2 jipprovdu t-tip u n-numru ta' utenti rreġistrati li għamlu użu mis-servizz u lloggjaw matul l-2019. L-ewwel fażi tal-proġett kofinanzjat minn fondi Ewropej, li jinkludi aġġornamenti, titlesta fl-2020 u tibda t-tieni fażi ffinanzjata minn fondi nazzjonali.

Permezz tal-eCourts, żdiedu wkoll il-faċilitajiet ta' sentenzi u kawżi ċivili online, informazzjoni dwar subbasti, kalendarju b'informazzjoni dwar użu tal-awli, reġistru ta' insolvenzi kif ukoll tlesta xogħol ta' integrazzjoni mas-sistema tax-xiri pubbliku dwar 'ċertifikati' mitluba mill-qrati sabiex dawn ikunu awtomatizzati.

## TIP TA' UTENTI FIS-SIT ECOURTS.GOV.MT

Tabella 1 - Grafika dawr il-kompożizzjoni tal-utenti li għamlu użu mill-eCourts matul l-2019




| LOGINS UNIĊI FIS-SISTEMA DWAR IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-UTENTI LI GĦAMLU UŻU MILL-ECOURTS MATUL L-2019 | TOTAL | PERSENTAĠĠ |
|---|---|---|
| Ċittadini | 1769 | **71%** |
| Professjonisti Legali | 708 | 19% |




Tabella 2 - Grafika dwar il-kompożizzjoni tal-utenti li għamlu użu mill-eCourts matul l-2019

B'konformità mal-viżjoni tal-Gvern li s-servizzi jkunu dejjem aċċessibbli 24x7, is-sena kollha, din il-miżura toffri l-faċilità lill-pubbliku sabiex mill-kumdità ta' daru jkun jista' jagħmel użu minn servizzi tal-Qrati ta' Malta. B'hekk din il-miżura qed tissimplifika u tiffaċilita servizzi tal-Qrati b'inqas dewmien u tagħti aċċess dirett lill-klijenti għal informazzjoni fuq kawżi relatati magħhom.

Servizzi oħra jinkludu ħlasijiet ta' multi u ħlasijiet tad-dritt tar-reġistru online, statistika dwar il-kawżi tal-Qrati u kif ukoll jintbagħtu notifiki b'sms dwar dati tal-kawżi u differimenti.

Din is-sistema hi aċċessibbli wkoll minn apparat elettroniku diversi bħal smartphones u tablets.


12:39
ENVIRONMENT, ENERGY, AGRICULTURE & FISHERIES
BiedjaCam
Clarifications through geotagged photos
APP
BiedjaInfo
Info about your agricultural holding
APP
Clean and Upkeep
Request cleaning and maintenance
APP
Enemalta PLC
Information on electricity services
WEB



## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# Dan il-Ministeru għandu r-rwol aħħari li jħares l-ambjent rurali tal-pajjiż fid-diversità kollha tiegħu.

Minn żvilupp rurali sa akkwakultura u ħarsien tal-annimali, ir-responsabbiltajiet tiegħu jvarjaw sew. Il-miżuri magħżula jirriflettu l-importanza tat-teknoloġija fis-Servizz Pubbliku permezz ta' mobile app apposta għall-bdiewa, u apprezzament tal-avvanz enormi li għamlet is-soċjetà f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħarsien tal-annimali.

## BIEDJACAM

L-għan tas-Servizz Pubbliku li jiffaċilita s-servizzi u li jkunu aċċessibbli fuq bażi 24/7 daħal fis-seħħ f'diversi oqsma fosthom il-biedja. BiedjaCam hija app li titniżżel fuq il-mowbajl u l-għan tagħha hu li tissimplifika l-proċess ta' fondi Ewropej għall-bdiewa. L-app tassisti sabiex tinġabar l-informazzjoni, tinkludi informazzjoni ġeografika minn stampi meħuda direttament permezz ta' satellita u hi inkorporata bil-funzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali. Din l-app innovattiva rebħet premju għall-aqwa użu tat-teknoloġija tat-trasformazzjoni tan-negozju.

## ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

Jitwaqqaf uffiċċju wieħed sabiex is-servizzi offruti mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Promozzjoni u s-Servizzi jingħataw minn post wieħed u b'mod ċentralizzat. Il-klijent għandu biss post/kuntatt wieħed fejn jirrikorri għall-affarijiet dwar il-ħarsien tal-annimali, irrispettivament mid-Direttorat li huwa responsabbli.

L-uffiċċju jipprovdi gwida u assistenza lill-pubbliku fuq il-firxa ta' servizzi offruti  rigward il-ħarsien tal-Aanimali, u b'hekk il-pubbliku għandu iktar aċċess għall-informazzjoni. Din il-miżura toffri servizzi minn punt ċentrali u b'hekk tiffranka l-ħin lill-publikku kif ukoll ir-riżorsi amministrattivi tad-Dipartiment.

## SERVIZZI LI JINGĦATAW MINN DAN IL-ONE-STOP-SHOP

- Gwida u assistenza lill-pubbliku dwar il-firxa ta' servizzi offruti mill-AHWD fuq il-ħarsien tal-annimali kemm mill-AWPSD u l-VRD
- Joffri  informazzjoni dwar proċeduri biex jiġi adottat/imrawwem annimal domestiku
- Tagħrif dwar proċeduri ta' mikroċippjar u leġiżlazzjoni li tirregola l-ħarsien tal-annimali
- Proċeduri għat-trasferiment tas-sidien (f'każ ta' adozzjonijiet) u komunikazzjoni oħra meħtieġa mal-NGO rispettiva
- Informazzjoni dwar fondi u skemi li jinkludu:
- Fond tal-Animal Welfare
- Fond tal-LC CARE (Local Council for Caring of Animals in the Residential Environment)   Project
- Skema ta' Servizzi Veterinarji b'xejn lill-NGOs
- Adopt a Pet Allowance – għotja ta' €150 lil min jadotta kelb
- Adoption Policy – tingħata somma biex issir diliġenza min-naħa tal-NGOs fuq l-annimali tad-Direttorat
- Talbiet relatati ma' informazzjoni, farms, pet travel u passaport



## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U NEGOZJI ŻGĦAR

# Dan il-Ministeru huwa kommess, fir-rwol leġiżlattiv, amministrattiv u ta' kordinament, li jsostni ekonomija Maltija li tħares 'il quddiem u li tiżgura stabbiltà u tkabbir.

Id-diversifikazzjoni tal-ekonomija, flimkien mas-seddiq ta' setturi u industriji varji, hija prijorità għal dan il-Ministeru. Iż-żewġ miżuri ta' dan il-Ministeru huma xhieda tal-ħidma favur riġenerazzjoni ekonomika u politika li tixpruna żvilupp industrijali li dan il-Ministeru qed iwettaq.

## XEWKIJA ENTERPRISE HUB

Ta' min isemmi l-inawgurazzjoni tal-proġett finanzjat mill-Fondi Ewropej tax-Xewkija Enterprise Hub fis-sit l-antik tal-fabbrika tal-ħalib f'Għawdex.

Impjant abbandunat għall-produzzjoni tal-ħalib inbidel f'ċentru tal-aħjar kwalità u attrezzat bl-aħħar teknoloġija sabiex jilqa' ġewwa fih intrapriżi li jinħtieġu dan it-tip ta' ambjent raffinat sabiex joperaw bl-aktar mod effettiv. L-impjant l-antik twaqqa' kompletament ħlief għal binja skedata, xogħol tal-Perit Huntingford, li kienet isservi ta' bini amministrattiv u li ġiet restawrata u attrezzata b'numru ta' spazji għal laqgħat kbar u żgħar. Ġie restawrat u miżmum ukoll il-kuritur skedat li qabel kien jagħqqad l-impjant mal-amministrazzjoni, kif ukoll it-tliet entraturi tal-impjant minħabba l-valur arkitettoniku tagħhom. Dawn kollha ġew integrati fil-bini l-ġdid u taw karattru uniku lill-kumpless.

Is-setturi li joperaw minn dan il-hub jinkludu kumpanija involuta fl-iżvilupp ta' teknoloġija avvanzata fl-informatika u l-komunikazzjoni u l-provvediment ta' dawn is-servizzi, riċerka u taħrig simili, faċilitajiet ta' back office, u servizzi oħra li joffru livell għoli ta' valur miżjud fin-knowledge-based economy.

Il-kumpless huwa mgħammar b'servizz ta' fibre optic cable li jagħti l-aqwa konnettività diġitali, diversi miżuri ta' climate control minħabba s-sensittività tal-apparat li mistenni jintuża, back-up generator adegwat f'każ ta' qtugħ tal-provvista tal-elettriku sabiex jiżgura li l-kontinwità tal-operazzjoni meħtieġa minn intrapriżi li mistennija joperaw mill-kumpless, u sistemi stretti ta' access control mill-bieb tal-kumpless 'il ġewwa minħabba s-sensittività tal-operat ta' dawn l-intrapriżi. Barra minn hekk, id-disinn tal-bini l-ġdid jipprovdi flessibilità kbira fit-tqassim tal-attrezzaturi ġewwa kull unit permezz ta' konnettività faċli iżda moħbija mas-servizzi tal-elettriku u mas-servizzi diġitali u ta' komunikazzjoni. Dawn il-miżuri kollha intiżi biex jiffaċilitaw u jiżguraw l-operat partikolari tat-tip ta' ażjendi li mistennija jużaw il-kumpless.

Il-kumpless kollu, mifrux fuq medda ta' disat elef metru kwadru, jinkludi fih parkeġġ adegwat, inkluż parkeġġ sotterran, sala li tilqa' fiha disgħin ruħ, diversi meeting rooms, canteen imdaqqas għall-impjegati tad-diversi intrapriżi inkluż spazji għall-mistrieħ fuq barra tal-binja, u tlett elef metru kwadru għall-użu tal-inkwilini maqsuma f'għoxrin unit separat. Ix-xogħlijiet meħtieġa laħqu valur ta' tnax-il miljun ewro, li persentaġġ minnhom kienu fondi mill-Unjoni Ewropea ERDF.


FILIGREE &

## RIĠENERAZZJONI TAL-VILLAĠĠ TAS-SNAJJA' F'TA' QALI

### Ir-riġenerazzjoni tal-villaġġ tal-artiġjanat f'Ta' Qali hu proġett li jinvolvi t-tisbiħ u l-iżvilupp tal-partijiet komuni fil-villaġġ li fit-totalità tiegħu jammonta għal kważi 14-il miljun ewro.

Il-villaġġ ta' Ta' Qali hu amministrat mill-MIP (Malta Industrial Parks) u qiegħed fuq medda ta' art ta' madwar 63,000m$^2$.

Il-proġett hu mmirat li jagħti sapport lil SMEs fil-qasam kreattiv billi jħares lejn il-bżonnijiet infrastrutturali fis-sit minn fejn jaħdmu u jgħinhom jiżviluppaw l-attività ekonomika tagħhom u joħolqu aktar xogħlijiet. L-għan tal-proġett hu li joħloq ċentru ta' eċċellenza għall-artiġjana li jimmanifatturaw oġġetti tradizzjonali Maltin. Ir-riġenerazzjoni tal-villaġġ se tinkoraġġixxi investiment f'oqsma tal-manifattura ġodda u eżistenti. Bħala riżultat tal-proġett, se tinħoloq rotta ġdida ta' kompetittività għall-prodott artiġjanali Malti, b'aktar opportunitajiet ta' bejgħ kemm fis-settur lokali u dak turistiku.

Hemm diversi snajja' li qed joperaw jew se jkunu qed joperaw fil-villaġġ fil-futur. Dawn is-snajja' kollha jiffurmaw parti mil-lista ta' industriji jew ħiliet ikkunsidrati bħala artiġjanat Malti skont il-liġi Maltija. Dawn ivarjaw minn manifattura ta' ħelu, ħobż u prodotti agrikoli, inbid u xorb alkoħoliku għall-manifattura ta' oġġetti tal-metall, injam, ċeramika, ħġieġ u ġebel, filugranu, madum ta' Malta u oħrajn.

L-investiment privat li se jitwettaq mill-artiġjana ma kienx parti mill-proġett iffinanzjat mill-UE. Il-proġett jikkunsidra li l-ħamsin (50) artiġjan li kienu joperaw minn Ta' Qali jiżdiedu għal xi ħamsa u sittin artiġjan (65), u dawn jiżviluppaw is-siti tagħhom permezz ta' linji gwida li nħarġu mill-MIP. Għalhekk, l-iżvilupp u t-tisbiħ tal-partijiet komuni huma mistennija li jżidu l-investiment privat fil-villaġġ. L-artiġjana fil-medja jħaddmu magħhom 6 jew 7 persuni. Dan in-numru mistenni li jiżdied b'persuna jew tnejn għal kull artiġjan, bħala riżultat ta' dan l-investiment.

## Dan il-Ministeru jirsisti sabiex jistabbilixxi u jwettaq politika ta' turiżmu bbażata fuq il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli ta' turiżmu li jikkontribwixxi għat-tkattir tal-ġid ekonomiku, filwaqt li jirrispetta l-wirt u l-ambjent tal-gżejjer Maltin.

Il-Ministeru qed jaħdem id f'id mal-istakeholders sabiex jiżgura prodott, servizz u valur fuq kull livell ta' prodott turistiku.

Permezz tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-avvanz ekonomiku u soċjali ġġenerat mill-attività turistika huwa fuq quddiem nett tal-ħidma. Il-viżjoni hi li jkompli jiġi offrut pakkett turistiku li hu b'saħħtu u sostenibbli matul is-sena kollha. Il-valuri li jiggwidaw din il-ħidma hija kwalità, awtentiċità (mhux l-inqas billi nippreżentaw il-karattru tal-gżejjer Maltin fl-aħjar dawl possibbli), u l-kollaborazzjoni mal-istakeholders kollha, kemm lokali u internazzjonali.

Il-miżuri ta' dan il-Ministeru jixhdu impenn biex isem pajjiżna jiġi reklamat b'mod effettiv, u li nkomplu nsaħħu l-kapaċità teknika tal-pajjiż li jġib it-turist lejn pajjiżna.



## DIVING MASTER PLAN

Ġie mfassal master plan li jinkludi s-siti tad-diving kollha f'Malta u Għawdex hekk kif qabel din kienet saret biss għal Malta. Ir-rekord ta' turisti li qed jiġu pajjiżna u li jfittxu l-attrazzjonijiet ta' qiegħ il-baħar kulma jmur qed jiżdied. L-investiment f'din in-niċċa turistika se jkompli jissaħħaħ b'mod sostenibbli hekk kif is-siti tad-diving f'Malta u Għawdex qed jiġu promossi u upgraded bl-istess mod skont il-bżonnijiet tas-siti individwali, waqt li qed jiġu mħarsa wkoll l-ambjent u l-bijodiversità.

## MALTA AIR

Intlaħaq ftehim bejn il-gvern Malti u l-linja tal-ajru low-cost Ryanair, fejn ra investiment ta' biljun dollaru f'linja tal-ajru ġdida bl-isem ta' Malta Air, li bdiet topera minn Malta fl-2019. Din il-linja tal-ajru se ttajjar ajruplani tat-tip Boeing 737-800 bir-reġistrazzjoni Maltija '9H'. Malta Air ser topera fuq iktar minn sittin destinazzjoni f'wieħed u għoxrin pajjiż fl-Ewropa u fl-Afrika ta' Fuq. Din il-linja tal-ajru ser tkun qed tikkumplimenta lill-Air Malta u ser tħaddem mat-tliet mija u ħamsin ruħ fi żmien tliet snin. Il-gvern Malti żamm id-dritt li ma jħallix lill-kumpanija tibdel isimha jew tittrasferixxi l-liċenzja tal-operat barra minn Malta, biex hekk ikunu salvagwardjati l-interessi tal-gvern Malti.



## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

Il-portafoll ta' dan il-Ministeru, li jkopri t-Tibdil fil-Klima kif ukoll l-Immaniġġjar tal-Iskart, juri biċ-ċar l-importanza u r-rwol li għandu dan il-Ministeru fil-pajjiż.

Il-miżuri magħżula jagħrfu l-importanza tal-ibħra għall-ekosistemi, mhux l-inqas għal gżira bħal Malta, kif ukoll il-bżonn għaż-żamma ta' parks u ġonna pubbliċi fil-pajjiż.

### IL-KAMPANJA 'SAVING OUR BLUE'

L-iktar magħrufa minn dawn l-inizjattivi kienet il-kampanja 'Saving Our Blue' li saret għall-ewwel darba fis-sajf tas-sena 2019. Din kellha l-għan li tqajjem għarfien u li teduka dwar l-impatt negattiv tar-rimi tal-iskart fuq il-bajjiet u l-użu ta' prodotti single-use. B'hekk il-pubbliku ġenerali seta' jsir aktar konxju fuq l-għemil tiegħu fir-rigward tal-ambjent u jkun iktar proattiv billi jagħżel prodotti alternattivi li huma iktar sostenibbli u li jistgħu jerġgħu jintużaw. Il-kampanja sajfija inkludiet attivitajiet fuq il-bajjiet li matulhom dawk preżenti għenu sabiex jinġabar skart bħal single-use plastic u loqom tas-sigaretti. Barra minn hekk saru sessjonijiet edukattivi mat-tfal waqt Skola Sajf. Il-kampanja Saving Our Blue kienet estiża wkoll għal żmien il-Milied fejn għal darb'oħra twassal messaġġ kontra l-użu ta' prodotti li tużahom darba u tarmihom.

L-għan tal-kampanja 'Saving Our Blue' huwa li l-pubbliku jżid l-għarfien tiegħu dwar id-dannu li l-plastik li jintuża darba biss jikkawża fuq l-ambjent u l-ibħra tagħna. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, l-iskart li jkun hemm fil-baħar ikun iġġenerat fuq l-art u jkun jikkonsisti f'oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss bħall-boroż tal-plastik, il-loqom tas-sigaretti, il-pożati u t-tazzi tal-plastik, u l-kontenituri tal-ikel. F'din ir-realtà li d-dinja bdiet tħabbat wiċċha magħha fl-aħħar deċenji hekk kif żdied ir-rimi tal-plastik li jintuża darba biss, kien hemm diversi organizzazzjonijiet internazzjonali u anke direttivi tal-Unjoni Ewropea li bdew jesiġu azzjoni immedjata sabiex tittaffa din il-problema.

Minħabba li pajjiżna huwa gżira, fejn il-baħar huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija, din il-problema tinħass iktar. Huwa previst li, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni u s-sitwazzjoni ma tinbidilx, sal-2050 fl-oċeani se jkun hemm iktar plastik milli ħut! Kien għalhekk li l-Ministeru għall-Ambjent ħareġ bil-kampanja "Saving Our Blue". Il-mira tal-Ministeru hi li permezz tal-kampanja jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-problema u dan permezz ta':

- L-edukazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini;
- Kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji u s-settur privat;
- Sejħa unifikata għal azzjoni li tappoġġja movimenti nazzjonali li jinfluwenzaw il-bidla;
- Inkoraġġiment lill-pubbliku sabiex, minflok il-plastik li jintuża darba biss, jirrikorri għal alternattivi sostenibbli.

# SAVING OUR BLUE

L-attivitajiet li saru bħala parti mill-kampanja kienu jinkludu promozzjoni fuq xatt il-baħar u sessjonijiet edukattivi waqt Skola Sajf. Tqassmu wkoll diversi oġġetti li wieħed jista' juża minflok dawk tal-plastik li jintużaw darba biss. Fost dawn wieħed jista' jsemmi l-fliexken tal-ilma tal-aluminju. Fuq xatt il-baħar tqassmu wkoll ashtrays portabbli u dan sabiex jonqos ir-rimi tal-loqom tas-sigaretti fuq il-bajjiet. Fuq kollox, matul il-kampanja saret stedina lill-membri tal-pubbliku li nzertaw fuq il-bajjiet sabiex jidħlu għal impenn formali li jnaqqsu l-użu tal-plastik li jintuża darba biss; dan sar billi ġiet iffirmata dikjarazzjoni formali. Fil-fatt, fil-ħames attivitajiet li saru fuq il-bajjiet fis-sajf tal-2019, ġew iffirmati 471 wegħda.

B'kollox saru 5 attivitajiet ta' 3 sigħat il-waħda fuq il-bajjiet li ġejjin:
L-Għadira • Il-Ġnejna • Golden Bay • Ir-Ramla l-Ħamra • Il-Bajja s-Sabiħa

Saving Our Blue ġiet introdotta wkoll waqt Skola Sajf, sabiex tkompli titqajjem kuxjenza fost il-ġenerazzjonijiet iżgħar. L-attività fl-iskejjel kienet immirata għal tfal ta' bejn is-sebgħa u l-għaxar snin, fejn saru żjarat fl-iskejjel li ġejjin:

Il-Mosta • In-Naxxar • Il-Mellieħa • Marsaskala • Is-Siġġiewi • Iż-Żurrieq
B'kollox intlaħqu madwar 825 student.

## INVESTIMENT FL-GĦAMMIERI

Sar investiment fl-Għammieri fil-Marsa, li l-għan oriġinali tiegħu hu li jkun farm esperimentali u li jesebixxi teknoloġija ġdida għall-bdiewa. Dan kompla jitjieb permezz ta' diversi xogħlijiet minn Ambjent Malta fosthom ir-restawr tal-faċċata tar-Razzett l-Antik, kostruzzjoni ta' ġnien tal-ħwawar, tiswija u bini ta' ħitan tas-sejjieħ, bini ta' gaġeġ tal-annimali, manutenzjoni ta' diversi strutturi fir-razzett u superviżjoni ta' xogħlijiet ta' toroq ġodda. Barra minn hekk, sabiex inkunu aġġornati maż-żminijiet tal-lum, ġiet introdotta sistema innovattiva ta' irrigazzjoni bl-użu tat-teknoloġija.

Dan ir-razzett kien miftuħ għall-pubbliku fil-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku sabiex jitgawda minn kull min hu interessat fl-agrikoltura, il-biedja u prodotti lokali.





## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

# Il-viżjoni, u missjoni, ta' dan il-Ministeru forsi hi kemxejn partikolari meta mqabbla ma' Ministeri oħra, sewwasew għax trid tħares l-iżvilupp ekonomiku u prosperità soċjali ta' Għawdex fil-kuntest tal-karatteristiċi uniċi ta' din il-gżira.

L-istrateġiji nazzjonali maħsuba għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini li joqogħdu Għawdex iridu jiġu implimentati b'mod effettiv u effiċjenti.

## TIEQA TAD-DWEJRA VIRTWALI

Matul is-sena 2019, l-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer ħadem biex tiġi kkreata b'mod virtwali t-Tieqa tad-Dwejra. Saret sistema ta' Virtual Reality sabiex iċ-ċittadini u l-viżitaturi, permezz ta' nuċċali li jaħdem mal-VR, ikollhom l-opportunità li jerġgħu jaraw u jesperjenzaw kif kien jidher dan is-sit. Is-sistema tal-VR tintuża waqt avvenimenti sabiex iċ-ċittadini u l-viżitaturi jkollhom l-opportunità li jerġgħu jaraw u jesperjenzaw kif kien jidher dan is-sit magħruf. Din intużat f'diversi okkażjonijiet organizzati mill-Ministeru għal Għawdex u mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Qed jiġi kkunsidrat li din is-sistema titpoġġa b'mod permanenti ġewwa struttura eżistenti li tinsab ġewwa d-Dwejra. Waqt dawn l-avvenimenti wieħed seta' jaċċessa din l-esperjenza b'xejn. Din ġiet aċċessata minn 5,000 persuna.

## MULTI-SPORTS OUTDOOR FACILITY F'GĦAWDEX

Isir Multi-sports Outdoor Facility f'Għawdex, fejn jistgħu jiġu pprattikati għadd ta' dixxiplini sportivi fosthom it-tennis, volleyball u tipi ta' net games. Il-Manifest Elettorali jenfasizza li, "L-isport huwa ħolqa fil-kwalità tal-ħajja... Irridu nrawmu u nsaħħu kultura sportiva sa mill-etajiet bikrin. Konxji li biex nagħmlu dan irridu ninvestu fil-faċilitajiet sportivi u fl-għaqdiet infushom".

Il-Ministeru għal Għawdex impenjat biex ikompli jinvesti fl-isport u fil-faċilitajiet sportivi għax jemmen fit-talent Għawdxi u fl-investiment li hemm bżonn isir biex ikollna faċilitajiet adattati f'Għawdex stess. Kien għalhekk li nħass il-bżonn li post f'Kerċem li kien fi stat ta' telqa jiġi mibdul f'pitch ġdid tat-tennis. Din il-faċilità ġdida u moderna se tkompli sseddaq l-isport tat-tennis u sport ieħor bħall-volleyball u l-badminton. Inxtrat ukoll magna apposta li tispara l-blalen għal min ma jkollux sieħeb biex jilgħab kontrih u anke biex tgħin fit-taħriġ ta' din il-logħba. Il-ħolma tad-dilettanti tat-tennis f'Għawdex saret realtà b'dan is-sit ta' qisien internazzjonali u mgħammar f'faċilitajiet tal-ogħla livell.

Kull min jipprattika xi net game jista' jaghmel użu minn din il-faċilità. Hemm sistema ta' online booking u kulħadd jista' jibbukkja slot x'ħin irid. Il-faċilità hija attrezzata għal net games u ġieli jsiru wkoll sessjonijiet ta' aerobics u keep fit.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

Dan il-Ministeru għandu taħt il-kappa tiegħu firxa tassew wiesgħa ta' Dipartimenti u Entitajiet li jkopru setturi kruċjali għall-pajjiż, mill-Forzi Armati ta' Malta sad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u Servizzi ta' Detenzjoni. Iż-żamma tal-paċi u l-ordni hija għalhekk prijorità ewlenija għal dan il-Ministeru.

Fil-fatt, iż-żewġ miżuri juru l-impenn li qed jintwera biex iż-żamma tal-ordni tkompli tisseddaq u tiġi apprezzata u megħjuna miċ-ċittadin, kif ukoll il-ħidma kontinwa li tiżgura li sustanzi illeċti ma jsibux posthom f'ċentru ta' detenzjoni.

## COMMUNITY POLICING FIL-MELLIEĦA

Wara li aktar kmieni din is-sena ġie varat il-proġett tal-Communiuty Policing fil-Mellieħa, id-Distrett Numru 1 f'Reġjun 'A' ġie identifikat bħala wieħed mid-distretti li fih issa jmiss li jiġi introdott ukoll dan il-kunċett. Għal dan il-għan mill-ewwel bdiet ħidma minn membri tal-Korp stazzjonati fid-distrett tal-Belt biex isir rinovar sħiħ fl-Għassa tal-Furjana li hi waħda pjuttost antika. Il-ħsieb wara dan ix-xogħol hu li l-Community Policing Team fi ħdan Distrett Numru 1 jibda jopera minn dan il-post mis-sena d-dieħla.

Bil-għan li l-Korp ikun aktar viċin il-komunitajiet u għaldaqstant viżibbli għan-nies, fl-1 ta' Awwissu 2019 tnieda proġett pilota tal-Community Policing ġewwa l-lokalità tal-Mellieħa. Il-kunċett ta' Community Policing, li l-implimentazzjoni tiegħu hija parti mill-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija Nazjonali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, jimplika bidla totali fil-ħsieb ta' kif inwettqu xogħolna. Il-bażi ta' din il-filosofija hija li xogħol il-pulizija jista' jkun wieħed effettiv biss jekk isir bi sħab mar-residenti, man-negozji, għaqdiet volontarji u assoċjazzjonijiet oħra fil-lokalità. B'dan il-mod qed nesiġu li għandna nkunu aktar proattivi f'ħidmietna sabiex effettivament niffukaw prinċipalment fuq il-prevenzjoni tal-kriminalità aktar mill-investigazzjonijiet.

Is-sħubija tal-pulizija mal-komunità ridna nuruha b'mod konkret billi għażilna li noħorġu mill-għassa tal-pulizija u waqqafna uffiċċju ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Però d-differenza bejn dan l-uffiċċju u l-għassa tal-pulizija hija li filwaqt li tradizzjonalment il-pubbliku jirrikorri ġewwa għassa meta għandu bżonn il-pulizija, partikolarment wara li jkun ġie kommess xi reat, dan l-uffiċċju qed jintuża sabiex flimkien mar-residenti jitfasslu miżuri ta' kif il-lokalità tista' tkun waħda aktar sigura. Apparti laqgħat frekwenti, bil-għan li nżommu kuntatt regolari mal-komunità, it-tim tal-Community Policing qiegħed ukoll jipromovi ħidmietu permezz ta' artikli regolari, partikolarment f'pubblikazzjonijiet tal-Kunsill kif ukoll bl-immaniġġjar ta' Facebook Group li fih aktar minn 1,700 membru.

U sabiex ir-residenti jkunu jafu aktar lill-membri tat-tim tal-Community Policing ġew stampati posters bir-ritratti tagħhom u b'numru ċellulari dedikat għal kull wieħed u waħda minnhom kif ukoll iż-żona assenjata lilhom. Ġie stabbilit ukoll indirizz speċifiku għall-posta elettronika sabiex niffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-pubbliku u l-membri ta' dan it-tim. Dawn il-posters twaħħlu f'postijiet viżibbli, inkluż f'ċentri kummerċjali, filwaqt li dawn id-dettalji jinsabu wkoll aċċessibbli fuq il-website tal-Korp.

It-tim tal-Community Policing qed jiffoka fuq materji li l-aktar li jikkonċernaw lir-residenti, fosthom imġiba ħażina bħal storbju żejjed, kunflitti bejn il-ġirien, vjolazzjonijiet tat-traffiku inkluż ipparkjar ħażin, ilmenti dwar rimi ta' żibel b'mod illegali, investigazzjonijiet sekondarji, ġbir ta' informazzjoni u fuq kollox assigurazzjoni lill-pubbliku.

Mill-bidu ta' Awwissu sal-lum, it-tim tal-Community Policing tal-Mellieħa rreġistra aktar minn 2,300 siegħa ta' patrol, irrikorra fuq 812-il inċident riferuti direttament lilu (anqas xogħol fuq l-għassa), ħareġ aktar minn 300 verbal warning (l-għan hu li nedukaw aktar lill-pubbliku), ħareġ aktar minn 200 ticket għal vjolazzjonijiet tat-traffiku, filwaqt li wettaq ukoll 8 arresti.

Aktar minn hekk, dan it-tim qed imexxi numru ta' inizjattivi pjuttost innovattivi għal Malta bħal environmental audits li jikkonsistu f'illi membri tat-tim iduru ma' membri tal-Kunsill u jidentifikaw postijiet fejn ikun jeħtieġ li jinżabru xi siġar fost oħrajn u dan bil-għan li jkun hemm aktar viżibilità fost oħrajn. Qed nagħmlu traffic audits bil-għan li nidentifikaw nuqqasijiet fit-toroq residenzjali taż-żona sabiex dawn ikunu aktar siguri. Twaqqaf ukoll in-Neighbourhood Watch Team li jinkludi 'l fuq minn 85 resident fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Ir-residenti ta' din iż-żona saħansitra tawna donazzjoni ta' żewġ e-bikes li jintużaw mill-pulizija għar-rondi u anke għamlu tajjeb għal tabelli ddisinjati mill-Korp li jintużaw għan-Neighbourhood Watch. It-tim ukoll jagħmel żjarat regolari fl-iskejjel bil-għan li nedukaw liż-żgħar tagħna u nippreparaw ġenerazzjoni futura aħjar u waħda li tirrispetta aktar lill-awtoritajiet. Dawn ma jeħdux biss sura ta' żjara imma qed inniedu kompetizzjonijiet b'għan edukattiv. It-tim tal-Community Policing jiffoka l-aktar fuq l-edukazzjoni fejn bniedem jiġi edukat l-ewwel u qabel kollox. Pereżempju fejn il-Pulizija jinnota vettura miftuħa u ma jkun hemm ħadd ġo fiha jiġi mpoġġi leaflet li jindika għaliex wieħed ma għandux iħalli l-karrozza miftuħa u waħedha.

Kull tliet xhur jiġu riveduti l-prijoritajiet tal-lokalità u għal dawk it-tliet xhur it-tim tal-Community Policing jaħdem qatigħ sabiex inaqqas jew saħansitra jelimina dawn l-aktar tliet issues ta' importanza għar-residenti. Mhux biss jitfasslu l-prijoritajiet imma nżommu lir-residenti aġġornati b'kull pass li nkunu qed nieħdu fl-interess tagħhom. B'dan il-mod titkattar aktar fiduċja fil-Korp.

Mir-rispons li rċieva fuq il-mezzi soċjali fejn it-tim tal-Community Policing huwa attiv ħafna, huwa evidenti li dan il-proġett pilota kien wieħed ta' suċċess kbir għall-Korp u li bis-saħħa tiegħu qed jirnexxilna nqarrbu lill-pubbliku aktar lejna filwaqt li nżidu fil-fiduċja tan-nies. L-effettività ta' dan il-proġett ġiet ikkonfermata xjentifikament fejn stħarriġ immexxi mill-Università ta' Malta wera kif ikkomparata mal-kumplament tas-soċjetà Maltija, il-komunità għandha aktar fiduċja fil-membri tal-Korp, hija aktar sodisfatta bix-xogħol tal-pulizija, tara aktar pulizija fit-triq u tħoss li l-pulizija huma ta' għajnuna.





## BODY SCANNERS U CCTV CAMERAS

# Din kienet miżura mħabbra fil-Baġit tal-2018 u ġiet implimentata fl-2019 wara ħidma kontinwa mill-kuntratturi u l-istaff tas-sigurtà ġewwa l-Aġenzija.

Matul l-2019 twaħħlu 483 camera flimkien mas-sistema li tħaddimhom, 6 body scanners u 4 X-Ray machines. Il-cameras ġew imwaħħla madwar il-ħabs kollu b'enfasi partikolari fuq il-perimetru tal-Faċilità u l-btieħi fejn jirrikreaw ruħhom il-priġunieri.

Il-proċess kollu beda f'Lulju 2018 u ġie konkluż f'Diċembru tal-2019. Minbarra l-installazzjoni tal-apparat kollu, sar ukoll taħriġ estensiv lill-impjegati tal-Aġenzija sabiex ikunu jafu joperaw is-sistemi kollha. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jsir kontroll aktar effettiv u rigoruż ta' x'qed jiddaħħal ġewwa l-Faċilità meta jidħlu viżitaturi jaraw lill-inmates jew meta wħud mill-inmates jirritornaw mix-xogħol jew studju f'xi istituzzjoni edukattiva. Ta' spiss kienet qed tinstab id-droga għand il-priġunieri u dan ġewwa Faċilità li suppost qiegħda tirriabilitahom għad-dannu li wettqu lis-soċjetà. Dan kien qed iġib kritika ġusta kontra l-amministrazzjoni tal-Faċilità għax ħadd ma ried li inmates jispiċċaw jieħdu d-droga waqt li qegħdin jiskontaw is-sentenza tagħhom. Għalhekk kienet ittieħdet id-deċiżjoni li kien hemm bżonn urġenti ta' investiment qawwi f'apparat teknoloġiku li jgħin biex jirribatti l-pjaga tad-droga ġewwa l-Faċilità.

Il-bżonn li jsiru body scanners u CCTV cameras ġodda kien ġej mill-fatt ukoll li s-sistema użata kienet antika, diffiċli biex issib min isewwiha meta titħassar u ineffiċjenti b'filmati skuri u li ma kienu xejn ċari u diffiċli tikkonoxxi lis-suġġett li jkun qed jidher fuq il-camera. Il-body scanners kienu wkoll bżonjużi biex tinqabad fiċ-ċert id-droga li kienet qed tinħeba f'kull xorta ta' oġġett, ikel jew anke fil-partijiet intimi tal-inmates stess jew ta' min jiġi jżurhom. Permezz tal-bodyscanner mhux biss ġie assigurat li tinqabad id-droga, anke jekk tkun moħbija f'partijiet tal-ġisem, imma wkoll evita li jsiru body checks fuq il-persuna li kultant kienu jkunu invażivi żżejjed u imbarazzanti.

It-teknoloġija kienet ta' 25 sena qabel u din ma kinetx qed tgħin biex ma tiddaħħalx id-droga fil-Faċilità.

Il-cameras ġew installati madwar il-ħabs kollu u anke fil-faċilità taż-żgħażagħ ġewwa l-Imtaħleb. L-iscanners ġew installati fl-entraturi kollha tal-Faċilità biex b'hekk il-post kollu ġie mdawwar bl-ogħla sigurtà immaġinabbli.

## Ir-riżultati jitkellmu waħedhom. Illum wieħed jista' faċilment jgħid li d-droga ġewwa l-Faċilità ġiet kważi eradikata għalkollox u saret ħaġa tal-passat.



It-tabella hawn isfel turi kif, minn numru ta' testijiet tal-urina li jsiru kemm fuq inmates u anke fuq gwardjani, naqsu l-persuni li nqabdu pożittivi għat-test u cioè li kellhom id-droga. Din kollha minn meta ssaħħet is-sistema. Din l-istatistika tagħti aktar kredibilità lil dan l-investiment.

| SENA | TESTIJIET TAL-URINA | POŻITTIVI GĦAD-DROGA |
|---|---|---|
| 2013 | 1139 | 173 |
| 2014 | 1039 | 128 |
| 2015 | 1898 | 130 |
| 2016 | 1846 | 167 |
| 2017 | 1861 | 134 |
| 2018 | 1923 | 128 |
| 2019 | 2754 | 45 |
| **2020*** | **1382** | **7** |

***(sat-18 ta' Ġunju)**



# 7

# Il-ħidma tal-Gvern b'risq is-simplifikazzjoni

Min jaf kemm smajna garr illi biex tinqeda f'uffiċċju tal-gvern trid tixgħel xemgħa lil xi qaddis u tagħmel wegħda! Jew min jaf kemm-il darba kellna nimxu minn uffiċċju għal ieħor sakemm mingħand Qajfa naslu għand Pilatu u forsi, forsi, niddubbaw xi formola b'mod elettroniku li mbagħad irridu nipprintjawha, nimlewha u nerġgħu nwassluha b'mod manwali f'uffiċċju tal-Gvern.

F'dawn l-aħħar seba' snin, is-Servizz Pubbliku għadda minn proċess intern ambizzjuz u elaborat biex sena wara sena, b'pass mgħaġġel u sod, inaqqas il-burokrazija u jressaq is-servizz dejjem iktar lejn iċ-ċittadin, mingħajr ma tittiefes il-kontabbiltà. Illum il-ġurnata, bil-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, m'għadhiex aktar in-norma illi trid tieħu ġurnata leave biex toqgħod iddur il-Belt forsi tinqeda f'uffiċċju tal-Gvern.

Matul il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku 2019, il-President ta' Malta, George Vella, qal li s-Servizz Pubbliku huwa s-sinsla ta' pajjiżna. Il-proċess intern ta' dawn l-aħħar snin wassal biex iseħħ tibdil minn fuq sa isfel fil-kultura, fejn iddaħħal il-kunċett ta' innovazzjoni flimkien ma' kontabbiltà.

Bħal pazjent li jiddaħħal l-isptar ibati minn ħxuna żejda, u li jibda jnaqqas il-piż tiegħu biex jgħix aħjar, hekk ukoll is-Servizz Pubbliku beda jnaqqas mill-ħxuna amministrattiva tiegħu biex finalment sar atleta li jirbaħ il-midalji.




aċċessibbli minn kullimkien
idea.gov.mt
IDEA
Anonimu
IDEA

“

F’dawn l-aħħar seba’ snin, twettqu ’l fuq minn 950 miżura ta’ simplifikazzjoni. Il-proċess intern fis-Servizz Pubbliku jibda bil-Ministeri stess, li jressqu l-proposti tagħhom dwar kif il-proċessi tas-Servizz Pubbliku jsiru aktar sempliċi.

Numru ta’ ideat jaslu għand is-Servizz Pubbliku mill-klijenti interni (il-ħaddiema stess fi ħdanu – permezz tal-inizjattiva IDEA) jew minn klijenti esterni. Dawn l-ideat jiġu reġistrati u jsiru pjanijiet ta’ azzjoni.

Minn ideat u pjanijiet, tibda l-implimentazzjoni tal-miżuri. M'hemm xejn għal riħu – kull miżura tiġi segwita minn struttura apposta li xogħolha hu li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri. U hawnhekk fejn daħal kunċett ieħor fundamentali – il-kontabbiltà. Is-Servizz Pubbliku beda mhux biss jimplimenta, iżda wkoll jagħti rendikont tal-miżuri mwettqa u dawk li għadhom fil-proċess, permezz ta' pubblikazzjonijiet annwali maħruġa mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Fl-2019, is-Servizz Pubbliku implimenta 156 miżura ta' simplifikazzjoni, fosthom miżuri li ma kinux tlaħħqu fis-snin preċedenti. Dan jammonta għal perċentwal sinjifikanti ħafna ta' 70% tal-miżuri globali u huwa perċentwal li jqabbilha sew mas-snin preċedenti. F'dan il-kapitlu qed jingħata rendikont sommarju ta' din il-ħidma.

Din is-sena għamilna analiżi skont is-setturi differenti fejn filwaqt li stajna naraw li numru ta' miżuri (22%) huma meqjusa ta' natura amministrattiva u allura interni, kien hemm 14% tal-miżuri implimentati li kellhom rabtiet mas-settur tal-ambjent, enerġija, biedja u sajd, 10% b'rabtiet ma' edukazzjoni, xjenza u teknoloġija, u 9% f'dak li jirrigwardja ekonomija, negozju u kummerċ. Il-fatt li l-ebda settur ma jiġri waħdu fuq quddiem jindika kemm dawn il-miżuri qed ikunu mżewqa sew u jolqtu xi ftit jew wisq is-setturi kollha tas-soċjetà. Ma hemm ħadd li qed jibqa' lura għax kull klijent huwa importanti.

Fost il-miżuri importanti li saru matul dawn l-aħħar sitt snin kien hemm it-twaqqif tal-hubs ta' servizz.gov u one-stop-shops tekniċi bħal dawk tal-edukazzjoni, negozju, familja u taxxi; is-servizz tal-Pharmacy Of Your Choice (POYC) u l-pjattaforma ta' etenders fejn ħafna mill-proċessi ta' xiri tal-Gvern qed isir f'sistema online; ħafna mil-formoli li qabel bilfors kont timla manwalment issa saru online, filwaqt li fil-qasam tas-saħħa nfirxet sew l-idea ta' navigazzjoni għal assistenza ta' pazjenti b'mard gravi. Infetaħ uffiċċju ta' Identity Malta fl-Isptar Mater Dei għal servizz aħjar u aktar effiċjenti, bdew isiru audits ta' kwalità mas-Servizz Pubbliku, kif ukoll - għall-klijenti interni - twaqqaf one-stop-shop għall-uffiċċjali pubbliċi. Ħafna mill-miżuri mwettqa illum neħduhom for granted, imma warajhom kien hemm ħafna ppjanar u xogħol ta' twettiq.

Fost il-miżuri li twettqu fl-2019, ta' min isemmi l-introduzzjoni tas-servizz tal-flebotomija mill-bereġ tas-saħħa kif ukoll estensjoni ta' servizzi ta' navigazzjoni, fejn din id-darba ġew indirizzati pazjenti tal-kanċer tal-uroloġija. Ġie ssimplifikat il-proċess biex persuna tagħżel jekk tbigħx l-elettriku ġġenerat mill-ewwel jew inkella tbigħ wara ċertu ammont ta' elettriku ġġenerat. Ġew implimentati sistemi ġodda fil-Qorti fejn iddaħħlet sistema ġdida għall-verbali, id-digrieti bdew jintbagħtu b'mod elettroniku, kif ukoll saru sistemi elettroniċi ta' mħażen għall-esebiti. Ġew introdotti sistemi diġitali ta' monitoraġġ fl-irziezet filwaqt li f'Għawdex inħolqot sistema online interna ta' kif issir il-komputazzjoni tal-pagi, li toffri traċċabilità tax-xogħol imwettaq.
Il-miżuri kollha fit-totalità tagħhom (kemm dawk implimentati kif ukoll dawk li qegħdin fil-proċess) tistgħu ssibuhom fil-paġni li jmiss.

Is-Servizz Pubbliku jinsab fi żmien ta' konsolidament wara r-riżultati sbieħ miksuba sena wara sena, sabiex nibqgħu ntejbu dak li ksibna u nagħrfu fejn jirrikjedi aktar żvilupp. Waqt l-imxija tal-Coronavirus innutajna Servizz Pubbliku b'saħħtu, fuq quddiem, mutur ewlieni tas-soċjetà, li kiseb l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Dan ma kienx ikun possibbli kieku s-Servizz Pubbliku baqa' pazjent marradi. Dak kollu li investejna fih intuża, fosthom investiment ta' 150 miljun ewro fit-teknoloġija. B'hekk is-Servizz Pubbliku qiegħed ikompli jasal għand in-nies malajr, 24 siegħa kuljum, is-sena kollha, b'servizz tal-aqwa kwalità. Għalhekk qed ngħidu li s-Servizz Pubbliku jinsab dejjem miegħek!




**SETTURI**

| | | |
|---|---|---|
| ● | Kultura u mistrieħ | 4% |
| ● | Pulizija, Ġustizzja u Difiża | 8% |
| ● | Edukazzjoni, Xjenza u Teknoloġija | 10% |
| ● | Saħħa u Kura fil-Komunità | 8% |
| ● | Ambjent, Enerġija, Biedja u Sajd | 14% |
| ● | Xogħol u Servizzi Relatati | 1% |
| ● | Trasport u Komunikazzjoni | 3% |
| ● | Inklużjoni, Ugwaljanza u Ħarsien Soċjali | 6% |
| ● | Identità, Ċittadinanza u Immigrazzjoni | 3% |
| ● | Taxxi u Finanzi | 9% |
| ● | Ekonomija, Negozju u Kummerċ | 9% |
| ● | Oħrajn (inkluż Affarijiet Barranin) | 3% |
| ● | Interni | 22% |



# Miżuri

# OPM

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | Isir ir-roll out tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | Inġabret l-informazzjoni relatata mal-ivvjaġġar sabiex tittella' fis-sistema l-ġdida. Is-sistema ġiet installata u popolata bl-informazzjoni miġbura. B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata taħriġ lill-uffiċjali rispettivi li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru u li ser ikunu qed jagħmlu użu mis-sistema l-ġdida. | Is-sistema ta' ġestjoni tal-ivvjaġġar bdiet titħaddem f'kull dipartiment fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Tinħoloq sistema ċentralizzata (Data Warehouse) li tinkorpora fiha d-dettalji kollha marbuta ma' kull impjegat fis-Servizz Pubbliku. Din is-sistema għandha tinkludi dettalji marbuta ma' salarju kif ukoll dawk marbuta mar-riżorsi umani. L-għan aħħari ta' din is-sistema jkun li tiffaċilita u tissimplifika l-proċess ta' ġbir ta' rapporti u tiffaċilita l-viżibbiltà fuq ir-riżorsi umani fi ħdan is-Servizz Pubbliku. | Bdew jinkitbu l-iStandard Operating Procedures relatati mas-sistema l-ġdida. Dan sabiex dettalji dwar impjegati ġodda jsegwu l-format stabbilit. Bdew il-laqgħat mal-partijiet konċernati dwar l-integrazzjoni tad-data eżistenti miżmuma f'xi dipartiment fi ħdan xi ministeri biex din tiġi integrata mas-sistema ċentrali (id-Data Warehouse). | Bdiet titnaddaf id-data skont l-SOPs stabbiliti. Ingħataw numru ta' preżentazzjonijiet dwar is-sistema l-ġdida mill-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fil-qasam tal-HR. | Kompla l-proċess ta' tindif ta' data skont l-SOPs stabbiliti. | Saru laqgħat interni dwar is-sistema l-ġdida kif ukoll konsultazzjonijiet mas-CIOs rispettivi dwar it-trasferiment tad-data eżistenti għal dik ċentrali. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Isir refurbishment ta' żewġ sulari oħra (Sular -1 u Sular 3) fil-binja li minnha taħdem il-People & Standards Division. B'hekk jiġi fi tmiemu l-proġett ta' refurbishment fil-binja kollha u l-ħaddiema jkunu jistgħu jgawdu minn ambjent aħjar minn fejn jaħdmu. | Saru diskussjonijiet ma' dawk involuti fosthom l-impjegati u d-designers u ġew imfassla l-pjanijiet ta' refurbishment għas-sular ta' isfel (-1). Ġie żarmat is-sular u sar iċ-ċaqliq tal-għamara li kien hemm fil-post. Bdew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi kif ukoll xogħlijiet ċivili oħra meħtieġa fis-sular -1. Inxtrat l-għamara għall-ħaddiema f'dan is-sular. | Tlesta x-xogħol kollu fis-sular -1 u daħlu l-ħaddiema fl-uffiċini. | Tfasslu l-pjanijiet għat-tielet sular u bdew ix-xogħlijiet biż-żarmar tas-sular u ċ-ċaqliq tal-għamara. Saru wkoll ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi meħtieġa. | Tlestew ix-xogħlijiet kollha meħtieġa fit-tielet sular, inkluż ix-xogħlijiet ċivili u t-tqegħid tal-għamara fil-post u l-ħaddiema daħlu fl-uffiċini. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-uffiċjali tal-People & Standards Division

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Issir librerija ġdida għall-uffiċjali pubbliċi li tinkludi l-possibilità ta' aċċess għal kotba, journals u anke sorsi online. Permezz ta' dan il-proġett l-uffiċjali pubbliċi jkollhom spazju fejn jista' jsir qari u riċerka li jgħinhom fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom. | Sar pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. Bdew diskussjonijiet ma' stakeholders involuti fosthom id-designers u l-ħaddiema. Tneħħiet l-għamara u sar iż-żarmar meħtieġ tal-post fejn ser issir il-librerija bi preparazzjoni għall-iżvilupp infrastrutturali. Twettqu diskussjonijiet ukoll ma' istituzzjonijiet konċernati sabiex jinkiseb aċċess għal sorsi online. | Beda x-xogħol infrastrutturali u ġew identifikati problemi fl-istruttura tal-binja. Saru konsultazzjonijiet meħtieġa u ġew aġġornati l-pjanti. | Kompliet il-ħidma fuq id-disinn il-ġdid bi tħejjija għar-refurbishment meħtieġ tal-post fejn ser issir il-librerija. | Beda x-xogħol ta' twaqqigħ ta' ħitan u nkixfu s-soqfa biex issir evalwazzjoni tal-istruttura aktar fid-dettall. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Jiġi stabbilit mekkaniżmu li permezz tiegħu dipartiment tal-gvern ikun jista' jwettaq proċess biex jikseb Quality Label. Bis-saħħa ta' dan il-proċess ser jitwettaq pass ieħor 'il quddiem għal aktar titjib fis-servizzi mogħtija u jiġu assigurati servizzi ta' eċċellenza lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku. | Ġie stabbilit il-mekkaniżmu u l-kriterji li, jekk milħuqa, dipartiment jiġi rikonoxxut bħala li joffri servizzi ta' eċċellenza lill-pubbliku u għaldaqstant jikseb il-Quality Award. Tlestiet il-ħidma relatata mal-branding tal-Quality Award u tlesta manwal dwar dan il-mekkaniżmu ġdid. Inbeda l-proċess meħtieġ ma' dawk id-dipartimenti u entitajiet li wrew interess li jiġu kkunsidrati għall-Quality Award. | Kompla l-proċess meħtieġ ma' dawk id-dipartimenti u entitajiet li wrew interess li jiġu kkunsidrati għall-Quality Award. B'riżultat ta' dan il-proċess inħarġu rakkomandazzjonijiet ta' titjib fis-servizz sabiex jiġu implimentati minn dawn id-dipartimenti u entitajiet. | Kompla l-proċess meħtieġ ma' dawk id-dipartimenti u entitajiet li wrew interess li jiġu kkunsidrati għall-Quality Award. Inħarġu rapporti ta' evalwazzjoni dwar is-servizzi offruti mid-dipartimenti u entitajiet konċernati u tkompla l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru dwar is-servizzi offruti.<br><br>Ingħataw l-ewwel tliet Quality Awards lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), lil Business 1st u lill-hubs reġjonali ta' servizz.gov. Dawn l-awards ingħataw mill-President ta' Malta waqt ċerimonja mtellgħa matul il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku. | Kompla l-monitoraġġ ta' dawk id-dipartimenti li kisbu l-Quality Award sabiex jiġi żgurat li l-livell li bih inkiseb ir-rikonoxximent ta' servizzi ta' eċellenza jinżamm.<br><br>Kompla l-proċess meħtieġ ma' dawk id-dipartimenti u entitajiet li wrew interess li jiġu kkunsidrati għall-Quality Award u dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat fis-Servizz Pubbliku. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Klijenti tas-Servizz Pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Jiżdiedu t-training rooms fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex dan ikollu kapaċità akbar fl-għoti tat-taħriġ lill-uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. | Tfassal pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura, inkluż il-pjanti għar-refurbishment. Saru x-xogħlijiet meħtieġa sabiex tiġi indirizzata l-umdità fil-post. | Beda ż-żarmar tal-post u ċ-ċaqliq tal-għamara sabiex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet meħtieġa. Inxtrat l-għamara l-ġdida kif ukoll l-apparat meħtieġ. Tlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali kollha meħtieġa fil-binja. | Ġie installat l-apparat mixtri inkluż l-audio/visual aids ġodda. Tpoġġiet l-għamara fil-post. B'hekk it-training rooms li ġew refurbished bdew jintużaw għat-taħriġ. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | Miżura | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | **MIŻURA ADDIZZJONALI**<br>Bil-għan li nkomplu noffru karriera lil aktar persuni, kif ukoll nattiraw studenti lejn is-Servizz Pubbliku, ser tiġi introdotta skema ġdida ta' traineeship. Permezz tagħha studenti li qed isegwu studji f'Livell 6 jew ogħla fl-Università ta' Malta jew fl-MCAST ikunu jistgħu japplikaw biex jaħdmu f'xi dipartiment tal-gvern sabiex jiġu mgħallma u mrawma sabiex meta jispiċċaw l-istudji tagħhom jitħajru jagħmlu karriera mas-Servizz Pubbliku. | Ħarġet ċirkulari lill-Ministeri kollha fejn ġiet introdotta din l-iskema. Sar il-kordinament meħtieġ billi ntlaqgħu t-talbiet riċevuti mill-Ministeri għall-ingaġġ ta' trainees fl-oqsma li ġew identifikati u saru d-diskussjonijiet meħtieġa mal-Università u mal-MCAST bi tħejjija għat-tnedija tal-iskema. | Ġiet imħabbra l-iskema ġdida għal traineeship fis-Servizz Pubbliku u ntlaqgħu l-applikazzjonijiet filwaqt li ġew magħżula u ingaġġati l-istudenti bħala trainees. Matul l-ingaġġ tat-trainees sar ukoll rapport fuq il-ħidma mwettqa matul il-perjodu ta' training. | Sar ingaġġ ta' trainees addizzjonali bħala parti mit-Trainee Scheme. Inżamm log tax-xogħol li jkun ingħata u monitoraġġ permezz ta' żjarat fil-Ministeri fejn ikunu qed jaħdmu dawn it-trainees. Intalab rapport minn kull Ministeru dwar ix-xogħol li wettqu t-trainees. Permezz ta' din l-iskema ġew ingaġġati madwar 180 student li, bħala trainees, ħadmu f'diversi oqsma fosthom ICT, Finanzi u Public Policy. Dan wassal biex tinkiseb esperjenza unika dwar xi tfisser li tkun uffiċjal pubbliku u possibbilment tkun infetħet karriera għal dak it-trainee partikolari. | Din l-iskema ser tibqa' titħaddem bħala parti mill-operat fis-Servizz Pubbliku. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Studenti fl-Università ta' Malta u l-MCAST, b'mod partikolari dawk interessati f'karriera fis-Servizz Pubbliku kif ukoll is-Servizz Pubbliku nnifsu

**KUMMENTI**

Implimentata

| | Miżura | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Jibdew isiru Attitude Surveys tal-impjegati fid-dipartimenti tal-gvern. Din ser tkun għodda utli oħra li permezz tagħha jiġi identifikat il-profil tal-impjegati fi ħdan id-dipartimenti. B'hekk ser inkunu nistgħu nidentifikaw aħjar il-ħtiġijiet tad-dipartiment konċernat kif ukoll nifhmu lill-impjegat b'mod aktar ħolistiku. | Tfassal mekkaniżmu u ġew stabbiliti l-kriterji sabiex dan l-eżerċizzju jkun jista' jibda jsir fid-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi. Ġew identifikati żewġ dipartimenti biex jieħdu sehem fi proġett pilota u saru l-ewwel attitude surveys. Ġew analizzati r-riżultati miksuba u nħarġu r-rakkomandazzjonijiet għat-twettiq mid-dipartiment konċernat. L-attitude survey jiffoka fuq tliet temi prinċipali - l-ambjent fiżiku tax-xogħol, il-management u t-tim. Is-survey isir b'mod anonimu u jiffoka fuq li jinbena profil ħolistiku tad-dipartiment u l-entità konċernata.<br><br>Apparti l-proġett pilota bdew diskussjonijiet ma' dipartimenti oħra sabiex jiġi spjegat l-għan u l-loġistika tal-Attitude Survey. | Wara l-proġett pilota, Bdew u tlestewsaru disa' attitude surveys oħra. Inħarġu r-riżultati miksuba u bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tkompla wkoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. Dan il-mekkaniżmu ser ikompli jiġi implimentat u segwit bħala parti mill-operat fis-Servizz Pubbliku. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Impjegati fi ħdan id-Dipartimenti u l-entitajiet involuti

**KUMMENTI**

Implimentata

113

## MIŻURA ADDIZZJONALI

Introduzzjoni ta’ sistema ġdida elettronika fi ħdan id-Diviżjoni responsabbli mill-Implimentazzjoni, li permezz tagħha s-Servizz Pubbliku jkun f’pożizzjoni li jsegwi l-implimentazzjoni tal-proġetti u programmi mill-Ministeri b’mod effiċjenti u f’waqtu.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Bdew id-diskussjonijiet mal-MITA, kif ukoll konsultazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Ministeri, dwar l-iżvilupp tal-ewwel fażi tas-sistema elettronika ġdida u ġew identifikati r-rekwiżiti meħtieġa. Ġie ffirmat il-kuntratt mal-MITA dwar l-iżvilupp tal-ewwel fażi ta’ din is-sistema.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Beda l-iżvilupp fuq l-ewwel fażi ta’ din is-sistema mill-MITA.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla l-iżvilupp fuq l-ewwel fażi ta’ din is-sistema u beda jsir l-ittestjar meħtieġ. Saret konsultazzjoni mal-Ministeri biex niżguraw li s-sistema hija faċli u prattika biex tintuża. Is-sistema ġiet modifikata skont il-feedback riċevut matul il-konsultazzjoni u l-ittestjar.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Beda jingħata t-taħriġ lill-Ministeri permezz ta’ Train the Trainer approach. Dan it-taħriġ ħa l-forma ta’ focused workshops, briefing sessions u anke one to one sessions. Tlesta l-iżvilupp tal-ewwel fażi ta’ din is-sistema u din is-sistema bdiet tintuża mill-Ministeri kollha.

### NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-Ministeri kollha u l-impjegati kollha tagħhom

### KUMMENTI

Implimentata

MFH

MINISTERU GHAS-SAHHA

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Jiġu ristrutturati l-proċessi interni u servizzi offruti mill-klinika tal-Eating Disorders fil-Fondazzjoni Kenn għal Saħħtek. Bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li joħorġu mill-analiżi u l-business process reengineering tal-proċessi involuti, is-servizzi mogħtija għandhom jiġu simplifikati, jingħataw f'aqsar żmien, ikunu aktar effiċjenti u jkunu aċċessibbli għal aktar persuni. | Saru laqgħat interni flimkien mal-partijiet konċernati biex jitħejja pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. Bdiet u tlestiet l-evalwazzjoni interna dwar is-servizzi offruti lil persuni li jitolbu għajnuna relatata ma' eating disorders. Intgħażlet il-kumpanija u, wara li sar il-mapping tal-proċessi, bdiet l-analiżi tal-proċessi applikati fl-għoti tas-servizzi. | Tlestiet l-analiżi u ġew konsolidati r-rakkomandazzjonijiet maħruġa u dawn ġew diskussi internament. | Saru laqgħat mal-istakeholders involuti. Bdew diskussjonijiet sabiex isir it-tibdil fis-software u d-database eżistenti sabiex jiġu riflessi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa. Ġew emendati l-SOPs. Ingħata wkoll taħriġ lill-impjegati fi ħdan iċ-ċentru. | Ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet u s-servizzi offruti bdew jingħataw bil-proċessi l-ġodda. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Klijenti tal-Fondazzjoni Kenn Għal Saħħtek

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Navigazzjoni tal-pazjenti b'kura tal-kanċer tal-uroloġija. Sal-lum il-pazjenti morda bil-kanċer tal-uroloġija jistennew minn tlieta sa erba' ġimgħat biex jingħataw appuntament mal-onkoloġista. Dan il-proġett se jgħin sabiex il-proċess isir aktar koordinat u titnaqqas il-burokrazija żejda li jista' jiffaċċja l-pazjent u b'hekk jingħata kura qabel. Ser jiżdied l-aċċess għall-kura, jiġu koordinati aktar l-istadji tul it-traġitt u jkun hemm aktar kontinwità ta' kura. Din il-miżura ser tnaqqas ukoll il-ħin ta' stennija għall-pazjenti li jiġu dijanjostikati b'kanċer tal-uroloġija u żżid l-aċċess għall-informazzjoni. Fl-2018 kien ġie introdott il-kunċett ta' nurse navigator fil-kura tal-kanċer tal-pulmun li naqqas il-ħin ta' stennija bis-saħħa ta' koordinament matul iż-żmien tal-kura. Dan is-servizz ġie wkoll milqugħ b'mod pożittiv u mfaħħar mill-pazjenti li esperjenzaw dan is-servizz kif ukoll mill-professjonisti u konsulenti li jieħdu ħsieb il-pazjent. | Ġiet ippubblikata sejħa għal reklutaġġ ta' nurse navigator responsabbli sabiex jingħata servizz personalizzat, kif ukoll gwida u apppoġġ lill-pazjenti li għaddejjin minn kura tal-kanċer tal-uroloġija. Tlesta l-proċess u ntgħażlet il-persuna. Ġie evalwat il-proċess tal-kura mogħti lilll-pazjenti b'kanċer tal-uroloġija u ġie identifikat it-tibdil meħtieġ. | Saru laqgħat mal-istakeholders u ġew diskussi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-evalwazzjoni tal-proċess tal-kura. Sar studju dwar kif jistgħu jitnaqqsu l-ostakli għall-pazjenti permezz tan-navigazzjoni. | Ingħata t-taħriġ lin-nurse navigator u beda jingħata s-servizz ġdid personalizzat. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 300 pazjent fis-sena

**KUMMENTI**

Implimentata

## 69 MIŻURA ADDIZZJONALI

Issir ħidma ffukata sabiex ikun hemm reviżjoni ta' proċessi u sistemi bil-għan li jinkiseb iċ-ċertifikat ta' kwalità ISO 27001 (Information Security Management System - ISMS). Bis-saħħa ta' dan il-proċess id-Dipartment ser ikun f'pożizzjoni aħjar biex jamministra l-informazzjoni finanzjarja, proprjetà intellettwali, dettalji tal-impjegati u informazzjoni fdata lilu minn terzi.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority dwar l-ISO 27001 u l-prinċipji tal-awditjar intern. Beda jingħata t-taħriġ lil ħames impjegati fuq bażi ta' train the trainers fi ħdan il-Health Care Funding Directorate. | Tlesta t-taħriġ lill-ħames impjegati u ġew kwalifikati l-ħames trainers. Dawn bdew jagħtu t-taħriġ lill-kumplament tal-ħaddiema fi ħdan id-Direttorat tal-Health Care Funding. | Saret analiżi tal-proċessi interni kif ukoll beda l-gap analysis għall-kisba tal-ISO27001. | Saret l-applikazzjoni u kompliet il-gap analysis. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku u impjegati fi ħdan il-Health Care Funding Directorate

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 70

Tiġi introdotta Child and Adolescent Health Clinic (CAHC) f'ċentru tas-saħħa sabiex tkun żviluppata u promossa s-saħħa tat-tfal u l-adolexxenti kollha.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Inħarġet espressjoni ta' interess (EOI) għal tobba fi grad ta' Senior General Practitioner u lill-infermiera fil-gradi ta' Staff Nurse, Senior Staff Nurse u Enrolled Nurse li jaħdmu fil-qasam tal-Kura Primarja tat-Tfal. Bdew jinkitbu l-Istandard Operating Procedures u linji gwida ta' kif ser titmexxa ċ-Child and Adolescent Health Clinic (CAHC). Ġiet identifikata l-kamra fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana li ser isservi bħala l-klinika. | Ingħalqet l-EOI għat-tobba u infermiera u saru l-intervisti għall-applikanti. Sar pjan ta' taħriġ għat-tobba u infermieri li jiġu magħżula biex jaħdmu f'din il-klinika. Ġew identifikati t-tobba u l-infermiera li se jkunu qed jaħdmu fiċ-CAHC. Bdew jiġu identifikati tfal tal-iskola li jistgħu jibbenefikaw mis-servizz offrut miċ-CAHC. Ingħata taħriġ relatat lit-tobba u l-infermiera li ġew ingaġġati biex jaħdmu fiċ-CAHC. Ġie ordnat l-apparat li ser jintuża f'din il-klinika. | Ġew finalizzati l-Istandard Operating Procedures u l-linji gwida għat-tmexxija ta' din il-klinika, li tinsab fil-Furjana. Ġew stabbiliti l-Key Performance Indicators (KPIs). Id-database fejn jinżammu dettalji tal-klijenti tal-klinika ġiet imfassla u saret l-iskeda tat-tobba u infermiera li ser imexxu l-klinika. Wasal l-apparat meħtieġ u tpoġġa fil-klinika. | Ġew ippreparati leaflets ta' informazzjoni dwar il-klinika biex jitqassmu fiċ-Ċentri tas-saħħa. Is-servizz tal-Klinika għat-Tfal u Adolexxenti beda jingħata miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 800 - 1,000 tifel u tifla fi-sena (età bejn sena u sittax-il sena)

### KUMMENTI

Implimentata

## 71 MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġi introdott is-servizz ta' Phlebotomy fil-bereġ. S'issa dan jingħata biss miċ-ċentri tas-saħħa. B'hekk ikunu qed jiżdiedu aktar servizzi fil-komunità eqreb lejn iċ-ċittadin.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saru diskussjonijiet mal-istakeholders sabiex jiġu identifikati l-kriterji ta' dan il-proġett. Ġie identifikat l-istaff li se jkun jista' jibda jaħdem f'dan is-servizz. Tfasslu r-rekwiżiti għall-apparat meħtieġ biex tibda titħaddem il-klinika. | Ġew identifikati l-bereġ, li huma tal-Pietà u ta' Ħaż-Żabbar, minn fejn sejjer jingħata s-servizz tal-phlebotomy. Ġew iffurmati clinic codes sabiex pazjenti jkunu jistgħu jagħmlu appuntament. Wasal l-apparat li jinkludi blood letting chair u gratnel trolley fil-klinika. Bdew jingħataw appuntamenti lill-pazjenti mill-berġa tal-Pietà. | Beda s-servizz tat-teħid tad-demm fiż-żewġ bereġ tal-Pietà u Ħaż-Żabbar. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 100,000 persuna

**KUMMENTI**

Implimentata

## 72

Jiġi introdott servizz ġdid ta' Scoliosis Review Clinic (SRC) f'ċentru tas-saħħa għal tfal bi skoljożi ħafifa.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Saru diskussjonijiet mal-istakeholders dwar l-evalwazzjoni tal-proġett pilota tal-klinika. Inkitbu Standard Operating Procedures li ser jintużaw fl-għoti tas-servizz. Ġew identifikati l-infermieri u t-tobba li ser jaħdmu fil-klinika, kif ukoll klinika fiċ-Ċentru tas-saħħa tal-Furjana. Sar pjan ta' taħriġ tal-infermieri u tobba li ser jaħdmu fil-klinika. Ġiet aġġornata d-database tal-klinika bir-riferimenti mit-tim tas-servizz tas-saħħa fl-iskejjel. | Ġew finalizzati l-iStandard Operating Procedures. Sar it-tfassil u l-printing ta' formoli biex jintużaw matul il-visti. Inħadmet l-iskeda tal-klinika u roster tal-infermiera u t-tobba. Ingħata t-taħriġ lill-infermiera u t-tobba li ser jaħdmu fil-klinika. Intbagħtu l-ewwel lott ta' appuntamenti lill-pubbliku. Ġiet aġġornata d-database tal-klinika bir-riferimenti mit-tim tas-servizz tas-saħħa wara li sar screening fl-iskejjel. Sar is-soft launch tal-klinika u beda jingħata s-servizz lill-pubbliku ta' din il-klinika fiċ-Ċentru tas-saħħa tal-Furjana. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 1,000 tifel u tifla fis-sena

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Nintroduċu servizz ġdid tal-Colourblindness Test għat-tfal tas-sitt sena primarja fl-iskejjel tal-Istat u tal-Knisja. B'hekk tkompli tissaħħaħ is-sistema ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet relatati. | Saru laqgħat mal-infermiera, it-tobba u l-amministraturi bi tħejjija għat-tnedija ta' dan il-proġett. Inkitbu l-linji gwida u Standard Operating Procedures li se jintużaw fil-klinika. | Ġew finalizzati SOPs u l-linji gwida dwar dan il-proġett. Tfassal pjan ta' reviżjoni ta' taħriġ għall-infermieri u tobba. Intbagħtu ittri ta' informazzjoni lill-ġenituri. | Inħadmet l-iskeda għall-infermieri u t-tobba u ngħata t-taħriġ lill-istaff involut. Beda jingħata s-servizz tal-colourblindness test għat-tfal tas-sitt sena primarja fl-iskejjel tal-Istat u tal-Knisja. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 3,000 tifel u tifla li jattendu s-sitt sena primarja fl-iskejjel tal-Istat u tal-Knisja | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 74 | Jibda jingħata s-servizz ta' Occcupational Therapy fil-Komunità f'xi ċentri tas-saħħa. | Saru laqgħat mal-istakeholders kollha sabiex jiġu identifikati l-kriterji tal-proġett. Tlestew il-preparamenti sabiex ikun hemm l-istaff meħtieġ jaħdem mal-Primary Healthcare. Saru wkoll ir-rekwiżiti għall-apparat meħtieġ biex tibda titħaddem il-klinika. | Ġew finalizzati l-iStandard Operating Procedures kollha u linji gwida dwar kif se jaħdem dan il-proġett. Tfassal pjan ta' reviżjoni għat-taħriġ għall-professjonisti kollha. | Bdiet ħidma biex jinstabu Occupational Therapists għall-Kura Primarja. | Kompliet il-ħidma biex jinstabu Occupational Therapists għall-Kura Primarja. Ġie installat l-apparat ġdid għall-għoti ta' dan is-servizz. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku b'mod partikolari dawk li għandhom 'il fuq minn 18-il sena | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 103 | Jitwaqqaf mekkaniżmu fid-Dipartiment għall-Kura Primarja li permezz tiegħu ċ-ċentri tas-saħħa jibda jsirilhom assessment (kliniku u mhux kliniku) b'tali mod li jiġi żgurat li l-kwalità tas-servizz offrut liċ-ċittadin tilħaq kriterji u livelli stabbiliti. | Twaqqaf tim li ngħata l-funzjoni li jwettaq l-assessjar tal-proċeduri fiċ-ċentri tas-saħħa u bdew laqgħat mal-istakeholders involuti. Beda t-tfassil tal-proċeduri kliniċi u mhux kliniċi u t-taħriġ lit-tim imwaqqaf apposta għall-assessjar fiċ-ċentri tas-saħħa. Beda t-taħriġ lill-staff involut dwar il-proċeduri tal-assessjar. | Saru laqgħat mal-kapijiet tas-sezzjonijiet kollha sabiex dawn jiġu infurmati bis-sistema tal-proċeduri fiċ-ċentri tas-saħħa. Tkompla t-tfassil u aġġornament tal-proċeduri kliniċi u mhux kliniċi. Tkompla taħriġ lill-istaff kollu dwar il-proċeduri li tfasslu. Beda l-pilot study dwar l-iskills tat-tim responsabbli mill-assessjar. | Tlesta taħriġ lill-istaff kollu u tlesta l-pilot study dwar skills tat-tim responsabbli mill-assessjar. Bdew isiru assessments fuq l-SOPs. | Il-kapijiet responsabbli ġew infurmati bl-eżitu tal-assessment u daħal fis-seħħ il-mekkaniżmu fejn bdew isiru assessments kliniċi u mhumiex. Fejn instab li hu meħtieġ xi intervent korrettiv, dan jiġi indirizzat skont il-ħtieġa u fiż-żmien xieraq. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

## 104

### MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġu aġġornati l-istandards ta' kwalità fil-kura tas-saħħa biex jiġi żgurat li s-servizz offrut liċ-ċittadini minn sptarijiet f'Malta u f'Għawdex jilħaq kriterji u livelli ta' kwalità stabbiliti.

| KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Ġew organizzati u ppreżentati żewġ workshops minn esperti Olandiżi. Beda x-xogħol marbut mal-introduzzjoni ta' standards ta' kwalità fil-kura tas-saħħa fl-isptarijiet u ġew diskussi rekwiżiti li jeħtieġ li jkunu f'posthom biex ikun possibbli li nintroduċu u niżguraw dawn l-istandards fl-isptarijiet pubbliċi kif ukoll dawk privati. | Beda l-abbozzar tal-istandards ta' kwalità fil-kura tas-saħħa fl-isptarijiet mit-tim Olandiż b'kollaborazzjoni mas-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika. | Kompla l-abbozzar tal-istandards ta' kwalità. | Tlesta l-ewwel abbozz tal-istandards ta' kwalità u bdew il-konsultazzjonijiet mal-istakeholders involuti. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 107

Għall-ewwel darba jinkitbu u jiġu ppubblikati manwali bl-informazzjoni kollha meħtieġa u relatata mal-proċess tal-liċenzjar tal-operat ta' diversi kliniċi.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġew imfassla d-diversi stadji fil-proċess biex persuna tapplika għal-liċenzja biex topera ħanut tat-tattoos, klinika tal-fiżjoterapija u klinika tal-akupuntura. Inġabret l-informazzjoni kollha relatata, tlesta l-abbozzar tal-manwali u ġew ippubblikati l-manwali għall-kliniċi indikati. | Kompliet il-ħidma fuq aktar manwali fosthom dawk għall-applikazzjoni ta' liċenzja biex persuna topera klinika tal-podjatrija, studju fejn isir body piercing, kif ukoll studju fejn isir make-up semipermanenti. Sar l-abbozzar tal-manwali u ġew ippubblikati u disseminati l-manwali għall-kliniċi indikati. | Inkitbu l-manwali sabiex persuna tapplika għal liċenzja biex topera klinika dentali u laboratorju djanjostiku, u ġew ippubblikati u mqassma l-manwali fil-każ tal-kliniċi indikati. Inkitbu l-manwali sabiex persuna tapplika għal liċenzja biex topera klinika medika u klinika tar-radjoloġija, u ġew ippubblikati. Dawn il-manwali jistgħu jiġu aċċessati elettronikament mis-sit uffiċjali tal-Ministeru għas-Saħħa jew minn Business 1st li hu l-one-stop-shop fejn jidħlu negozji. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kull minn japplika għal-liċenzja u jopera waħda mill-kliniċi indikati

**KUMMENTI**

Implimentata

# MFEA

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq il-bdiewa billi jiġi simplifikat il-proċess ta' kif jinxtraw oġġetti u jiġu rifonduti l-ispejjeż għalihom mill-Fond tal-Agrikoltura. Dan ser isir billi jiddaħħlu Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati (Simplified Cost Options). Bis-saħħa ta' din is-sistema ġdida ser tiġi applikata rata fissa massima ta' rimborż għal kull tip ta' investiment li jagħmlu l-bdiewa. | Beda studju dwar il-proċess ta' xiri u l-miżuri li jistabbilixxu r-rati għar-rimborż ta' spejjeż allokati magħhom bi tħejjija biex jiġu introdotti Simplified Cost Options f'dan il-qasam. Inġabret id-data relatata mill-Awtorità ta' Ġestjoni flimkien mal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) sabiex fuqha jiġu stabbiliti l-għażliet ta' spejjeż issimplifikati. | Tlesta l-istudju dwar il-proċess ta' xiri u l-miżuri li jistabbilixxu r-rati għar-rimborż ta' spejjeż allokati magħhom bi tħejjija biex jiġu introdotti Simplified Cost Options f'dan il-qasam.<br><br>Inħarġet sejħa għall-offerti sabiex jitfasslu r-rati fissi massimi ta' rimborż għal tipi diversi ta' investiment magħmul mill-bdiewa, intlaqgħu l-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għat-tfassil tar-rati fissi massimi ta' rimborż għal tipi diversi ta' investiment magħmul mill-bdiewa. | Intgħażel l-offerent preferut u beda l-proċess ta' prefinanzjament min-naħa tal-ARPA. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 100 bidwi

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Tiġi simplifikata d-Document Retention Policy li tittratta safar uffiċjali rifuż mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea. Permezz tad-database Corporate Travel Management System, li ftit ftit qed tiġi estiża għas-servizz u s-settur pubbliku, l-arranġamenti u dokumentazzjoni ta' safar uffiċjali jsir elettronikament. Permezz ta' din il-miżura l-proċess kif ser jigi implimentat ser iwassal biex ma jinżammux dokumenti fiżiċi aktar u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv u jeħfief il-proċess filwaqt li l-kontabilità tibqa' intatta. | Saret analiżi dwar x'tip ta' dokumentazzjoni għandha tinżamm skont ir-regoli ta' rimborż tal-istituzzjonijiet Ewropej. Bdew ukoll diskussjonijiet dwar is-sigurtà u l-audit trail tas-sistema. Wara li tlestiet l-analiżi, ġiet stabbilita l-lista ta' dokumentazzjoni neċessarja. | Tnediet id-document retention policy aġġornata u bdiet titħaddem sabiex b'hekk kompla jitnaqqas il-piż amministrattiv kif ukoll tnaqqset il-ħtieġa taż-żamma ta' dokumenti fiżiċi. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fil-Ministeri li huma responsabbli mir-rimborż għas-safar għal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Jiġu introdotti Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati (Simplified Cost Options) fejn jidħlu skemi ta' scholarships. B'hekk ikunu qed jiġu stabbiliti rati fissi ta' finanzjament u b'dan il-mod ikun qed jitnaqqas il-piż amministrattiv. | Ġie żviluppat il-qafas għar-rati proposti fejn jidħlu skemi ta' boroż ta' studju u nġabret id-data meħtieġa. | Saru l-istudji tekniċi dwar ir-rati stabbiliti, filwaqt li ġiet abbozzata l-applikazzjoni għall-att ta' delega mill-Kummissjoni Ewropea. Beda jiġi mfassal l-abbozz ta' linji gwida tal-Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati fejn jidħlu skemi ta' boroż ta' studju. Saru diskussjonijiet tekniċi mal-Kummissjoni Ewropea u s-servizzi t'awditjar. | Kompla jiġi segwit il-proċess leġiżlattiv applikabbli regolat mill-proċeduri stabbiliati mill-Unjoni Ewropea. | L-att ta' delega b'żewġ rati fissi ta' finanzjament għal skemi ta' boroż ta' studju ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea u r-rati l-ġodda bdew jiġu applikati. B'hekk saret l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Benefiċjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Isir ir-roll out tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | Saru diskussjonijiet mad-dipartimenti u entitajiet fi ħdan il-Ministeru għat-twettiq ta' din il-miżura. B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi ngħata t-taħriġ lill-uffiċjali rispettivi li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru u bdiet l-installazzjoni tas-sistema. | Ingħata aċċess għas-sistema u bdiet titħaddem mid-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Jiġi introdott reġistru elettroniku tal-viżitaturi li permezz tiegħu l-uffiċjali tas-sigurtà tal-Ministeru jkollhom f'ħin reali l-informazzjoni relevanti dwar min jidħol fil-Ministeru, fejn ser imur u ma' min ser jiltaqa'. B'hekk titjieb is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz offrut. | Bdew diskussjonijiet interni dwar pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. Ġew diskussi r-rekwiżiti tal-proġett. | Ġew finalizzati r-rekwiżiti u identifikati l-komponenti u s-software meħtieġa għal dan il-proġett. | Wara li ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-apparat meħtieġ, intlaqgħu l-offerti, saret l-evalwazzjoni u ġie ordnat l-apparat. Ġie installat is-software u sar it-taħriġ lill-utenti fil-Ministeru. | Ġie installat l-appparat fil-Ministeru u s-sistema elettronika tal-viżitaturi bdiet titħaddem fil-Ministeru. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jżuru l-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Isir review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Fondi Ewropej bil-għan li, fejn possibbli, jiġu ssimplifikati l-proċessi għal użu faċli u aċċessibbiltà akbar. | Ġie mwaqqaf kumitat sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din il-miżura u jidentifika l-proċessi interni għall-analiżi meħtieġa. Ġew miktuba t-Terms of Reference u bdiet il-ħidma b'kollaborazzjoni mal-Management Efficiency Unit li ġie inkariġat sabiex iħares lejn il-proċess involuti fl-għoti tas-servizzi kollha offruti mill-ministeri. | Saru diversi laqgħat fosthom ma' Identity Malta, is-Central Visa Unit u ambaxxati u konsulati barra minn Malta sabiex tiġi diskussa l-analiżi dwar il-proċessi interni. | Saru diskussjonijiet mal-People and Standards Division u tħejjew il-preparamenti biex isir attitude survey fost il-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru, inkluż l-ambaxxati. | Ġie preżentat ir-rapport finali mill-Management Efficiency Unit, b'rakkomandazzjonijiet dwar kif is-servizzi offruti mill-Ministeru jistgħu jittejbu. Bdew jiġu diskussi r-rakkomandazzjonijiet mal-istakeholders interni. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-klijenti li jużaw is-servizzi tal-MFEA

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Tiġi stabbilita sistema b'mod formali għall-evalwazzjoni ta' proposti mibgħuta minn stakeholders varji għal proġetti li jistgħu jkunu sottomessi għall-kunsiderazzjoni ta' fondi Ewropej. L-evalwazzjoni ssir fil-fażijiet inizjali bil-għan li jiġi żgurat li dawk il-proġetti li ser jiġu sottomessi jkunu msaħħa sabiex ikollhom aktar ċans li jingħataw il-fondi meħtieġa. | Sar l-iżvilupp tas-sistema elettronika li permezz tagħha tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-proposti riċevuti għal proġetti biex dawn jiġu kkunsidrati għal kofinanzjament ta' fondi Ewropej. Sar it-taħriġ lill-impjegati tal-Ministeru li huma involuti fil-proċess indikat u nkitbu linji gwida ġodda għat-tħaddim tas-sistema l-ġdida. Sar l-ittestjar tas-sistema u b'riżultat tal-feedback riċevut mill-utenti ġew aġġornati l-linji gwida kif ukoll il-manwal tekniku. | Saru diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-linji gwida u dwar il-manwal tekniku propost filwaqt li s-sistema l-ġdida ġiet trasferita fuq is-servers tal-MITA. | Saret laqgħa mal-Ministeri involuti li fiha ġiet spjegata kif din is-sistema ser taħdem. | Is-sistema bdiet titħaddem. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Is-Servizz Pubbliku b'mod partikolari dawk li jevalwaw proġetti għal fondi Ewropej

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Permezz ta' fondi Ewropej jiġu żviluppati strumenti finanzjarji b'kollaborazzjoni mal-Fond ta' Investiment u l-Bank Malti għall-Iżvilupp. Dawn l-istrumenti ser jiffukaw fuq l-oqsma soċjali u ambjentali. | Saru diskussjonijiet mal-Fond ta' Investiment kif ukoll mal-Bank Malti għall-Iżvilupp dwar it-tfassil ta' strumenti finanzjarji, partikolarment fl-oqsma soċjali u ambjentali. Id-diskussjoni saret ukoll dwar kif dan il-proċess jista' jsir bl-għajnuna ta' fondi Ewropej. | Saru laqgħat ma' banek lokali u intermedjarji finanzjarji u bdiet il-ħidma fuq l-ewwel abbozz tas-sejħa għal applikazzjonijiet. Is-sejħa ġiet finalizzata u beda l-proċess għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji. | Intemm il-proċess tal-għażla tal-intermedjarju finanzjarju u ġie magħżul il-bank. Saru negozjati mal-bank magħżul dwar l-istrumenti finanzjarji maħsuba. | L-istrument finanzjarju propost daħal fis-seħħ. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-oqsma soċjali u ambjentali

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Isir pjan (Options Paper) flimkien mar-riċerka relevanti u jiġu identifikati fondi Ewropej dwar il-possibilità ta' faċilitajiet ta' trasport fin-naħa ta' Marsamxett. Dan ser isir biex jikkontribwixxi għal aċċessibilità akbar fin-naħa t'isfel tal-Belt Valletta filwaqt li jkunu jistgħu jiġu promossi mezzi alternattivi ta' trasport. | Saret riċerka biex jiġi stabbilit it-tip ta' proġetti ta' trasport li jistgħu jgħaqqdu Marsamxett man-naħa ta' fuq tal-Belt. Ġew identifikati numru ta' proġetti u ġiet żviluppata Draft Options Paper fejn ġew identifikati numru ta' options għal mezzi ta' trasport li jistgħu jikkwalifikaw għal fondi Ewropej. | Ir-riċerka kif ukoll l-Options Paper ġew ippreżentati u diskussi mal-Ministeri konċernati. B'hekk tlestiet il-bażi fuq xiex jaħdmu dawn il-Ministeri fejn jidħlu proġetti siewja dwar faċilitajiet ta' trasport fin-naħa ta' Marsamxett, liema proġetti għandhom il-potenzjal li jiksbu l-kofinanzjament ta' fondi Ewropej. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Il-pubbliku | | | Implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Permezz ta' fondi Ewropej jiġu żviluppati strumenti finanzjarji fl-oqsma tal-agrikoltura u s-sajd. | Inħarġet sejħa għall-offerti sabiex isir studju dwar il-possibilità ta' tfassil ta' strument finanzjarju fuq is-setturi tal-agrikoltura u s-sajd u ntgħażlu l-kuntratturi. Bdew diskussjonijiet dwar l-istrumenti finanzjarji għal dawn is-setturi. Saret analiżi tad-diversi regolamenti Ewropej. | Saret analiżi interna fuq l-istrumenti finanzjarji proposti u bdew intervisti ma' diversi istituzzjonijiet finanzjarji u l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Agrikoltura. | Tlesta l-abbozz tal-istrument finanzjarju għas-settur tal-agrikoltura u ġie ppreżentat lid-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi.<br><br>Fir-rigward tas-settur tas-sajd, saru laqgħat ma' diversi għaqdiet u entitajiet settorali fejn ġie diskuss l-istrument finanzjarju propost. | Tlestew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti fis-setturi indikati u ġie deċiż li l-istrumenti finanzjarji proposti ma jidħlux fis-seħħ għaliex mhumiex attraenti għas-setturi rispettivi. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Il-ħaddiema tad-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi | | | Implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Isir investiment ta' tisbiħ tal-binja preżenti tal-ambaxxata ta' Malta f'Beijing, iċ-Ċina, sabiex isir użu aħjar tal-ispazju eżistenti għall-benefiċċju tal-klijenti tagħna u l-ħaddiema. | Saret analiżi tal-binja eżistenti u x-xogħol propost għal ristrutturar. Inġabru l-istimi u ntgħażlet l-aħjar offerta. | Komplew diskussjonijiet interni dwar ir-ristrutturar propost. | Saret żjara fl-ambaxxata ta' Malta f'Beijing, iċ-Ċina, u ġew identifikati bżonnijiet tekniċi u ta' sigurtà meħtieġa. Dan wassal għal bidla fid-disinn oriġinali propost. | Bdiet ħidma biex isir ir-rinovar meħtieġ u ntefgħet l-applikazzjoni mal-awtoritajiet rispettivi għall-permess ta' żvilupp. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Klijenti tal-ambaxxata Maltija fiċ-Ċina kif ukoll l-impjegati li jaħdmu f'din l-ambaxxata | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

## 77

### MIŻURA ADDIZZJONALI

Isir refurbishment tal-kantina u tat-tielet sular tal-palazz storiku, Palazzo Parisio, fil-Belt Valletta. Dan il-bini huwa s-sit prinċipali li jakkomoda l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għal xogħol ta' ristrutturar tal-kantina f'Palazzo Parisio li huwa s-sede tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej. Din is-sejħa għall-offerti ntbagħtet għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Wara diskussjoni mal-impjegati, bdew jinġabru r-rekwiżiti tax-xogħol pjanat fuq it-tielet sular mill-perit inkarigat u saru testijiet fuq l-istruttura tal-binja, inkluż it-teħid ta' core samples sabiex isiru t-testijiet b'mod dettaljat.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-ixkaffar meħtieġ bħala parti mir-ristrutturar tal-kantina.

Tlestew il-pjanti tal-proġett tat-tielet sular u tressqu għall-approvazzjoni interna wara li ġew konklużi t-testijiet kollha li saru fuq l-istruttura tal-binja.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' ristrutturar tal-kantina u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.

Beda jsir is-survey mill-perit fit-tielet sular.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlestew l-ispeċifikazzjonijiet għax-xiri ta' għamara u xkafef bi tħejjija għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, filwaqt li ntgħażel il-kuntrattur għax-xogħol ta' ristrutturar.

Dwar it-tielet sular, ġew finalizzati l-ispeċifikazzjonijiet filwaqt li tressqet id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-permess lill-Awtoritá tal-Ippjanar.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-klijenti tal-Ministeru

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 105

Jitwaqqaf Unit ta' Ġestjoni ta' Kriżijiet. Dan il-unit ikun il-punt ta' referenza biex jiġu assistiti Maltin li jinsabu f'xi pajjiż barrani meta jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'dak il-pajjiż.

Ġie mfassal pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Saret analiżi tal-proċessi involuti fl-operat konċernat. Dan sar sabiex jiġu elenkati l-proċeduri bażiċi li jaħdem bihom il-Ministeru f'ċirkostanzi ta' kriżi. Bdew kuntatti ma' entitajiet speċjalizzati barra minn Malta sabiex tiġi identifikata istituzzjoni li tagħti taħriġ strutturat f'diversi livelli fuq l-immaniġġjar ta' kriżijiet. Ġew abbozzati Standard Operating Procedures (SOPS) għaċ-Ċentru ta' Ġestjoni ta' Kriżijiet.

Inħarġet sejħa għall-ingaġġ għat-tmexxija ta' dan iċ-ċentru u ntlaqgħu applikazzjonijet għal sejħa għal Manager u saru l-intervisti. Tlestew il-linji gwida għall-ambaxxati u l-konsulati Maltin biex f'każ ta' bżonn, jiġu aġġornati l-pjani ta' emerġenza. Komplew il-kuntatti ma' entitajiet speċjalizzati barra minn Malta sabiex tiġi identifikata istituzzjoni li tagħti taħriġ strutturat f'diversi livelli fuq l-immaniġġjar ta' kriżijiet.

Ġie ingaġġat il-Manager. Tlesta l-ewwel abbozz tal-Manwal ta' Proċeduri għaċ-Ċentru, kif ukoll intbagħtet ċirkulari lill-ambaaxxati Maltin kollha biex jippreparaw sal-aħħar tas-sena l-Pjan ta' Kontinġenza tagħhom. Tfassal abbozz għal sejħa ta' Programme Officers biex jiġu ingaġġati maċ-Ċentru.

Tkomplew id-diskussjonijiet mal-European External Action Service (EEAS) u l-International Centre for Migration Policy Development (ICMPD) fejn ġie stabbilit li t-taħriġ speċjalizzat isir fl-2020. Sadanittant il-maġġoranza tal-ambaxxati bagħtu l-Pjanijiet ta' Emerġenza tagħhom għall-kunsiderazzjoni.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Kull Malti u Għawdxi li jkun imsiefer u li jsib ruħu f'xi sitwazzjoni ta' emerġenza barra minn Malta

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata



# MFIN

MINISTERU GĦALL-FINANZI
U S-SERVIZZI FINANZJARJI

| | MIŻURA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Jiġi diġitalizzat il-mod kif tinġabar l-informazzjoni tat-Technology Development Programme billi tiġi kreata database diġitali biex tinġabar spreadsheet ewlenija ta' benefiċjarji ta' FUSION TDP għall-ħruġ instantanju ta' rapporti u monitoraġġ statistiku. Bħalissa biex tinġabar l-istatistika wieħed irid jirreferi għal diversi fajls ta' proġetti u jestratta l-informazzjoni manwalment kull darba. | Twaqqaf kumitat biex jiddefinixxi l-parametri għall-iżvilupp tal-ispreadsheet manwali użata sal-lum li tinkludi informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-programm FUSION. Ġew identifikati liema rapporti jridu jitfasslu taħt il-programm FUSION. Ġiet identifikata l-pjattaforma elettronika u tlesta l-iżvilupp tagħha. Inġabret id-data u saret il-popolazzjoni tagħha fil-pjattaforma elettronika. Sar it-testing u t-taħriġ meħtieġ u l-informazzjoni bdiet tinġabar b'mod diġitalizzat. Permezz ta' din is-sistema elettronika bdew jiġu ġġenerati r-rapporti meħtieġa taħt il-programm FUSION b'mod awtomatiku wkoll. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-benefiċjarji kollha tal-Programm FUSION kif ukoll l-impjegati konċernati fl-MCST

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Tiġi introdotta faċilità sabiex bdil fl-involviment ta' uffiċjali fil-kumpaniji liċenzjati mill-MFSA jibda jsir online. Bħalissa dan il-bdil jiġi notifikat b'mod manwali lill-MFSA. Permezz ta' dan il-proġett, dan il-bdil jibda jsir online u b'hekk il-proċedura ssir aktar faċli u effiċjenti. | Żdiedu l-funzjonalitajiet fis-sistema elettronika tal-MFSA b'tali mod li jista' jkun hemm użu diġitali, real time u aktar simplifikat għall-kumpaniji liċenzjati mill-MFSA. Inħoloq profil għall-kumpaniji liċenzjati mill-MFSA u ġew infurmati l-Compliance Officers tal-kumpaniji illi tibdil tad-dettalji tal-profil tal-kumpaniji kien se jibda jsir online. Dan il-proċess ġdid sar possibbli għal kull tip ta' liċenzja maħruġa mill-MFSA. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kumpaniji liċenzjati mill-MFSA

**KUMMENTI**

Implimentata

| 4 MIŻURA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Jiġi żviluppat Web Portal li jippermetti li kumpaniji li jimmaniġġjaw skemi ta' pensjonijiet jissottomettu dokumentazzjoni (audited financial statements u half yearly reports) b'mod elettroniku. Il-ħolqien ta' Web Portal jagħti benefiċċju lil-licence holder biex b'mod effiċjenti u simplifikat itella' d-dokumenti meħtieġa lill-Awtorità b'aktar faċilità u fi żmien stipulat. Il-proċess sal-lum jippermetti biss li d-dokumentazzjoni tintbagħat permezz ta' email, posta jew titwassal bl-idejn. | Sar l-iżvilupp ta' Web Portal ġdid li jippermetti sottomissjoni elettronika tad-dokumentazzjoni meħtieġa fejn jidħlu skemi liċenzjati ta' pensjonijiet. Sar l-ittestjar kif ukoll l-emendi meħtieġa b'riżultat ta' dan l-ittestjar. Il-kumpaniji liċenzjati ġew infurmati u aġġornati b'dan il-proċess ġdid. Il-Web Portal beda jitħaddem uffiċjalment. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kumpaniji liċenzjati li jimmaniġġjaw skemi ta' pensjonijiet

**KUMMENTI**

Implimentata

| 5 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Jiġi simplifikat il-mod kif ministeri, dipartimenti u entitajiet fl-amministrazzjoni pubblika jingħataw servizzi diġitali mill-MITA. Bl-introduzzjoni tas-sistema ta' User and Access Management jiġu provduti servizzi b'iktar effiċjenza u f'każijiet speċifiċi b'mod awtomatiku. Illum biex jingħataw servizzi mill-MITA l-proċess jibda permezz ta' applikazzjoni li ssir minn fuq sistema online (eRFS) u dawn l-applikazzjonijiet jiġu proċessati mill-MITA b'mod manwali. Bis-saħħa ta' dan il-proġett il-MITA ser ittejjeb il-proċess billi tintroduċi sistema ġdida bbażata fuq teknoloġija tal-Microsoft fejn ser jiġi faċilitat u simplifikat il-proċess tal-kisba tal-approvazzjoni u l-aċċess għal diversi servizzi b'sistema awtomatika u diġitali. | Saru laqgħat interni dwar it-twettiq ta' din il-miżura u ġew identifikati r-rekwiżiti meħtieġa għall-iżvilupp tas-sistema l-ġdida. Sar l-iżvilupp u bdiet l-installazzjoni tal-infrastruttura neċessarja biex fuqha jinbena l-qafas tas-soluzzjoni. | Bdiet il-ħidma fuq il-konfigurazzjoni tas-sistema, is-sinkronizzar tal-identità tal-utent kif ukoll it-tfassil tar-regoli marbuta mas-sistema, proċessi u rapporti. Ġew introdotti żewġ sistemi ġodda għal effiċjenza ekonomika u minħabba sostenibilità. Dawn iż-żewġ sistemi huma l-K2 u l-Hybrid Cloud. Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema tal-MITA fuq iż-żewġ sistemi hawn fuq indikati u biex ikunu f'pożizzjoni li joħolqu formoli fis-sistema biex il-klijenti japplikaw għas-servizzi b'mod elettroniku. | Ġie żviluppat il-portal għall-klijenti fejn jintlaqgħu talbiet għal servizzi offruti mill-MITA, kompla t-taħriġ lill-impjegati u saret il-migrazzjoni tad-data minn numru ta' sistemi għal sistema waħda. Sar testing u bdiet il-ħidma fuq l-emendi meħtieġa b'riżultat tat-testing li sar. | Tlestew l-emendi u beda r-roll out tas-sistema l-ġdida. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-ħaddiema kollha tal-Gvern kif ukoll madwar 700 impjegat fis-Servizz Pubbliku li japprovaw eRFSs

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 6

### MIŻURA

Tiġi introdotta sistema ġdida li tissimplifika l-operat tal-impjegati fis-settur pubbliku billi, permezz tal-Modern Workplace, l-impjegati jkollhom il-faċilità ta' aċċess għad-dokumenti u sistemi tal-kompjuter minn kullimkien, f'kull ħin u kif ukoll minn diversi apparati tal-kompjuter (bħal desktops, laptops, mobiles u tablets) b'mod sigur. Din is-sistema ser toffri wkoll għodod diġitali ġodda oħra.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Bdew diskussjonijiet ma' diversi Ministeri biex jitfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Inxtara s-software u bdiet l-installazzjoni f'numru ta' ministeri. Ingħata t-taħriġ sabiex ħaddiema fi ħdan dawn il-ministeri jkunu jistgħu jgawdu minn din is-sistema ġdida. | Kompliet il-ħidma f'numru ta' ministeri oħra sabiex is-sistema l-ġdida tiġi installata għall-benefiċċju tal-ħaddiema fi ħdanhom, filwaqt li kompla jingħata t-taħriġ. | Kompliet l-installazzjoni fil-Ministeri flimkien mat-taħriġ meħtieġ lill-utenti. | Kompliet l-installazzjoni tas-sistema l-ġdida fil-Ministeri sabiex kull ħaddiem igawdi mill-benefiċċji tas-software. Ingħata t-taħriġ lil dawk l-utenti fejn ġiet installata s-sistema. Il-ħidma ser tkompli sakemm kull ħaddiem jingħata aċċess għal din is-sistema. L-akbar benefiċċju ta' din is-sistema huwa li s-Servizz Pubbliku jkollu l-għodda meħtieġa sabiex jaħdem remotely. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Impjegati fis-Servizz Pubbliku

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 7

Tiġi introdotta l-Workflow Automation Solution. Din hija sistema moderna li ser tissimplifika l-mod kif l-amministrazzjoni tiddiġitalizza l-proċessi operattivi tagħha filwaqt li jiġi reġistrat titjib fis-servizzi mogħtija liċ-ċittadini, negozji u servizzi intragovernattivi. Sal-lum l-amministrazzjoni tuża sistemi diversi li f'ċerti istanzi huma antiki. B'din is-soluzzjoni l-amministrazzjoni ser ikollha l-opportunità twieġeb u tadatta malajr maż-żminijiet mgħaġġlin tal-lum, possibbilment tintegra u tamalgama proċessi komplessi u interrelatati, filwaqt li għandu jkun hemm żieda fl-użu tas-servizzi governattivi. Il-benefiċċji ta' dan il-proġett jinkludu li ser ikunu jistgħu jiġu offruti servizzi state of the art, b'aċċess minn fuq il-mowbajl, ser ikunu jistghu jinħolqu servizzi sempliċi b'mod diġitali mingħajr għajnuna teknika, tibda tintuża soluzzjoni użata fl-industrija, ikun aktar faċli li jiġu mantnuti s-servizzi eżistenti, ikun hemm il-faċilità ta' integrazzjoni ma' soluzzjonijiet u servizzi oħra, jitjieb il-viżwal (dashboards) għall-pubbliku u għall-utenti kif ukoll titjieb il-faċilità ta' rapporti u jkunu jistgħu jiġu offruti Service Branding skont il-ħtieġa tal-Gvern.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdiet il-konfigurazzjoni tas-soluzzjoni Workflow Automation Solution u saru diskussjonijiet maċ-Chief Information Officers (CIOs) fil-Ministeri rispettivi dwar l-għanijiet ta' dan il-proġett. Ġiet konkluża l-fażi tad-disinn tal-arkitettura tas-sistema. Ingħata taħriġ lil uffiċjali fi ħdan l-Information Management Units tal-Ministeri rispettivi. | Saru laqgħat mal-partijiet konċernati dwar il-viżwal li għalih se jkun qed jingħata aċċess iċ-ċittadin u servizz.gov. Ġiet finalizzata l-verifika tas-sistema sabiex jiġi assigurat li s-sistema tindirizza l-ħtiġijiet tas-settur pubbliku. Ingħata taħriġ lil madwar 150 ħaddiem fis-settur pubbliku, inkluż dawk li jaħdmu l-MITA. | Tlestiet il-konfigurazzjoni u l-verifika tas-sistema u ġiet introdotta l-Workflow Automation Solution. Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema li bdew jużaw din is-sistema l-ġdida. | |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-ħaddiema fis-Settur Pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

## 22

### MIŻURA

Wara li matul l-2018 beda l-proċess biex ċerti proċessi mħaddma mill-Income Tax u mill-VAT jiġu integrati flimkien, issa ser tiġi introdotta l-faċilità ta' programm ta' ħlas mensili online għall-individwi fuq il-kont personali tagħhom u għall-individwi reġistrati għall-VAT.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saru diskussjonijiet interni biex jiġu stabbiliti l-parametri għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. F'dawn id-diskussjonijiet kienu involuti t-taqsimiet kollha konċernati fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa. Tfasslu l-proċeduri applikabbli li permezz tagħhom ikun jista' jitwettaq il-proċess b'faċilità integrata online ta' programm ta' ħlas mensili. | Saru laqgħat mal-MITA dwar l-emendi tekniċi meħtieġa fis-sistema u ġiet diskussa l-aċċessibbiltà għall-pubbliku. | Tlesta d-disinn tas-sistema l-ġdida b'konsultazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi u tlesta l-iżvilupp meħtieġ fis-sistema mill-MITA. | Tlesta l-ittestjar tas-sistema u saru l-emendi meħtieġa wara l-ittestjar li sar. Beda User Acceptance Testing ma' numru żgħir ta' stakeholders esterni sabiex jiġi aċċertat li din is-sistema taħdem kif mixtieq. Fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla 2020 ikun jista' jsir ir-roll out ta' din is-sistema għall-użu tal-pubbliku. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku ġenerali

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 23

Tiġi introdotta sistema ta' reġistrazzjoni online tat-trasferimenti tal-ishma. Dan għandu jtejjeb sostanzjalment il-ħidma tal-accountants li sal-lum iridu jmorru huma fid-dipartiment bid-dokumenti u bil-ħlas dovut tat-taxxa.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdew preparamenti għat-twettiq ta' din il-miżura. | Saru diskussjonijiet mal-MITA dwar l-integrazzjoni tas-sistema l-ġdida għar-reġistrazzjoni online tat-trasferimenti tal-ishma. | Inkitbu Standard Operating Procedures (SOPs) għall-ħaddiema inkarigati mit-tħaddim ta' dan is-servizz elettroniku. Dawn l-SOPs ġew diskussi u ttestjati mal-ħaddiema. | Ingħata t-taħriġ lil dawk l-impjegati responsabbli minn dan is-servizz u ntlaqgħu l-kummenti dwar it-tħaddim ta' din is-sistema l-ġdida. Dan wassal sabiex jiġu identifikati parametri usa' li jippermettu aċċessibilità akbar lill-klijenti tal-International Tax Unit. Għaldaqstant kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-servizz ġdid online. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari accountants u accountant practitioners

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Tiddaħħal sistema ġdida u proċessi ċari u aġġornati ta' żamma tal-ħin u l-attendenza tal-impjegati tal-Ministeru għall-Finanzi minflok il-proċessi mħaddma sal-lum. B'hekk titjieb il-ħidma tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, tiżdied il-kontabilità u l-impjegat konċernat ikollu wkoll l-informazzjoni li tikkonċernah. | Saru diskussjonijiet mad-Dipartimenti kollha konċernati fi ħdan il-Ministeru fejn ġew diskussi l-għanijiet ta' dan il-proġett kif ukoll it-triq 'il quddiem. Inġabar it-tagħrif u ngħadda lill-iżviluppaturi tas-software. | Beda l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u komplew id-diskussjonijiet mal-ħaddiema konċernati, partikolarment fejn jidħlu proċessi applikabbli. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida. | Tlesta l-iżvilupp u beda l-ittestjar tas-sistema. Ġew identifikati l-emendi meħtieġa wara l-ittestjar li sar filwaqt li komplew id-diskussjonijiet mal-iżviluppatur. Beda jingħata wkoll it-taħriġ lill-ħaddiema kollha li ser jużaw din is-sistema l-ġdida. Inxtara wkoll l-apparat meħtieġ sabiex din is-sistema tkun tista' titħaddem fid-dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 1,000 impjegat fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Jiżdiedu aktar servizzi elettroniċi mogħtija mid-Dipartiment għar-Revenue. Ser tiġi introdotta sistema online biex persuna tapplika għal Tax Clearance Certificate. | Beda t-tfassil u l-iżvilupp tas-servizz elettroniku li permezz tiegħu t-taxpayers ser ikunu jistgħu jaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar it-taxxa dovuta. | Beda l-ittestjar ta' dan is-servizz u ġew identifikati l-modifiki meħtieġa b'riżultat ta' dan. Saru laqgħat ma' diversi stakeholders, inkluż ma' tax practitioners, biex jiġi spjegat l-għan wara dan is-servizz fejn intalbu wkoll jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar kif jista' jitjieb is-servizz indikat. | Intlaqgħu l-kummenti u saret il-ħidma fuq l-emendi meħtieġa. Għaldaqstant tkompla l-iżvilupp ta' dan is-servizz elettroniku ġdid. | Tlesta l-iżvilupp u tkompla l-ittestjar tiegħu. Bdew it-tħejjijiet għat-tnedija ta' dan is-servizz ġdid. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Tiġi żviluppata pjattaforma komuni għas-servizzi online tal-Uffiċċju tal-Commissioner for Revenue u jiġu implimentati s-servizzi online tal-individwi, fosthom is-sottomissjoni tal-Income Tax Return. Sal-lum individwu jrid bilfors iċempel lid-Dipartiment biex jikseb l-informazzjoni. Issa din ser tkun aċċessibbli b'mod elettroniku meta hu jeħtieġha. | Beda t-tfassil u x-xogħol fuq il-pjattaforma komuni għas-servizzi online u saru diversi laqgħat mal-istakeholders biex jiġi spjegat fiex jikkonsisti dan is-servizz. L-istakeholders konċernati ntalbu feedback dwar kif jista' jitjieb is-servizz indikat. | Beda l-iżvilupp fuq il-pjattaforma ġdida. | Tlesta l-iżviupp tas-sistema l-ġdida li permezz tagħha, bħala proġett pilota, ħaddiema tas-Servizz Pubbliku bdew jiksbu rendikont tat-taxxa tagħhom b'mod elettroniku. | Tlesta s-servizz li permezz tiegħu persuni li kellhom rifużjoni tat-taxxa għall-2018 setgħu jidħlu fis-servizz online u jdaħħlu d-dettalji tal-kont bankarju tagħhom biex b'hekk ir-refund seta' jitħallas direttament fil-kont tagħhom. Kompliet il-ħidma sabiex din is-sistema l-ġdida tkun tista tiġi rolled out lill-kumplament tat-tax payers l-oħra. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Persuni li huma reġistrati għat-taxxa

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Titnaqqas il-burokrazija fejn tidħol is-sistema tal-fleet management u l-web-based fleetweb użata mill-amministrazzjoni pubblika. Dan ser isir billi jiġu delegati numru ta' responsabilitajiet lill-Ministeri rispettivi. | Bdew diskussjonijiet interni mal-partijiet konċernati flimkien mal-iżviluppatur tas-sistema u beda l-iżvilupp. | Tlesta x-xogħol mill-iżviluppatur u beda jingħata taħriġ lil bosta utenti f'Ministeri differenti. | Tlesta t-taħriġ lill-utenti kollha konċernati fil-Ministeri differenti u s-sistema l-ġdida daħlet fis-seħħ billi ġiet rolled out u bdiet titħaddem fil-Ministeri kollha. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 700 impjegat fis-Servizz Pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

## 63

### MIŻURA

Tiġi introdotta sistema ta' reġistrazzjoni online tal-kuntratti tal-proprjetà. Dan għandu jiffaċilita bil-bosta l-ħidma tan-nutara kollha. Sal-lum in-nutara jridu bilfors imorru fiżikament fid-dipartiment bid-dokumenti u bil-ħlas dovut tat-taxxa.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saru laqgħat mal-partijiet konċernati, fosthom il-Kunsill Notarili fejn ġie diskuss il-ħsieb wara din is-sistema ġdida. Komplew diskussjonijiet mal-MITA u ċ-Chief Information Officers (CIOs) rispettivi dwar l-operat tas-sistema u beda l-iżvilupp. | Komplew diskussjonijiet mal-partijiet konċernati fuq livell tekniku. Kompla l-iżvilupp tas-sistema. | Tlestiet l-ewwel fażi tal-iżvilupp u komplew diskussjonijiet mal-Kunsill Notarili dwar titjib meħtieġ. Dan it-titjib indikat mill-Kunsill Notarili ddaħħal bħala parti mill-iżvilupp ta' din is-sistema. Sadanittant is-sistema bdiet titħaddem bi prova minn grupp żgħir ta' nutara sabiex jiġi żgurat li kollox qed jaħdem kif mixtieq. | Sar l-ittestjar mill-grupp żgħir ta' nutara u komplew diskussjonijiet tekniċi mal-MITA dwar l-emendi meħtieġa fis-sistema l-ġdida bi tħejjija għall-introduzzjoni tal-proċess ta' reġistrazzjoni online tal-kuntratti tal-proprjetà. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 350 nutar

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 69

Isir operational review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tad-Dipartiment tad-Dwana. L-għan huwa li jiġu ssimplifikati l-proċessi interni, ikun evitat li informazzjoni li diġà hija aċċessibbli għall-Gvern terġa' tintalab lill-klijenti, kif ukoll tiżdied l-aċċessibbiltà għall-klijenti biex dawn jingħataw servizz f'waqtu b'mod effiċjenti.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdew diskussjonijiet interni kif ukoll mal-Management Efficiency Unit (MEU) imqabbda sabiex jagħmlu review tal-client facing services offruti mid-Dipartiment tad-Dwana. Twaqqaf Grupp ta' Ħidma responsabbli biex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Sar attitude survey mal-ħaddiema tad-Dipartiment tad-Dwana u bdiet l-evalwazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li nħarġu. Il-kummenti miġbura mill-attitude survey tressqu għad-diskussjoni interna filwaqt li kompliet ir-review tal-client facing services mill-MEU. Sar ukoll survey mal-klijenti tad-Dipartiment li huma l-operaturi ekonomiċi. | Ġie ppreżentat rapport preliminari tar-review mill-MEU dwar uħud mis-servizzi offruti lill-klijent mid-Dipartiment tad-Dwana u saret diskussjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet misjuba fih. | Tlesta rapport preliminari mill-MEU dwar is-servizzi kollha offruti mid-Dipartiment tad-Dwana u ġie diskuss internament flimkien mal-emendi mixtieqa. Bdiet l-implimentazzjoni marbuta mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Attitude Survey imwettaq mal-ħaddiema tad-Dipartiment tad-Dwana. Tfasslet Business Strategy għad-Dipartiment. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-klijenti tad-Dipartiment tad-Dwana

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| # | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Titfassal strateġija ġdida għal titjib fis-Cyber Security fuq livell nazzjonali. | Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u ma’ delegazzjoni minn Singapore bil-għan li jiġi finalizzat Memorandum of Understanding sabiex l-esperti minn Singapore jgħinu fl-analiżi li għandha twassal għall-istrateġija l-ġdida fil-qasam tas-cyber security. | Kompliet il-ħidma mad-Dipartiment tal-Information Security fi ħdan il-MITA, sabiex permezz ta’ investiment sostanzjali tkompli tissaħħaħ is-cyber security. Ġie ffirmat Memorandum of Understanding ma’ Singapore. | Intlaħaq ftehim ta’ koperazzjoni bejn il-Gvern Malti u dak Ingliż fit-tfassil tal-istrateġija ġdida u l-implimentazzjoni tagħha. | Komplew diskussjonijiet ma’ rappreżentanti min-National Cyber Security Centre (NCSC) fl-Ingilterra u beda jiġi abbozzat memo għall-approvazzjoni li jipproponi l-mudell għal Malta f’dan ir-rigward. |
| | | **NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 9 | Wara t-twaqqif tagħha fl-2018, il-Malta Digital Innovation Authority ser tirrinova l-binja li minnha topera. | Wara diskussjonijiet interni dwar it-twettiq ta’ din il-miżura, ġie appuntat Project Manager. Tfasslu u ġew ippreżentati l-layout designs bi tħejjija għall-BOQs. | Komplew il-laqgħat mal-inġinier u l-perit inkarigat biex jiġu kompluti l-BOQs. | Tlestew il-BOQs tax-xogħlijiet fil-binja, inkluż l-għamara u l-apparat meħtieġ. Inħarġu s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, xogħlijiet ċivili u finituri u għamara. Intlaqgħu s-sottomissjonijiet u ġie magħżul il-kuntrattur. | Sar rapport relatat ma’ Health and Safety tal-binja u bdiet l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula. Bdew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. |
| | | **NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-impjegati tal-MDIA | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 33 | Isiru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema sabiex il-profil tal-persuni taxxabbli li jappartjenu kemm għat-taxxa fuq id-dħul kif ukoll il-VAT ikunu aċċessibbli online. | Beda t-tfassil u l-iżvilupp tas-sistema tal-informatika għal din l-inizzjattiva. | Tkompla l-iżvilupp u t-testing ta’ din is-sistema u saru laqgħat mal-istakeholders biex jiġi spjegat l-għan wara t-twettiq ta’ din il-miżura. | Intlaqgħu l-kummenti mill-istakeholders u tlesta l-iżvilupp fuq is-sistema. | Is-sistema bdiet titħaddem u permezz tagħha nħarġu madwar 30,000 ittra lil dawk il-persuni li kienu dovuti rifużjoni tat-taxxa għall-2018. Dawn ġew imħeġġa jidħlu fil-profil tat-taxxa tagħhom u jdaħħlu l-kont bankarju tagħhom sabiex b’hekk, fil-futur, ikun jista’ jibda jsir kwalunkwe ħlas direttament fil-kont bankarju tagħhom. |
| | | **NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 200,000 taxpayer | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-FINANZI U S-SERVIZZI FINANZJARJI

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Tiġi żviluppata sistema ġdida ta' ġestjoni tad-dejn. Din is-sistema l-ġdida ser tippermetti lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Revenue jilqa' aħjar għall-ħtiġijiet ta' infurzar li jkopru kemm it-taxxa fuq id-dħul kif ukoll il-VAT. | Saru l-laqgħat biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti u rapporti meħtieġa għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistema ta' ġestjoni tad-dejn. Saret ħidma fuq dashboard li minnu wieħed ikun jista' jara l-bilanċi tas-sistemi kemm tat-taxxa u kemm tal-VAT minn post wieħed. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema kif ukoll l-ittestjar tagħha sabiex jiġi żgurat li l-proċess jaħdem kif mixtieq u b'effiċjenza. | Tlestiet is-sistema u bdiet titħaddem. B'hekk hemm għodda li tippermetti lill-amministrazzjoni tara real time l-istatus ħolistiku tal-pajjiż kif ukoll dak tat-taxpayer individwali. Permezz ta' din is-sistema ser ikun hemm ukoll titjib fl-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa dovuta. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>It-taxpayers kollha | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 35 | Jiġi stabbilit formalment il-proċess tal-Public Spending Review f'Malta bil-għan li dan il-proċess jiġi konsolidat abbażi ta' prattiki internazzjonali u fuq l-esperjenza diġà miksuba minn Malta f'dan il-qasam. | Komplew diskussjonijiet interni sabiex jitfasslu l-manwal u l-policies relatati ma' dan il-mekkaniżmu. Ingħata t-taħriġ lil numru ta' uffiċjali pubbliċi minn Ministeri differenti involuti fil-proċess tal-Public Spending Reviews. | Tlesta l-manwal u l-policies relatati ma' dan il-mekkaniżmu u sar public spending review f'qasam speċifiku li kien jinkludi numru ta' laqgħat, żjarat, diskussjonijiet mal-partijiet konċernati, u analiżi ta' data. | Tlestiet kodiċi ta' kondotta marbuta ma' dan il-mekkaniżmu. Ġie finalizzat ir-rapport tal-public spending review li sar u ngħadda għall-approvazzjoni interna. Ingħata aktar taħriġ lil numru ta' uffiċjali pubbliċi f'Ministeri differenti. | Kompliet il-ħidma u saru l-preparamenti għal aktar reviews. Bis-saħħa ta' din l-inizjattiva, dan il-mekkaniżmu ġie stabbilit bħala parti mill-operat tal-Ministeru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji u mħaddem f'diversi oqsma mal-amministrazzjoni kollha. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Is-Servizz Pubbliku kollu | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 36 | Tiġi introdotta sistema ta' skambju ta' informazzjoni f'ħin reali bejn id-Dipartiment tad-Dwana, il-Financial Intelligence Auditing Unit u l-Economic Crimes Unit fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet ta' flus kontanti u informazzjoni relatata mal-ħidma mwettqa kontra l-ħasil tal-flus. | Saru diskussjonijiet interni dwar it-twettiq ta' din il-miżura fid-dawl tal-fatt li din is-sistema se tiġi mmexxija fuq livell Ewropew taħt dik magħrufa bħala eAuthorisations. Din is-sistema tinkorpora fiha proċess ta' cash declaration simili għas-sistema mħaddma lokalment. | Komplew id-diskussjonijiet interni dwar ir-rekwiżiti meħtieġa għall-iżvilupp ta' din is-sistema filwaqt li bdew il-konsultazzjonijiet fuq bażi Ewropewa dwar l-eAuthorisations. | Kompliet il-konsultazzjoni Ewropeja dwar l-eAuthorisations. | Ġew identifikati r-rekwiżiti meħtieġa, inkluż dawk tekniċi, u diskussi mal-fornitur magħżul għall-iżvilupp tas-sistema. Beda l-iżvilupp tas-sistema. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Uffiċjali tad-Dwana u operaturi ekonomiċi | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Jiddaħħlu proċessi ċentralizzati u standardizzati fid-dipartimenti kollha tal-Ministeru għall-Finanzi fejn jirrigwarda personnel u people management. Dan ser isir sabiex ikun hemm aktar effiċjenza fil-ħidma tad-dipartimenti. | Bdiet il-ħidma u tlestew l-iStandard Operating Procedures (SOPs) dwar il-proċessi tal-HR li jinkludu l-Overtime, Allowances, Engagement u Terminations, Flexitime, Reduced Hours u Telework, u Reklutaġġ fost oħrajn. Dawn jikkumplimentaw il-manwali maħruġa mill-P&SD. Tfasslet ukoll SOP relatata ma' safar. Sar it-taħriġ mal-uffiċjali involuti u tqassmu l-SOPs. | Bdiet ħidma dwar pooling ta' karozzi li jintużaw fid-dipartimenti varji bejn il-Head Office u t-Teżor. Saru laqgħat mal-partijiet konċernati, inkitbu SOPs u bdiet titħaddem is-sistema. | Il-proċeduri l-ġodda bdew jitħaddmu u bdiet tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-uffiċjali kollha tal-Ministeru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 38 | Bil-kollaborazzjoni tal-World Bank isir studju dwar il-fattibilità ta' żvilupp ta' Reġistru Soċjali għal Malta. Ir-Reġistru Soċjali jkun policy tool oħra li tgħin lill-amministrazzjoni tkompli timplimenta aħjar il-politika fiskali u soċjali għall-ġid taċ-ċittadini billi tisfrutta l-informazzjoni dwar benefiċjarji li jirċievu benefiċċji soċjali u kif ukoll dik dwar taxpayers, liema informazzjoni hija diġà għand id-dipartimenti konċernati. | Saru laqgħat bejn uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi u rappreżentanti mill-World Bank flimkien mal-Malta Information Technology Agency (MITA), l-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul (CFR), l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) u l-Ministeru għall-Familja, Drittitijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (MFCS). Saret żjara minn rappreżentanti tal-Bank Dinji fejn sar qsim ta' esperjenzi u ġie diskuss l-użu ta' data amministrattiva u kif din għandha tintuża fid-disinn u fl-implimentazzjoni ta' programmi soċjali u benefiċċji ta' taxxa. | Komplew diskussjonijiet dwar it-twettiq ta' dan il-proġett kif ukoll il-possibbiltà ta' kofinanzjament minn fondi Ewropej. | Ġie kkonfermat li l-proġett propost jikkwalifika għal fondi Ewropej. Tfassal kuntratt bejn il-Ministeru u l-Bank Dinji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. | Komplew il-laqgħat mal-partijiet konċernati. Saret żjara oħra minn rappreżentanti tal-Bank Dinji u ġie ffirmat dokument legali li ser iwassal għall-istudju dwar il-fattibilità ta' żvilupp ta' reġistru soċjali għal Malta bħala għodda oħra fit-tfassil tal-politika fiskali u soċjali tal-pajjiż. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Titwettaq analiżi ekonomika dwar is-suq tax-xogħol, partikolarment dwar id-differenzi fil-ħiliet fil-pajjiż. L-analiżi ser issir bl-użu ta' mudelli ekonometriċi intiżi sabiex ikomplu jiżguraw li Malta tkun preparata biex tintroduċi u tilqa' setturi ġodda. | Saru diskussjonijiet mal-uffiċjali involuti u ġie mħejji pjan ta' azzjoni għat-twettiq tal-miżura. Saru laqgħat ma' Jobsplus, bdiet analiżi fuq il-mudell ekonomiku SAMM filwaqt li bdew jinkitbu t-Terms of Reference li jorbtu liż-żewġ partijiet dwar kif issir riċerka b'orjentazzjoni politika-ekonomika. | Kompliet il-ħidma fuq il-mudell ekonomiku. | Komplew id-diskussjonijiet tekniċi mal-Jobsplus u ġew finalizzati u maqbula t-Terms of Reference bejn iż-żewġ entitajiet. Kompliet l-evalwazzjoni tal-mudell SAMM permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni ta' pressjoni drastika fuq l-ekonomija Maltija illi qed taħdem kif mistenni. | Tlestiet l-analiżi ekonomika, ġiet iddokumentata f'working paper, u tressqet għall-attenzjoni tal-partijiet konċernati. B'hekk ġie ppreżentat il-mudell ekonomiku li ser jintuża fir-riċerka minn Jobsplus dwar il-ħiliet u l-impjiegi fis-suq tax-xogħol. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Persuni tekniċi li jaħdmu fil-qasam tal-finanzi u l-Impjiegi | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 40 | Isir rapport dettaljat dwar id-dħul mit-Taxxa. Dan ir-rapport hu intiż li jara u jevalwa x'kordinazzjoni hi meħtieġa, li juri l-profili differenti tat-taxpayers residenti Malta, liema huma l-aktar industriji li jħallsu taxxa u x'inhi r-rata effettiva ta' taxxa mħallsa minn dawn l-industriji. Dan ir-rapport ser ikun għodda li tgħin lill-amministrazzjoni tkompli timplimenta aħjar il-politika fiskali u soċjali għall-ġid tal-benefiċjarji. | Saru diversi diskussjonijiet mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul dwar l-għan tar-rapport dwar id-dħul mit-Taxxa u l-lista ta' indikaturi li għandhom jiġu stabbiliti. | Wara diskussjoni mal-NSO, ġew stabbiliti l-indikaturi. Ġew aġġornati l-SOPs rispettivi u saru laqgħat ma' stakeholders involuti. | Tlesta l-ewwel abbozz tar-rapport u tressaq għall-approvazzjoni interna. Ir-rapport ġie approvat u daħal fis-seħħ. B'hekk, b'mod strutturat u real time, il-Ministeru jkun f'pożizzjoni li jara u jevalwa l-kordinazzjoni meħtieġa, il-profili differenti ta' taxpayers residenti f'Malta (kemm jekk kumpaniji kif ukoll individwi), liema huma l-aktar industriji li jħallsu taxxa u x'inhi r-rata effettiva ta' taxxa mħallsa minnhom. Dan ifisser li permezz ta' din l-għodda l-Ministeru jista' jimplimenta l-politika fiskali tal-pajjiż b'mod aħjar. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-Ministeru responsabbli mill-finanzi kif ukoll it-taxpayers kollha | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

## 41

### MIŻURA ADDIZZJONALI

Issir manutenzjoni estensiva fil-Kumpless tad-Dwana ta' Ħal Far.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saru laqgħat mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar il-manutenzjoni meħtieġa fil-kumpless ta' Ħal Far. Ġie mħejji rapport li elenka x-xogħol meħtieġ u ġie deċiż illi l-manutenzjoni li hemm bżonn trid tiġi mwettqa f'diversi stadji. | Inkitbet sejħa għall-offerti dwar xogħol relatat ma' fire fighting u ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting meħtieġ. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħol relatat ma' fire fighting. | Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħol meħtieġ ta' manutenzjoni fil-kumpless f'Ħal Far. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Impjegati tad-Dipartiment tad-Dwana u l-pubbliku li juża s-servizz

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 106

Isir manwal elettroniku għall-użu ta' uffiċjali li jagħtu servizz lill-klijenti kif ukoll lil servizz.gov u Business 1st. B'hekk jiġi żgurat li l-informazzjoni mogħtija dwar taxxa u VAT tkun waħda omoġena u konsistenti għall-benefiċċju tal-utent.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġie żviluppat manwal elettroniku u tqassam lill-impjegati fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul (CFR) u ta' Business 1st permezz ta' memo interna. | Ingħata aċċess għall-manwal elettroniku lill-aġenti ta' servizz.gov. L-impjegati konċernati fl-għoti tas-servizz minn dipartimenti differenti tal-gvern kollha bdew jagħmlu użu minn dan il-manwal. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati kollha fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul, servizz.gov u Business 1st

**KUMMENTI**

Implimentata



# MEW

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Persuna tista' tagħżel jekk tbigħx l-elettriku ġġenerat jew inkella tikkonsma l-ewwel u tbigħ wara li tiġġenera ċertu ammont ta' elettriku. Ser jiġi simplifikat il-proċess li bih il-pubbliku jista' jitlob tibdil fil-feed-in tariff li jkun għażel għall-elettriku ġġenerat mill-pannelli tiegħu billi jagħmel din it-talba darba biss lill-ARMS. Sal-lum il-ġurnata biex persuna tibdel minn għażla għal oħra trid timla formola maħruġa mir-REWS u mbagħad tmur l-ARMS bl-applikazzjoni. | Bdew diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati, fosthom ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), l-ARMS u l-Enemalta, dwar is-simplifikazzjoni tal-proċess sabiex il-pubbliku jkun jista' jitlob tibdil fil-feed-in tariff li jkun għażel għall-elettriku. | Ġew konklużi d-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u ġie implimentat il-proċess simplifikat. Dan wassal sabiex il-proċess konċernat jiqsar sostanzjalment billi l-pubbliku jista' jagħżel u jbiddel il-mod ta' ħlas tal-feed-in tariff direttament mal-ARMS minflok li jkollu jirrikorri għand entitajiet differenti. Dan il-proċess qed isir ukoll b'mod elettroniku. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Jiġi reġistrat titjib sinifikanti fil-kwalità tas-servizz mogħti lill-klijenti tal-Enemalta, partikolarment f'każijiet fejn ikun hemm ħsarat. Dan ser isir permezz ta' business analysis, jiġu indirizzati l-findings u implimentat dak meħtieġ u jingħata taħriġ mill-Istitut Kaizen lill-impjegati tal-Enemalta fuq diversi oqsma, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-customer care u d-dipartimenti li jieħdu ħsieb id-distribution centres, dak li jieħu ħsieb il-meters tad-dawl kif ukoll dak li hu responsabbli għall-iStandard Operating Procedures tal-organizzazzjoni. | Inġabret l-informazzjoni relatata mal-proċessi u s-servizzi client facing offruti mill-Enemalta, sar il-mapping tal-proċess eżistenti kif ukoll l-analiżi tas-sitwazzjoni eżistenti. Beda t-tfassil ta' proċessi ġodda li kienu jirriflettu x-xejriet li rriżultaw mill-analiżi, inkluż bidliet meħtieġa fil-mod kif kienu jaħdmu ċerti sezzjonijiet tal-Enemalta. Beda jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema mill-Kaizen Institute fuq il-proċessi interni ġodda u bdiet l-implimentazzjoni b'kollaborazzjoni sħiħa kemm mal-maniġment kif ukoll mal-ħaddiema kollha tal-Enemalta. | Kompliet id-diskussjoni u l-analiżi kontinwa meħtieġa ma' dawk kollha konċernati fil-proċessi li kienu qed jiġu evalwati u aġġornati. Dan sar sabiex il-proċessi applikati mill-Enemalta jkunu jirriflettu l-ħtiġijiet tal-klijenti kif ukoll metodoloġiji moderni ta' ħidma li huma aktar effiċjenti. Tkompla l-aġġornament tal-proċessi konċernati u l-implimentazzjoni ta' dawk ġodda li ġew stabbiliti. Kompla wkoll it-taħriġ mill-Kaizen Institute lill-ħaddiema kollha involuti. | Tkompla l-aġġornament tal-proċessi konċernati u l-implimentazzjoni ta' dawk ġodda kif stabbiliti. Bħala parti minn dan il-proċess sar ukoll l-ittestjar tal-proċeduri l-ġodda u dan sabiex jiġi żgurat li jistgħu jitħaddmu kif maħsub. Kompla wkoll it-taħriġ mill-Kaizen Institute lill-ħaddiema kollha involuti. | Il-proċeduri l-ġodda daħlu fis-seħħ. Dan il-proċess ta' analiżi ta' xejriet u tas-servizzi mogħtija ser jibqa' jkun kontinwu u dan sabiex l-operat tal-Enemalta jkun jirrifletti l-ħtiġijiet tal-klijenti. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Issir sistema elettronika tal-immaniġġjar tal-files tal-Enemalta li għandha twassal sabiex jispiċċa l-ipproċessar manwali tal-files u dawn jiġu diġitalizzati. Dan il-proċess simplifikat ser jiġi introdott wara li saret analiżi tas-sistemi mħaddma mill-organizzazzjoni. | Bil-kollaborazzjoni tat-taqsimiet kollha fl-Enemalta, bdiet analiżi dwar ir-rekwiżiti meħtieġa għall-iżvilupp ta' sistema elettronika tal-immaniġġjar tal-files. Beda l-abbozzar tal-Preliminary Market Consultation sabiex jiġu identifikati sistemi simili fis-suq kif ukoll tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' din is-sistema elettronika. | Sar il-mapping tal-proċess il-ġdid li jrid jiġi introdott ladarba tibda titħaddem is-sistema elettronika u jibdew jintużaw biss files diġitali minflok dawk manwali. Kompla l-abbozzar tal-Preliminary Market Consultation sabiex jiġu identifikati sistemi simili fis-suq kif ukoll tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tas-sistema elettronika. | Tlestiet l-analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa sabiex il-proċess elettroniku tal-immaniġġjar tal-files ikun jista' jitħaddem b'effiċjenza u bla xkiel fl-Enemalta. Ġiet ippubblikata l-Preliminary Market Consultation sabiex jiġu identifikati sistemi simili fis-suq. | Għalqet il-Preliminary Market Consultation u b'hekk ġie determinat x'sistemi simili hawn fis-suq. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għal sistema elettronika għall-immaniġġjar tal-files. Għalqet is-sejħa, u ntlaqgħu l-offerti mingħand kuntratturi interessati. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-ħaddiema u l-klijenti tal-Enemalta

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Jiġi introdott id-Digital Logbook fil-Ministeru. Dan ser isir sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-immaniġġjar tas-sistema tal-vetturi kollha tiegħu. L-ewwel parti tal-proġett ser tkun proġett pilota għall-vetturi tal-Ministeru. Wara, din is-sistema tiġi rolled out għad-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Bis-saħħa ta' din is-sistema l-proċess manwali ser jitneħħa kompletament u fl-istess waqt ikun hemm aktar trasparenza u kontabbiltà. | Saru d-diskussjonijiet sabiex jiġu identifikati r-rekwiżiti meħtieġa għall-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-introduzzjoni tad-digital logbook fid-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma. | Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-introduzzjoni tad-digital logbook fid-dipartimenti taħt il-Ministeru. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-introduzzjoni tad-digital logbook fid-dipartimenti taħt il-Ministeru. Din is-sejħa għalqet, intlaqgħu s-sottomissjonijiet u saret l-evalwazzjoni tagħhom. Madanakollu din is-sejħa kellha tiġi kkanċellata minħabba li ma nstab ebda offerent. | Reġgħet ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-introduzzjoni tad-digital logbook fid-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru. Din għalqet u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati tal-Ministeru

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Bil-għan li titjieb il-ħidma u s-servizzi mogħtija mill-ARMS, ser issir analiżi u business process reengineering tal-client facing services kollha tagħha. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dan il-proċess ta' review għandu jwassal għal titjib fis-servizzi, aktar servizzi elettroniċi, servizzi mogħtija fi żmien aqsar u sistemi simplifikati għall-benefiċċju tal-pubbliku. | Komplew diskussjonijiet interni sabiex tiġi identifikata t-tip ta' analiżi u business process review meħtieġa tal-proċessi fejn jidħlu servizzi mogħtija mill-ARMS lill-konsumatur. | Komplew diskussjonijiet interni dwar il-business process review meħtieġ sabiex jissaħħu s-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-ARMS. | Komplew diskussjonijiet interni kif ukoll bdiet l-analiżi meħtieġa dwar il-business process review sabiex jissaħħu s-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-ARMS. | Tkomplew id-diskussjonijiet u l-analiżi meħtieġa dwar il-business process review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-ARMS. Sadanittant ġiet identifikata l-infrastruttura tal-informatika meħtieġa sabiex l-ARMS tkun tista' ssaħħaħ is-servizz mogħti lill-klijenti tagħha b'sistema ta' ħlas aktar affidabbli u mgħaġġel. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-klijenti tal-ARMS

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Tiġi introdotta sistema diġitali tar-reġistrazzjoni tal-files fil-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma sabiex tinkiseb aktar effiċjenza billi tiġi faċilitata t-traċabilità tal-files. B'hekk tkun qed tiżdied ukoll il-kontabilità. Din is-sistema ser tieħu post is-sistema manwali użata sal-lum il-ġurnata. | Ġew identifikati r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tiġi introdotta sistema diġitali ta' reġistrazzjoni ta' files fil-Ministeru. | Ġiet identifikata s-sistema diġitali li ser tiġi introdotta fil-Ministeru u beda l-abbozzar ta' kuntratt biex jiġi ffirmat mal-kuntrattur magħżul għall-installazzjoni tas-sistema l-ġdida. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul u bdiet l-installazzjoni tas-sistema elettronika fil-Ministeru. | Tlestiet l-installazzjoni, ingħata t-taħriġ lill-utenti u ġiet imnedija s-sistema diġitali l-ġdida għar-reġistrazzjoni ta' files fil-Ministeru. B'hekk il-proċess manwali spiċċa kompletament. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati tal-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

64

## MIŻURA

Isir ir-roll out tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Bdew diskussjonijiet bejn il-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma dwar il-ħtiġijiet tal-Ministeru kif ukoll dwar id-dipartiment fi ħdan l-istess Ministeru fejn ser titwettaq din il-miżura.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Komplew diskussjonijiet tekniċi bejn il-partijiet involuti dwar l-introduzzjoni tas-sistema elettronika ċentrali ta' mmaniġġjar tal-ivvjaġġar tal-uffiċjali pubbliċi.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ġie identifikat it-tibdil meħtieġ fil-proċessi eżistenti. Ġiet installata s-sistema elettronika fid-dipartimenti konċernati filwaqt li ngħata t-taħriġ lil dawk involuti. Ġiet imnedija s-sistema u bdiet tintuża mid-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

## KUMMENTI

Implimentata

MEW

## MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

| # | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Tkompli l-ħidma sabiex bozoz f'aktar toroq arterjali u distributorji jinbidlu f'LEDs. | Ġew identifikati t-toroq arterjali u dawk distributorji u bdiet ħidma fuq il-bdil ta' bozoz għal dawk LEDs. | Tlestiet il-ħidma fit-toroq identifikati għal din is-sena, fosthom toroq f'Ħ'Attard, il-Baħrija, Birkirkara, Burmarrad, il-Fgura, il-Furjana, Ħal Għaxaq, il-Gudja, il-Gżira, il-Ħamrun, il-Kalkara, Ħal Lija, Ħal Luqa, il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, l-Imdina, l-Imtarfa, il-Mellieħa, il-Mosta, l-Imrieħel, l-Imsida, Ħal Qormi, ir-Rabat, St Andrews, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, Santa Venera, Ħal Tarxien, ix-Xemxija, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Implimentata |
| 19 | Isiru Intermodal Hubs f'diversi siti f'postijiet strateġiċi ta' interess f'Malta u f'Għawdex. Permezz ta' dawn il-hubs il-pubbliku ser jingħata aċċess minn post wieħed għal kull informazzjoni dwar mezzi ta' trasport u dawn il-hubs ser jitħaddmu b'enerġija rinovabbli. | Bdew diskussjonijiet interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura li wasslu sabiex dan il-proġett jinkludi wkoll il-kunċett ta' Eco Intermodular Hub li ma jkunx biss għall-karozzi tal-linja. Ġew identifikati s-siti fejn ser jitwettaq dan il-proġett, fosthom Marsaxlokk, ir-Rabat, ix-Xlendi, Ta' Qali u l-Birgu. | Tkomplew diskussjonijiet mal-entitajiet u l-istakeholders konċernati biex jiġi maqbul pjan t'azzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew diskussjonijiet mal-istakeholders u ġew deċiżi l-postijiet fejn se jsiru l-Eco Intermodular Hubs. Beda x-xogħol fuq id-disinn preliminari mill-periti u inġiniera kif ukoll il-ħidma relatata mal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Tkompla x-xogħol fuq id-disinn preliminari mill-periti u inġiniera kif ukoll il-ħidma relatata mal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-ħaddiema tad-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 20 | Jitwaqqaf ECO Park fil-Kitchen Garden tal-President f'Ħ'Attard. Il-playing ground għat-tfal jiġi mibdul b'kunċett interattiv bl-użu ta' enerġija rinovabbli. | Beda u ġie konkluż ix-xogħol ċivili flimkien mal-installazzjonijiet ta' pannelli, tas-sistemi u apparat interattiv fl-ECO Park fil-Kitchen Garden tal-President f'Ħ'Attard. | Ġie kkummissjonat l-ECO Park fil-Kitchen Garden tal-President f'Ħ'Attard u beda jitgawda mill-pubbliku. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Implimentata |

## 21 MIŻURA ADDIZZJONALI

Isir refurbishment ta' bastiment tal-fuel (Dolphin) sabiex inkomplu nassiguraw provvista ta' fuel ta' kwalità tajba lill-Maltin u l-Għawdxin.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Ġew identifikati l-operaturi ekonomiċi fis-settur u beda djalogu kompetittiv biex magħhom jiġu diskussi r-rekwiżiti meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Komplew id-diskussjonijiet mal-operaturi ekonomiċi bħala parti mill-proċess ta' djalogu kompetittiv. | Komplew id-diskussjonijiet mal-operaturi ekonomiċi bħala parti mill-proċess ta' djalogu kompetittiv. | Ingħalaq id-djalogu kompettitiv fejn l-ebda operatur ma laħaq l-ispeċifikazzjonijiet rikjesti. Għaldaqstant, bdiet ħidma fuq l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa bi tħejjija għall-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti mill-ġdid. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 22

Tinħareġ skema ġdida li permezz tagħha jiġu megħjuna għaqdiet sportivi reġistrati sabiex dawn jinvestu fl-enerġija alternattiva.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Wara konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati, inkitbet l-iskema u tressqet għall-approvazzjoni interna. L-iskema ġiet ippubblikata. | Għalqet l-iskema u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u beda l-assessjar tagħhom. | Komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet kif ukoll l-assessjar tagħhom. | Ġew abbozzati l-kuntratti tal-għoti tal-grants u bdew jiġu ffirmati mal-għaqdiet sportivi. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-għaqdiet sportivi

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 23

Isir studju dwar il-possibilità ta' ħażna ta' enerġija rinovabbli fil-batteriji.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġew imħejjija t-terms of reference għall-istudju dwar ħażna ta' enerġija rinovabbli fil-batteriji u sar assessment preliminari. Ġie deċiż li l-istudju jsir b'kollaborazzjoni mal Università ta' Malta u tħejja Memorandum of Understanding bejn iż-żewġ partijiet. | Ġie ffirmat l-MOU bejn l-Enemalta u l-Università ta' Malta u beda jsir l-istudju. | Kompliet il-ħidma fuq l-istudju. | Tlesta l-istudju u ġew ippreżentati r-riżultati, fosthom x'tip ta' miżuri għandhom jittieħdu, u ġie identifikat ukoll it-tip ta' batteriji li jistgħu jiġu installati. Inkitbet skema f'dan ir-rigward għat-tnedija fil-bidu tal-2020. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-individwi li kienu installaw il-pannelli solari u spiċċalhom il-kuntratt tal-feed-in tariff

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Issir kampanja informattiva dwar kif jista' jitjieb l-użu tal-ilma f'pajjiżna. | Saru l-preparamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura, inkluż il-preparamenti loġistiċi meħtieġa. Inkitbet il-kampanja u ġiet imnedija. | Il-kampanja informattiva dwar il-konservazzjoni tal-ilma saret fiċ-Ċentru Għajn fejn fiha ngħatat informazzjoni edukattiva dwar kif tista' titjieb il-konservazzjoni tal-ilma f'pajjiżna. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Implimentata |
| 25 | Isiru xogħlijiet ta' tneħħija ta' ħafna mill-arbli tad-dawl u tal-linji tad-dawl ta' 33kv bejn il-Mellieħa u ċ-Ċirkewwa u bejn Ħal Tarxien u Ħal Far. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tneħħija ta' arbli u linji tad-dawl ta' 33kv bejn il-Mellieħa u ċ-Ċirkewwa u bejn Ħal Tarxien u Ħal Far. | Intgħażel l-offerent preferut u ġew finalizzati d-diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati u tlesta x-xogħol preparatorju għat-tneħħija tal-arbli u linji tad-dawl. | Kompla x-xogħol ta' tneħħija tal-arbli u linji tad-dawl. | Tlesta x-xogħol ta' tneħħija ta' arbli tad-dawl u linji bejn il-Mellieħa u ċ-Ċirkewwa filwaqt li kompla x-xogħol fuq dawk li jinsabu bejn Ħal Tarxien u Ħal Far. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MEDE

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

## 10 MIŻURA

Jiġi żviluppat module addizzjonali li jippermetti li ċ-ċirkolarijiet maħruġa jitqassmu fost l-utenti b'mod aktar effiċjenti u simplifikat minflok ma dawn jitqassmu permezz ta' emails. B'hekk iċ-ċirkolarijiet maħruġa jkunu aċċessibbli għal kull min jeħtieġhom b'mod pront u xħin jiġi bżonnhom.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġiet żviluppata u ttestjata s-sistema (module taċ-ċirkolarijiet) mill-fornitur u mit-tim intern fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Tlesta l-ittestjar u saru l-emendi meħtieġa b'riżultat tiegħu. Ingħata t-taħriġ lil dawk involuti u beda jitħaddem il-module l-ġdid.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 1,000 impjegat fil-Ministeru u 'l fuq minn 8,000 edukatur

### KUMMENTI

Implimentata

| | Miżura addizzjonali | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Inwettqu proġett biex ngħollu l-kwalità fil-ħidma tal-impjegati tal-MEDE billi jsir spazju rikreattiv fil-Head Office li jikkonsisti f'gym, spazju miftuħ u canteen li jservi ikel san u bnin. | Beda u tlesta x-xogħol ta' disinn għall-ispazju rikreattiv fil-Head Office. Dan ser jinkludi gym u canteen. | Bdiet ħidma fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-iskavar, kostruzzjoni, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, finishes, għamara u tagħmir. | Intlaqgħu s-sottomissjonijiet u saret l-evalwazzjoni tagħhom filwaqt li komplew il-preparamenti bi tħejjija għall-iżvilupp meħtieġ fil-bidu tal-2020. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Madwar 400 impjegat li jaħdmu fil-Head Office tal-Ministeru | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 14 | Wara l-introduzzjoni ta' sistema ta' trasport b'xejn lejn l-iskejjel għat-tfal kollha f'Malta, issa jmiss li nintroduċu sistema awtomatizzata li permezz tagħha l-ġenituri jkunu jafu real time fejn waslu t-tfal tagħhom minn u lejn l-iskola. | Inxtara l-hardware meħtieġ u ġie installat fuq il-vetturi tat-trasport. Ingħataw linji gwida lis-sewwieqa kif ukoll tagħrif lill-ġenituri dwar x'informazzjoni jistgħu jiksbu minn din l-app permezz tal-mobile tagħhom. L-app bdiet titħaddem permezz ta' proġett pilota fost studenti li jattendu skejjel tal-Istat f'Għawdex. Dan sar fil-parametri permessi mill-leġiżlazzjoni li tirregola d-dejta. | Saret analiżi tar-riżultati miksuba mill-proġett pilota li kien jinvolvi madwar 500 student li jattendu skola f'Għawdex. | Ġew konklużi d-diskussjonijiet mal-Kummissarju tad-Dejta dwar l-ipproċessar tad-dejta u nkisbet l-approvazzjoni tiegħu. Ġie finalizzat ir-rapport dwar il-proġett pilota u tressqu r-rakkomandazzjonijiet. Inkitbet u ġiet imnedija kampanja ta' informazzjoni fost l-istudenti tal-iskejjel tal-Istat. | Bdiet ir-roll out ta' din l-app ma' Malta u Għawdex b'mod gradwali. Dan is-servizz ġdid ser ikompli jsaħħaħ il-kunċett ta' trasport b'xejn għall-istudenti kollha billi permezz ta' dan is-servizz jingħata aktar serħan tal-moħħ lill-ġenituri. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il fuq minn 26,000 student u l-ġenituri tagħhom flimkien mas-sewwieqa tal-vetturi | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 15 | Nifتħu childcare centre ġdid fil-binja tal-Head Office tal-MEDE. Dan ser isir biex inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-impjegati tagħna billi niffaċilitaw aktar il-work-life balance tal-impjegati tagħna. | Beda u tlesta l-abbozzar tad-disinn ta' childcare centre ġdid filwaqt li bdiet ħidma fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti. | Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-iskavar, kostruzzjoni, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, finishes, għamara u tagħmir u ntlaqgħu l-offerti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Madwar 70 tifel u tifla u l-ġenituri tagħhom | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |

## 16 MIŻURA ADDIZZJONALI

Wara l-ftuħ tal-Edu servizz.gov fl-2018 bħala one-stop-shop li fih bdew jingħataw 53 servizz minn post wieħed, matul l-2019 ser naraw li nintroduċu aktar servizzi ġodda f'dan il-one-stop-shop biex b'hekk il-klijenti tagħna jkomplu jinqdew dejjem aħjar minn post wieħed.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġew identifikati s-servizzi addizzjonali li jistgħu jibdew jingħataw mill-one-stop-shop Edu servizz.gov, b'mod partikolari dawk relatati mat-trasport tal-iskola, servizz ta' ġbir ta' tagħmir tal-IT għall-edukaturi u servizz li jagħti l-possibilità lill-ġenituri biex jgħaddu suġġerimenti, ilmenti jew rapporti dwar inċidenti fl-iskejjel.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Saret analiżi tal-iStanding Operating Procedures (SOPs), FAQs u checklists u beda l-business process reengineering tagħhom. Bdiet ħidma mis-sezzjoni tal-Information Management Unit (IMU) fuq il-Customer Relationship Management (CRM).

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Kompla x-xogħol mill-IMU fuq is-CRM u ngħata t-taħriġ lill-impjegati tal-one-stop-shop dwar is-servizzi ġodda.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlestew l-emendi fl-SOPs, ġiet aġġornata s-CRM u ġew introdotti s-servizzi l-ġodda.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jiksbu servizz minn Edu servizz.gov

### KUMMENTI

Implimentata

## 111

Jitkompla l-impenn tal-gvern, u l-ħidma kontinwa tiegħu, sabiex ngħinu aktar studenti jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jtejbu l-prospetti tagħhom tal-impjieg. Matul l-2019 ser inżidu s-suġġetti vokazzjonali minn ħamsa għal disgħa u jiġu mnedija wkoll l-istess disa' suġġetti b'mod applikat. B'hekk inkomplu nindirizzaw il-ħtiġijiet tad-dinja tax-xogħol skont kif din qed tiżviluppa; inkomplu nsaħħu fl-istudenti l-impjegabilità meħtieġa f'dinja tax-xogħol dinamika permezz ta' esperjenza diretta matul il-perjodu li qegħdin jistudjaw, u l-post tax-xogħol ikun ukoll post tat-tagħlim. Bis-saħħa ta' din il-ħidma ser inkunu qed nattiraw 5% aktar studenti (minn 1,557 student fis-sena akkademika 2018/2019 għal 1,635 student għas-sena akkademika 2019/2020) li huma fl-iskejjel tal-istat u li jagħżlu suġġetti vokazzjonali u applikati.

**KWART 1**

Saret ħidma fuq l-abbozzi tas-sillabi l-ġodda tas-SEC u s-SEAC fis-suġġetti vokazzjonali b'konsultazzjoni mal-għalliema kif ukoll l-MCAST u l-ITS dwar il-progressjoni tal-istudenti. Skatta l-proċess ta' għażla indirizzat għal studenti fil-Year 9 għal suġġetti vokazzjonali li jinkludu t-Teknoloġija tal-Inġinerija, it-Teknoloġija tal-Informatika, l-Agrikummerċ, il-Kura tas-Saħħa u l-Ħarsien Soċjali, l-Ospitalità, il-Bejgħ bl-Imnut, il-Kura tax-Xagħar u s-Sbuħija, il-Litteriżmu tal-Midja, u t-Tessuti u l-Moda.

**KWART 2**

Intlaqgħu l-applikazzjonijiet mill-istudenti u ġew magħżula s-suġġetti. Inħarġet sejħa għall-għalliema u sar it-tqassim tal-istudenti fil-kulleġġi.

**KWART 3**

Tlesta l-proċess ta' reklutaġġ ta' għalliema ġodda f'dawn is-suġġetti u beda jingħata t-tagħlim. Dan il-proġett wassal sabiex aktar minn 55% tal-istudenti tad-disa' sena fis-sena skolastika 2019/2020 għażlu minn tal-inqas suġġett wieħed vokazzjonali jew applikat.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Studenti sekondarji li jattendu skejjel tal-Istat

### KUMMENTI

Implimentata

# MHAL

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

39

## MIŻURA

Tiġi introdotta sistema elettronika fl-amministrazzjoni pubblika fejn jidħlu applikazzjonijiet għal Cultural Leave. Sal-lum dan il-proċess huwa kollu manwali bl-ipproċessar ta' dokumenti fiżiċi. Il-proċess ser jiġi redesigned sabiex isir online u b'hekk ikun simplifikat u aktar effiċjenti.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Inġabret statistika dwar applikazzjonijiet li ntlaqgħu fl-aħħar sentejn u saret analiżi tagħhom. Saru diskussjonijiet mal-P&SD dwar kif il-proċess simplifikat il-ġdid għandu jiġi rifless fil-Public Service Management Code.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Saru laqgħat mal-Information Management Unit (IMU) fi ħdan il-Ministeru u l-MITA dwar l-iżvilupp ta' sistema elettronika li permezz tagħha jiġu proċessati dawn l-applikazzjonijiet. Sar il-mapping tal-proċess involut.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Kompliet il-ħidma mill-IMU u l-MITA fuq l-iżvilupp tas-sistema elettronika.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-iżvilupp mill-MITA u ġew konklużi d-diskussjonijiet mal-P&SD. Is-sistema elettronika tpoġġiet fuq il-pjattaforma l-ġdida bi tħejjija għat-tnedija tagħha fl-2020. Beda l-ittestjar tas-sistema żviluppata. Bdew jiġu abbozzati l-bidliet meħtieġa fil-Public Service Management Code. Beda jingħata t-taħriġ lill-utenti ta' din is-sistema elettronika.

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

L-impjegati kollha fis-Servizz Pubbliku li jixtiequ jagħmlu użu mill-Cultural Leave

## KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

MĦAL 63

## MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġi ristrutturat il-mod u l-proċess ta' kif jinħarġu l-iskemi ta' finanzjament mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. L-iskemi ta' finanzjament jibdew jitħabbru fil-bidu tas-sena sabiex b'hekk ikun jista' jsir pjanar u kordinament aħjar kemm mid-Diviżjoni nnifisha kif ukoll mill-Kunsilli Lokali. Il-proċess imħaddem ser jibda jsir b'mod elettroniku.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Saret konsultazzjoni wiesgħa ma' diversi dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, fosthom id-Dipartiment tas-Saħħa, il-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni u x-Xogħol, id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali, Ambjent Malta u l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, dwar strateġiji u policies nazzjonali biex niġġeneraw għarfien dwar kif il-Gvern Lokali jista' jkun strumentali permezz ta' bosta skemi.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Inġabar it-tagħrif u ġew ipproċessati diversi skemi, fosthom dawk favur l-ambjent, id-drittijiet tal-annimali, l-iskema Għaqal id-Dar, servizzi marbuta ma' Lifelong Learning, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti kif ukoll dawk marbuta mal-benesseri u stil ta' ħajja sana għaċ-ċittadin.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Ġie fformulat il-proċess permezz ta' Standard Operating Procedure dwar kif għandhom jinħarġu l-iskemi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali abbażi tar-rakkomandazzjonijiet milqugħa waqt il-proċess ta' konsultazzjoni. L-għan ta' din il-miżura kien li jiddaħħal mekkaniżmu fiss u strutturat dwar kif jinħarġu dawn it-tipi ta' skemi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kif jiġi żgurat li jitwettaq il-compliance meħtieġ.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

## KUMMENTI

Implimentata

# MSD

MINISTERU FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU
TAL-PRIM MINISTRU

## 17 MIŻURA

Jiqsar il-perjodu ta' żmien li employers ikollhom biex fih jirreaġixxu għall-Claim Letters mibgħuta mid-Dipartiment għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Dan għandu jwassal sabiex, permezz tal-azzjoni tad-dipartiment, l-impjegati jingħataw dak dovut lilhom aktar malajr.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Twettqet konsultazzjoni interna mal-ispetturi fid-Dipartiment dwar kif il-proċess imħaddem bejn id-Dipartiment u min iħaddem fejn jirrigwarda l-Claim Letters mibgħuta jsir aktar effiċjenti. Saret analiżi dwar l-impatt ta' proċess modifikat fuq il-ħaddiema li jersqu bi claim lejn id-Dipartiment kif ukoll l-impatt fuq min iħaddem u jirċievi Claim Letters. | Sar proġett pilota u b'riżultat tiegħu ġie deċiż li dan il-proċess jista' jsir fi żmien iqsar, minn 18-il jum għal 12-il jum. Ġew simplifikati l-proċessi kollha relatati u ġew aġġornati l-SOPs relevanti. Tnieda l-proċess b'mod sħiħ u qed jiġi implimentat kull meta jkollha tinħareġ xi Claim Letter. | | |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Persuni li jersqu d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi

### KUMMENTI

Implimentata

# MTIP

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

## 52

### MIŻURA

Tiġi introdotta sistema ġdida, mill-Awtorità tal-Ippjanar ta' ħlasijiet lill-fornituri lokali li twassal għal pagamenti direttament fil-kont bankarju tagħhom. Sal-lum, il-ħlas lill-fornituri lokali jsir permezz ta' ċekk li jintbagħat bil-posta. Fil-preżent jiġu proċessati mal-1,400 ċekk fis-sena. B'hekk ikun qed jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-uffiċjali konċernati u l-fornitur ikun qed jitħallas aktar fil-pront.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Inġabru l-kwotazzjonijiet għall-iżvilupp meħtieg fis-sistema biex ikunu jistgħu jiġu effettwati pagamenti online. Saru arranġamenti ma' bank lokali biex ikun jista' jipproċessa fajl elettroniku bil-pagamenti lill-fornituri. Bdew jintalbu d-dettalji bankarji tal-fornituri sabiex jintużaw fis-sistema l-ġdida.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Saret l-installazzjoni tal-module Smart Payments, li huwa l-programm li jiġġenera l-fajl biex jintbagħat lill-bank għall-ipproċessar tal-pagamenti online. Sar ukoll upgrade tal-Accounting System sabiex tiġi konformi mal-installazzjoni tal-module Smart Payments. Sar eżerċizzju fejn is-sistema ġiet populata bid-dettalji meħtieġa kif miġbura biex ikun possibbli li jsiru pagamenti online lill-fornituri tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Ġew aġġornati l-proċeduri interni biex jirriflettu s-sistema l-ġdida. Ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati u ġie kkreat test file sabiex jiġi ċċekkjat mill-bank li minnu ser jitħallsu dawn il-fornituri. Saru t-tibdiliet meħtieġa u bdew jinħarġu l-pagamenti bis-sistema l-ġdida. Dan il-proċess beda jitħaddem bħala parti mill-operat tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Aktar minn 400 fornitur

### KUMMENTI

Implimentata

## 54

Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern.

**KWART 1**

B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru. Inġabru d-dettalji relatati, saret l-installazzjoni tas-sistema u bdiet titħaddem mid-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

### KUMMENTI

Implimentata

## 26

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Isir refurbishment tal-binja Tal-Pilar fi Triq Marsamxett sabiex ikun hemm aċċess bejn Tal-Pilar u l-Berġa t'Aragona, il-Berġa t'Aragona ssir aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, jiġu restawrati areas attwalment vakanti fil-binja Tal-Pilar u jibdew jintużaw, u jsir restawr tal-faċċata tal-binja Tal-Pilar. | Inbeda r-restawr tal-faċċati tal-Berġa ta' Aragona u Tal-Pilar. Ir-restawr tal-Berġa fi Triq il-Punent tlesta. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-proġett f'Tal-Pilar għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ċivili u ta' restawr. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ċivili u restawr f'Tal-Pilar. Ingħata l-kuntratt u beda x-xogħol ta' kostruzzjoni li kellu jitwaqqaf temporanjament minħabba bdil fir-regolamenti tal-bini. Ir-restawr tal-faċċata tal-Berġa ta' Aragona tlesta. Inbeda x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-bini fi Triq Marsamxett. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ċivili relatati mal-lift bejn Tal-Pilar u l-Berġa ta' Aragona. Instabu fdalijiet arkeoloġiċi matul il-proċess li riedu jiġu studjati. Għaldaqstant saru l-emendi meħtieġa fil-pjan sabiex il-proġett ikun jista' jitkompla. Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-bini fi Triq Marsamxett. | Tlestew ix-xogħlijiet relatati mal-lift bejn Tal-Pilar u l-Berġa ta' Aragona u tkomplew xogħlijiet oħra ċivili. Kompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-bini fi Triq Marsamxett wara li nstabu wkoll ħsarat kbar li jridu jissewwew. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

L-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fil-binja kif ukoll il-pubbliku, b'mod partikolari persuni bi bżonnijiet speċjali

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 43

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| Isiru xogħlijiet fil-ġnien tat-Triq tax-Xlejli fil-Gudja li jinkludu outdoor gym, sports pitch, upgrading tal-funtana, upgrading tad-dawl u soft landscaping fost l-oħrajn. | Inħareġ il-permess ta' żvilupp mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa bir-riżultat li ma nstab l-ebda offerent li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti mill-ġdid għax-xogħlijiet meħtieġa u bdew jintlaqgħu s-sottomissjonijiet. | Ġiet konkluża l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Beda l-abbozzar tal-kuntratt sabiex jiġi ffirmat mal-kuntrattur magħżul. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Ir-residenti tal-Gudja

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 78 | Tiġi żviluppata sistema elettronika komuni għall-immaniġġjar tal-proġetti tal-Ministeru biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u jkun hemm monitoraġġ aħjar. | Ġiet ippubblikata preliminary market consultation u ngąbret l-informazzjoni relatata mal-iżvilupp tas-sistema l-ġdida. | Mill-informazzjoni miksuba, sar pjan ta' azzjoni u ġew identifikati l-fondi meħtieġa għal dan il-proġett. Inbdew diskussjonijiet ma' stakeholders inerni għall-fini ta' abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal servizzi ta' evalwazzjoni, implimentazzjoni u konfigurazzjoni ta' software għall-immaniġġjar tal-proġetti fi ħdan l-MTIP. | Tkompla l-abbozzar tad-dokumenti għas-sejħa għall-offerti. | Tlesta l-abbozzar u l-verifika tad-dokumenti għas-sejħa għall-offerti u ġiet ippubblikata. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il fuq minn 100 impjegat | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 79 | Isiru r-riġenerazzjoni u t-tisbiħ taż-żona ta' madwar il-pjazza tal-Imqabba. Dan il-proġett ser jinkludi l-ħarsien, konservazzjoni u użu mill-ġdid tal-ilma naturali tax-xita kif ukoll jitnaqqsu l-effetti tal-għargħar. | Inħareġ il-permess għat-tħaffir fi Triq Karmenu Ciantar u beda x-xogħol fuq il-bini ta' culverts għall-ilma tax-xita. Beda l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar u l-bini tal-ġiebja. Komplew jiġu finalizzati d-disinji u d-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' tisbiħ tal-misraħ. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-bini ta' culverts għall-ilma tax-xita. Tlesta l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' tisbiħ tal-Misraħ tal-Imqabba u ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti. Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-iskavar u l-bini tal-ġiebja u saret l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa. | Ġie deċiż li s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' skavar u l-bini tal-ġiebja tiġi kkanċellata wara li l-ebda offerent ma kien meqjus konformi. Inbeda proċess ta' negozjar mal-fornitur konċernat kemm tal-ġibjun kif ukoll għax-xogħlijiet ta' tisbiħ tal-Misraħ tal-Imqabba u ġew iffirmati l-kuntratti għal dawn ix-xogħlijiet. | Twaqqa' l-kuntratt mal-fornitur fuq talba tiegħu stess u saru arranġamenti sabiex jiġi identifkat fornitur interessat permezz ta' sejħa oħra. Intgħażel il-kuntrattur u beda x-xogħol fil-pjazza u fil-madwar. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 3,500 resident fl-Imqabba | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 80 | Isir bini ta' culverts għall-ilma tax-xita biex tittaffa l-problema ta' għargħar fiż-żona ta' Triq l-Intornjatur fil-Qasam Industrijali tal-Imrieħel. | | Dan ix-xogħol beda fis-sajf bi ftehim mas-sidien tal-għelieqi minn fejn ser isir ix-xogħol. Inħarġu l-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u Transport Malta għal dawn il-culverts. Saret l-ordni sabiex jibdew ix-xogħlijiet mill-kuntrattur. | Ġew implimentati x-xogħlijiet kollha li kienu meħtieġa sabiex b'hekk ittaffiet il-problema tal-għargħar fiż-żona indikata. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Ħaddiema u klijenti taż-Żona Industrijali tal-Imrieħel | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

# MFCS

## MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata taħriġ lill-uffiċjali rispettivi li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru. Ġiet installata s-sistema l-ġdida u bdiet titħaddem mid-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Tiġi varata sistema ġdida ta' Service Pension System Webservices. Din is-sistema l-ġdida ser tippermetti azzjoni effettiva u f'waqtha (i) ta' għotja jew waqfien ta' pensjonijiet tas-servizz jew ta' bonuses relatati f'każijiet fejn il-pensjonant ikollu tibdil fiċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali; (ii) f'każijiet fejn il-pensjonant jibda jew jittermina xogħol fir-rigward ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali; (iii) f'każijiet fejn tkun reġistrata mewt ta' pensjonant fir-rigward ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Sal-lum l-informazzjoni tinġabar b'mod manwali. Dawn il-webservices ser jiffaċilitaw u jħaffu l-proċeduri amministrattivi fl-ipproċessar ta' valutazzjonijiet u terminazzjoni ta' intitolamenti fil-pront u jiġu evitati ħlasijiet żejda. | Saru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-MITA, fejn ġew identifikati u maqbula r-rekwiżiti meħtieġa biex jitħaddmu l-web services ġodda indikati f'din il-miżura. Twettaq l-iżvilupp meħtieġ fis-sistema tad-Dipartiment, sar l-ittestjar u l-web services il-ġodda bdew jitħaddmu. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

62

## MIŻURA

Issir analiżi tal-proċessi interni fi ħdan il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sabiex proċessi antiki li għadhom jitħaddmu manwalment jinqalbu għal format elettroniku. B'hekk jitħaffef l-operat għall-benefiċċju tal-klijenti tal-Kummissjoni.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Wara li ġie identifikat il-kuntrattur, saru diskussjonijiet sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti meħtieġa. Beda x-xogħol tal-iżvilupp kif ukoll l-ittestjar tiegħu. | Tkompla l-proċess tal-iżvilupp kif ukoll l-ittestjar. Saru l-emendi meħtieġa hekk kif jirriżultaw mill-User Acceptance Testing li sar. | Tlesta l-iżvilupp kollu meħtieġ kif ukoll il-User Acceptance Testing u b'hekk id-databases imħaddma mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità bdew jitħaddmu b'mod elettroniku u għaldaqstant b'aktar effiċjenza. Dan impatta pożittivament is-servizzi mogħtija mill-Kummissjoni, il-ħidma tat-Taqsima tal-Equal Opportunities Compliance u t-Taqsima li tiżgura konformità. | |

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Persuni b'diżabilità

## KUMMENTI

Implimentata

67

## MIŻURA

Jiġu simplifikati numru ta' proċessi ta' benefiċċji kontributorji: (a) Pensjoni Kontributorja tal-Irtirar - Jitnieda proċess awtomatiku fejn applikazzjonijiet tal-pensjonijiet jitwaqqfu b'mod awtomatiku malli tidħol id-data tal-mewt fis-sistema tad-dipartiment. Sal-lum huwa meħtieġ l-intervent tal-assessur u tal-verifikatur. (b) Benefiċċju tal-Mard - Titneħħa l-proċedura fejn persuna jkollha tidher quddiem bord mediku separat wara talba għall-estensjoni tal-benefiċċju tal-mard. Din il-miżura se tnaqqas l-iskariġġ tal-persuna li toqgħod titla' bord meta fil-fatt diġà jkun hemm deċiżjoni preċedenti ta' bord ieħor. Sal-lum huwa meħtieġ li persuna titlob estensjoni tal-benefiċċju tal-mard wara li tkun ħadet sitt xhur benefiċċju u terġa' tidher quddiem bord mediku apposta minkejja li diġà jkun hemm deċiżjoni preċedenti ta' bord ieħor. (ċ) Ċertifikat tal-Mard - Tinħoloq il-possibilità li persuna tkun tista' tibgħat kopja skennjata taċ-ċertifikat tal-mard permezz ta' email. Sal-lum huwa meħtieġ li persuna tibgħat iċ-ċertifikat tal-mard bil-posta, inkella billi tissottomettih f'wieħed mill-uffiċini distrettwali tas-Sigurtà Soċjali.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Wara diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-MITA, ġew identifikati u maqbula r-rekwiżiti meħtieġa għat-twettiq ta' din il-miżura. Dawn ir-rekwiżiti ġew diskussi mal-istakeholders konċernati. Sar ix-xogħol tekniku fejn jidħlu t-tibdiliet meħtieġa fil-proċess marbut maċ-ċertifikat tal-mard, flimkien mal-ittestjar.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Daħal fis-seħħ il-proċess il-ġdid marbut maċ-ċertifikat tal-mard.

Komplew id-diskussjonijiet meħtieġa bejn il-partijiet konċernati dwar it-tfassil tekniku relatat mal-proċess il-ġdid propost fejn jidħol il-benefiċċju tal-mard.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Wara li ġiet konkluża l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa, beda l-iżvilupp meħtieġ sabiex jitwettaq il-proċess il-ġdid fejn jidħol il-benefiċċju tal-mard.

Bdiet il-ħidma fuq il-proċess il-ġdid marbut mal-pensjoni kontributorja tal-irtirar. Flimkien mal-MITA sar l-iżvilupp meħtieġ u tlesta l-User Acceptance Testing.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-User Acceptance Testing wara l-iżvilupp li twettaq sabiex ikun jista' jitħaddem il-proċess il-ġdid relatat, kemm fejn jidħol il-benefiċċju tal-mard kif ukoll dak marbut mal-pensjoni kontributorja tal-irtirar. Dawn il-proċessi ġodda bdew jitħaddmu u b'hekk setgħu jgawdu minnhom il-benefiċjarji konċernati.

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

## KUMMENTI

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 94 | Jiġi installat dawl effiċjenti mal-faċċata tal-bini ta' Palazzo Ferreria. Il-faċċata ser tinxtegħel b'sistema ta' tubi LED li jitwaħħlu mal-faċċata sabiex tingħata dehra estetikament isbaħ minflok il-floodlights li qed jinxtegħlu bħalissa mill-art. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti sabiex isir ix-xogħol ta' bdil fid-dwal tal-faċċata. Intlaqgħu l-offerti, ġie aġġudikat u ntgħażel l-offerent preferut. Saret it-talba għall-permessi sabiex jinqala' l-madum tal-bankina u jibda x-xogħol marbut mas-servizzi tad-dawl li jridu jingħaddu. Il-permess inħareġ, il-bankini nqalgħu u tlesta x-xogħol. | Ġiet installata s-sistema tad-dwal il-ġodda. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 95 | Jiġi installat network tal-fibra ottika f'San Vinċenz de Paule. B'hekk ikun hemm sistema waħda moderna għall-binjiet u swali tal-faċilità. | Inkitbet u ġiet pubblikata s-sejħa għall-offerti għall-fibra ottika. | Ingħalqet is-sejħa għall-offerti, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, intgħażel l-offerent preferut u ġie ffirmat il-kuntratt. | Saru numru ta' laqgħat tekniċi mal-kuntrattur u bdew ix-xogħlijiet, fosthom it-tqegħid ta' cable tal-fibra ottika għad-distribuzzjoni aktar effiċjenti tan-network. | Tlesta t-tqegħid tal-cable tal-fibra ottika u tqabbad mal-cabinets tan-network. Il-cable tal-fibra ottika l-ġdid beda jintuża għall-benefiċċju tar-residenti u l-ħaddiema f'San Vinċenz de Paule. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Residenti u ħaddiema f'San Vinċenz De Paule | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 97 | Jiġi estiż il-mekkaniżmu li bih tinkiseb informazzjoni mill-banek dwar assi kapitali tal-benefiċjarji tas-sigurtà soċjali partikolarment fejn jidħlu l-benefiċċji mhux kontributorji. | Saru diskussjonijiet mal-banek sabiex jiġi estiż il-mekkaniżmu ma' bosta banek oħra filwaqt li saru laqgħat mal-MITA dwar il-framework eżistenti li qed jitħaddem mal-banek sabiex jiġi deċiż jekk dan il-framework għandux jiġi aġġornat. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-banek. Sar l-iżvilupp meħtieġ sabiex jiġu riflessi d-diskussjonijiet, sar it-testing meħtieġ u dan wassal sabiex il-bidliet fis-SABS jittellgħu fis-sistema live. | Intlaħaq ftehim ma' banek oħra. B'hekk issaħħaħ il-mekkaniżmu fejn tingħata informazzjoni dwar assi kapitali ta' benefiċjarji tas-sigurtà soċjali. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-benefiċjarji kollha tas-Sigurtà Soċjali li għandhom assi fil-banek u li l-benefiċċji li jieħdu huma means tested | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

98

## MIŻURA ADDIZZJONALI

Jinxtraw vetturi ġodda li huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Dan ser isir sabiex l-Aġenzija Sapport tkun tista' tilqa' aħjar għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħha fir-residenzi, il-komunità u ċ-ċentri ta' matul il-jum. B'hekk ikunu jistgħu jsiru aktar żjarat fil-komunità, kif ukoll jintużaw għall-klijenti li jkollhom appuntamenti u jitwasslu mill-istaff tal-Aġenzija.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġiet abbozzata s-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vetturi u ntbagħtet għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Ingħatat l-approvazzjoni u s-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Intlaqgħu l-offerti għas-sejħa għax-xiri ta' vetturi li ser jintużaw biex jingħataw servizzi lil persuni b'diżabilità.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Bdiet u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vetturi.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ġie ppubblikat ir-riżultat tal-evalwazzjoni u ntgħażel il-kuntrattur. Ġie konkluż il-kuntratt sabiex jinxtraw vetturi ġodda li huma aċċessibbli. Dan ser iwassal għal investiment ta' iktar minn €350,000 sabiex jinxtraw vetturi għall-bżonnijiet tal-klijenti. Il-vetturi ġew ordnati u mistennija jaslu fil-bidu tas-sena 2020.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Klijenti tal-Aġenzija Sapport b'mod partikolari persuni b'diżabilità

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

99

Jiġi aġġornat u modernizzat l-Incredible Years Parenting Programme għal aktar benefiċċju tal-ġenituri, uliedhom u l-edukaturi. L-għan tal-Incredible Years Programme jibqa' dak li nipprevenu diffikultajiet u sfidi ta' mġiba ta' tfal żgħar u li ngħinuhom isaħħu l-ħiliet soċjali, emozzjonali u akkademiċi tagħhom.

**KWART 1**

Saru diskussjonijiet interni u ġie ffirmat il-kuntratt mal-organizzazzjoni Amerikana Incredible Years. Sar ftehim ma' trainer mill-Amerika sabiex jingħata taħriġ lill-ħaddiema tal-FSWS. Saru wkoll diversi laqgħat ma' servizzi differenti kemm fi ħdan l-FSWS kif ukoll ma' entitajiet oħra, sabiex tiġi esplorata l-possibilità li dawn il-programmi jiġu offruti wkoll lil ġenituri li ġejjin minn familji vulnerabbli u li għandhom bżonn għajnuna fit-trobbija tat-tfal tagħhom.

**KWART 2**

Ġie ffurmat it-tim magħmul minn social workers li ħadu t-taħriġ fuq dawn il-programmi, u li diġà qed jimplimentaw dan il-programm kemm fuq bażi ta' grupp kif ukoll fuq bażi individwali. Saru diversi laqgħat ma' servizzi kemm fi ħdan l-FSWS kif ukoll ma' entitajiet oħra, sabiex jiġu diskussi l-proċeduri u liema huma l-familji vulnerabbli li jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz.

**KWART 3**

Ġew ippreparati l-proċeduri interni filwaqt li saru numru ta' laqgħat ma' diversi servizzi sabiex jiġi spjegat iktar fid-dettall il-benefiċċju ta' dan is-servizz.

**KWART 4**

Beda jingħata l-programm dwar parenting lil gruppi differenti. Abbażi tal-feedback riċevut mingħandhom ġie aġġornat u modernizzat il-programm Incredible Years Parenting Programme u bdew is-sessjonijiet il-ġodda. Tqassam kwestjonarju lil dawk preżenti fejn ġie kkonfermat feedback pożittiv dwar it-tibdil li sar fil-programm.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 100 ġenitur, uliedhom u edukaturi

### KUMMENTI

Implimentata

# MJEG

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA

## 35

| MIŻURA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Tiddaħħal sistema ġdida kif jiġu komunikati l-verbali tal-Qorti Ċivili lill-avukati. Sal-lum, għall-fini ta' speditezza, il-qrati ċivili għandhom id-drawwa li jikkomunikaw mal-avukati tal-partijiet fil-kawżi billi jagħmlulhom komunika tal-verbal meta dawn għal xi raġuni jew oħra ma jattendux għas-seduta, speċjalment meta l-qorti tkun trid li l-avukat jagħmel jew jippreżenta xi dokument. Il-komunika ssir billi, wara li jitlesta l-verbal u jiġi ffirmat mid-deputat reġistratur, jgħaddi għand il-messaġġier tal-qorti u dan idur il-qorti sabiex meta jara lill-avukat jagħtih il-kopja tal-verbal. Sabiex jitnaqqas dan l-iskariġġ u l-messaġġiera tal-qorti jiġu utilizzati aħjar, kif ukoll sabiex l-ordnijiet tal-qorti jaslu għand l-avukati b'mod aħjar u fl-iqsar żmien possibbli, ser tiġi introdotta s-sistema li l-komuniki lill-avukati jibdew isiru permezz ta' emails li jinħarġu awtomatikament mis-sistema. | Saru laqgħat flimkien mal-MITA fejn ġew spjegati r-rekwiżiti meħtieġa għat-tħaddim tas-sistema l-ġdida. | Beda l-iżvilupp tas-sistema mill-MITA. | Il-MITA ffinalizzat il-coding tas-sistema u sar il-user acceptance testing. Ingħata t-taħriġ lill-impjegati tal-Qorti. Is-sistema tlestiet u l-verbali bdew jintbagħtu b'mod elettroniku kemm mill-Qrati kif ukoll minn dawk fil-professjoni legali. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Professjonisti legali u dawk li jaħdmu fil-qrati

**KUMMENTI**

Implimentata

## 37

| MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| Isir link tal-avukati mas-sistema tal-LECAM fejn jidħlu kawżi tal-Appelli Kriminali Inferjuri, l-Appelli Kriminali Superjuri u l-Qorti Kriminali. B'hekk ikunu jistgħu jintbagħtu d-digrieti lill-avukati b'mod dirett permezz tal-email b'mod awtomatiku mis-sistema. Din il-miżura għandha tgħin bil-bosta lill-professjonisti legali għaliex id-dokument ikun aċċessibbli xħin ikun meħtieġ. | Ġew identifikati l-emendi meħtieġa fis-sistema u bdiet il-ħidma mal-MITA. Beda jinġabar it-tagħrif dwar l-avukati u l-prokuraturi legali sabiex tibda tiġi popolata s-sistema. | Tkompla x-xogħol min-naħa tal-MITA u bdiet tiġi popolata s-sistema bl-emails tal-avukati u l-prokuraturi legali. | Sar it-testing meħtieġ. Ix-xogħol fuq is-sistema tlesta u ttellgħet online. B'hekk l-avukati u l-prokuraturi legali bdew jirċievu d-digrieti b'mod awtomatiku permezz tal-email. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Professjonisti legali u dawk li jaħdmu fil-qrati

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Tiddaħħal sistema elettronika ta' kif jiġu miżmuma l-esibiti tal-Qorti. Sal-lum biex wieħed ifittex esibit hemm sistema manwali. Kull esibit li jiġi ppreżentat mill-1 ta' Jannar 2019 ikun barcoded. B'hekk l-esibiti jkunu jistgħu jiġu lokalizzati malajr u jkun hemm aktar sigurtà dwar min ikollu aċċess għall-istess esibiti. | Saru laqgħat interni dwar l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa. | Beda l-iżvilupp u nxtraw l-iscanners u printers apposta għall-istampar ta' barcodes. Ingħata t-taħriġ lill-impjegati konċernati u saret konsultazzjoni interna dwar it-tħaddim tas-sistema l-ġdida. Intlaqgħu s-suġġerimenti u bdiet il-ħidma dwarhom. | Is-sistema ġiet installata fuq il-kompjuters tat-deputati reġistraturi. Ġew installati l-printers fl-awli sabiex ikunu jistgħu jiġu pprintjati l-labels li jitwaħħlu fuq l-esibiti. | Ingħata t-taħriġ lill-impjegati u s-sistema bdiet tiġi użata fl-awli. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Impjegati tal-Qorti

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | Saru diskussjonijiet bejn il-Minsteru għall-Finanzi u l-Information Management Unit tal-Ministeru għall-Ġustizzja dwar l-implimentazzjoni tas-sistema. B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata t-taħriġ lill-impjegati konċernati li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru. | Is-sistema bdiet titħaddem fid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi kif ukoll fil-Qrati tal-Ġustizzja u fil-Policy Development & Programme Implementation. | Sar taħriġ ukoll lill-impjegati fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex b'hekk is-sistema bdiet titħaddem fid-Dipartimenti kollha tal-Ministeru. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

72

## MIŻURA

Isir review tal-operat tal-Uffiċċju Notarili li jwassal għal simplifikazzjoni fil-proċessi interni kif ukoll bidla fl-istruttura amministrattiva li tindirizza l-ħtiġiet ta' dan l-Uffiċċju.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Bdew diskussjonijiet interni kif ukoll mal-Management Efficiency Unit (MEU) imqabbda sabiex jagħmlu review tal-istruttura u s-servizzi offruti mid-dipartiment. Sar attitude survey mal-ħaddiema u bdiet l-evalwazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom li nħarġu wara s-survey li sar.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Il-kummenti miġbura mill-attitude survey tressqu għad-diskussjoni interna filwaqt li kompliet ir-review mill-MEU.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Ġie ppreżentat rapport preliminari tar-review mill-MEU. Beda xogħol ta' refurbishment fi wħud mill-kmamar fid-Dipartiment.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ir-rapport tal-MEU ġie diskuss internament flimkien mal-emendi mixtieqa.

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-klijenti tal-Uffiċċju Notarili tal-Gvern

## KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Titfassal strateġija nazzjonali dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll tidħol fis-seħħ leġiżlazzjoni ġdida dwar l-Integrazzjoni tal-Ġeneru. Dan ser isir biex tkompli tiġi żgurata aktar ugwaljanza fl-oqsma kollha tal-ħajja. | Wara diskussjonijiet interni u konsultazzjoni ma' stakeholders konċernati, ġie mfassal abbozz ta' dokument "Lejn Qafas għall-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri" u tressaq għal konsultazzjoni pubblika. | Ingħalqet il-konsultazzjoni pubblika, intlaqgħu l-kummenti u saret analiżi tagħhom. | Tkompla l-iżvilupp tal-istrateġija nazzjonali. Saru diversi laqgħat li matulhom ġie diskuss l-abbozz tal-istrateġija mal-esperti. | Komplew isiru laqgħat ta' diskussjoni dwar l-iżvilupp tal-istrateġija nazzjonali. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 59 | Jiġu konsolidati d-databases użati bħalissa u li fihom jinżammu records dwar każi ta' arbitraġġ fil-Malta Arbitration Centre. Permezz tas-sistema l-ġdida ser jiġu konsolidati wkoll il-proċessi interni sabiex b'hekk jitħaffef ix-xogħol u l-informazzjoni tkun provduta online. | Bdiet analiżi tas-sistema sabiex jiġu identifikati r-rekwiżiti l-ġodda. | Tkompliet l-analiżi flimkien ma' diskussjonijiet interni dwar iż-żamma ta' databases u records. | Ġiet finalizzata l-analiżi filwaqt li ġie identifikat il-kuntrattur għall-iżvilupp tas-sistema l-ġdida. | Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 60 | Jinħoloq reġistru elettroniku ta' nutara f'Malta. Ir-reġistru jkun online għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Bdiet ħidma mal-MITA fuq l-iżvilupp ta' reġistru elettroniku ġdid. Bdew jinġabru d-dettalji tan-nutara bi tħejjija għall-popolazzjoni ta' dan ir-reġistru. | Ġie diskuss id-disinn tar-reġistru mal-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u ttieħdet nota tal-emendi meħtieġa. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tar-reġistru filwaqt li kompliet tinġabar informazzjoni dwar in-nutara. | Ir-reġistru tlesta u ġie popolat bl-informazzjoni tan-nutara f'Malta. Ir-reġistru jista' jiġi aċċessat online għall-benefiċċju tal-pubbliku: http://notarialacts.gov.mt/General/ActiveNotaries |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Jinħoloq reġistru elettroniku tal-avukati kollha f'Malta li għandhom il-Warrant. Ir-reġistru jkun online għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Saru laqgħat mal-kuntrattur magħżul għall-iżvilupp ta' dan ir-reġistru elettroniku filwaqt li kompla eżerċizzju ta' verifika fuq l-informazzjoni miġbura dwar avukati bi tħejjija għall-publikazzjoni tagħha fil-parametri tal-leġiżlazzjoni li tirregola d-dejta tal-persuna. | Tkompliet il-verifika tal-informazzjoni miġbura. | Tlesta l-iżvilupp tar-reġistru mħaddem bit-teknoloġija blockchain u beda l-ittestjar. | Ir-reġistru l-ġdid tlesta u ġie mniedi. B'hekk, il-pubbliku jista' jaċċessa d-dettalji tal-avukati b'mod elettroniku u faċli minn: www.lawyersregister.gov.mt |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 62 | Tiddaħħal sistema elettronika msejħa Asset Management System li permezz tagħha jinżamm rekord tal-assi ffriżati skont l-ordni tal-qrati. Permezz ta' din is-sistema, l-Asset Recovery Bureau ser ikun jista' jaħdem b'mod aktar effettiv minħabba li sal-lum l-operat tiegħu huwa kollu manwali. | Saru diskussjonijiet interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġiet identifikata liema informazzjoni ta' assi kkonfiskati għandha tinżamm fis-sistema l-ġdida. Ġiet reġistrata l-ewwel konsfiska mobbli u sar testing tas-sistema. | Is-sistema l-ġdida ġiet installata u bdew jiġu rappurtati l-assi kkonfiskati ġo fiha. Din is-sistema tista' titħaddem minn devices elettroniċi varji, fosthom mobile device, biex b'hekk l-informazzjoni tiddaħħal fil-ħin u hija aċċessibbli f'kull ħin. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-operaturi tal-Asset Recovery Bureau | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

# MAFA

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

## 41

### MIŻURA

Tiġi introdotta sistema ta' pagamenti online għall-miżati tal-kwarantina tal-annimali. B'hekk ikun qed jiġi evitat l-inkonvenjent li klijent imur iħallas fl-uffiċini tal-Amministrazzjoni fil-Marsa għax il-pagament ikun jista' jsir online anki dak il-ħin stess li l-klijent imur jiġbor l-annimal tiegħu mill-kwarantina. Permezz ta' din is-sistema ser ikun hemm aktar trasparenza u awditjar, jiġi evitat il-piż amministrattiv żejjed marbut mal-ħruġ tal-miżati u tiġi evitata wkoll il-possibilità li jkun hemm arretrati.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Inkisbet l-approvazzjoni interna biex jinfetaħ merchant account f'bank kummerċjali għall-fini ta' pagamenti online. Beda l-iżvilupp tas-sistema u nfetaħ il-kont fil-bank kummerċjali. | Tlesta l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema diġitali. Tfasslu Standard Operating Procedures dwar it-tħaddim tal-proċess konċernat. Is-sistema daħlet fis-seħħ, ġew infurmati l-klijenti u bdiet tintuża. | | |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 100 klijent fis-sena

### KUMMENTI

Implimentata

## 42

Issir analiżi u business process reengineering tal-proċessi mħaddma mis-Sezzjoni tal-Mediċina Veterinarja. Bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-analiżi u l-business process reengineering ser jiġu simplifikati l-proċessi involuti fl-għoti tal-awtorizzazzjoni ta' mediċini veterinarji, tal-permessi ta' distributuri ta' mediċini veterinarji, tal-ħruġ ta' kotba tar-riċetti veterinarji, tal-permessi ta' spiżeriji veterinarji, kif ukoll tas-sistema tar-rappurtaġġ tal-Adverse Drug Reactions mill-pubbliku ġenerali. B'riżultat tal-implimentazzjoni għandu jitnaqqas ukoll iż-żmien li fih jingħata s-servizz rispettiv.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdiet analiżi tal-applikazzjonijiet milqugħa mis-Sezzjoni tal-Mediċina Veterinarja dwar reġistrazzjoni ta' mediċina veterinarja kif ukoll dawk permessi għall-bejgħ bl-ingrossa. | Ġew iffinalizzati l-formoli simplifikati rispettivi billi ttieħed ukoll kont ta' kull żvilupp fil-kamp regolatorju tal-mediċini veterinarji. It-tibdiliet meħtieġa ġew komunikati liċ-Chief Information Office tal-Ministeru sabiex issir il-modifikazzjoni dwarhom fuq il-formoli li bħalissa huma aċċessibbli mill-website tad-Dipartiment. | Ingħata taħriġ lill-uffiċjali tad-Diviżjoni li jipproċessaw l-applikazzjonijiet, filwaqt li tlestiet verżjoni simplifikata tal-proċeduri u ġew ippubblikati linji gwida fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet bil-proċess il-ġdid. | |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 105 kumpaniji li jbigħu l-mediċina, 17-il distributur tal-mediċina veterinarja u 170 veterinarju

### KUMMENTI

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Tiġi introdotta sistema diġitali li permezz tagħha tkun tista' tiġi mmaniġġjata aħjar l-informazzjoni miġbura mill-uffiċċju tal-Extension Services. Bis-saħħa ta' din is-sistema l-impjegati ta' dan l-uffiċċju ser ikollhom l-informazzjoni kollha aċċessibbli b'mod pront u b'hekk ikun jista' jingħata servizz aħjar, aktar preċiż u b'mod aktar effiċjenti lill-klijent. | Ittieħed rendikont tar-rapporti u l-istudji li saru s'issa mid-diversi oqsma u uffiċjali tal-extension services (li jkopru s-settur tal-frott u l-ħaxix, it-trobbija tal-annimali, vitikultura, siġar tal-frott u apikultura) bil-għan li dawn jiġu integrati f'sistema diġitali. Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Tlesta l-iżvilupp u sar l-ittestjar meħtieġ sabiex jiġi żgurat li s-sistema qed taħdem kif mixtieq. Is-sistema diġitali bdiet titħaddem. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 160 bidwi u raħħal

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 44 | Jinxtara apparat biex jintuża mill-impjegati tad-Dipartiment tas-Sajd li ser jiffaċilita l-ħidma tagħhom meta huma jkunu fuq il-lant tax-xogħol. B'hekk ikun faċilitat ir-rapportaġġ tal-ispezzjonijiet li jagħmlu l-impjegati minn fuq il-bastimenti tas-sajd u jitnaqqas drastikament l-użu tal-karti, tiżdied l-effiċjenża u l-aċċess għall-informazzjoni jkun immedjat. | Inxtraw ħames Microsoft Surface Books biex jintużaw waqt spezzjonijiet li jsiru minn uffiċjali tad-Dipartiment fuq bastimenti tas-sajd. Ġew identifikati t-tibdiliet meħtieġa fis-software u beda l-aġġornament tiegħu. | Tlesta l-ittestjar tas-sistema diġitali. | Tlesta t-testing finali tas-sistema u saru xi modifiki ulterjuri. Sar it-taħriġ meħtieġ lill-uffiċjali rispettivi u s-sistema bdiet topera u tintuża. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 45 uffiċjal u 2,900 sajjied

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Jinxtara apparat biex jintuża mill-uffiċjali tal-Animal Welfare u b'hekk l-uffiċjali jkollhom servizz ta' aċċess remot. Permezz ta' dan l-apparat u dan l-aċċess remot ikun jista' jingħata servizz aktar pront, partikolarment f'każijiet ta' sejħiet tal-emerġenza. | Tfasslet Standard Operating Procedure relatata mal-aċċess remot u l-użu tal-Wifi biex jintuża minn uffiċjali tal-Animal Welfare li jkunu qed jagħtu servizz barra mill-uffiċċju. Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti biex jinxtraw tablets. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti, intlaqgħu s-sottomissjonijiet u nxtraw it-tablets. Beda jiġi installat is-software fuq it-tablets mixtrija biex jingħata l-aċċess għas-sistemi meħtieġa. | Ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati u beda jitħaddem l-apparat il-ġdid. B'hekk l-impjegati konċernati fit-taqsimiet tal-ambulanzi tal-annimali u tal-infurzar ingħataw l-għodda u l-aċċess biex jaħdmu kif mixtieq meta jkunu barra mill-uffiċċju tagħhom. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali involuti fl-Animal Welfare Section u l-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Tiġi introdotta sistema diġitali li tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni waqt il-monitoraġġ li jsir fl-irziezet. | Twaqqaf kumitat intern biex jistabbilixxi l-parametri tas-sistema l-ġdida li taħdem b'mod diġitali. Sar il-mapping tal-proċess involut u ġew maqbula u stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi mal-uffiċċju taċ-Chief Information Officer u tfasslu l-Business Requirements. | Inħarġu sejħiet għall-offerti biex jinxtraw il-hardware (tablets) u s-software. Intlaqgħu l-offerti u nxtara l-hardware (tablets) filwaqt li bdiet l-implimentazzjoni tas-sistema digitali fi stadju pre-live. | Saret l-evalwazzjoni u beda l-ittestjar tas-sistema. Tlesta l-ittestjar u s-sistema bdiet titħaddem. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

160 bidwi u raħħal

**KUMMENTI**

Implimentata

| MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | Inġabret l-informazzjoni dwar ix-xogħol li jwettaq l-istaff li jieħu ħsieb is-safar kollu tal-Ministeru. Wara diskussjonijiet mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, sar il-proċess ta' mapping sabiex jiġi determinat kif irid isir il-proċess elettroniku u x'tibdiliet iridu jsiru. | B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata t-taħriġ dwar it-tħaddim tas-sistema l-ġdida lill-uffiċjali konċernati u li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru. Ġiet installata s-sistema u bdiet titħaddem mid-Dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

## 65

### MIŻURA ADDIZZJONALI

Isir programm ta' informazzjoni lill-bdiewa dwar l-użu korrett ta' pestiċidi.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Bdew diskussjonijiet mal-awtorità kompetenti (l-MCCAA) biex uffiċjali fi ħdan l-Extension Services ikunu jistgħu jagħtu taħriġ lill-bdiewa dwar l-użu tal-bexx. Beda stħarrig mill-uffiċċju tal-Extension Services fost il-bdiewa sabiex jiġu identifikati l-problemi l-aktar komuni fl-użu tal-pestiċidi f'Malta. Ġie mfassal programm edukattiv dwar l-użu korrett tal-pestiċidi u twassal lill-bdiewa permezz ta' laqgħa organizzata b'mod konġunt mill-Extension Services tad-Dipartiment u l-MCCAA.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Bdew żjarat minn uffiċjali tal-Extension Services li matulhom il-bdiewa ngħataw pariri tekniċi fuq bażi individwali dwar l-użu korrett ta' pestiċidi.
Ġew organizzati żewġ workshops informattivi rigward l-użu ta' pestiċidi għall-bdiewa li jikkoltivaw siġar tal-frott.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkomplew iż-żjarat għand il-bdiewa li jużaw pestiċidi filwaqt li sar kors relatat li wassal għall-għoti ta' ċertifikati lil dawk li attendewh.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-bdiewa kollha

**KUMMENTI**

Implimentata

## 66

Issir riċerka dwar irrigazzjoni innovattiva bl-użu ta' teknoloġija tat-tip smart.

**KWART 1**

Bdiet riċerka dwar sistemi ta' irrigazzjoni innovattivi u teknoloġiċi li jħaddmu aħjar l-użu ta' ilma għat-tisqija u sabiex tiġi kkontrollata l-ħela. Ġiet identifikata s-sistema u bdiet ħidma fuq mudell dimostrattiv għall-provi meħtieġa.

**KWART 2**

Is-sistema magħżula bdiet tintrama ġewwa serra fl-Għammieri.

**KWART 3**

Is-sistema ġiet armata u beda l-ittestjar tagħha.

**KWART 4**

Tlesta l-ittestjar u s-sistema t'irrigazzjoni bdiet tintuża għat-tisqija. Dan wassal biex numru ta' prodotti jiġu mkabbra b'suċċess, fosthom selezzjoni ta' ħwawar u xitel tat-tadam b'mod innovattiv fejn l-ammont ta' ilma użat jiġi riċiklat u b'hekk il-bidwi jkun jista' jiffranka fl-użu tal-ilma. Ingħatat informazzjoni lill-bdiewa dwar din is-sistema.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-bdiewa kollha

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Terġa' tinbena l-Winch Room li tinsab fil-Bajja ta' Spinola f'San Ġiljan għall-benefiċċju tas-sajjieda. | Beda u tlesta x-xogħol ta' twaqqigħ tal-Winch Room li kien hemm fil-Bajja ta' Spinola f'San Ġiljan wara li nkisbu l-permessi meħtieġa lejn l-aħħar tal-2018 mill-Awtorità tal-Ippjanar. Beda x-xogħol fuq l-istruttura u l-Winch Room inbniet mill-ġdid. | Il-Winch Room reġgħet bdiet topera għall-benefiċċju tas-sajjieda. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Madwar 30 sajjied professjonali li għandhom id-dgħajsa fil-port ta' San Ġiljan | | | **KUMMENTI:** Implimentata |
| 102 | Jitwaqqaf uffiċċju wieħed sabiex is-servizzi offruti mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Promozzjoni u s-Servizzi jingħataw minn post wieħed u b'mod ċentralizzat. | Bdew diskussjonijiet interni dwar it-twaqqif ta' uffiċċju li minnu jingħataw is-servizzi kollha fejn jidħlu servizzi relatati ma' animal welfare minn post wieħed. Saru diskussjonijiet ukoll ma' NGOs dwar din is-sistema l-ġdida. Tlesta l-uffiċċju minn fejn ser jingħata dan is-servizzi ħolistiku. | Beda jiġi mfassal Standard Operating Procedure (SOP) relatat mas-servizzi li ser ikun qed joffri dan l-uffiċċju u ġie deċiż li jiżdiedu aktar servizzi. Is-servizzi li bdew jingħataw minn dan l-uffiċċju jinkludu dawk marbuta mal-adozzjoni tal-annimali, l-adopt a pet allowance, servizzi t'emerġenza, rappurtar t'abbużi kif ukoll dawk marbuta ma' annimali lost and found, microchipping, u dwar il-liġijiet li jirregolaw il-ħarsien tal-annimali. | Ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati fid-Direttorat u beda jopera dan l-uffiċċju b'servizzi dwar animal welfare minn post wieħed. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku | | | **KUMMENTI:** Implimentata |



# MEIB

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U NEGOZJI ŻGĦAR

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Isir ir-rinovar ta' binja fiż-Żejtun li minnha ser ikunu qed joperaw Finance Malta, Gaming Malta u r-Reġistru tal-Kumpaniji. B'hekk ikun hemm struttura komuni, kordinazzjoni aħjar u massimizzazzjoni ta' riżorsi. | Ġew approvati l-pjanijiet u d-disinji tal-binja l-ġdida fiż-Żejtun u beda x-xogħol strutturali fil-parti minn fejn ser topera Finance Malta. | Komplew ix-xogħlijiet strutturali meħtieġa, inkluż dwak ċivili, minn fejn ser topera Finance Malta. | Komplew ix-xogħlijiet strutturali meħtieġa, inkluż dwak ċivili, minn fejn ser topera Finance Malta.<br><br>Komplew diskussjonijiet fuq il-parti tal-binja minn fejn ser tibda topera Gaming Malta sabiex tkun attrezzata bl-infrastruttura tal-IT kif meħtieġ, inkluż l-iżvilupp ta' kunċett ġdid li jservi bħala inkubatur għall-iżvilupp ta' eSports biex tattira start-ups fis-settur ta' video gaming u eSports. | Tlestew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex il-binja l-ġdida tilqa' fi ħdanha l-operat ta' Finance Malta.<br><br>Komplew id-diskussjonijiet dwar ix-xogħlijiet meħtieġa fuq il-parti tal-binja minn fejn ser topera Gaming Malta. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Ħaddiema ta' Finance Malta u Gaming Malta, negozji u imprendituri li jkollhom bżonn servizzi mingħand dawn l-entitajiet | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 12 | Issir riċerka, u jiġi ppreżentat rapport, sabiex jiġi determinat jekk hux fattibbli li jiġi żviluppat Business Portal inkluż eventwalment Business Register għall-użu tal-komunità tan-negozji u l-amministrazzjoni pubblika. Hu maħsub li l-Business Portal jipprovdi aċċess aktar faċli u effiċjenti lin-negozji għas-servizzi government-to-business (G2B). B'hekk ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm lis-settur tan-negozji kif ukoll lill-amministrazzjoni pubblika. | Ġie kkonfermat l-offerent magħżul biex jagħmel ir-riċerka dwar l-iżvilupp tal-business portal. Bdiet tinġabar l-informazzjoni mingħand numru ta' dipartimenti u entitajiet governattivi fejn ġew identifikati t-tipi ta' sistemi differenti, proċeduri u servizzi li dawn l-istrutturi jipprovdu lin-negozji. | Tlestiet l-analiżi tal-informazzjoni miġbura u komplew diskussjonijiet dwar l-iżvilupp tal-business portal u business register. Beda wkoll xogħol fuq l-ispeċifikazzjonijiet li fuqhom għandu jinbena r-reġistru. | Ġie ppreżentat ir-rapport finali dwar l-istudju fuq il-business register u l-business portal u tkomplew id-diskussjonijiet interni dwar l-iżvilupp kemm tar-reġistru kif ukoll tal-business portal. B'hekk, hu meqjus li l-ewwel fażi tal-proġett li tikkonċerna l-istudju twettqet. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Negozji li jipprovdu servizz u li jkollhom bżonn jissottomettu informazzjoni lil dipartimenti u entitajiet tal-gvern; Il-Gvern inġenerali | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |

## 101 MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġi restawrat Palazzo Zondadari fi Strada Merkanti, Il-Belt Valletta

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġiet imħejjija s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni interni u esterni li jinkludu l-faċċata ta' Palazzo Zondadari. Bdiet tiġi ppreparata wkoll l-applikazzjoni għall-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Kompla x-xogħol fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni interni u esterni. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar u saru sottomissjonijiet għal xi kjarifiki li ntalbu.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tlesta l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni interni u esterni u dan id-dokument għadda għall-approvazzjoni meħtieġa qabel il-pubblikazzjoni tiegħu.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ġiet ippubblikata, u għalqet, is-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' manutenzjoni interni u esterni tal-binja ta' Palazzo Zondadari. Tlestiet l-evalwazzjoni u sar magħruf li s-sottomissjonijiet milqugħa mhumiex konformi mar-rekwiżiti mitluba. Saret reviżjoni tar-rekwiżiti bi tħejjija għall-pubblikazzjoni mill-ġdid tas-sejħa għall-offerti.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

L-impjegati tal-Ministeru kif ukoll il-pubbliku li jżur dan il-Ministeru

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata



# MTCP

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

| # | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Jiġi introdott proċess ġdid ta' liċenzjar għall-gwidi tat-turisti. Bis-sistema preżenti, student ikun irid bilfors iwettaq kors sħiħ ta' sentejn qabel ma jkun jista' japplika biex tinħariġlu liċenzja. Bil-proċess il-ġdid ser issir reviżjoni tal-kurrikulu sabiex l-istess kurrikulu jkun jista' jinqasam f'fażijiet u liċenzja temporanja tkun tista' tinħareġ f'ħafna inqas żmien. | Ġew konklużi d-diskussjonijiet dwar it-tibdil fil-ħruġ ta' liċenzji għall-gwidi tat-turisti mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Tlestiet ukoll ir-reviżjoni tal-kurrikulu u twettaq it-tibdil neċessarju fl-istudy-units tal-kors. | Il-kurrikulu ġdid ġie finalizzat u approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Istitut ta' Studji Turistiċi. | Tlestiet ir-reviżjoni min-naħa tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tal-formoli relatati u tal-proċess ta' validazzjoni marbut mal-applikazzjoni għal liċenzja temporanja. Il-kurrikulu l-ġdid ġie approvat u nfetħu l-applikazzjonijiet għall-kors tal-gwida tat-turisti. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-istudenti tal-ITS

**KUMMENTI**

Implimentata

| # | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Wara li ġiet introdotta s-sistema awtomatika u ċentrali ta' ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-Gvern, il-Ministeru għat-Turiżmu issa ser jara li, fejn hu possibbli, jiġi eliminat għalkollox l-użu ta' file manwali (Green File) li s'issa fih tinżamm id-dokumentazzjoni relatata mal-ivvjaġġar. L-użu ta' file manwali jibqa' biss f'każijiet eċċezzjonali. | Saret analiżi tas-sistema preżenti flimkien mad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi u ġew identifikati każijiet eċċezzjonali fejn il-green file għandu jibqa' jiġi użat. | Il-konklużjonijiet tal-analiżi bdew jiġu implimentati, u għaldaqstant is-safar ġenerali tal-Ministeru beda jiġi proċessat kollu (end to end) permezz tas-sistema awtomatizzata mingħajr l-użu tal-file manwali. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Implimentata

70

## MIŻURA

Isir review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu bil-għan li, fejn possibbli, ikun hemm simplifikazzjoni tal-proċessi involuti.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

It-Termini ta' Referenza li jiddeterminaw il-parametri tal-operational review tfasslu. Twaqqaf ukoll kumitat bil-għan li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din il-KPI. Beda jitwettaq l-operational review mill-Management Efficiency Unit u beda jsir l-attitude survey mill-People and Standards Division.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Ir-rapport preliminari tal-Management Efficiency Unit u tal-People and Standards Division ġie kkomunikat lill-Ministeru għat-Turiżmu u, għaldaqstant, il-Ministeru kompla għaddej bl-analiżi tar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mir-rapport. Komplew ukoll id-diskussjonijiet mal-istess MEU fuq il-bidliet li se jingħataw prijorità, biex b'hekk jiġu prijoritizzati t-tibdiliet li se jiġru fis-sistema bil-għan aħħari li tinkiseb il-Quality Award.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Komplew id-diskussjonijiet mal-Management Efficiency Unit fuq ir-rakkomandazzjonijiet sabiex finalment jiġi maqbul liema rakkomandazzjonijiet għandhom jingħataw l-ikbar prijorità.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Komplew id-diskussjonijiet mal-Management Efficiency Unit fuq ir-rakkomandazzjonijiet finali maħruġa minnhom sabiex finalment jiġi maqbul liema rakkomandazzjonijiet għandhom jingħataw l-ikbar prijorità.

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-klijenti li jużaw is-servizzi tal-MTA

## KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Permezz ta' kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Bord tal-Insolvency Fund u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, ser issir ħidma sfiqa sabiex jiġi żgurat li, għall-ewwel darba, tintlaħaq il-mira ta' nofs miljun ewro ddepożitati fl-Insolvency Fund mill-operaturi tal-ivvjaġġar li joffru package travel. Biex jintlaħaq dan l-għan l-MTA trid tiżgura li l-operaturi konċernati jiddepożitaw kemm il-kontribut kapitali tagħhom kif ukoll il-kontribut ta' żewġ ewro mħallas fuq kull persuna li tibbukkja vjaġġ mal-istess operatur u li jwettaq l-infurzar neċessarji. Flimkien ma' din il-ħidma l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser ittella' kampanja informattiva fejn tgħarraf u teduka lill-pubbliku li t-travel package għandu jiġi bbukkjat biss mingħand dawk l-operaturi li huma koperti bl-Insolvency Fund. | Intlaħqet il-mira li l-Fond tal-Insolvency jilħaq il-bilanċ ta' nofs miljun ewro.<br><br>Twettqu l-ispezzjonijiet neċessarji sabiex jiġi żgurat li kull operatur qed jippreżenta ċ-ċertifikati neċessarji lill-klijent hekk kif stipulat fir-regolamenti.<br><br>Ġie finalizzat pjan estensiv għal kampanja informattiva fuq il-mezzi tat-televixin u midja soċjali. | Tnediet il-kampanja informattiva fuq l-Insolvency Fund permezz ta' riklami fuq il-midja soċjali kif ukoll fuq programmi televiżivi lokali. B'hekk dawk li jivvjaġġaw wara li jkunu xtraw travel package ġew infurmati dwar il-ħtieġa li jingħataw ċertifikat li huma koperti bl-Insolvency Fund. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kull Malti u Għawdxi li jixtri travel package sabiex isiefer

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Tiġi riveduta l-Iskema tal-Quality Assured imħaddma mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-kategoriji fi ħdan din l-iskema, li jinkludu ristoranti, attrazzjonijiet turistiċi u Destination Management Companies (DMCs). Dan ser isir biex ikompli jittejjeb il-prodott turistiku Malti. | Wara diskussjoni mal-istakeholders konċernati, bdew jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għażla rigward attrazzjonijiet turistiċi, destination management companies u ristoranti. | Komplew jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għażla rigward attrazzjonijiet turistiċi, destination management companies u ristoranti. Fil-każ tar-rlstoranti, ġew determinati t-tliet kategoriji differenti f'dan il-qasam. | Kompla jitwettaq il-proċess ta' reviżjoni tal-kriterji neċessarji tal-attrazzjonijiet turistiċi u tad-destination management companies. Rigward il-kriterji tar-ristoranti, ġie deċiż li jiġi ingaġġat konsulent sabiex jassisti fil-formulazzjoni tal-istess kriterji. Saru workshops iffukati fejn ġew diskussi l-kriterji mfassla u saru l-emendi meħtieġa wara l-feedback miksub. | Rigward il-kriterji tal-għażla għal attrazzjonijiet turistiċi u destination management companies, ġie finalizzat l-abbozz tad-dokument bil-kriterji finali. Il-kriterji ġew komunikati lill-istakeholders konċernati permezz ta' information sessions. Twettaq l-aġġornament neċessarju fil-kriterji abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-istakeholders f'dawn l-information sessions. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Attrazzjonijiet turistiċi, ristoranti u destination management companies

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Għall-ewwel darba f'pajjiżna tittella' n-Nickelodoen Treasure Hunt - attività mmirata speċifikament għat-tfal u għall-familji. Dan l-avveniment ser jinkludi diversi attivitajiet għat-tfal imdawrin ma' bosta karattri famużi tan-Nickelodoen, fosthom treasure hunts, workshops u live theatre show. | Intlaħaq qbil fuq il-loġistika tal-attivitajiet relatati ma' dan l-avveniment bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-kumpanija Viacom. Twettqet il-promozzjoni neċessarja għall-avveniment, inkluż fuq il-midja soċjali. Bdew jitwettqu l-preparamenti loġistiċi relatati man-numru ta' attivitajiet maħsuba għan-Nickelodoen Treasure Hunt, li jinkludu workshop, live theatre show u t-treasure hunt innifisha. | Ġew organizzati diversi attivitajiet marbutin man-Nickelodeon Treasure Hunt, li kienu jinkludu treasure hunt f'numru ta' siti madwar Malta, workshops fil-Kavallier ta' San Ġakbu, live theatre show fi Pjazza Teatru Rjal u parata tal-karattri animati mat-toroq tal-Belt Valletta. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 47 | Isir upgrade sinifikattiv tal-konvenjenzi pubbliċi fiż-żoni turistiċi fil-pajjiż. Dawn huma servizz integrali offrut lill-komunità u għandhom rwol importanti fil-prodott turistiku tagħna. Ghaldaqstant iż-żamma tajba tagħhom hija essenzjali. | Ġie konkluż l-istudju ta' fattibilità fuq il-konvenjenzi pubbliċi li jinsabu f'żoni turistiċi. Twettqu diskussjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jintlaħaq qbil fuq il-mudell li ser jiġi implimentat rigward l-operat tagħhom. | Bdew jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mas-sejħa għall-offerti fuq l-operat tal-konvenjenzi pubbliċi. | Ġiet aġġornata u finalizzata l-lista ta' konvenjenzi pubbliċi li ser jiġu inklużi f'dan il-proġett. Bdiet il-ħidma min-naħa tal-Awtorità tal-Artijiet biex jiġu identifikati s-sidien tal-konvenjenzi pubbliċi inklużi f'dan l-eżerċizzju. Ġew aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mas-sejħa għall-offerti fuq l-operat tal-konvenjenzi pubbliċi, abbażi tas-siti identifikati. | Ġew identifikati s-sidien tal-konvenjenzi pubbliċi. Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet neċessarji għat-trasferiment tal-art. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Turisti u l-pubbliku | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |

64

## MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġi żviluppat software addattat bl-użu ta' ritratti mis-satellita li permezz tiegħu Ambjent Malta tkun tista' tikkwantifika u tevalwa r-rata ta' infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita wara lqugħ fil-widien Maltin. B'hekk ikun jista' jsir pjanar aħjar għax-xoghlijiet meħtieġa fil-konservazzjoni tal-widien tagħna.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Saru l-ispezzjonijiet tal-ġeoloġija tas-siti identifikati minn Ambjent Malta f'Wied Qlejgħa, il-Wied ta' San Anton u Wied Qannotta. Beda x-xogħol ta' surveys permezz tal-użu tad-drone.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Beda jitwettaq il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-widien.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-widien, kif ukoll analiżi permezz ta' deep learning techniques tas-satellite images. Saret l-analiżi interna neċessarja tar-riżultati u ntbagħtu lill-MCAST biex jibda jiġi żviluppat software min-naħa tal-MCAST.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Beda l-iżvilupp tal-base reference data kif ukoll tas-software min-naħa tal-MCAST permezz ta' evalwazzjoni tal-pixels tas-satelliti u ritratti meħudin permezz tad-drone.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

# MECP

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

53

## MIŻURA

Jiġi simplifikat il-proċess u jiġu stabbiliti timeframes ċari li jnaqqsu l-perjodu li fih tiġi proċessata applikazzjoni għall-Planning Control (Zoning u Alignment).

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Ġie mħejji l-ewwel abbozz legali bi qbil mal-Kunsill Eżekuttiv li permezz tiegħu tkun tista' titwettaq din il-miżura. | Ġie verifikat il-proċess il-ġdid dwar l-applikazzjonijiet tal-Planning Control (PCs) u bdiet ħidma fuq l-emendi meħtieġa fis-sistema elettronika. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema filwaqt li komplew isiru xi emendi fl-abbozz legali. | Il-verżjoni aġġornata tal-avviż legali ġiet approvata mill-Kunsill Eżekuttiv. Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema. |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Issir kampanja nformattiva dwar l-iskart single use plastic ikkonsmat ħdejn il-baħar. | Ġew maqbula t-tema u l-moduli ta' ħidma mal-awtoritajiet konċernati. Ġew preparati r-rekwiżiti għall-kampanja fil-midja għal aktar għarfien dwar marine litter, partikolarment dwar plastic single use u dwar l-inizjattivi tal-cleanups. Bdew il-preparamenti sabiex jiġu organizzati avvenimenti ħdejn il-baħar u ġew identifikati l-bajjiet. | Saru l-arranġamenti dwar l-attivitajiet kummerċjali u t-tqassim tal-materjal promozzjonali waqt l-events, u tlesta l-branding tal-kampanja bit-tema "Saving Our Blue". Wara sejħa għall-offerti, inxtraw diversi prodotti u materjali promozzjonali bħal t-shirts, feather flags, portable pocket ashtrays, bamboo cups, beach towels, baseball caps u fliexken tal-aluminju sabiex jitqassmu lill-pubbliku. Tnediet il-kampanja u bdiet promozzjoni fuq il-midja. | Saru attivitajiet oħra promozzjonali ħdejn il-baħar, kif ukoll attivitajiet waqt Skolasajf. Tkompla wkoll reklamar fuq il-mezzi tax-xandir. Saru diversi features fosthom dawk fuq il-midja soċjali li laħqu udjenza t'aktar minn 24,000. | Inġabret u ġiet analizzata informazzjoni dwar konsum u skart ħdejn il-baħar u tħejja rapport dwar l-effettività ta' din il-kampanja. L-esperjenza ta' din il-kampanja u dan l-istudju se jgħinu sabiex Malta tagħżel l-aktar strumenti effettivi fil-kuntest tagħha mis-Single Use Plastics Directive. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Il-pubbliku, b'mod partikolari periti u entitajiet governattivi li jeħtieġu l-informazzjoni minn din is-sistema | | | Implimentata |
| 108 | Jiġi simplifikat il-proċess kif perit ikun jista' jikseb kopja tal-pjanti approvati. Dan jibda jkun possibbli elettronikament inkluż it-timbru diġitali tal-approvazzjoni tal-Bord tal-Awtorità. Sal-lum il-ġurnata l-pjanti approvati jintbagħtu lill-perit konċernat fiżikament biss. | Saru l-arranġamenti meħtieġa sabiex jibda l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida li minnha se jingħata dan l-aċċess tal-pjanti approvati b'mod elettroniku. | Sar l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u beda l-ittestjar tagħha. | Ġew identifikati l-emendi meħtieġa u tkompla l-ittestjar. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Madwar 1,000 perit reġistrati fis-sistema u l-klijenti tagħhom | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 109 | Tiġi aġġornata s-sistema GeoServer b'tali mod li jibda jkun hemm informazzjoni aktar aġġornata dwar pjanar tal-iżvilupp f'Malta u f'Għawdex. Bis-sistema l-ġdida jkun hemm firxa akbar ta' servizzi għall-utenti. | Ġie mfassal pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Saru wkoll diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. | Inġabru u ġew evalwati fid-dettall ir-rekwiżiti għas-sistema aġġornata tal-Geoserver. | Sar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet inizjali u ġew diskussi mal-fornitur tas-sistema eżistenti sabiex iwettaq l-upgrades meħtieġa. | Sar il-ftehim mal-fornitur għas-sistema aġġornata, u nbdiet l-ewwel fażi tal-iżvilupp tagħha. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | | **KUMMENTI** |
| | | Il-pubbliku, b'mod partikolari periti u entitajiet governattivi li jeħtieġu l-informazzjoni minn din is-sistema | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

110

## MIŻURA ADDIZZJONALI

Issir sistema ġdida tal-PlotGIS li tindika aħjar u b'mod preċiż il-lokazzjoni fuq il-mappa fejn tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-iżvilupp jew inkella tkun ħarġet xi ordni ta' infurzar. Permezz ta' din is-sistema l-ġdida ser ikun hemm aktar servizzi għall-utenti kif ukoll rekords ta' kwalità ogħla.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ir-rekwiżiti ghal din is-sistema l-ġdida tal-PlotGIS ġew definiti u sar l-ipprogrammar meħtieġ.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Sar l-ittestjar u bdiet titħaddem is-sistema l-ġdida.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 400 impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar, u l-periti klijenti tal-Awtorità

### KUMMENTI

Implimentata

# MGOZ

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 55 | Issir analiżi u jiġi simplifikat il-proċess ta' kif tinġabar u tkun utilizzata l-informazzjoni relatata ma' reklutaġġ ġdid fis-Servizz Pubbliku. L-impjegati ġodda fil-Ministeri li għandhom il-back office tal-komputazzjoni tas-salarji fil-Ministeru għal Għawdex ser jibdew jissottomettu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni online. Sal-lum dan il-proċess huwa kollu manwali. Permezz ta' dan il-proġett ser jitnaqqas l-iskariġġ għall-impjegati, jiġi assigurat li tintuża biss id-dokumentazzjoni t-tajba u l-impjegat jiddaħħal fis-sistema mill-ewwel. Dan ser iwassal għal aktar effiċjenza u immedjatezza. | Saru diskussjonijiet interni kif ukoll mal-istakeholders konċernati, fosthom il-Ministeri li għandhom il-back office tal-komputazzjoni tas-salarji fil-Ministeru, biex jiġu identifikati r-rekwiżiti meħtieġa tas-sistema l-ġdida. Inkisbet stima li tkopri l-iżvilupp tas-sistema, ġie ffirmat il-ftehim mal-iżviluppatur u beda l-iżvilupp. | Ġie żviluppat il-module l-ġdid u s-sistema l-ġdida bdiet tintuża bi prova. | Tlesta l-iżvilupp tal-module l-ġdid. Ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati u s-sistema l-ġdida bdiet titħaddem flimkien mal-Ministeri li l-back office tas-salarji tagħhom isir minn Għawdex. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-uffiċjali pubbliċi u l-impjegati tas-sezzjonijiet tar-riżorsi umani fil-Ministeri konċernati u fis-sezzjonijiet tas-salarji (Back Office) u s-Sezzjoni Salarji Ċentrali fil-Ministeru għal Għawdex

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Tinħoloq sistema online ta' kif isiru l-komputazzjonijiet tal-pagi fis-Sezzjoni Salarji Ċentrali li tagħmel parti mill-Ministeru għal Għawdex. B'hekk ikun hemm aktar serħan tal-moħħ li l-komputazzjonijiet qed isiru b'mod uniformi u strutturat. Permezz ta' din is-sistema l-ġdida, is-Sezzjoni tas-Salarji Ċentrali ser ikollha sistema ta' komputazzjoni tal-pagi awtomatika li tkun sigura u unifomi għall-ħaddiema kollha. Is-sistema tkun toffri wkoll aktar traċċabilità tax-xogħol imwettaq. B'hekk tiġi faċilitata l-ħidma tal-impjegati. | Saru diskussjonijiet kemm internament kif ukoll mal-P&SD rigward ir-rekwiżiti tas-sistema. Inkisbet stima li tkopri l-iżvilupp tas-sistema, ġie ffirmat il-ftehim mal-iżviluppatur u beda l-iżvilupp. | Tkompla l-iżvilupp tal-module l-ġdid fis-Salaries Reporting System. Dan il-module jkopri l-komputazzjonijiet tas-salarji, rimborż supplimentari kif ukoll eżerċizzji relatati mal-bolla. | Tlesta l-iżvilupp kif ukoll l-ittestjar tagħha. | Is-sistema bdiet tintuża mill-uffiċjali fis-Sezzjoni tas-Salarji Ċentrali. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati tas-Sezzjoni Salarji Ċentrali fil-Ministeru għal Għawdex

**KUMMENTI**

Implimentata

| Nru | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Isir roll out tas-sistema Salaries Reporting System (SRS) li kienet tnediet fl-2018 u li permezz tagħha tjiebet sostanzjalment il-komunikazzjoni bejn il-Ministeri li għandhom il-back office f'Għawdex u s-Sezzjoni Salarji Ċentrali fis-sezzjonijiet tar-Riżorsi Umani tal-MGOZ. B'hekk tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar u l-komputazzjoni tal-pagi u salarji tal-impjegati kollha fl-MGOZ. | Saru diskussjonijiet kemm interni bejn is-sezzjonijiet tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll mal-P&SD dwar l-enhancements meħtieġa fis-sistema sabiex jiġi simplifikat il-proċess konċernat. | Inkisbet stima ta' kemm ser jiswew l-enhancements meħtiega tas-sistema Salaries Reporting System. Ġie ffirmat ftehim mal-iżviluppatur u beda l-iżvilupp. | Saru l-enhancements meħtieġa u ngħata t-taħriġ lill-uffiċjali fis-sezzjonijiet tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. | Is-Salaries Reporting System bdiet tintuża fid-Direttorati konċernati u saret il-mezz ta' komunikazzjoni dwar il-proċess tas-salarji. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati fis-sezzjonijiet tar-Riżorsi Umani, fis-Sezzjoni tas-Salarji u fis-Sezzjoni Salarji Ċentrali

**KUMMENTI**

Implimentata

| Nru | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 58 | Tiddaħħal sistema elettronika għall-ipproċessar tar-riżultati għall-parteċipanti li jieħdu sehem f'avvenimenti organizzati mill-Ministeru għal Għawdex. Dawn l-avvenimenti jkunu organizzati minn żmien għal żmien mill-Ministeru għal Għawdex, bħal pereżempju l-wirja agrarja ta' Santa Marija li għaliha jkun hemm 'il fuq minn 150 parteċipant f'1,700 kategorija differenti. Din is-sistema elettronika ser tintuża sabiex jiġu proċessati r-riżultati, jinħareġ ranking order u tiffaċilita l-premjazzjoni, b'mod li jkun hemm aktar trasparenza u r-riżultat jinħareg fi żmien iqsar. Bħalissa s-sistema mħaddma hija waħda manwali. | Saru d-diskussjonijiet biex jiġu determinati r-rekwiżiti tas-sistema. Ġie deċiż li s-sistema tkun żviluppata internament mill-uffiċjali tekniċi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. | Beda u tlesta l-iżvilupp flimkien mal-ittestjar meħtieġ. Iddaħħlet id-dejta fis-sistema. | Is-sistema bdiet titħaddem u ntużat għall-ewwel darba waqt il-wirja agrarja ta' Santa Marija f'Villa Rundle, Ir-Rabat, Għawdex. Din is-sistema ser tibqa' tintuża għal wirjiet u attivitajiet oħra. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-amministraturi tal-wirjiet agrarji u l-organizzaturi ta' avvenimenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll il-parteċipanti

**KUMMENTI**

Implimentata

## 59

### MIŻURA

Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għalll-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Ġie determinat pjan u l-proċess involut għall-introduzzjoni ta' din is-sistema l-ġdida. | B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi, ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali li huma inkarigati mill-ivvjaġġar fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Ġiet installata s-sistema l-ġdida u bdiet titħaddem mid-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati kollha tal-Ministeru għal Għawdex

**KUMMENTI**

Implimentata

## 66

Isir review tal-funzjonijiet amministrattivi tas-sezzjonijiet tar-riżorsi umani, tal-accounts, tal-payroll u tar-registry u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn dan ir-review. L-għan aħħari huwa li jiġu razzjonalizzati (streamlined) u ċentralizzati l-proċessi involuti fil-funzjonijiet indikati taħt id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi. B'hekk ikun qed jissaħħaħ ir-rwol ta' dan id-Direttorat biex dan ikun f'pożizzjoni li jgħin fl-implimentazzjoni aħjar ta' proġetti, programmi u inizjattivi li jkun irid jimplimenta l-Ministeru.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Twaqqaf Steering Committee bil-għan li jikkordina l-implimentazzjoni ta' din il-miżura, megħjun minn numru ta' task forces appuntati biex iħarsu b'mod speċifiku lejn kull funzjoni involuta f'dan il-proċess ta' ċentralizzazzjoni. Bdiet l-analiżi li ser twassal għall-kumpilazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet. | Tlesta l-proċess tal-analiżi mit-task forces. Tħejjew ir-rapporti bir-rakkomandazzjonijiet minn kull task force. | Saru numru ta' laqgħat bejn l-iSteering Committee u t-task forces fejn saret analiżi tar-rakkomandazzjonijiet għal kull funzjoni bil-għan li jitħejja pjan ta' azzjoni. | Tfassal pjan ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mir-rapporti kollha dwar il-proċess ta' ċentralizzazzjoni tat-taqsimiet different fil-Ministeru u ta' taħriġ. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-uffiċjali pubbliċi kollha fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 84 MIŻURA ADDIZZJONALI

Bħala parti mill-impenn li nkomplu nippreservaw il-wirt tagħna, tiġi żviluppata sistema li fiha, b'mod elettroniku, tinżamm kopja diġitalizzata tal-permessi ta' żvilupp li kienu approvati f'Għawdex qabel l-1980. Sal-lum dawn il-permessi antiki jinsabu fl-Arkivji Nazzjonali f'forma hard copy. Permezz ta' din is-sistema elettronika, din l-informazzjoni ser tkun ukoll aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr il-ħtieġa li persuna tirrikorri fiżikament fl-Arkivju Nazzjonali.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saru d-diskussjonijiet mal-uffiċjali tal-Arkivji Nazzjonali fejn ġew deċiżi r-rekwiżiti tas-sistema kif ukoll kien deċiż li jsir titjib tal-apparat eżistenti tal-iscanning. | Inbeda l-proċess biex tiġi mdaħħla d-dejta biex jiġi kkreat indiċi fis-sistema elettronika. Bdew isiru wkoll kopji diġitali tad-dokumenti. | Tlesta l-proċess biex jiġu kkreati l-indiċi tad-dejta. Saret il-verifika tad-dejta. Tkompla l-proċess biex isiru kopji diġitali tad-dokumenti. Inbeda l-uploading tad-dokumenti diġitali fis-sistema elettronika. | Ġiet varata s-sistema elettronika u l-kopji diġitali tal-permessi tal-iżvilupp saru aċċessibbli online għall-pubbliku. Sal-aħħar tas-sena kienu diġà ġew diġitalizzati madwar 50 volum li jkopru s-snin 1893 sa Marzu 1934. Dan il-proċess ser jitkompla bħala parti mill-operat. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku u r-riċerkaturi

**KUMMENTI**

Implimentata

## 85

Jiġu modernizzati u mtejba l-faċilitajiet u t-tagħmir disponibbli għas-sajjieda fid-Dry Standing Area fil-port tal-Imġarr, Għawdex.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Inħarġet sejħa għall-offerti u ntgħażel il-kuntrattur biex jissupplixxi t-tagħmir li ser ikun disponibbli għas-sajjieda fid-Dry Standing Area u saret l-ordni għal dan it-tagħmir ġdid. Saru wkoll diskussjonijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-boat trailers li wkoll ser ikunu disponibbli fid-Dry Standing Area. | Tkompliet il-ħidma mill-kuntrattur magħżul għall-provvista u l-installazzjoni tat-tagħmir li ser ikun disponibbli għas-sajjieda fid-Dry Standing Area. Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti għall-provvista ta' boat trailers fid-Dry standing Area. | Tkompliet il-ħidma għall-provvista u l-installazzjoni tat-tagħmir. Tlesta l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-provvista ta' boat trailers u ntbagħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti bi tħejjija għall-pubblikazzjoni. | Tkompliet il-ħidma għall-provvista u l-installazzjoni tat-tagħmir fid-Dry Standing Area. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-provista ta' boat trailers, intlaqgħet offerta u sar magħruf waqt il-proċess ta' evalwazzjoni li din mhix konformi mar-rekwiżiti mitluba. Għaldaqstant tnieda mill-ġdid il-proċess ta' akkwist għall-provvista ta' boat trailers. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-operaturi fil-qasam tas-sajd fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 86

Tkompli r-riġenerazzjoni tal-pjazez f'Għawdex bit-tranġar u tisbiħ tal-Pjazza San Ġwann fix-Xewkija flimkien mal-immaniġġjar aħjar tat-traffiku li jgħaddi minn din il-pjazza.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġie magħżul il-kuntrattur għal xogħol ta' tisbiħ u riġenerazzjoni wara li nħarġet sejħa għall-offerti fl-2018. Bdew x-xogħlijiet skont il-programm maqbul. | Kompla x-xogħol ta' riġenerazzjoni li jinkludi wkoll it-tranġar tal-parking spaces għall-immaniġġjar aħjar tat-traffiku. | Tlesta x-xogħol ta' riġenerazzjoni, u ġiet inawgurata l-Pjazza San Ġwann fix-Xewkija. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Isir proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat. | Saru diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tas-Sannat dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Bdiet it-tħejjija tal-pjanti għall-modernizzar u tisbiħ li jinkludi fost l-oħrajn xogħlijiet mill-Korporazzjoni Enemalta biex tissaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku fil-pjazza. | Kompla l-proċess fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa. | Tlestew il-pjanti u nkisbu l-permessi meħtieġa filwaqt li tkompla l-proċess ta' abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa. |
| | | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI: Il-pubbliku b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi | | | KUMMENTI: Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 88 | Bi ftehim u kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali Għawdxin, matul l-2019 ser jitranġaw u jitlestew aktar toroq residenzjali f'Għawdex. | Intlaħaq ftehim mal-Kunsilli Lokali Ta' Kerċem, Għajnsielem, il-Munxar, ix-Xagħra, il-Fontana u ż-Żebbuġ f'Għawdex biex isiru numru ta' toroq residenzjali f'Għawdex. Il-Kunsilli Lokali rispettivi nedew proċessi ta' akkwist pubbliku miftuħ biex isiru x-xogħlijiet.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fi Triq Wenzu Mintoff f'Ta' Kerċem. | Tkompliet il-ħidma mill-Kunsill Lokali biex jintgħażlu l-kuntratturi li ser iwettqu x-xogħlijiet.<br><br>F'Ta' Kerċem tlestew ix-xogħlijiet fi Triq Wenzu Mintoff.<br><br>Beda x-xogħol fi Triq il-Provigarju, Għajnsielem u bdew isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Kummittiva, ix-Xagħra, kif ukoll fi Triq Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ, Għawdex. | Tlestew ix-xogħlijiet fi Triq il-Provigarju, Għajnsielem, kif ukoll fi Triq il-Kummittiva, ix-Xagħra.<br><br>Inbeda x-xogħol fi Triq il-Munxar, il-Munxar, u Triq Gajdoru, ix-Xagħra, filwaqt li kompla x-xogħol fi Triq Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ, Għawdex. | Tkompla x-xogħol fi Triq il-Munxar, il-Munxar, Triq Gajdoru, ix-Xagħra, u fi Triq Għajn Mhelhel, fiż-Żebbuġ, Għawdex.<br><br>Inbdew ix-xogħlijiet fi Triq is-Summien u Triq il-Ġojjin, f'Ta' Kerċem.<br><br>Sar ftehim mal-Kunsill Lokali l-Fontana biex il-Ministeru għal Għawdex jiffinanzja xogħlijiet addizzjonali mitluba mill-Kunsill ġewwa Triq il-Għajn, il-Fontana. |
| | | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI: Il-pubbliku b'mod partikolari r-residenti tal-lokal u l-viżitaturi | | | KUMMENTI: Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 89 | Jiġu installati sinjali ġodda li jgħinu u jiggwidaw lill-viżitaturi jsibu postijiet u attrazzjonijiet storiċi u ta' interess fir-Rabat Għawdex. | Tnieda proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali r-Rabat (Għawdex) kif ukoll ma' Heritage Malta dwar l-installazzjoni ta' sinjali ġodda fir-Rabat, Għawdex. | Sar qbil mal-Kunsill Lokali fir-Rabat, Għawdex, dwar it-twaħħil tat-tabelli skont site plan maqbula u skont l-attrazzjonijiet storiċi u ta' interess identifikati. | Inbeda l-abbozzar ta' sejħa għall-kwotazzjoni biex jiġu manifatturati u installati sinjali ġodda ta' gwida għall-attrazzjonijiet storiċi u ta' interess fir-Rabat, Għawdex. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jiġu manifatturati u installati sinjali ġodda ta' gwida għall-attrazzjonijiet storiċi u ta' interess fir-Rabat, Għawdex. |
| | | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI: Il-pubbliku b'mod partikolari l-viżitaturi | | | KUMMENTI: Fil-proċess li tiġi implimentata |

## 90 MIŻURA ADDIZZJONALI

Jiġu installati mobile charging points fit-Terminal tal-Imġarr, Għawdex kif ukoll fit-Terminal taċ-Ċirkewwa, Malta.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Sar proċess ta' konsultazzjoni kemm ma' Gozo Channel (Operations) Ltd, li hu l-operatur tat-Terminals fiċ-Ċirkewwa u fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex, kif ukoll ma' Transport Malta. | Tfassal abbozz ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jiġu installati l-mobile charging points fit-Terminals tal-Imġarr u taċ-Ċirkewwa. | Tnedew tliet proċessi ta' akkwist pubbliku miftuħ biex jinġabru kwotazzjonijiet għall-mobile charging points iżda l-ebda proċess ma wassal għal sottomissjonijiet ta' offerti. | Inxtraw il-mobile charging points wara proċess ta' akkwist dirett u bdiet l-installazzjoni. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Persuni li jagħmlu użu mill-faċilitajiet li hemm fit-terminals tal-Imġarr f'Għawdex kif ukoll fiċ-Ċirkewwa.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

## 92

Il-kummissjonar u manifattura ta' fair stalls biex jintużaw fid-diversi attivitajiet kulturali organizzati matul is-sena mill-Ministeru għal Għawdex.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Saru konsultazzjonijiet mal-imsieħba konċernati b'mod partikolari mal-artiġjana. Tfassal mudell preliminari tal-istalls. Inbeda x-xogħol tal-manifattura tal-istalls mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. | Ġew manifatturati l-istalls. Bdew jiġu użati l-fair stalls fl-avvenimenti organizzati mill-Ministeru għal Għawdex. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-artiġjani u l-operaturi kummerċjali li jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati mill- Ministeru għal Għawdex

**KUMMENTI**

Implimentata

## 93

Isir il-bini mill-ġdid ta' Triq l-Imġarr, in-Nadur.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Tlestew ix-xogħlijiet preliminari fi Triq l-Imġarr abbażi ta' testijiet ġeoloġiċi li saru u ġew riveduti l-pjanti. Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti biex isir xogħol ta' bini mill-ġdid tat-triq. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid ta' Triq l-Imġarr, in-Nadur. | Wara li tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti, ġie identifikat il-kuntrattur preferut mill-proċess ta' akkwist pubbliku miftuħ biex iwettaq ix-xogħlijiet. | Beda x-xogħol mill-kuntrattur magħżul fuq il-bini mill-ġdid ta' Triq l-Imġarr fin-Nadur. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku u l-viżitaturi

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

# MHSE

MINISTERU GĦALL-INTERN,
IS-SIGURTÀ NAZZJONALI
U L-INFURZAR TAL-LIĠI

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Jiġi simplifikat u mqassar il-proċess tal-applikazzjoni għall-ħruġ tal-passaporti lill-persuni li jgħixu Malta u mhumiex ċittadini Maltin, però li ġejjin minn pajjiżi terzi u li m'għandhomx passaport validu. Permezz ta' din il-miżura l-applikanti mhux ser ikollhom bżonn aktar iżuru uffiċini differenti sabiex jiġu proċessati l-formoli meħtieġa iżda dawn ser jibdew jiġu proċessati kollha minn Identity Malta. | Bdew diskussjonijiet interni fi ħdan il-Ministeru u l-awtoritajiet konċernati, inkluż Dar l-Emigrant u l-Kummissarju għar-Refuġjati, dwar kif dan is-servizz se jiġi ċentralizzat u simplifikat. | Komplew id-diskussjonijiet meħtieġa filwaqt li beda mapping tal-proċess kurrenti. | Tlesta l-proċess tal-mapping u komplew id-diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati, inkluż ir-reviżjoni u s-simplifikazzjoni tal-applikazzjonijiet eżistenti. | L-analiżi li wasslet għas-simplifikazzjoni tas-servizz tlestiet u l-proċessi l-ġodda ddaħħlu fl-iStandard Operating Procedures. Il-proċessi l-ġodda bdew jiġu mħaddma minn Identity Malta fil-bidu tas-sena 2020. B'hekk benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u oħrajn li għandhom status ta' protezzjoni umanitarja internazzjonali ser ikunu jistgħu jibdew japplikaw huma bil-proċess simplifikat u minn post wieħed ċentralizzat li hu Ħal Far. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Applikanti għal Passaport Stranġier

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Jiġi simplifikat il-proċess tal-ħruġ tar-rapporti dwar il-moviment tal-persuni minn u lejn Malta. Dan ser isir billi l-proċess jibda jitħaddem kompletament mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza f'Identity Malta. | Saru konsultazzjonijiet interni u ġiet miktuba l-proċedura l-ġdida b'kordinament u kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija. Ingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati u l-ħruġ tar-rapporti beda jsir kif ippjanat mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza biss f'Identity Malta. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 300 ruħ fis sena

**KUMMENTI**

Implimentata

31

| MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Jinħolqu ħames portali interni fuq pjattaforma tax-SharePoint li ser jintużaw minn uffiċjali li qegħdin fid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi. Dawn huma kuntratti, progressjoni u promozzjonijiet tal-persunal, konfermi tal-istaff, bordijiet ta'selezzjoni, u kuntratti/rekwiżiti tal-liċenzja tal-karozzi tal-Ministeru. Permezz ta' din is-sistema ser tiżdied l-effiċjenza u jkun hemm aktar kontabilità filwaqt li tiffaċilita l-ħidma tal-impjegati konċernati. Sal-lum ir-rekords relatati ma' dawn il-proċessi jinżammu fuq Excel jew f'reġistru mingħajr notifika awtomatika biex tfakkar lill-uffiċjal konċernat meta jkun meħtieġ li jieħu azzjoni. | Saru laqgħat mal-partijiet konċernati u ġew maqbula r-rekwiżiti meħtieġa għal dawn is-sistemi. Saru diskussjonijiet mal-MITA u beda l-iżvilupp. | Tkompla l-iżvilupp mill-MITA. Ġew preżentati l-prototipi tas-sistemi għall-feedback meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp flimkien mal-ittestjar tas-sistemi l-ġodda u ġew varati kif ippjanat. | |

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku li jiġi bżonn is-servizz u l-ħaddiema tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati, tal-AWAS, tal-Korp tal-Pulizija, tal-Uffiċċju li jieħu ħsieb Third Country Nationals, l-RAB u l-NSO

## KUMMENTI

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Jinħolqu żewġ portali interni fuq pjattaforma tax-SharePoint li ser jintużaw minn uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dawn huma kuntratti, lista dettaljata tal-priġunieri u rekords ta' edukazzjoni meħuda mill-priġunieri waqt li qegħdin f'din il-faċilità. Din is-sistema ser tkun ukoll il-bażi ta' informazzjoni għal sistema ħolistika għall-probation and parole, il-Pulizija u l-qrati. | Saru laqgħat mal-partijiet konċernati u ġew maqbula r-rekwiżiti meħtieġa għal dawn is-sistemi. Saru diskussjonijiet mal-MITA u beda l-iżvilupp. | Tkompla l-iżvilupp mill-MITA. Tlesta l-iżvilupp flimkien mal-ittestjar tas-sistemi l-ġodda u bdew jitħaddmu kif pjanat. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva f'Kordin

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Tiġi introdotta soluzzjoni ġdida, magħrufa bħala IT Bail Control System, li biha jibdew jiġu reġistrati persuni li qegħdin fuq pleġġ mill-qorti. Ir-reġistrazzjoni minn dawn in-nies tibda ssir b'mod elettroniku fl-għases tal-pulizija. Din is-sistema ser tgħin lill-pulizija f'ħidmiethom u ser ikun aktar faċli li jiskattaw proċeduri mill-pulizija meta jinkisru l-kundizzjonijiet tal-pleġġ magħmula mill-qorti. | Saru laqgħat mal-partijiet interessati, fosthom membri tal-ġudikatura, il-qrati, l-Avukat Ġenerali, il-Pulizija u l-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Dejta, biex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa. Bdiet ħidma fuq l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tas-sistema. | Inkitbet is-sejħa għall-offerti u ġiet ippubblikata. | Għalqet is-sejħa għall-offerti u ntlaqgħu s-sottomissjonijiet. Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tas-sistema. | Saret l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa u ġie magħżul il-fornitur. Beda l-proċess tal-iżvilupp tas-soluzzjoni l-ġdida kif maqbul mal-partijiet konċernati. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Min qiegħed fuq pleġġ tal-qorti kif ukoll il-pulizija u l-qorti

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Isir ir-roll out, tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din is-sistema ċentrali. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din is-sistema ċentrali u sabiex jiġu stabbiliti xi rekwiżiti. | B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-Finanzi beda jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati li huma responsabbli għall-proċess marbut mal-ivvjaġġar fil-Ministeru. | Ġiet installata s-sistema l-ġdida. Tlesta t-taħriġ u s-sistema l-ġdida bdiet titħaddem minn numru ta' dipartimenti fi ħdan il-Ministeru. Din is-sistema ser tkompli tiġi implimentata fil-kumplament tad-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru fl-ewwel xhur tal-2020. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata

| | MIŻURA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Ser jitniehda Qafas Nazzjonali għall-Emerġenzi li jiggwida l-ħidma tal-entitajiet konċernati u li huma responsabbli għall-kordinament meħtieġ f'ċirkostanzi straordinarji u ta' emerġenza. Dawn iċ-ċirkostanzi jkopru (i) Pandemija/Epidemija (ii) Inkwinament fil-Portijiet jew Ibħra Nazzjonali (iii) Terremot (iv) Inċident li Jikkawża Korrimenti fuq Skala Kbira (v) Attakk Terroristiku jew Inċident Serju Kawżat minn Kriminalità Organizzata (vi) Mewġa ta' Immigrazzjoni Irregolari (vii) Nixfa qawwija u Nuqqas ta' Ilma; Għargħar jew Irwiefen Qawwija li Jaħkmu l-Pajjiż (viii) Inċident Serju li Jinvolvi Sustanzi Tossiċi [HAZMAT] (ix) Attakk Dirett Kontra Stallazzjoni/ Impjant Strateġiku (x) Attakk Cyber Kontra Infrastruttura Kritika | Saru laqgħat mal-partijiet kollha konċernati li wasslu għal qbil fuq lista ta' inċidenti maġġuri li għalihom kien jinħtieġ li jinkiteb pjan ta' emerġenza. Beda l-iżvilupp tal-Emergency Response Plan għal kull inċident maġġuri identifikat. Kull parti żviluppata bdiet tiġi diskussa ma' kull min hu kkonċernat. | Komplew jinkitbu l-pjanijiet u tlestew l-ewwel tlieta għal major incident scenarios speċifiċi. Dawn reġgħu tressqu għal konsultazzjoni interna fost il-partijiet konċernati u ġew identifikati l-emendi meħtieġa. Saru diskussjonijiet marbuta ma' loġistika fejn jidħlu s-Situation Centres fil-pajjiż. | Inkitbu l-kumplament tal-pjani għall-major incident scenarios kollha u kompliet il-konsultazzjoni interna. Komplew diskussjonijiet marbuta ma' loġistika fejn jidħlu s-Situation Centres fil-pajjiż. Bdew isiru simulation exercises sabiex il-pjani ta' emerġenza jitħaddmu fil-prattika u fejn joħorġu gaps dawn jiġu indirizzati minnufih. | Tlestiet il-konsultazzjoni mal-partijiet involuti, ġew identifikati l-emendi tekniċi, operattivi u loġistiċi u saru r-reviżjonijiet fil-pjani. Il-pjani ġew finalizzati u tressqu għall-approvazzjoni. B'hekk dawn iddaħħlu fin-National Emergency Response Framework. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Isir investiment ieħor fil-Korp tal-Pulizija bix-xiri ta' aktar klieb (5 working dogs) sabiex tkun tista' titwettaq ħidma aktar effettiva għall-ġid taċ-ċittadin. | Saret riċerka minn fejn jistgħu jinxtraw klieb speċjalizzati u ngħabru l-kwotazzjonijiet. Saret l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet riċevuti u ġie identifikat il-post minn fejn jistgħu jinxtraw il-klieb. | Saru laqgħat mal-fornitur Franċiż dwar ix-xiri ta' klieb ta' razza Belgian u Dutch Shepherd. | Il-klieb waslu f'Malta, ingħataw it-taħriġ meħtieġ u bdew jintużaw mill-Korp tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku u l-Korp tal-Pulizija, b'mod partikolari dawk fis-Sezzjoni tal-Klieb | | | **KUMMENTI**<br>Implimentata |
| 50 | Ninvestu fl-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija bix-xiri ta' aktar body cams sabiex tkun dejjem żgurata aktar is-sigurtà tal-uffiċjali tagħna. | Ġew distribwiti mudelli differenti ta' body cams għall-ittestjar meħtieġ minn diversi taqsimiet fi ħdan il-Pulizija. Ġew identifikati l-body cams meħtieġa u tressqet talba għax-xiri tagħhom. | Beda l-proċess ta' negozjar mal-fornitur li jissupplixxi l-body cams u ġew finalizzati t-termini tal-kuntratt. | Twaqqaf in-negozjar u nkitbet sejħa għall-offerti biex jiġi żgurat li jinxtraw body cams tal-aqwa kwalità. | Tlestiet is-sejħa għall-offerti u għaddiet għall-approvazzjoni interna bi tħejjija għall-pubblikazzjoni tagħha. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-Korp tal-Pulizija | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 51 | Tiġi restawrata l-faċċata tal-binja minn fejn jopera s-CID. | Sar id-disinn tal-faċċata tal-binja u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Bdiet ħidma mir-Restoration Unit biex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-restawr meħtieġ. | Kompliet il-ħidma mir-Restoration Unit sabiex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi flimkien mal-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti meħtieġa. | Inkiseb il-permess meħtieġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Kompliet il-ħidma fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti meħtieġa. | Kompliet il-ħidma fuq l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti meħtieġa, inkluż dik għat-twaħħil ta' aperturi ġodda. Beda wkoll xogħol preparatorju relatat ma' tneħħija ta' cables tas-servizzi minn mal-faċċata. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>It-Taqsima tas-CID fil-Korp tal-Pulizija | | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|
| 52 | Jinxtraw aktar klieb għall-użu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dan sabiex tkompli tissaħħaħ is-sigurtà. | Inkisbu l-approvazzjonijiet meħtieġa għax-xiri ta' klieb għall-Faċilità Korrettiva ta' Kordin b'mod dirett. Wasal l-ewwel kelb, ingħata t-taħriġ u beda jintuża fis-servizz. | Kompliet il-ħidma biex jinxtraw aktar klieb. Waslu sitt iklieb oħra, ingħataw it-taħriġ u dawn ukoll bdew jintużaw bħala parti mis-servizz biex tissaħħaħ is-sigurtà fl-istess Faċilità. | | |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** L-uffiċjali fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | | | **KUMMENTI:** Implimentata |
| 55 | Isir rinovar biex ikun hemm ċentru ġdid għat-taħriġ fid-Dipartiment għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni. | Tlesta d-disinn propost għaċ-ċentru l-ġdid ta' taħriġ u ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-BOQS. | Saru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-proċess għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-proċess għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, fosthom b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Impjegati tad-Dipartiment għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni u l-istakeholders konċernati | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 57 | Tiġi restawrata l-faċċata tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. | Ġew miktuba l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-BoQs marbuta mar-restawr tal-faċċata tal-binja tal-Ministeru. Bdiet riċerka fuq il-binja dwar il-valur arkitettoniku tagħha b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta. | B'kollaborazzjoni mal-Universita ta' Malta, kompliet ir-riċerka fuq il-binja, partikolarment dwar il-valur arkitettoniku tagħna. | Ir-riċerka mal-Università ta' Malta tlestiet u wara diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar ġie deċiż li l-binja tiġi skedata bħala Grade 1 minħabba l-valur tagħha. | Komplew id-diskussjonijiet mas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali sabiex jiġi rikonoxxut il-valur arkitettoniku tal-binja u tkompli l-ħidma biex din tikkwalifika għal Grade 1. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku kif ukoll il-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 58 | Isir titjib fis-sistema tal-Emerġenza tal-112 sabiex ikun hemm kordinament aħjar u aktar effettiv meta jkun hemm il-ħtieġa ta' intervent f'xi emerġenza. | Bdew diskussjonijiet interni dwar it-titjib meħtieġ fis-sistema kurrenti tal-Emerġenza 112. | Intlaħaq ftehim mal-fornitur kurrenti u ġie ffirmat il-kuntratt. Ġie ordnat il-hardware filwaqt li bdiet ħidma fuq l-emendi meħtieġa. | Kompla l-iżvilupp fuq is-sistema ta' Emerġenza 112. | Tlestiet parti mill-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u beda l-ittestjar tagħha. Bdew ukoll jiġu esplorati uffiċini ġodda minn fejn ser tkun qed topera din il-funzjoni. |
| | | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI:** Il-pubbliku ġenerali, kif ukoll id-Dipartiment tal-Emerġenza fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa | | | **KUMMENTI:** Fil-proċess li tiġi implimentata |





# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2014 LI TWETTQU FL-2019

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 681 | One-stop-shop għar-reġistrazzjoni tal-mwiet u l-ħruġ ta' permessi għad-dfin. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2019. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 635 | Jitnaqqas l-ammont ta' rapporti mill-benefiċjarji għall-proġetti ffinanzjati mill-fondi strutturali. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu 2015. | Benefiċjarji ta' fondi Ewropej | Implimentata |
| 636 | Applikazzjonijiet għal-Leave b'mod elettroniku. Sistema li l-applikazzjonijiet għal-Leave (ta' kull tip li hemm imniżżel fil-PSMC) qed tiġi żviluppata bħala parti mill-intranet tal-Ministeru. Permezz ta' din is-sistema, l-applikant jista' jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fuq l-Intranet, fejn il-line manager tiegħu/tagħha jirċievi email biex japprova. Il-Leave approvat jiġi rreġistrat awtomatikament fis-sistema, u l-uffiċjal ikun jista' wkoll jara kemm fadallu/ha leave eċċ. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 627 | Armonizzazzjoni u simplifikazzjoni tad-diversi databases ta' ġestjoni ta' fondi. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Uffiċjali li jagħmlu użu minn din l-informazzjoni waqt il-ħidma tagħhom | Implimentata |
| 5 | Cash Office – One-stop-shop. Se tinbidel is-sistema tal-ġbir ta' pagamenti biex dawn ikunu jistgħu jsiru f'post wieħed. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | Taxpayers li jridu jagħmlu pagament ta' taxxa u l-impjegati. Infetħu żewġ Cash Offices, wieħed f'Birkirkara u ieħor fil-Furjana. Il-pubbliku ngħata wkoll l-aċċess li jaffettwa pagamenti online | Implimentata |
| 4 | Allinjament tal-proċess ta' tax returns. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2020. | Taxpayers u accounting practitioners | Implimentata |
| 666 | Jitneħħa l-bżonn għal dawk il-benefiċjarji intitolati li jirċievu l-allowance tat-tfal u l-allowance supplimentari li jerġgħu jimlew kull sena reviżjoni tal-applikazzjoni tagħhom. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata fi 2015. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari ġenituri | Implimentata |

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 591 | e-Fees – Dan il-proġett jirrigwarda l-intaxxar tal-kawżi. Kull kawża ċivili tiswa ċertu flus li jkunu dovuti lir-Reġistru tal-Qorti kif ukoll lill-Avukati/Prokuraturi Legali li jkunu taw is-servizz tagħhom lill-partijiet fil-kawża. Din is-sistema, li għadha fil-fażi preparatorja tagħha, se tagħti l-oppurtunità li wieħed ikun jaf kemm tkun qed tiswieh il-kawża tiegħu – kemm ikunu qed isiru spejjeż. Dan ifisser minn x'ħin jiġi preżentat ir-rikors ġuramentat għal kull att li jidħol waqt il-kawża sa ma tiġi ntaxxata finalment mid-deputat reġistratur. Aħna min-naħa tal-Qorti joħroġ l-avviż għall-ħlas tad-Dritt tar-Reġistru, ukoll minn din is-sistema, u l-persuna tista' tiġi tħallas jew inkella tista' tħallas online. | MJEG | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Il-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari dawk li jiftħu kawżi ċivili | Implimentata |
| 699 | Skema ta' żewġ sulari żejda għal-lukandi. L-MTA nediet proċess intern li qed jgħin biex jiġu simplifikati l-proċessi minn kif kienu jsiru qabel, biex applikazzjonijiet għal dan l-iżvilupp qed jiġu kompluti f'qasir żmien sabiex ikunu jistgħu jibdew il-proċess tal-MEPA. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2014. | Lukandiera | Implimentata |
| 567 | Introduzzjoni ta' sistema ġdida kompjuterizzata għal-liċenzjar. Sistema ġdida li se twassal għal kompjuterizzazzjoni tas-sistema kompluta tal-applikazzjonijiet u liċenzji tal-operaturi kollha fit-turiżmu inkluż il-potenzjal ta' pagamenti online. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | Il-pubbliku | Implimentata |

| 2014 | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 565 | Kumitat għar-reviżjoni tal-proċeduri għall-imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika. Kumitat imwaqqaf bejn it-Turiżmu (MoT, MTA), Transport Malta, MEPA, Lands u MHRA sabiex joħloq policy u design guidelines għall-imwejjed u s-siġġijet u sabiex joħloq simplifikazzjoni fil-proċess ta'applikazzjoni. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2019. | Sidien ta' ħwienet tal-ikel | Implimentata |
| 659 | MCCAA – Użu aħjar ta' servizzi online. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019 | Il-pubbliku | Implimentata |
| 577 | Tiżdied l-effiċjenza fil-back office tar-Residenza fid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2015. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 581 | Effiċjenza fl-operat tal-front office tar-residenza f'Identità Malta. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2015. | L-impjegati ta' Identità Malta u l-klijenti li jużaw is-servizzi tagħhom | Implimentata |
| 5 | Notifikazzjoni tat-Twelidijiet online. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |





# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2015 LI TWETTQU FL-2019

| 2015 | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 690 | Simplifikazzjoni tal-Manwal ta' Proċedura tal-Fondi ta' Koeżjoni. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2015. | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jibbenefikaw minn fondi Ewropej | Implimentata |
| 602 | Se nkunu qegħdin nippromovu lil Malta u Għawdex bħala diving master plan wieħed. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | Kull ċittadin u turist interessat fl-attivitajiet tad-diving f'Malta | Implimentata |
| 706 | Simplifikazzjoni fil-proċess ta' ħrug ta' tags permezz ta' sistema ġdida li tinkludi user access control u audit trail | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | Xufiera, inkluż dawk li jsuqu vetturi għall-kiri jew kumpens, drivers tal-karozzi tal-linja u dawk li xogħolhom hu ta' driver, eż. dawk li jsuqu trakkijiet tal- ġebel | Implimentata |
| 501 | Il-formola ta' korrezzjoni bejn l-IRD u l-VAT se tiġi kkonsolidata biex b'hekk il-kontribwenti (taxpayers) ikollhom proċess simili kif ukoll ikunu jistgħu jibagħtu dawn il-formoli online flimkien mal-pagamenti. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2020. | Persuni reġistrati għall-fini ta' VAT | Implimentata |
| 670 | Tiġi żviluppata sistema elettronika bl-isem ta' Animal Welfare Information and Management System (AWIMS) biex tkun tista' tiġi aġġornata u jinżamm rendikont ta' telefonati tal-ambulanza, informazzjoni medika tal-annimali tat-triq, adozzjonijiet tal-annimali, rapporti li jsiru, eċċ. | MAFA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2017. | Uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment | Implimentata |
| 616 | Żvilupp ta' sistema li permezz tagħha l-Kondotta tal-Pulizija tkun tista' tiġi ordnata online. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 618 | Tibda tingħata l-possibbiltà li persuna titlob il-liċenzja tal-kaċċa mill-uffiċċji tal-Maltapost. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk interessati f'liċenzja għall-kaċċa | Implimentata |





# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2016 LI TWETTQU FL-2019

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 136 | Tiġi sottomessa applikazzjoni għall-Fondi Strutturali Ewropej għall-iżvilupp ta’ sistema tal-informatika, li permezz tagħha jitħaddmu r-reġistri tas-saħħa u s-sorsi ta’ informazzjoni li jinsabu fid-Direttorat għall-Informazzjoni u Riċerka dwar is-Saħħa. Din is-sistema se tgħin biex jitnaqqas l-użu ta’ proċeduri manwali għal wieħed elettroniku. B’din is-sistema jibda jsir użu aħjar mill-informazzjoni miġbura biex isir monitoraġġ aħjar tas-saħħa tal-poplu Malti kif ukoll ikunu jistgħu jiġu ppjanati strateġiji u faċilitajiet ġodda skont il-ħtiġiet taċ-ċittadin. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f’Lulju 2019. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 103 | L-introduzzjoni ta’ sistema li permezz tagħha jkunu aċċessibbli u jistgħu jinxtraw standards Ewropej online. Bit-tibdil propost, il-konsumaturi u l-industrija lokali jkunu jistgħu jfittxu, jagħżlu u jixtru standards online permezz tas-sit elettroniku tal-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f’April 2019. | Madwar 1,700 klijent tal-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur | Implimentata |
| 105 | Ir-reġistrazzjoni tal-lifts mill-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur se tibda ssir online mill-operatur innifsu. B’hekk, il-proċess ta’ reġistrazzjoni se jiffaċilita l-aċċess għall-operaturi. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f’April 2019. | Installaturi tal-lifts | Implimentata |
| 106 | L-introduzzjoni ta’ database elettronika biex jiġu reġistrati kimiċi mill-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Din is-sistema se tintuża primarjament mill-awtoritajiet tas-saħħa f’każijiet ta’ avvelenament biex pazjenti jingħataw kura f’waqtha. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f’April 2019. | Madwar 2,000 kumpanija | Implimentata |
| 87 | Reġistrazzjoni tat-twelid fl-isptarijiet. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f’Novembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |





# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2017 LI TWETTQU FL-2019

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 138 | myHealth; aktar servizzi online. Se jiġu introdotti aktar servizzi fil-myHealth, liema proċessi sal-lum jinħadmu b'mod manwali. Fost dawn insibu li (a) tobba fil-privat se jkunu jistgħu jordnaw testijiet b'mod elettroniku; (b) tobba fil-privat se jkollhom aċċess għal informazzjoni ta' immunizzazzjoni tal-pazjenti tagħhom; u (ċ) ikun hemm il-facilità għal tobba fil-privat biex ikollhom informazzjoni għal mediċini maħruġa minn din l-iskema – POYC | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2019. | Aktar minn 200 tabib u l-pazjenti tagħhom | Implimentata |
| 120 | Tħaddim tal-once only principle. Aċċess wieħed u komuni minn fejn informazzjoni uffiċjali dwar persuni u indirizzi postali tkun tista' tiġi aċċessata. B'hekk jiġi evitat il-bżonn li persuna jkollha kull darba tipprovdi l-istess informazzjoni biex tapplika/tikseb servizzi minn dipartimenti/entitajiet varji. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2019. | L-operaturi kollha li juzaw sistemi tal-Gvern li jinkludi indirizzi u dettalji ta' persuni | Implimentata |
| 174 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'eforms. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 125 | Introduzzjoni ta' sistema ċentralizzata msejħa Enhanced Automated Reporting System, biex tiffaċilita l-mod kif tinqara l-informazzjoni minn mal-kaxxi tal-logħob u tiġi mibgħuta b'mod elettroniku lill-MGA. Permezz ta' din is-sistema l-operatur mhux se jkollu bżonn jaqra l-informazzjoni b'mod manwali u jissottomettiha personalment. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2019. | Operaturi terrestri | Implimentata |

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 123 | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) se tirrevedi l-proċess tal-liċenzjar tal-Amateur Radio biex tiffaċilita l-proċedura ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ġodda. L-MCA se tintroduċi Lifetime Licence li tirrikjedi a one-time only licence fee. B'hekk se tiġi eliminata l-ħtieġa li persuna tinnotifika lill-MCA jekk l-apparat ta' radju komunikazzjoni tagħha jkunx CE Certified. Fil-preżent, dawn il-liċenzji jitħallsu kull sena jew kull erba' snin skont il-każ. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2020. | Madwar 436 persuna li għandhom liċenzja tal-amateur radio | Implimentata |
| 170 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'eforms. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 191 | Se jonqos l-assenteiżmu: (a) minn 7.1%, fl-iskejjel primarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016 għal 6.6% fis-sena skolastika 2016/2017. Dan ifisser 95,776 ġurnata aktar ta' attendenza l-iskola minkejja żieda ta' 696 student ieħor f'dan il-livell tal-edukazzjoni jew żieda ta' numru ta' ġranet ta' attendenza minn 2,010,281 fl-iskejjel primarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016, għal 2,106,057 fis-sena skolastika 2016/2017; (b) minn 12.6%, fl-iskejjel sekondarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016 għal 12% fis-sena skolastika 2016/2017. Dan ifisser minn 1,484,045 fl-iskejjel sekondarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016, għal 1,469,786 fis-sena skolastika 2016/2017. F'dan il-livell kien hemm tnaqqis ta' 110 fin-numru ta' studenti reġistrati għas-sena skolastika 2016/2017. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Dawk l-istudenti li jfallu l-iskola mingħajr awtorizzazzjoni | Implimentata |

| 2017 | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Tiġi introdotta pjattaforma elettronika għat-tagħlim relatat mal-qasam tal-kostruzzjoni (BICC e-learning platform) biex b'hekk in-nies li jixtiequ jattendu għall-korsijiet tal-Health and Safety ikunu jistgħu jsegwu l-korsijiet fuq mezzi elettroniċi u mhux bilfors jattendu l-BICC. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 176 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'eforms. | MJEG | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 151 | Jingħata aċċess għall-informazzjoni lill-Pulizija biex tikseb informazzjoni dwar kundizzjonijiet marbuta ma' liċenzji ta' operazzjonijiet turistiċi. Fil-preżent din l-informazzjoni tinżamm biss għand l-Awtorità għat-Turiżmu. Bis-saħħa ta' din il-miżura se jiġi ffrankat il-ħin fil-qadi ta' dmirijiet kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Awtorità. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | Il-Korp tal-Pulizija u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Implimentata |
| 64 | Tiġi introdotta sistema aktar effiċjenti għas-Sorveljanza tas-Suq. Sal-lum, dan il-proċess isir b'mod manwali u jitlob li t-tali informazzjoni miġbura tiġi rreġistrata f'database. Bl-użu ta' mobile data capturing equipment il-proċess jiġi faċilitat, jiġu evitati żbalji tipografiċi, tiżdied l-effiċjenza, kif ukoll tkun tista' tinġabar evidenza fotografika. Dan għandu jwassal għal ħidma aħjar mill-Awtorità u aktar effiċjenza għall-konsumatur. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2019. | Il-konsumaturi kollha u l-ispetturi | Implimentata |

| 2017 | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Tiġi estiża l-Licensing Management Solution għall-ispettorat u l-attivitajiet farmaċewtiċi. Dan wara li l-ħidma fl-2016 tat prijorità lill-prodotti mediċinali. Din il-miżura għandha twassal għal operat aktar effettiv u effiċjenti fl-Awtorità. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2020. | Madwar 140 kumpanija | Implimentata |
| 159 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jiġu reġistrati żwiġijiet minn proċess manwali għal wieħed elettroniku. Dan se jgħin ukoll biex persuna tkun tista' tordna kopja taċ-ċertifikati online mingħajr il-ħtieġa li żżur id-dipartiment. | MHSE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |



# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2018 LI TWETTQU FL-2019

2018

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku.<br>Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Government Intranet<br>2. Public Service<br>3. Intrastat<br>4. Join the Public Service<br>5. Rate the Public Service<br>6. SPOT<br>7. Esplora<br>8. My Personal Kiosk<br>9. Free WiFi<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 53 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru – Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 78 | Wara r-riforma li twettqet fl-2017 fis-sistema tal-liċenzjar tan-negozji, kommessi li nkomplu b'din ir-riforma f'oqsma oħra li għalihom huwa responsabbli d-Dipartiment tal-Kummerċ. Matul l-2018 se nħarsu lejn l-oqsma tal-patents u trademarks biex insiru dejjem aktar effiċjenti u effettivi. | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2019. | L-industrija, intrapriżi żgħar u imprendituri oħra, inkluż madwar 1,000 negozju, japplikaw għal trademark kull sena; ħaddiema tad-Dipartiment tal-Kummerċ u studenti | Implimentata |
| 8 | Introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-immaniġġjar tad-data tal-istudenti fl-MCAST. Permezz ta' din il-miżura, l-istudenti fl-MCAST ikollhom aċċess dirett għad-data tagħhom b'mod elettroniku. Din is-sistema se toffri servizzi ġodda għall-istudenti, fosthom il-possibbiltà li jimmonitorjaw l-attendenza tagħhom, li jkun hemm ippjanar aħjar tal-lezzjonijiet kif ukoll li jkun hemm komunikazzjoni aħjar u aktar pronta mal-letturi. Il-letturi se jkollhom aċċess aħjar għall-informazzjoni u dan iwassal għal management aħjar fil-kulleġġi u fl-istituti rispettivi tal-MCAST. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2019. | Madwar 7,200 student, edukaturi u l-amministrazzjoni fl-MCAST | Implimentata |

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika għall-immaniġġjar u l-approvazzjoni tas-sahra. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2019. | Madwar 600 operational users, managers, u uffiċjali tal-HR fl-Enemalta | Implimentata |
| 84 | Twaqqif ta' One-stop-shop Ċentrali sabiex it-taxpayer ikun jista' jinqeda minn post wieħed fuq dak kollu li jikkonċerna materji ta' tassazzjoni. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | It-taxpayers kollha u l-impjegati | Implimentata |
| 85 | Ikun hemm amministrazzjoni ċentrali waħda rigward tassazzjoni (IRD/VAT). Dan isir permezz ta' strutturi ġodda, gradi ġodda u speċjalizzazzjoni. Ikun hemm razzjonalizzazzjoni tal-proċessi kollha preżenti biex b'hekk it-taxpayer ikun jista' jinqeda aħjar. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2019. | Kull min juża s-servizzi relatati mal-VAT u l-Income Tax | Implimentata |
| 24 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jinġabru spejjeż relatati ma' inkjesti f'kawżi li jkunu ġew ċeduti. Fil-preżent dawn l-ispejjeż jinġabru b'mod manwali. B'hekk, se tiġi introdotta sistema elettronika li tippermetti l-ġbir ta' spejjeż online. L-ispejjeż se jibdew jinġabru b'aktar effiċjenza. | MJEG | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2019. | Kull min hu involut f'kawżi kriminali li ġew ċeduti fejn saru spejjeż peritali | Implimentata |
| 42 | Jitwaqqaf one-stop-shop intern biex il-klijenti tal-Ministeru jkunu jistgħu jiksbu servizz minn post wieħed. Dan se jkun kumplimentat kemm b'servizz manwali kif ukoll online. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Titjib fis-sistems SABS:<br>(a) Ċertifikati tal-Mard – Jitneħħa l-obbligu li persuna tissottometti ċertifikat mediku ta' anqas minn erbat ijiem lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.<br>(b) Pensjoni tal-Invalidità – Jitnieda proċess awtomatiku għad-deċiżjonijiet tal-Bord Mediku tal-Pensjoni tal-Invalidità.<br>(ċ) Ċertifikat Mediku ta' Kontinwazzjoni – Se ssir bidla biex il-validità taċ-ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni tkun ta' ġimagħtejn minflok ġimgħa kif inhi llum. Din is-sistema l-ġdida se tapplika għal kull ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni li jrid jiġi sottomess mill-benefiċjarju u mhux biss meta l-proċess ikun jinvolvi d-deċiżjoni ta' bord mediku. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2019. | (a) Dawk kollha li jkollhom il-ħtieġa li jibagħtu ċertifikat mediku lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minħabba mard<br>(b) Il-benefiċjarji kollha tal-pensjoni tal-invalidità<br>(ċ) Tnaqqis ta' 32,000 ċertifikat mediku fl-2019. | Implimentata |
| 90 | Jitwaqqaf One-stop-shop Hub fejn il-pubbliku jsib is-servizzi ewlenin ta' customer care li jiġi bżonn u li huma offruti mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali kif ukoll servizzi oħra relatati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u l-Ministeru tal-Edukazzjoni. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2019. | Persuni li jeħtieġu s-servizzi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali; tal-Awtorità tad-Djar; tal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali; tad-Dipartiment għall-Anzjani; tal-Jobsplus; tas-CRPD u tas-servizz.gov | Implimentata |
| 93 | Konsolidament ta' riżultati maħruġa minn sistemi differenti f'rapport iġġenerat elettronikament fl-iSoft Clinical Manager (Lab2Lab). Permezz ta' dan ir-rapport, it-tobba se jkunu jistgħu jordnaw investigazzjonijiet tad-demm speċjalizzati biex jiġu proċessati f'laboratorju barra minn Malta direttament mill-iSoft Clinical Manager (iCM) u jkollhom aċċess għar-riżultat tiegħu. Fil-preżent, tali riżultati jiġu proċessati manwalment u jintbagħtu permezz ta' email. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2019. | Impjegati tas-saħħa li jieħdu ħsieb il-pazjenti u l-pazjenti nfushom | Implimentata |

2018

| | MIŻURA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 110 | Ftuħ ta' missjoni diplomatika ġdida fl-Afrika biex tippromovi lil Malta, tiffavorixxi l-kummerċ ma' Malta, tgħin biex jissaħħu r-relazzjonijiet bilaterali u tipprovdi servizzi lill-Maltin fir-reġjun. | MFEA | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu 2019. | Dijaspora Maltija, Diplomatiċi Maltin residenti fil-Missjonijiet | Implimentata |
| 117 | Isir Multi-sports Outdoor Facility f'Għawdex, fejn jistgħu jiġu pprattikati għadd ta' dixxiplini sportivi fosthom it-tennis, volleyball u tipi ta' net games. | MGOZ | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2019. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 56 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru – Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Il-pubbliku | Implimentata |

# ĦIDMA

TAS-SERVIZZ PUBBLIKU
FL-AĦĦAR TNAX-IL XAHAR

SERVIZZ
PUBBLIKU